First and foremost, God has called us into existence. He has called us, through his Son Jesus Christ, to a knowledge of himself as our loving Father. He has called us to be his children! He has called us to fulfil his eternal plan in our individual lives, with Jesus as our guide. He has called us to be co-heirs with Jesus of his heavenly Kingdom! What God our Father is offering us through his Son is a **new life as his real children, with Jesus for our brother**: a pressing call to live, to love, to labour for the coming of his Kingdom. And lest, bewildered at what we must do, we hesitate, Jesus offers to he himself our guide and says: "Come follow me!" (Lk 9:59).

Scotland's response to Christ

7. Dearly beloved in Christ! **What response has Scotland given** in the past to God's invitation? Christian history narrates that from very early times, perhaps even as early as the second half of the fourth century, Scotland embraced the Gospel of Jesus Christ. For over one thousand five hundred years his holy Name has been invoked in this land. Saint Ninian, Saint Columba and Saint Kentigern were the first to evangelize the pagans and establish a primitive Christian Church. After the Dark Ages had passed, during which the Viking invasions failed to quench the light of the Faith, the coming of Queen Margaret inaugurated a new chapter in the history of the Church in Scotland, which received fresh

vigour from internal reorganization and from closer contact with the universal Church.

Although situated geographically on the remote edge of Europe, the Church in Scotland became **especially dear to the Popes,** at the centre and heart of Christianity, and they conferred upon it the exceptional title **Specialis Filia Romanae Ecclesiae.** "Special Daughter of the Roman Church"! What a magnificent designation!

The Church was intimately involved in the struggle for national independence, with the bishops — men like Robert Wishart of Glasgow — to the forefront of your patriots. And **throughout the later Middle Ages** our holy Faith continued to flourish in these parts, fine cathedrals and collegiate churches being built, numerous monastic houses being endowned, across the length and breadth of this land. The names of Bishops Wardlaw, Turnbull and Elphinstone remain inseparably linked with the foundation of your universities, of which this little nation has always been so justifiably proud. While Scottish scholars, such as Duns Scotus, Richard of Saint Victor and John Major, gained an international repute for learning and brought honour to their native land.

The **sixteenth century** found the churchmen and the laity unprepared for the religious upheaval of that day, which vehemently swept away the mediaeval Church from Scotland, almost, though not quite, without trace. The heirarchy became extinct: the remnant of the faithful was dispersed: Scotland was isolated from the reforms decreed by the Council of Trent.

Even this, however, forms part of God's providence: for the centuries that followed witnessed a **valiant struggle for survival,** in the face of persecution and exile. To remedy the scarcity of priests, Pope Clement VIII founded a college in Rome for your young countrymen and similar seminaries were opened in other safe places on the Continent, to send labourers back to the "Scottish Mission". The religious Orders too released trained members to collaborate in that work. Who has not heard of Saint John Ogilvie, the Jesuit, who — only a few miles from where I now stand — surrendered life itself to witness to the Faith of Christ?

The **Vicars Apostolic,** to whom the organization of all the missionary activity was entrusted, testified in their letters to Rome to the attachment of that handful of Scottish Catholics to the Faith of their Fathers, to the See of Peter and to the person of the Pope. Carefully preserved throughout all these years, these documents now serve as a mirror, in which is accurately reflected the noble face of the Scottish Catholic community, lined with the unmistakable signs of poverty and hardship, but radiant with expectation that in God's own time a new day would surely dawn for the Church in Scotland.

Dear beloved Catholics of Scotland, the prayers of your forefathers did not go unanswered! Their **firm hope in divine providence was not disillusioned!** A century and a half ago the tide of repression turned. The small Catholic community gradually gained new vitality. The advent of numerous Catholic emigrants from nearby Ireland, accompanied by zealous Irish priests, enlarged and enriched it spiritually. This induced Pope Leo XIII to restore the Catholic hierarchy to Scotland — the very first act of his pontificate — and since that moment there has been a rapid and continuous progress.

"Set your hearts on his Kingdom"

8. You are the heirs to the sacred heritage. Your forefathers have handed on to you the only inheritance they really prized, **our holy Catholic faith!** From heaven their heartfelt appeal to you would be this: "Set your hearts on his Kingdom" (Lk 12:31). With grateful hearts turn to God and thank him that tanquil days have been restored to the Catholic community in Scotland.

9. What was a dream a century ago has become the reality of today. A complete transformation of Catholic life has come about in Scatland, with the Catholics of Scotland assuming their legitimate role in every sector of public life and some of them invested with the most important and prestigious offices of this land. Is this not what Saint Paul has to say to us in today's reading from Ephesians: "So the body grows, until it has built itself up, in love" (Eph 4:16).

You originate in a glorious past, but you do not live in the past. You belong to the present and your generation must not be content simply to rest on the laurels won by your grandparents and greatgrandparents. You must give **your response to Christ's call** to follow him and enter with him as co-heirs into his Father's heavenly Kingdom. But we find it harder to follow Christ today than appears to have been the case before. Witnessing to him in modern life means a daily contest, not so quickly and decisively resolved as for the martyrs in the past. As believers we are constantly exposed to pressures by modern society, which would compel us to conform to the standards of this secular age. substitute new priorities, restrict our aspirations at the risk of compromising our Christian conscience.

10. The Spirit of this world would have us capitulate on the **most fundamental principles of our Christian life.** Today as never before, the basic doctrines of the Faith are questioned and the value of Christian morality challenged and ridiculated. Things abhorred a generation ago are now inscribed in the statute books of society! These are issues of the utmost gravity to which a simple answer cannot be given; neither are they answered by being ignored. Matters of such magnitude demand the fullest attention of our Christian conscience.

11. To provide the answer to such questions is a daunting task. It would be an impossible challenge for the majority of the faithful to attempt unaided. But you are not alone. **The Spirit of God is operative in the Church.** Never before as in recent years has the teaching of the Catholic Church been so extensively reformulated, precisely with the issues that trouble the modern conscience in mind. It is sufficient to list the topics on which the Popes, the Ecumenical Council, the Synod of Bishops, and the various national Episcopal Conferences, including that of the Scottish Bishops, have given authoritative and clear statements of Catholic belief and practice for the guidance of the faithful in these perplexing times. In the name of all the shepherds of Christ's flock, to whom the office of pastors and teachers has been divinely entrusted (Eph 4:11), I assure you that we are acutely aware of the problems you have to face in life, and of the anxiety which so often fills your hearts.

12. In fulfilling that solemn charge of leading the flock to eternal life, we must keep ever in mind the words of the Apostle Paul to

Timothy: "Proclaim the message and, welcome or unwelcome, insist on it. Refute falsehood, correct error, call to obedience — but do all with patience and with the intention of teaching... Make the preaching of the Good News your life's work" (2 Tm 4:2,5).

"I come to confirm you in the faith"

Dear brothers and sisters! Preaching the Good News of Jesus is my life's work. In addition, I now have another ministry to fulfil in the Church, is Successor of Simon Peter, to whom Jesus himself said: "I have prayed for you, Simon, that your faith may not fail... you in our turn must strengthen your brothers" (Lk 22:31). It is for this that I have come from Rome to Scotland. For this I joyfully accepted the invitation of your Bishops to come and **confirm you in our Catholic Faith** "that comes to us from the Apostles" (Roman Canon).

13. Allow me therefore, to make my own the exhortation of Saint Paul, addressed to you in today's Liturgy: "I implore you to lead a life worthy of your vocation" (Eph 4:1). And in Christ's own words. "You are the salt the earth... you are the light of the world" (Mt 5:13-14), called by God our Father to be his apostles, prophets, evangelists, pastors and teachers to the men and women of his present generation, whom you must lead to Jesus, just as Andrew once led his Brother Simon Peter. **Your commitment** to the sure ways of Christian living could well be decisive in bringing salvation to many. The world still recognizes genuine goodness for what it is!

Be loyal to the memory of those valiant forerunners in the Faith. Be diligent in handing on intact the spiritual heritage committed to you. Be faithful to your daily prayers, to the Holy Mass and the Sacrement of Penance, meeting regularly with Jesus as a loving and merciful Saviour. Defend the sacredness of Life and the holiness of Matrimony. Understand your holy Catholic faith and live by its teaching. Face up to the difficult challenges of modern life with Christian fortitude and patience. Did not Jesus himself say to his disciples: "If anyone wants to be a follower of mine, let him renounce himself and take up his cross and follow me" (Mt. 16:24; Mk 8:34)?

14. Beloved sons and daughters! I have been kept fully informed of the careful preparations, spread over many months, which have preceded my pastoral visit to Scotland. With admiration and satisfaction I have followed the intense programme proposed by the Bishops for a spiritual renewal of the Catholic community, to ensure that the effects of my visit produce fruits that will endure. From the depths of my heart **I thank each and every one of you** for the prayers that have accompanied this preparation, for every effort that has been made to guarantee its success. "This is the day made memorable by the Lord: what immense joy for us" (Ps 118:24). I command you all, Bishops, clergy, religious and laity to the maternal intercession of Mary, the Immaculate Mother of God and Mother of the Church.

To Scottish Christians

15. Before concluding, I wish to address for a few moments that larger community of believers in Christ, who share with my Catholic brothers and sisters the privilege of being Scots, sons and daughters alike of this ancient nation. I know of the veneration in which you hold the Sacred Scriptures, accepting

them for what they are, the word of God, and not of man, I have reserved until now and should like to read to you the remaining words from that passage of Saint Paul's letter to the Ephesians: "There is one body, one Spirit, just as you were all called. There is one Lord, one Faith, one baptism, and one God who is Father of all, over all, through all and within all" (Eph 4:5-6). This passage clearly reveals the will of God for mankind, a plan human wills may oppose but cannot thwart. It is God's plan for all of us, "for there is no eternel city for us in this life but we look for one in the life to come" (Heb 13:15). We are only pilgrims on this earth, making our way towards that heavenly Kingdom promised to us as God's children. Beloved brethren in Christ, for the future, **can we not make that pilgrimage together hand-in-hand**, "bearing with one another charitably, in complete selflessness, gentleness and patience", doing all we can "to preserve the unity of the Spirit by the peace that binds us together" (Eph 4:2-3)? This would surely bring down upon us the blessing of God our Father on our pilgrim way.

As we now proceed to celebrate Christ's Eucharistic sacrifice, let us remember all those — on both sides — who are affected by the conflict in the South Atlantic. In the joy of our celebration today we cannot permit ourselves to forget the victims of war, both the dead men and the wounded, as well as the broken hearts of many families.

Let us beseech the God of mercy to give us peace in this our day — the peace of Christ our Lord. Amen.

16. Beloved People of Scotland, in conclusion I wish you and all who are dear to you, wherever they may be, the abundance of God's blessings, so that your families may prosper and peace and harmony may reign in your homes. May the prayers of the blessed Apostles Peter and Andrew obtain this for you.

And for your dearly beloved Scottish homeland I wish to adapt and make my own the words familiar to many of you: "Lord, **let Scotland flourish** through the preaching of Thy word and the praising of Thy name"! Amen.

NOMINI ĠODDA FIL-KURJA

P. Silvestru MAGRO O.F.M., kappillan tas-SagroKor, Sliema.

G. Guido MICALLEF, O. Carm. kappillan tal-parroċċa tal-Fgura.

P. Mawrizju MIZZI, O. Carm, kappillan tal-parroċċa tal-Fleur-de-lys.

P. Leonard MAHONEY O. Carm, kappillan tal-parroċċa ta' Balluta.

IL-PAPA FIL-PORTUGAL

Il-laqgħa mal-lajċi fil-Kattidral ta' Lisbona

PERMEZZ TAGĦKOM IL-KNISJA TRID TKUN FL-OQSMA KOLLHA TAL-HIDMA TAL-BNIEDEM

Wara li fakkar fil-ħidma li saret tul mijiet ta' snin mill-Portugal għax-xandir tal-Evanġelju fid-dinja, il-Papa qal:

Jiena żgur li intom tafu sew dan l-impenn tagħkom, u, fiddawl tiegħu, tħossu li hu ġieħ tagħkom li qegħdin tgħixu llum, kollkom ħerqana biex tibnu l-ġejjieni dejjem aktar skond il-pjan ta' Alla li ħalaqna u fdiena u li hu s-Sid ta' l-istorja. "Għaliex jiena żgur minn dan, u żgur ukoll missetgħa ta' Kristu, l-Imgħallem u s-Sid tal-Knisja, li hu dejjem il-bidu żgur u l-milja tal-missjoni li Alla jafda lil kull bniedem" (ara *Redemptor hominis* 11), jiena nħares b'tama kbira lejn il-lajċi kattoliċi ta' pajjiżkom.

Il-Knisja ta' Alla, kollha kemm hi, u l-Knisja li qiegħda tgħix, titlob, titħabat u tittama, f'din "l-art imbierka ta' Santa Marija", tittama fikom, tittama li intom lesti biex taħdmu ma' Kristu li ma ġiex sabiex ikun moqdi imma biex jaqdi (ara Mt 20, 28) ħa jagħmel ir-rieda tal-Missier u jgħin lill-bniedem.

Għażiltu 'l Kristu li xtrakom

Intom għamiltu għażla: għażiltu 'l Kristu, fil-Knisja; għażla li għamiltu darba għal dejjem meta ħadtu d-don kbir tal-Magħmudija, don li għaraftuh dak in-nhar li għamiltu l-ewwel tqarbina, u wettaqtuh meta ħadtu l-Griżma, u qegħdin tgħixuh tul ħajjitkom kollha bit-tishib fis-sagramenti u l-aktar fl-Ewkaristija, iċ-ċentru u l-qofol tas-sagramenti kollha (ara *Lumen gentium* 11).

X'inhi għalhekk is-sejħa, irresponsabbiltà, il-missjoni tagħkom bħala lajċi? Tafuh sewwa: il-lajċi huma parti mill-Poplu ta' Alla, miexi f'din iddinja lejn is-sema pajjiżna. Ġejtu mirbuħa u mqaddsa minn Kristu, li xtrakom bi prezz għoli: mhux bid-deheb jew il-fidda, imma bid-demm għażiż tiegħu (ara I Piet 1, 18). U intom imsejħin għall-qdusija, u bħala eżempju għandkom lil Kristu stess, fl-għoti shiħ tiegħu lil Missier għal ħutu: "bħalma qaddis hu dak li sejħilkom, kunu intom ukoll qaddisin fl-imġiba kollha tagħkom" (I Piet 1, 18). Imma kunu afu li l-qdusija, aktar milli rebħa, hi don mogħti lilkom: hi l-imħabba ta' Alla li ssawbet fi qlubkom permezz tal-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilkom (ara Rum 5, 5).

Maħbubin minn Alla

Sa mill-bidu, l-insara kienu jagħarfu lilhom infushom bħala l-maħbubin tal-Mulej. Kienu

jiltaqgħu flimkien ħa jroddu ħajr huma u jiċċelebraw fil-ġemgħa kollha l-aqwa don tagħhom — l-Ewkaristija. Din il-laqgħa kienet tant importanti li biż-żmien l-istess insara bdew jissejħu bħalma kienet tissejjaħ il-laqgħa (ekklesia): l-insara stess bdew jissejħu ekklesia (knisja). U bħala simbolu l-insara bdew isejħu l-post fejn jiltaqgħu knisja wkoll. Intom ilkoll imsejħin minn Alla biex tgħixu ħajja f'komunità, fil-knisja. U dan hu wkoll grazzja: kien il-Mulej li ġabarkom fil-knisja, li għamilkom knisja, ħaġa waħda mal-Ġisem kollu tal-Knisja li jinsab imxerred mad-dinja kollha.

Id-don li Alla takom, hu sinjal li Alla jħobbkom. Tkun nisrani għalhekk ma jfissrx l-ewwelnett li tgħabbejtu b'għadd ta' impenji u obbligi, imma jfisser li tħallu 'l Alla jħobbkom, kif Kristu hu maħbub u jħoss li hu maħbub mal-Missier; Hu stess ta xhieda ta' dan b'ħajtu kollha u Hu stess qal: "Il-Missier iħobbni" (Ġw 10, 17).

L-istqarrija tal-fidi tagħna tibda b'dan il-kliem: "Jiena nemmen f'Alla l-Missier". F' dawn l-erba' kelmiet hu miġbur it-tagħlim nisrani kollu: tħalli 'l Alla jħobbok bħala Missier. Kull wieħed minna hu maħbub minn Alla u hu magħruf b' ismu bħala iben. Għalhekk nistgħu dejjem b'fiduċja sħiħa nirrikorru għand Alla. Kien Kristu li, bħala "ħuna l-kbir", għallimna dan.

Il-missjoni tal-lajċi

Issa li tafu li intom maħbubin minn Alla, żgur tistaqsu: "X'għandna nagħmlu bħala lajċi?" In-nisrani ma għandu qatt jibqa' passiv, jirċievi biss. Bittiswib tal-Ispirtu s-Santu, lil kull wieħed ġie mogħti "don", mhux bħal ta' ħadd ieħor, għall-ġid ta' kulħadd.

Minn dan, għax mgħammdin, tiġi l-ħtieġa tal-appostolat fil-Knisja, li hi sagrament imwaqqaf minn Kristu li jrid jasal għand il-bnedmin kollha; hu għalhekk li l-Ispirtu s-Santu bla heda jagħti ħajja 'l-Knisja.

Il-missjoni tagħkom bħala lajċi hi, fil-qofol tagħha, il-qdusija tad-dinja, permezz tal-qdusija personali tagħhom, għat-tiġdid tad-dinja. Il-Konċilju Vatikan II li tant tkellem fuq il-lajċi, u fuq l-post tagħhom fil-Knsja, wera sewwa x' inhi l-ħajja tal-lajċi fid-dinja. In-nisrani li jgħix fid-dinja hu responsabbli għall-bini nisrani tal-ordni ta' din id-dinja, fl-oqsma kollha tiegħu; il-politika, il-kultura, l-arti, l-industrija, il-kummerċ, il-biedja...

Il-Knisja trid tkun fl-oqsma kollha tal-ħidma tal-bniedem, u ebda ħaġa li hi tal-bniedem ma hi barranija għaliha. U intom il-lajċi li l-aktar għandkom tagħmlu dan. Meta jixlu l-Knisja li hi ma tinsabx f'xi qasam tad-dinja u li ma tagħtix każ ta' xi problema tal-bniedem, dan ifisser li għandu jisgħob bina li neqsin minn lajċi għorrief u li l-insara huma neqsin f'dan il-qasam partikulari tal-ħajja tal-bniedem. U għalhekk nagħmlilkom sejħa ħerqana: tħallu qatt il-Knisja 'l

bogħod minn ebda qasam talħajja ta' pajjiżkom. Kollox għandu jkollu fih il-ħmira tal-Evanġelju, u jkun imdawwal mid-dawl tiegħu. U dan huwa dmir tagħkom il-lajċi.

Appostolat individwali u appostolat fl-għaqdiet

Ma' l-appostolat individwali tal-lajċi, permezz ta' ħidma individwali u aktar permezz ta' xhieda nisranija, għandu jkun imsieħeb l-appostolat tal-għaqdiet li fihom jissieħbu l-lajċi għal xi għan jew ieħor. Dawn iż-żewġ suriet ta' appostolat ma jmorrux kontra xulxin imma għandhom igħinu 'l xulxin. Ebda ħidma tal-appostolat talgħaqdiet ma tkun tiswa, jekk tkun nieqsa x-xhieda nisranija ta' kull wieħed mill-membri talgħaqda. Min-naħa l-oħra, minħabba l-ħtiġijiet kbar tal-lum, hu meħtieġ l-isforz ta' ħafna flimkien biex il-bxara t-tajba tal-Evanġelju tasal fil-qalb talħajja ċivili, għaliex l-individwi, bil-ħila tagħhom biss, illum ma jaslu mkien.

Hemm ħafna suriet ta' movimenti u ta' għaqdiet ta' appostolat tal-lajċi: kollha huma importanti u kollha huma mimlijin bi spirtu nisrani, bi spirtu ta' qadi għall-Knisja. Kull wieħed għandu l-għan tiegħu fil-qalb-metodi proprji tiegħu fil-qasam u l-ambjent tiegħu; imma jeħtieġ li wieħed jagħraf li għandhom ikunu ta' għajnuna għal xulxin, u għalhekk għandu jkun hemm rispett għal xulxin b'mod li jgħaqdu flimkien l-isforzi tagħhom u jaħdmu wkoll flimkien. Għaliex aħna lkoll membri ta' Knisja waħda. Għadna nħeġġu 'l xulxin għat-tajjeb. Għandna naħdmu flimkien għall-istess għan. Kristu hu wieħed. U jekk ħafna huma l-ministeri u l-ħidmiet, kollha għandhom l-istess għan: li jitħabbar Kristu, li l-bnedmin jiksbu s-salvazzjoni, li jintlaħaq il-ġid ta kulħadd, u li, fl-aħħarnett, Alla jkun imsebbaħ f' kollox.

Kif isehh l-appostolat

Il-ġenerożità tagħkom, ix-xhieda li tagħtu (nafu tajjeb) huma aqwa mill-qagħda soċjali tagħkom; l-identità tagħkom ta' nsara titlob minnkom li tkunu tagħmlu sehem personalment mix-xirka tad-dixxipli tal-Mulej, u tgħixu dik "il-ħajja" li hi l-istess Kristu, biex tkunu ħaġa waħda miegħu u mal-aħwa, u hekk jingħaqdu flimkien il-forzi u l-fehmiet ta' kulħadd. B'dan il-mod il-ħajja ta' bnedmin li jgħixu magħqudin ma' Alla tagħti l-frott tagħha li jinqasam bejn kulħadd, u hekk il-ħidma tikber dejjem aktar.

Dan jurina x'neħtieġu verament: inqawwu l-fidi u l-ħajja ta' Alla fina, nersqu spiss għas-sagramenti, nitolbu dejjem, inkunu fidili lejn il-kattedra ta' San Pietru, mhux għax jaqbel imma għax hekk hu meħtieġ, inżommu għaqda sħiħa mal-ġerarkija, nagħarfu sewwa xi trid il-knisja tal-post biex nagħtu sehemna ħa jinkiseb; magħqudin mal-isqfijiet infittxu li kull ma nagħmlu nagħmluh skond id-direttivi tal-kummissjonijiet episkopali

nazzjonali, f'għaqda mal-kleru u mar-reliġjużi; infittxu li jkollna għaqdiet organizzati tajjeb u mibnijin fuq l-imħabba: "Min dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom" (Ġw 13, 34).

Id-djalogu mad-dinja, il-ħajja tagħkom fid-dinja, il-ħidma tagħkom fid-dinja, li fuqhom tant tkellem il-Konċilju, jistgħu jbeżżgħukom, u jistgħu jqarrqu bikom. Imma ftakru li l-Mulej ħaseb ukoll fiż-żmien li fih qegħdin ngħixu llum, meta qal: "Tħallux qalbkom titħawwad" (Ġw 14.27), u talab lill-Missier għal kull wieħed minna b'dan il-kliem: "Ikkonsagrahom permezz tal-verità; il-kelma tiegħek hi l-verità" (Ġw 17, 17).

Marbutin mal-verità nissieħbu ma' Kristu Sultan, aħna u naqdu bħalma għallimna u għamel hu, l-Imgħallem u s-Sid. Din hija t-triq: insara filħajja personali tagħna; insara fid-dar; insara bħala ġenituri u wlied fil-"knisja ż-żgħira" taddar; insara fit-triq; insara filħajja tal-komunità, fuq ixxogħol, fil-professjoni, ma' sħabna, fil-'union', fid-divertiment, fil-mistrieħ; insara fis-soċjetà kemm jekk għandna xi post għoli ħafna u kemm jekk għandna post mill-aktar umli; insara aħna u naqsmu x-xorti ma' min hu inqas ixxurtjat; insara fis-sehem li nieħdu fissoċjetà u fil-politika u fl-aħħarnett insara dejjem quddiem Alla għall-glorja ta' Alla, is-Sid tal-ħajja u tal-istorja.

U hekk, b'qalb mimlija tama u mħabba, nixtiqilkom li "taħsbu f'kull ma hu veru, f'kull ma hu xieraq, f'kull ma hu ġust, f' kull ma hu safi... u Alla tassliem ikun magħkom" (Fil. 4, 8 ss).

L-omelija f'Fatima

NIFHMU L-MESSAĠĠ TA' FATIMA

FID-DAWL TAL-IMHABBA TA' OMMNA MARIJA

It-testment ta' Ġesù

"Minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu" (Ġw 19,27). B'dan il-kliem jagħlaq l-Evanġelju tal-Quddiesa tallum f'Fatima. Isem id-dixxiplu huwa Ġwanni. Kien proprju Ġwanni, bin Zebedew, appostlu u evanġelista, li sama' kliem Ġesù mill-għoli tas-salib: "Hawn hi ommok." Imma qabel Kristu kien qal lil Ommu: "Mara, hawn hu ibnek."

Kien dan testment tassew talgħaġeb.

Kristu, huwa u jħalli d-dinja, ta lil ommu bniedem, Ġwanni, biex ikun għaliha bħala iben. Fdah f' idejha. B'hekk Marija saret omm Ġwanni. Omm Alla saret omm il-bniedem.

Minn dak il-ħin Ġwanni ħadha miegħu; beda jieħu ħsieb dik li kienet Omm l-Imgħallem tiegħu: għax hu dmir l-ulied u dritt tagħ-

hom li jieħdu ħsieb ommhom. Imma fuq kollox Ġwanni sar iben l-Omm ta' Alla, għax hekk ried Ġesù. U fi Ġwanni kull bniedem sar iben Marija.

Is-Santwarju ta' Marija

"Hadha għandu." Dan il-kliem jista' jfisser ukoll li ħadha f'daru. Dehra speċjali ta' Marija bħala omm għall-bnedmin huma l-postijiet fejn hi tiltaqa' mal-bnedmin: *id-djar fejn tgħammar*, djar li fihom wieħed iħoss li Marija tinsab hemm b'mod speċjali.

Dawn id-djar, dawn il-postijiet huma ħafna, u ta' ħafna suriet: min-niċeċ fid-djar u fit-triqat li fihom tiddi x-xbieha ta' Omm Alla, sal-kappelli u l-knejjes mibnija f' ġiehha. Iżda hemm postijiet li fihom il-bnedmin iħossu li l-preżenza tal-Madonna hi tassew ħajja. Xi drabi dawn il-postijiet ixerrdu ma' kullimkien id-dija tagħhom u jiġbdu lejhom nies mill-bogħod. Id-dija tista' tasal sa tarf djoċesi waħda, jew f'nazzjon waħda, imma xi kultant tasal għand ħafna nazzjonijiet u wkoll f'aktar minn kontinent wieħed. Dawn huma s-santwarji tal-Madonna.

F'dawn il-postijiet iseħħ b'mod tal-għaġeb it-testment ta' Kristu msallab: il-bniedem iħoss li huwa mogħti lil Marija u fdat lilha. Imur għandha biex jibqa' magħha bħala Ommu; jiftaħ qalbu magħha u jkellimha fuq kollox: jeħodha għandu, jiġifieri jdaħħalha fil-problemi kollha tiegħu xi kull tant iebsin ħafna. Problemi tiegħu u ta' l-oħrajn. Problemi tal-familji, tas-soċjetà, tan-nazzjonijiet, tal-bnedmin kollha.

Mhux hekk is-santwarju ta' Lourdes? Mhux hekk is-santwarju ta' Jasna Gora fil-Polonja pajjiżi, li din is-sena jagħlaq sitt mitt sena?

Hemm ukoll, u f'ħafna santwarji oħra tal-Madonna mxerrdin mad-dinja kollha, jidwi dan il-kliem tal-liturġija tallum: "Int il-ġieh tal-poplu tagħna!" (Gud. 15.9); u l-kliem l-ieħor ukoll: "Quddiem il-moħqrija ta' ġensna... int ħriġt tgħinna fit-tiġrib tagħna u mxejt dritt quddiem Alla" (Ġud. 13,20).

Dan il-kliem jidwi f'Fatima mhux biss bħala eku ta' dak li għadda minnu l-poplu tal-Portugal, imma wkoll ta' dak li għaddew minnu tant nazzjonijiet u popli oħra li jgħammru f'din l-art; dan il-kliem huwa eku ta' dak li għaddew minnu l-bnedmin kollha tallum, il-familja kollha tal-bnedmin.

Ġejt hawn illum għaliex proprju sena ilu, bħallum, f'Ruma, f'Piazza San Pietru, sar attentat kontra l-ħajja tal-Papa, proprju fl-anniversarju tal-ewwel dehra f'Fatima li seħħet fit-13 ta' Mejju 1917.

Dawn iż-żewġ dati ltaqgħu flimkien b'mod li deherli għandi nara fihom sejħa speċjali biex niġi hawn. U llum, ara, jiena hawn. Ġejt inrodd ħajr lill-provvidenza ta' Alla f'dan l-imkien li milli jidher l-Omm ta' Alla għoġobha tagħżel b' mod speċjali. "Hi tjieba tal-Mulej li ma nqredniex" (Lam. 3,20) nerġa' ntenni mal-profeta.

Ġejt hawn l-aktar biex hawn inxandar is-sebħ tal-Mulej: "Imbierek is-Sid il-Mulej li ħalaq is-sema u l-art" (Ġud. 13,18) intenni bil-kliem tal-liturġija tallum.

U lejn Dak li ħalaq is-sema u l-art ngħolli wkoll dak l-innu ta' glorja li hi l-istess l-Omm bla tebgħa tal-Iben ta' Alla magħmul

bniedem: "Imbierka int, binti, mill-Mulej Alla l-għoli, fuq in-nisa kollha ta' l-art, għax illum huwa kabbarlek ismek ħekk li l-bnedmin qatt ma jieqfu jfaħħruk u jfakkru dejjem il-qawwa li l-Mulej wera fik" (Ġu. 13,18-20).

Il-maternità spiritwali ta' Marija

Din l-għajna ta' tifħir li l-Knisja ferħana tlissen ħawn u f'tant postijiet oħra fid-dinja, għandha l-pedament tagħha fl-għażla ta' l-għaġeb ta' bint Adam biex tkun Omm Alla.

Naduraw għalhekk 'l Alla: il-Missier u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. U mbierku u nqimu lil Marija, xbieha tal-Knisja, bħala għamara tat-Trinità Qaddisa.

Mill-mument li fih Kristu fuq is-salib qal lil Ġwanni: "Ħawn hi ommok," mill-mument li fih "id-dixxiplu ħadha għandu", il-misteru tal-*maternità spiritwali ta' Marija* seħħ fl-istorja b'mod tassew ta' l-għaġeb. Tkun omm ifisser ħerqa għall-ħajja ta' ibnek. Issa, jekk Marija hi omm il-bnedmin kollha, il-ħerqa għall-ħajja tal-bniedem tħaddan il-bnedmin kollha. Il-ħerqa ta' l-omm tħaddan il-bniedem kollu kemm hu. Il-maternità ta' Marija bdiet bil-ħerqa tagħha ta' omm għal Kristu. Fi Kristu ħdejn is-salib hi aċċettat lil Ġwanni u *aċċettat kull bniedem u l-bniedem kollu kemm hu.* Marija tħaddan lil kulħadd b'ħerqa speċjali, fl-Ispirtu s-Santu. Għax hu l-Ispirtu s-Santu, kif nistqarru fil-Kredu, li "jagħti l-ħajja". Hu l-Ispirtu s-Santu li jagħti l-milja tal-ħajja miftuħa għall-eternità.

Il-maternità spiritwali ta' Marija hi għalhekk tisħib fil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, tal-"Mulej li jagħti l-ħajja". U hi fl-istess ħin ukoll il-qadi umli ta' dik li qalet għaliha stess: "Jiena l-qaddejja tal-Mulej" (Lq. 1,35).

Il-messaġġ ta' Fatima

Fid-dawl tal-misteru tal-maternità spiritwali ta' Marija, ejjew nippruvaw nifhmu l-messaġġ tal-għaġeb li beda jixxandar fid-dinja minn Fatima mit-13 ta' Mejju 1917 u dam sejjer għal ħames xhur sat-13 ta' Ottubru tal-istess sena.

Il-Knisja dejjem għallmet u għadha sallum ixxandar li r-rivelazzjoni ta' Alla ntemmet fi Kristu, li tagħha hu l-milja: "ma għandniex nistennew rivelazzjoni oħra pubblika qabel il-miġja tal-Mulej fil-glorja" (Dei verbum 4). Il-Knisja tqis ir-rivelazzjonijiet privati u tagħti ġudizzju fuqhom skond kemm ikunu jaqblu mar-Rivelazzjoni pubblika waħdanija.

Jekk il-Knisja laqgħet il-messaġġ ta' Fatima, laqgħetu l-aktar għax iħaddan verità u sejħa li fil-qofol tagħhom huma s-sejħa u l-verità tal-Evanġelju nnifsu.

"Indmu u emmnu l-Bxara t-tajba" (Mk 1,15): dawn huma l-ewwel kelmiet li qal il-Messija lill-bnedmin kollha. Il-messaġġ ta' Fatima, fil-qofol tiegħu, hu sejħa għall-konverżjoni u għall-indiema, bħall-Evanġelju. Din is-sejħa saret fil-bidu tas-seklu għoxrin, u għalhekk saret b'mod speċjali għal dan is-seklu. *Is-Sinjura tal-messaġġ* għarfet sewwa "s-sinjali taż-żminijiet," is-sinjali ta' żmenijietna.

Is-sejħa għall-indiema hi sejħa ta' omm imma fl-istess ħin sejħa qawwija u deċiża. L-imħabba li "tifraħ bil-verità" (I Kor 13,6) taf tkun ċara u deċiża. Is-sejħa għall-indiema hi msieħba, kif dejjem jiġ-

ri, mis-sejħa għat-talb. U skond tradizzjoni ta' mijiet ta' snin is-Sinjura tal-messaġġ ta' Fatima ssemmi r-Rużarju, li bir-raġun kollu nistgħu nqisuh bħala "t-talba ta' Marija", it-talba li biha Marija tħoss ruħha marbuta b'mod speċjali magħna. B'din it-talba jitħaddnu l-problemi tal-Knisja, tal-Kattedra ta' San Pietru, tad-dinja kollha; huma mfakkra wkoll il-midinbin, biex jikkonvertu u jsalvaw, l-erwieħ ukoll tal-Purgatorju.

Il-kliem tal-messaġġ intqalu lil tfal ta' bejn is-7 u l-10 snin. It-tfal, bħal Bernardetta ta' Lourdes, huma b'mod speċjali privileġġjati f' dawn id-dehriet ta' Omm Alla. Għalhekk ukoll il-kliem tal-messaġġ huwa sempliċi, biex jista' jifthiehem mit-tfal. It-tfal ta' Fatima kienu dawk li tkellmu mas-Sinjura tal-messaġġ u dawk li tawha l-għajnuna. Waħda minnhom għadha ħajja.

Meta Kristu fuq is-salib qal: "Mara hawn hu ibnek" (Ġw 19,26), b'mod ġdid fetaħ il-qalb ta' Ommu, il-qalb bla tebgħa, u wrieha d-dimensjoni ġdida tal-imħabba; urieha sa fejn kellha tasal l-imħabba, li għaliha kienet imsejħa mill-Ispirtu s-Santu bil-qawwa tas-sagrifiċċju tas-Salib.

Fil-kliem ta' Fatima jidhirli li nsibu proprju din id-dimensjoni tal-imħabba tal-omm, li tħaddan it-triq kollha tal-bniedem lejn Alla: it-triq li tgħaddi mid-dinja, u dik li tgħaddi mill-purgatorju 'l hemm mill-art. Il-ħerqa ta' omm is-Salvatur hi l-ħerqa għall-opra tas-salvazzjoni, għall-ħidma ta' Binha Ġesù. Hi ħerqa għas-salvazzjoni, għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha. Issa li għaddew 65 sena minn dak it-13 ta' Mejju 1917, ma jistax ikun li ma tagħrafx li din l-imħabba ta' l-omm li ssalva tħaddan b'mod speċjali ż-żmien tagħna.

Fid-dawl ta' din l-imħabba ta' l-omm aħna nifhmu l-messaġġ ta' Fatima. Dak li l-aktar ifixkel il-mixi tal-bniedem lejn Alla hu d-dnub, hi l-perseveranza fid-dnub, u flaħħarnett iċ-ċaħda ta' Alla: il-fehma li twarrab lil Alla mid-dinja, mill-ħsieb tal-bniedem, u tifred minn Alla l-ħidma kollha tal-bniedem, ħalli l-bniedem jasal biex ma jkunx irid lil Alla.

Fl-aħħar mill-aħħar is-salvazzjoni ta' dejjem għall-bniedem hija biss f'Alla. Meta l-bniedem jasal biex ma jkunx irid lil Alla, jekk dan iseħħ, iwassal biex Alla ma jkunx irid il-bniedem (ara Mt 7,23; 10,33): u dan ikun it-telfien ta' dejjem.

Tista' l-Omm, li, bil-qawwa kollha ta' mħabbitha, imsaħħa mill-Ispirtu s-Santu, trid is-salvazzjoni ta' kull bniedem, tiskot quddiem dak li qiegħed iheżżeż il-pedament ta' din is-salvazzjoni? Żgur li le.

Hu mħabba f'hekk li l-messaġġ ta' Fatima, li hu messaġġ kollu mħabba ta' omm, hu fl-istess ħin hekk sod u qawwi. Anzi jidher iebes. Qisu kliem San Ġwann Battista ħdejn ix-xtut tal-Ġordan: jistieden għall-indiema; iwissi; isejjaħ għat-talb; jirrikkmanda r-Rużarju.

Hu messaġġ għal kull bniedem. L-imħabba ta' Omm is-Salvatur tasal kull fejn tasal l-opra tas-salvazzjoni. Fi ħsiebha għandha l-bnedmin kollha ta' żmienna, flimkien mas-soċjetà, u n-nazzjonijiet u l-popli kollha. Is-soċjetajiet kollha mheddin mit-telfien tal-fidi, mittiġrif tal-ħajja morali. Għax meta tiġi fix-xejn l-imġieba tajba, tiġġarraf is-soċjetà.

It-tifsir tal-konsagrazzjoni lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija

Kristu fuq is-salib qal: "Mara hawn hu ibnek." B'dan il-kliem fetaħ f'sura ġdida l-qalb ta' Ommu. Ftit wara l-lanza ta' suldat ruman nifdet sider l-imsallab. Il-Qalb minfuda saret sinjal tal-fidwa li seħħet permezz tal-mewt tal-Haruf ta' Alla.

Il-qalb bla tebgħa ta' Marija miftuħa bil-kliem: "Mara hawn hu ibnek", tiltaqa' spiritwalment mal-Qalb ta' Binha minfuda minn lanza. Il-Qalb ta' Marija nfetħet għall-istess imħabba għall-bniedem u għad-dinja li biha Kristu ħabb il-bniedem u d-dinja, huwa u joffri lilu nnifsu għalihom fuq is-salib sal-mument meta l-lanza tas-suldat nifditlu qalbu.

Meta nikkonsagraw id-dinja lil Marija nkunu nfissru li aħna, permezz tal-intercessjoni ta' Marija, qegħdin nersqu lejn l-għajn tal-Ħajja li tfawwar minn fuq il-Golgota. Din l-għajn bla heda tfawwar il-fidwa u l-grazzja. Fiha bla heda sseħħ it-tpattija għad-dnubiet tad-dinja. Bla heda hi għajn ta' ħajja ġdida u qadima.

Tikkonsagra d-dinja lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija jfisser terġa' lura ħdejn is-salib ta' l-Iben. Anzi tfisser tikkonsagra d-dinja lill-Qalb minfuda tas-Salvatur u treġġagħha lura għall-istess għajn tas-salvazzjoni. Għaliex is-salvazzjoni hija dejjem aqwa mid-dnub tal-bniedem u mid-"dnub tad-dinja". Il-qawwa tas-salvazzjoni tiżboq għal kollox il-qawwa tal-ħażen kollu li hemm fil-bniedem u fid-dinja.

Il-qalb ta' l-Omm dan tafu wisq aktar minn kull ħadd ieħor fil-ħolqien kollu li jidher u ma jidhirx.

Marija ssejħilna

Issejjaħ mhux biss għall-konversjoni, imma ssejjaħ biex nitolbu l-għajnuna minn għandha, minn għand ommna, ħa nerġgħu lura lejn l-għajn tas-salvazzjoni.

Tikkonsagra ruħek lil Marija jfisser li qed titlobha l-għajnuna biex toffri lilek innifsek u lill-bnedmin kollha lil Dak li hu Qaddis, Qaddis bla qjies. Ifisser tirrikorri għand il-qalb tagħha ta' Omm, miftuħa ħdejn is-salib għall-imħabba ta' kull bniedem u tad-dinja kollha biex titlobha l-għajnuna ħalli toffri d-dinja, il-bniedem, il-bnedmin kollha, in-nazzjonijiet kollha lil Dak li hu Qaddis bla qjies. Il-Qdusija ta' Alla dehret fis-salvazzjoni tal-bniedem, tad-dinja, tal-bnedmin kollha, tan-nazzjonijiet kollha, salvazzjoni li seħħet permezz tas-sagrifiċċju tas-salib "Minħabba fihom nikkonsagra lili nnifsi" (Ġw 17,19), qal Ġesù.

Bil-qawwa tas-salvazzjoni d-dinja u l-bniedem ġew ikkonsagrati lil Dak li hu Qaddis bla qjies: ġew mogħtija lill-istess Imħabba, lill-Imħabba kollha ħniena.

Omm Kristu ssejħilna u tistedinna ningħaqdu mal-Knisja ta' Alla l-ħaj f'din il-konsagrazzjoni tad-dinja, li biha d-dinja, il-bnedmin kollha, in-nazzjonijiet kollha, kull bniedem, noffruhom lill-Missier Etern bil-qawwa tas-salvazzjoni ta' Kristu. Noffruhom fil-Qalb tal-Feddej, mimfuda fuq is-salib.

Omm il-Feddej qiegħda ssejħilna, qiegħda tistedinna, se tgħinna biex ningħaqdu f'din il-konsagrazzjoni, biex nafdaw id-dinja f'idejn Alla. U hekk imbagħad inkunu, kemm jista' jkun, qrib il-Qalb minfuda ta' Kristu fuq is-salib.

Bl-egħruq fl-Evanġelju

L-appell tas-Sinjura ta' Fatima għandu egħruq ħekk fil-fond fl-Evanġelju u fit-Tradizzjoni nisranija li l-Knisja tħoss ruħha marbuta ma' dan il-messaġġ.

Il-Knisja wieġbet permezz tal-qaddej ta' Alla, il-Papa Piju XII li ġie ordnat saċerdot proprju fit-13 ta' Mejju 1917: hu ried jikkonsagra lid-dinja, u b'mod speċjali lir-Russja, lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija. B'din il-konsagrazzjoni ma weġibx forsi għas-sejħa evanġelika tal-messaġġ ta' Fatima?

Il-Konċilju Vatikan II fil-kostituzzjoni dommatika *Lumen gentium* u fil-kostituzzjoni pastorali fuq il-Knisja fid-dinja tallum *(Gaudium et spes)* wera fit-tul għaliex il-Knisja hi marbuta mad-dinja tallum. Fl-istess ħin it-tagħlim tal-Konċilju dwar il-preżenza speċjali ta' Marija fil-misteru ta' Kristu u tal-Knisja, wasal għall-milja tiegħu meta l-Papa Pawlu VI sejjaħ lil Marija Omm il-Knisja u ħekk wera x'kienet ir-rabta kbira tagħha mal-Knisja u x'ħerqa kellha bħala Omm għad-dinja, għall-bnedmin kollha, għal kull bniedem, u għan-nazzjonijiet kollha.

B'dan il-mod fehemna dejjem aktar fil-fond xi tfisser il-konsagrazzjoni li l-Knisja hi msejħa biex tagħmel hija u titlob l-għajnuna tal-Qalb ta' Omm Kristu u ta' Ommna.

Il-Papa quddiem Marija

Kif qiegħed jidher illum, quddiem Omm l-Iben ta' Alla, fis-san twarju tagħha ta' Fatima, Ġwann Pawlu II, is-suċċessur ta' S. Pietru, dak li qiegħed ikompli l-opra ta' Piju, ta' Ġwanni u ta' Pawlu u li hu l-werriet tal-Konċilju Vatikan II?

Qiegħed jidher, qalbu ttaqtaq, jaqra mill-ġdid is-sejħa ta' omm għall-indiema, għall-konverżjoni, is-sejħa ħerqana tal-Qalb ta' Marija li nstemgħet tidwi f'Fatima 65 sena ilu. Qiegħed jaqraha b'qalbu ttaqtaq għaliex qiegħed jara kemm nies, kemm soċjetajiet, kemm insara qabdu t-triq li tmur kontra t-triq li wriena l-messaġġ ta' Fatima. Id-dnub illum daħal sewwa fid-dinja u ċ-ċaħda ta' Alla hi mxerrda ħafna fl-ideoloġiji, fil-fehmiet u fil-programmi tal-bnedmin.

Imma hu proprju għalhekk li l-istedina evanġelika għall-indiema u għall-konverżjoni, imwassla bil-kliem ta' Omm Alla, hija ħafna f' waqtha llum. Aktar f'waqtha minn 65 sena ilu. Għalhekk is-sena li ġejja s-Sinodu tal-isqfijiet se jistudja l-indiema u l-konversjoni, u ġa qiegħed jithejja għal dan.

Is-suċċessur ta' San Pietru qiegħed jidher hawn ukoll bħala xhud tat-tbatijiet kbar tal-ħniedem, bħala xhud tat-theddid tal-biża' li qiegħed ihedded in-nazzjonijiet u l-bnedmin kollha. Hu jixtieq iħaddan dawn it-tbatijiet kollha bil-qalb dgħajfa tiegħu ta' bniedem li hu, waqt li jinsab quddiem il-misteru tal-Qalb ta' l-Omm tagħna, tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija.

F'isem dawn it-tbatijiet, huwa u jagħraf x'inhu l-ħażen kollu li qiegħed jixtered fid-dinja u jhedded il-bniedem, in-nazzjonijiet, il-bnedmin kollha, is-suċċessur ta' San Pietru, qiegħed jidher hawn b'fidi akbar fis-salvazzjoni tad-dinja, f' din l-imħabba li ssalva, li hi dejjem qawwija, dejjem aqwa minn kull deni.

Jekk qalbi magħfusa minħabba d-dnubiet tad-dinja u minħabba t-

theddid kollu li qed jhedded il-bnedmin kollha, qalbi tikber bit-tama hija u tagħmel għal darb'oħra dak li għamlu l-papiet ta' qabli, meta kkonsagraw id-dinja lill-Qalb ta' Marija, u kkonsagrawlha b'mod speċjali dawk il-ġnus li l-aktar kienu jeħtieġu dan. Din il-konsagrazzjoni tfisser konsagrazzjoni lil Dak li hu Qdusija bla qjies. Din il-qdusija tfisser salvazzjoni, tfisser imħabba aqwa minn kull deni.

Qatt ma jista' jkun aqwa minn din l-imħabba, ebda "dnub taddinja". *Għal darb'oħra,* għaliex issejħa ta' Marija ma kenitx għal darba biss. Hi sejħa għal kull żmien skond is-sinjali taż-żminijiet. Jeħtieġ nirrikorru lejha dejjem. Nilqgħu dejjem mill-ġdid issejħa tagħha.

Il-fidi tal-Knisja

Naqraw fl-Apokalissi: "Il-belt qaddisa Ġerusalem il-ġdida rajtha nieżla mis-sema mingħand Alla, imhejjija bħal għarusa mżejna għal għarus tagħha. U smajt leħen qawwi ġej mit-tron igħid: "Din hi l-għamara ta' Alla mal-bnedmin, u hu jgħammar magħhom u huma jkunu l-poplu tiegħu u Alla nnifsu jkun magħhom, Alla tagħhom" (Apok 21,2ss).

B'din il-fidi tgħix il-Knisja.

B'din il-fidi jimxi l-poplu ta' Alla.

"L-għamara ta' Alla mal-bnedmin" ġa tinsab fuq l-art.

Fiha hemm il-Qalb ta' l-Għarusa u ta' l-Omm, Marija, imżejna bil-ġawhra tat-tnissil bla tebgħa. Il-Qalb ta' l-Għarusa u tal-Omm miftuħa ħdejn is-salib għall-imħabba kbira għall-bniedem u għad-dinja bil-kelma ta' l-Iben: il-Qalb ta' l-Għarusa u tal-Omm li taf x'inhuma t-tbatijiet kollha tal-bnedmin u tas-soċjetajiet ta' din l-art.

Il-Poplu ta' Alla hu miexi f'pellegrinaġġ fit-triqat ta' din id-dinja lejn it-tmiem ta' kollox. Miexi lejn Ġerusalem il-ġdida, "l-għamara ta' Alla mal-bnedmin".

U Alla "jixxotta kull demgħa minn għajnejhom, u ma jkunx hemm iżjed mewt anqas biki jew agħjat jew tbatija ma jkun hemm iżjed, għax għabu l-ħwejjeġ ta' qabel" (Apok. 214).

Imma għalissa l-"ħwejjeġ ta' qabel" għadhom hawn. Huma dawn li jagħmlu ż-żmien tal-mixi tagħna f'din id-dinja.

"Ara se nġedded kollox" (Apok. 21,5).

U flimkien mal-Appostlu u l-Evanġelista nippruvaw naraw blgħajnejn tal-fidi s-smewwiet ġodda u l-art ġdida, għaliex is-sema ta' qabel u l-art ta' qabel għabu...

Imma għalissa s-sema ta' qabel u l-art ta' qabel għadhom magħna u fina. Dan ma nistgħux niċħduh. Imma dan igħinna biex nifhmu xi grazzja kbira ngħatat lill-bniedem meta, waqt il-mixi tiegħu f'din iddinja, fuq ix-xefaq tal-fidi ta' żmienna "deher sinjal kbir: Mara" (ara Apok. 12.1) U għalhekk birraġun kollu nistgħu ngħidu: "Imbierka inti, binti, minn Alla l-għoli fost in-nisa kollha ta' l-art... int mxejt dritt quddiem Alla tagħna u ħlistna mit-tigrif."

Tassew imbierka int, hawn u fil-Knisja kollha, fil-qalb ta' kull bniedem u fid-dinja kollha: kun imbierka o Marija Omm ħelwa tagħna!

KULL PERSUNA GHANDHA THOSS LI HI QED TWETTAQ IS-SALVAZZJONI TAGHHA

"Is-Saltna ta' Alla waslitilkom"

Iva, "għidu lin-nies li s-Saltna ta' Alla waslitilkom" (Lq 10,9). Dan il-kliem qal il-Mulej Ġesù, meta bagħat it-72 dixxiplu jaqdu l-missjoni tagħhom, kif smajna fil-qari tal-Evanġelju tallum. Imma dan il-kliem ingħad ukoll għall-insara ta' kull żmien; għalina wkoll li ninsabu miġburin hawn f'isem il-Mulej, b'rabta sħiħa mad-dixxipli li semgħu dan il-kliem direttament mingħand il-Mulej.

Dan il-kliem ingħad b'mod speċjali għalikom, żgħażagħ, li tinsabu hawn il-lejla f'għadd kbir, mimlijin entużjażmu u ferħ, intom u turu li lesti toqogħdu għal dak li jrid minnkom Kristu u tixtiequ tibnu dinja aktar nisranija u aktar tixraq lill-bniedem. Fikom hi t-tama tal-bnedmin kollha tad-dinja, tal-Knisja, tal-Papa. Alla tani l-grazzja li nħobb ħafna ż-żgħażagħ. U għalhekk aktar jogħġobni nkellimkom bħalma ħabib ikellem lil ħabibu, wieħed wieħed, b'għajnejna f'xulxin, qalb ma' qalb. "Is-Saltna ta' Alla hi fil-qrib." Kważi nissogra ngħid: dan il-kliem hu dirett b' mod speċjali lilkom żgħażagħ portugiżi, wild poplu missjunarju, li xandar ma' kull imkien din il-Bxara t-tajba, kif għadu kemm fisser il-Kardinal Patrijarka Don Antonio Ribeiro.

Grazzi għal kliemek, sur Kardinal. Huma ta' farag għalija u nilqagħhom bħala sinjal tal-wegħda tagħkom li tkomplu tagħmlu bħal missirijietkom, waqt li nsellem lil dawk kollha li bi kliemi qiegħed nuri x'qegħdin iħossu. U f'dan il-waqt inrodd ħajr f'isem il-Knisja kollha għall-ħidma kbira li saret mill-Portugal missjunarju fix-xandir tal-Evanġelju. Is-Saltna ta' Alla hi tassew fil-qrib. Waslet verament qrib il-bniedem: hi fostna u fina. Is-Saltna ta' Alla hi qrib tagħna għaliex l-ewwelnett Alla ġie fid-dinja u sar bniedem bħalna. Is-Saltna ta' Alla hi qrib tagħna fi Kristu. Fih is-Saltna ta' Alla hi hekk qrib tagħna li, b'xi mod, ma nistgħux naħsbu kif tista' tkun aktar qrib minn hekk. Jista' Alla jersaq lejn il-bniedem aktar milli billi jsir bniedem?

Is-Saltna ta' Alla hi quddiem il-bniedem, għaliex fi Kristu, Sid u Salvatur tagħna, hi qrib tagħna. Hi quddiem il-bniedem bħala missjoni li l-bniedem irid jagħmel, bħala għan li jrid jilħaq. Fis-suriet kollha tal-ħajja tagħhom, il-bnedmin għalhekk jistgħu jersqu lejha jew jitbegħdu minnha. Jistgħu jiksbuha fihom infushom u sseħħ fihom stess, imma jistgħu wkoll ma jarawhiex aktar, jitbegħdu minnha. Jistgħu jaslu wkoll biex ikunu kontriha. Jistgħu wkoll ifittxu jbegħduha mill-bniedem, jistgħu jbegħdu l-bniedem u jaħtfuh minnha.

Iżda Kristu ġie fid-dinja biex idaħħal il-bnedmin fis-Saltna ta' Alla, biex idaħħal is-Saltna ta' Alla fost il-bnedmin u f'qalb il-bnedmin. Anzi Kristu ried jafda din is-Saltna lill-bnedmin. Sejħilhom

biex jaħdmu għas-Saltna ta' Alla. U din il-ħidma hi magħrufa bħala "Evanġelizzazzjoni".

X'inhi s-salvazzjoni?

"Evanġelizzazzjoni" ġejja millkelma "Evanġelju", li tfisser "Bxara tajba". Is-Saltna ta' Alla timbena fuq il-pedament ta' din il-Bxara t-tajba. Anzi: Kristu stess hu l-Bxara t-tajba. Hu t-tħabbira tas-salvazzjoni għal bniedem. Hawn wieħed jista' jistaqsi: "X'inhi s-salvazzjoni?" Nieqfu ftit fuq ilkliem tal-profeta Isaija li smajna flewwel qari tallum: "L-Ispirtu tal-Mulej fuqi għax il-Mulej ikkonsagrani biex inwassal il-Bxara t-tajba lill-fqajrin, bagħatni ndewwi l-qlub miksura biex inħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, u lill-ħabsin il-ftuħ tal-ħabs, biex inniedi s-sena tal-grazzja tal-Mulej" (Is 61,1-2).

Dan il-kliem tal-profeta dam mijiet ta' snin jistenna l-mument li fih inqara fis-sinagoga ta' Nazaret minn Dak li kien meqjus bħala "bin il-mastrudaxxa", Ġesù ta' Nazaret. U Ġesù wara li qara dan il-kliem, qal: "Din il-kitba seħħet illum intom u tisimgħu" (Lq 4,21). Kliem il-profeta Isaija li Kristu ħa bħala programm tal-missjoni tiegħu, jiġbor fih il-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni.

X'inhi mela s-salvazzjoni? Hi r-rebħa tat-tajjeb fuq il-ħażin, li seħħet fil-bniedem fl-oqsma kollha talħajja tiegħu. Il-fatt li l-ħażen ġie megħlub hu ġa salvazzjoni. Imma s-sura sħiħa tas-salvazzjoni għallbniedem tinkiseb meta l-bniedem jeħles għal kollox mill-ħażen u jikseb il-ġid fil-milja kollha tiegħu. Din il-milja tissejjaħ u hi s-salvazzjoni ta' dejjem. Iseħħ fis-Saltna ta' Alla bħala "realtà eskatoloġika" tal-ħajja ta' dejjem, jiġifieri hi realtà "taż-żmien li għad irid jiġi" li, permezz tas-salib ta' Kristu, kellu l-bidu tiegħu bil-Qawmien millimwiet. Il-bnedmin kollha huma msejħin għall-ħajja ta' dejjem. Huma msejħin għas-salvazzjoni. Tħossuh dan? Tħossuh dan intom żgħażagħ ħbiebi? Tħossu li l-bnedmin kollha huma msejħin biex jgħixu ma' Alla u li, mingħajru, jitilfu l-"muftieħ" biex jifhmu "l-misteru" tagħhom infushom?

Iż-żgħażagħ u s-salvazzjoni

Din is-sejħa għas-salvazzjoni ġejja minn Kristu. Hu għandu "kliem tal-ħajja ta' dejjem" għallbniedem (Ġw 6,62): hu jkellem lillbniedem kif inhu, kif jinsab fiċ-ċirkostanzi kollha li jista' jkun hemm: ikellem il-bniedem kif fil-fatt qiegħed igħix fid-dinja. U jkellem speċjalment il-bniedem li qiegħed ibati, fir-ruħ u l-ġisem. Hu jiġi, kif smajna fl-ewwel qari, biex "iferraħ dawk li jibku... biex jagħtihom kuruna flok irmied, żejt ta' ferħ flok ilbes ta' viżtu, il-għana tal-foħrija flok ruħ mitluqa" (Is 6,2-3). Iżda jkellem ukoll lilkom, żgħażagħ.

Iva, lilkom żgħażagħ. Għaliex fl-ispirtu tagħkom hemm stampat, b'mod partikolari, il-problema essenzjali tas-salvazzjoni, bit-tamiet u t-tensjonijiet, bit-tbatija u r-rebħiet kollha tagħha.

Kulħadd jaf kemm tħossu t-tensjoni bejn it-tajjeb u l-ħażin li tinsab fid-dinja u fikom stess. Filfond tal-qalb ta' kull wieħed minnkom, intom imnikktin meta taraw jirbaħ il-gideb u l-inġustizzja, titnikktu meta tagħrfu li ma għandkomx ħila ġġibu r-rebħa tal-verità u tal-ġustizzja. titnikktu meta tintebħu li intom stess intom fl-

istess waqt ġenerużi u egoisti. Tixtiequ kieku tgħinu b'inizjattivi favur min hu maħqur, iżda... issibu ruħkom imqarrqin minn tant ħwejjeġ, u mħajrin minn tant ħwejjeġ oħra li ma jħallukom tagħmlu xejn. Minn rajkom intom thossu ruħkom miġbuda ħa tiċħdu l-ħażin u tixtiequ t-tajjeb. Imma xi kull tant tarawha bi tqila biex tammettu li, biex tiksbu l-ġid, tridu tgħaddu mit-triq taċ-ċaħda, tattaqbid, tas-salib: ħekk ġara lil dak iż-żagħżugħ li xtaq il-perfezzjoni, xtaq imur wara Ġesù, imma ma rnexxilux jifhem li, biex jagħmel dan, kien jeħtieġlu jiċħad għall-ġid materjali kollu li kellu.

Iżda, għeżież żgħażagħ, barra dawn it-tensjonijiet li għandkom, intom miġbudin għall-evanġelizazzjoni. L-evanġelizzazzjoni ma sseħħx mingħajr l-entużjażmu taż-żgħażagħ, mingħajr iż-żogħżija tal-qalb, mingħajr għadd ta' kwalitajiet li jinsabu bil-kotra fiż-żgħażagħ: ferħ, tama, safa ta' ħsieb, kuraġġ, kreattività, idealiżmu... Iva, is-sensibiltà u l-ġenerożità tagħkom, il-ġibda li għandkom għal kull ma hu sabiħ, jagħmlu lil kull wieħed minnkom "alleat naturali" ta' Kristu. Barra dan, fi Kristu biss issibu tweġiba għall-problemi u għat-tħassib kollu tagħkom. U tafu għaliex. Hu kien il-bniedem li ħabb aktar minn kull bniedem ieħor; ħallielna liġi ta' mħabba, l-Evanġelju, li, kif qrah il-"Konċilju"... ixandar il-ħelsien ta' wlied Alla, iwarrab il-jasar, li fl-aħħar mill-aħħar hu frott tad-dnub, juri rispett sħiħ għad-dinjità tal-kuxjenza u għal-libertà tal-bniedem ifakkar li l-bnedmin kollha għandhom jduru lejn Alla, u fl-aħħarnett jirrakkomanda l-imħabba lil kull ħadd (ara *Gaudium et Spes* 41).

Imbagħad hi l-imħabba biss li ssalvana. U nerġa' ntenni: il-problema tas-salvazzjoni, jiġifieri r-rebħa tat-tajjeb fuq il-ħażin, huwa problema fondamentali fil-ħajja tal-bniedem. Il-ħajja kollha tal-bniedem, il-bniedem igħixha kollha kemm hi fil-kontest ta' dan il-problema. U għalhekk is-salvazzjoni ma tistax ma tkunx problema li tolqot il-bniedem, u b'mod partikulari, liż-żgħażagħ. Hi ħaġa importanti għalhekk tagħarfu sewwa dan il-problema u tiżviluppah bissinċerità kollha fil-ħajja u fl-għemil kollu tagħkom.

Is-salvazzjoni hi missjoni

Kristu ġie jgħidilna li s-salvazzjoni — jiġifieri s-Saltna ta' Alla — hi missjoni. Ġie wkoll igħallimna kif niżviluppawha.

Lit-72 dixxiplu li bagħat qablu f'kull belt u raħal fejn kien se jmur hu, Kristu qalilhom: "Il-ħsad huwa kbir, imma l-ħaddiema ftit. Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu" (Lq 10,2).

Il-Knisja tfakkarna spiss f'dan il-kliem. Tfakkarna fih l-aktar biex tistedinna nitolbu għall-vokazzjonijiet saċerdotali, reliġjużi u missjunarji.

Iżda, għeżież żgħażagħ, mhux biżżejjed titlob 'l Alla għall-vokazzjonijiet. Jeħtieġ noqogħdu personalment attenti għas-sejħa li Alla jogħġbu jagħmlilna, jeħtieġ li ma jonqsilniex il-kuraġġ biex inwieġbu ġenerożament għal din is-sejħa. Il-komunitajiet insara jeħtieġu s-saċerdoti biex imantnuhom bil-Kelma u l-Ġisem tal-Mulej, jeħtieġu l-ħajja reliġjuża biex tkun sinjal ta' Alla u offerta lil Alla għall-

ġid tal-aħwa. U intom ma tixtiequx forsi tkomplu l-preżenza ta' Kristu fid-dinja tallum, u tagħtu twegiba għaċ-ċkejknin li qegħdin jitolbu lil min iqassmilhom il-ħobż u ma jsibux (Ara Lam. 4,4)?

Min jitkellem fuq l-evanġelizzazzjoni ħawn fil-Portugal, min ifakkar ħawn il-ħidma missjunarja, ikun qiegħed ifakkar wieħed millisbaħ paġni tal-istorja ta' pajjiżkom. Minn ħawn telqu ħafna minn missirijietkom, ħafna missjunarji, biex iwasslu l-bxara t-tajba tas-salvazzjoni lill-ġnus oħra. Mil-lvant għall-punent (Ġappun, Indja, Afrika, Brażil...) illum ukoll għadu jidher il-frott ta' din l-evanġelizzazzjoni. Ħafna minn dawn il-missjunarji kienu żgħażagħ bħalkom. Kif ma nfakkrux ħawn, f'Lisbona, fost oħrajn, l-eżempju ta' San Ġwann de Brito, żagħżugħ minn Lisbona, li ħalla l-ħajja faċli ifl-qorti tar-re, telaq lejn l-Indja biex iwassal l-Evanġelju tas-salvazzjoni lil dawk li kienu l-aktar fqar u abbandunati, u sar wieħed minnhom, u wettaq il-fedeltà tiegħu lejn Kristu u lejn ħutu bix-xhieda tal-martirju.

Żgħażagħ, xebbiet u ġuvintur tal-Portugal, erfgħu għajnejkom u ħarsu lejn "l-egħlieqi li waslu għall-ħsad", jistennew il-ħaddiema għax"xogħol tal-ħsad."

Ilkoll ħaddiema tas-salvazzjoni

Tkellimna fuq is-saċerdozju, fuq il-ħajja reliġjuża, fuq il-ħidma missjunarja, bħala suriet ta' vokazzjoni li għandhom importanza partikolari għall-evanġelizzazzjoni, vokazzjonijiet li għalihom il-Knisja titlob b'mod partikulari. Il-Knisja tħoss li għandha titlob għal dawn il-vokazzjonijiet għaliex il-Mulej stess sejħilha biex tagħmel dan: "Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu" (Lq 10,2).

Imma kliem Ġesù dwar "il-ħsad kbir" u l-ħaddiema għall-ħsad għandna nifhmuhom b'mod aktar fondamentali, u fl-istess ħin, b' mod aktar wiesgħa minn dak li juru s-suriet ta' vokazzjoni fil-Knisja li fuqhom għadna kemm tkellimna.

Meta Kristu tkellem fuq "il-ħsad," fuq "il-ħsad kbir" u l-ħaddiema għall-ħsad, ħu ried l-ewwel nett ifiehem lil dawk li kienu jisimgħuh li s-"Saltna ta' Alla," jiġifieri, is-"salvazzjoni", ħi l-aqwa dmir tal-bnedmin kollha. Kull bniedem għandu jħoss ruħu "ħaddiem", protagonista tas-salvazzjoni tiegħu: ħaddiem imsejjaħ għall-ħsad. Kull bniedem għandu jikseb din is-salvazzjoni onestament. U dan hu meħtieġ għall-opra kollha tal-evanġelizzazzjoni.

"Ħsad" ifisser għalhekk tagħmel li sseħħ fik il-missjoni tas-salvazzjoni. Kull bniedem hu msejjaħ mill-kelma ta' Alla għal din is-sura ta' ħidma: b'mod speċjali ħuma msejħin kull xebba u kull ġuvni. Ma nistgħux inwasslu l-Evanġelju lil kulħadd, jekk ma nkunux aħna l-ewwel nies li nkunu ġejna evanġelizzati. Ma nistgħux ngħinu filħidma għas-salvazzjoni ta' l-oħrajn, jekk aħna ma bdejniex nimxu fit-triq tas-salvazzjoni.

Bdejna mexjin fit-triq tas-salvazzjoni dak in-nhar tal-Magħmudija tagħna, meta ċħadna d-dnub, u għażilna dak li hu tajjeb, fi Kristu; bdejna ngħixu l-Ħajja Ġdida li ħi frott tal-Mewt u tal-Qawmien millimwiet. Din il-ħajja trid tiġi dejjem aktar 'il quddiem. Għalhekk Kristu baqa' magħna, fil-Knisja: baqa'

magħna speċjalment fis-Sagramenti; baqa' magħna fl-Ewkaristija u l-Penitenza.

Intom ilkoll, għeżież żgħażagħ ħbiebi, intom, tagħarfuh is-siwi ta' dawn l-egħjun tal-ħajja? Tafu twieġbu għall-istedina ta' Ġesù l-Ħobż tal-Ħajja billi tissieħbu fl-Ewkaristija bix-xewqa li tgħixu l-ħajja fil-milja kollha tagħha, u li tegħilbu l-ħażen u tiksbu t-tajjeb? U meta jeħtiġielkom, minħabba d-dnub, jew għax dgħajfa jew għax neqsin mill-perfezzjoni, lesti taqbdu t-triq tal-konverżjoni u r-rikonċiljazzjoni, billi tersqu lejn is-sagrament tal-Penitenza ħa jkollkom il-maħfra u l-Ħajja mill-ġdid? Sawru sewwa l-kuxjenza tagħkom u kunu fidili lejn il-Mulej li jħobb u jaħfer.

Iż-żagħżugħ

Aktar ma naħdmu s-salvazzjoni tagħna stess, aktar naraw ċar li ma nistgħux inkunu "ħaddiema tas-salvazzjoni tagħna" mingħajr ma nkunu fl-istess ħin ħaddiema tas-salvazzjoni ta' l-oħrajn. Il-problema tas-salvazzjoni tagħna hu marbut b'rabta sħiħa mal-problema tas-salvazzjoni ta' l-oħrajn. U dan ukoll meħtieġ għall-evanġelizzazzjoni.

Il-bniedem meta jibda jgħix, jibda jirċievi. Meta jitwieled jidħol f'dinja magħmulha minn oħrajn, l-aktar minn dawk qrib lejh: il-ġenituri u ħutu. It-tarbija tirċievi tista' tgħid kollox: mill-ikel salformazzjoni. Titgħallem titkellem, timxi u tgħix ma' l-oħrajn. Meta mbagħad, żagħżugħ, jagħraf l-għana u l-ħila tiegħu, jipprova jmur 'l hemm mill-qagħda ta' tarbija, minn qagħda li jirċievi għall-qagħda li jibda jagħti. Id-dinja li rċieva ma tikkuntentahx aktar. Irid joħloq "id-dinja tiegħu". Hu l-waqt ta' l-għażla kbira ta' ħajtu. Hu l-mument li fih tidher u tithejja t-triq li minnha se jgħaddi tul il-bqija ta' ħajtu.

Dan il-passaġġ minn qagħda li tirċievi għall-qagħda li tagħti, minn qagħda li fiha tkun tiddependi minn ħaddieħor, għall-qagħda li fiha tidħol għar-responsabbiltajiet tiegħek, ma jseħħx mingħajr kriżi. Imma hi l-aktar kriżi ta' kokor. Spiss liż-żagħżugħ ma jifmhumx u lanqas hu ma jifhem lilu nnifsu. Ma jridx ikun trattat bħal tifel, imma jħoss li għadu ma kibirx. Spiss ma jkun xejn sod fih innifsu. Min-naħa l-oħra kollox jidher qed jitqanqal fih: jintebaħ b'valuri ġodda, bis-sess, bl-imħabba, bl-ideali; u jintebaħ wkoll biddimensjoni sħiħa tal-fidi. Kemm hu ħaġa sabiħa dan għalikom, żgħażagħ!

Id-dinja ma tidhirx aktar qisha ħrafa għalikom, imma bħala ħidma kbira li għandkom tagħmlu. Hajjitkom ma tidhirx aktar bħala xi don. Issir impenn għalikom. Issa ma tistennewx aktar li ssibu kollox lest. Hemm żewġ ħwejjeġ li jibdew iħassbukom dwar il-ġejjieni tagħkom: it-thejjija għall-professjoni u t-thejjija għall-istat talħajja. Dan it-tħassib xi kull tant jasal biex jaħkimkom b'mod li taslu biex titilfu s-sabar. It-tensjoni fikom nistgħu nqisuha bħala tensjoni bejn dak li hu "ġa" u dak li "għad mhuwiex". Tħossu ġa s-sens ta' responsabbiltà, imma għad mhux turuha, għax ma ġietkomx l-okkażjoni li turuha. Ġa tridu tagħtu sehemkom għall-ġid ta' kulħadd, bil-fehmiet u l-ħidma tagħkom, imma għad mhux qed ikol-

lhom l-okkażjoni.

Issa hu proprju f'dan il-waqt, fil-mument importanti tal-għażla u tat-thejjija tagħkom għall-ġejjieni, li l-aktar teħtieġu lil Kristu. Immexxijin minnu tistgħu tagħżlu l-professjoni u l-ġejjieni tagħkom, fid-dawl tal-ġid ta' kulħadd u ta' dak li titlob is-saltna ta' Alla u ta' dak li titlob il-fidi. Intom imsejħin biex "taħdmu" għas-salvazzjoni ta 'l-oħrajn waqt li qegħdin taħdmu għas-salvazzjoni tagħkom. Intom imsejħin biex tkunu appostli, biex tħabbru l-Bxara t-tajba, huma x'inhuma l-għażliet tagħkom għall-ġejjieni.

Kunu ġenerużi; agħżlu bl-imħabba; hejju ruħkom tajjeb. Hejju ruħkom għall-professjoni tagħkom onestament u kif jixraq. Hejju ruħkom għall-istat tal-ħajja li se tħaddnu: jekk se tagħżlu ż-żwieġ, għażluh bis-serjetà kollha u b'rispett sħiħ lejn min għada se jaqsam magħkom il-ħajja u l-ideal tal-familja skond Alla.

Inkunu xhieda ta' Kristu

Tassew "il-ħsad kbir". L-aqwa li kull wieħed minna jkun tassew "ħaddiem" skond l-Evanġelju. Il-"ħsad" hu frott ix-xogħol tal-bniedem. Imma fl-istess ħin juri d-don li jingħatalna permezz tal-ħolqien.

"...meta jiġi fuqkom l-Ispirtu s-Santu, intom tirċievu l-qawwa u tkunu xhieda tiegħi f'Ġerusalem, fil-Lhudija kollha u s-Samarija u sa truf l-art" (Atti 1,8). Dawn huma l-aħħar kelmiet li skond l-Atti ta' l-Appostli, Kristu rxoxt qal f' din id-dinja, qabel tela' s-sema. Ninsabu fiż-żmien liturġiku bejn il-qawmien mill-imwiet u l-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu, u għalhekk dan il-kliem għandu tifsir speċjali. Hu mill-Ispirtu s-Santu li l-bnedmin jirċievu l-qawwa biex isalvaw. Jiġifieri s-salvazzjoni, li għall-bniedem hi dmir kemm bħala individwu u kemm bħala membru tal-komunità tal-bnedmin, trid tinkiseb bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Għalhekk qabel xejn tfisser don. Don kbir li bih Alla jaqsam mal-bniedem xi ħaġa li hi kollha kemm hi tiegħu. B'xi mod Alla jagħti lilu nnifsu lill-bniedem, jagħti lilu nnifsu "fi Kristu".

Jagħti lilu nnifsu biex ikun dik il-qawwa ta' verità u ta' mħabba li tagħmel il-bniedem il-ġdid, kapaċi jbiddel id-dinja: verità li turi ruħha bħala ħaġa mitluba mill-kuxjenza u mid-dinjità tal-bniedem, tgħid liema huma l-għażliet tal-imħabba, dik l-imħabba li tqarreb, tgħaqqad, tgħolli, tibni u ssalva, meta ngħinu lil ħaddieħor bi spirtu ta' aħwa, għax bnedmin, għax insara, għax membri tal-Knisja. Jingħata b'mod speċjali fis-sagramenti — Magħmudija, Griżma, Penitenza, Efkaristija — permezz tagħhom jingħata jew jikber id-don li, miċ-Ċenaklu wasal għandna bħala Ħobż tal-Ħajja u bħala "Qawwa" li jagħnina, jum wara l-ieħor, sal-qawmien tagħna fil-ħajja ta' dejjem (ara Ġw 6, 51.58), ma' Kristu biex ngħixu flimkien mal-Missier.

Hekk għandna dejjem nilqgħu s-salvazzjoni bħala Don u, fl-istess ħin, għandna niddedikaw ruħna għaliha bħala missjoni tagħna.

Aktar ma nħossu l-kobor ta' dan id-Don, aktar b'ħeġġa nidħlu għal din il-missjoni, insiru "ħaddiema għall-ħsad" b'aktar serjetà. Hawn hu l-qofol tal-kwistjoni, hawn hu

l-kontest vitali tal-evanġelizzazzjoni.

Kristu Rxoxt isejjaħ id-dixxipli tiegħu għall-evanġelizzazzjoni huwa u jgħidilhom: "Tkunu xhieda tiegħi" (Atti 1,8). Dan hu l-kliem li jorbot u jħoll kollox.

Inkunu xhieda ta' Kristu, meta fina bħala dixxipli tal-Evanġelju, jilħaq il-milja tiegħu l-problema tas-salvazzjoni, il-problema tas-sejħa tas-Saltna ta' Alla. Meta nilqgħuha u nagħmluha tagħna, insiru ħaġa waħda magħha. Meta tagħti xejra lill-ħajja kollha tagħna u l-imġiba tagħna. Żgħażagħ, xebbiet u ġuvintur, tal-Portugal tallum! Harsu lejn dawk il-ħafna li ġew qabilkom, ulied huma wkoll ta' din l-art imbierka, ulied il-kultura u l-ilsien, ulied it-tbatijiet u r-rebħiet. Kemm minnhom wieġbu bl-għoti sħiħ ta' ħajjithom għas-sejħa ta' Kristu! Mir-reġina S. Elisabetta għal S. Ġwann ta' Alla, minn S. Antnin ta' Lisbona għal S. Ġwann de Brito — biex insemmi biss il-qaddisin kanonizzati: minn triqat differenti lkoll imxew fl-imħabba ta' Alla, miġbudin mill-ideal talverità u tal-imħabba, imqanqlin mill-Ispirtu s-Santu.

U min jista' jgħid, meta jara l-entużjażmu u l-ferħ tagħkom, li ż-żgħażagħ portugiżi tallum huma inqas interessati, inqas lesti, inqas attenti għal Kristu miż-żgħażagħ tal-imgħoddi? Iva Kristu jittama fikom. Il-Knisja tittama fikom! Il-Papa jittama fikom!

Ilqgħu, żgħażagħ maħbubin, il-qgħu għal darb'oħra s-sejħa ta' Kristu. Kunu xhieda tiegħu.

Lill-bdiewa f'Villa Vicosa

MHUX BIŻŻEJJED IXXANDAR IL-ĠEDDIJIET TAL-BDIEWA: JENHTIEĠU L-KONDIZZJONIJIET BIEX DAWN IL-ĠEDDIJIET IKUNU MHARSIN

"Morru intom ukoll fil-għalqa u nagħtikom li jkun ħaqqkom" (Mt 20,4). F'din is-silta u f'siltiet oħra tal-Evanġelju, Ġesù jitkellem permezz tal-parabboli, ispirati middinja ta' madwaru. F'dawn il-parabboli l-Imgħallem divin spiss jitkellem fuq ix-xogħol tal-biedja. Hekk għamel fil-qari tallum bilparabbola tal-ħaddiema fil-għalqa tad-dwieli. Kristu, permezz ta' eżempji mill-ħolqien u minn fatti magħrufin minn min kien jisimgħu, iwassal is-semmiegħa tiegħu għar-realtà sħiħa u sopranaturali tas-Saltna tas-smewwiet. B'hekk hu fiehem lill-bnedmin is-Saltna spiritwali tiegħu.

Il-bniedem li jaħdem onestament, bħala bniedem ħieles u intelliġenti, ikompli l-ħidma tal-ħolqien u hekk jixxierek ma' Alla: hu u jissieħeb fis-salvazzjoni jasal bil-mod il-mod għat-tisħib fil-ħajja ta' Alla. F'dan id-dawl se nimmeditaw flimkien il-parabola tallum... Il-preżenza tiegħi hawn illum, flimkien ma' l-isqof ta' Evora u ta' għadd ta' isqfijiet oħra mill-Portugal u minn Spanja, turi bil-fatti li l-Knisja tifhem u tagħraf ix-xewqat tagħkom ta' ġustiż-

zja, ta' progress u ta' paċi intom u timpenjaw ruħkom fil-biedja. Il-Knisja, il-Papa, l-isqfijiet tal-Portugal huma magħkom biex igħinukom tirbħu kull ma jwassal biex ma jifħmukomx, kull ma hu inġustizzja; qegħdin magħkom biex igħinu l-aktar fqar u l-inqas ixxurtjati fostkom ħalli kulħadd jista' jimxi 'l quddiem u bla nkwiet ta' xejn ikollu sehem minn dawk il-valuri għoljin ta' xogħol tassew xieraq, ta' xogħol li jagħti l-frott, valuri li verament jixirqu l-bniedem, valuri li huma valuri nsara — u dan il-Papa u l-isqfijiet jagħmluh fid-dawl tal-qadi tal-missjoni tagħhom ta' ragħajja. Hawn fis-santwarju tal-Kunċizzjoni ta' Villa Vicosa, taħt il-ħarsa tas-"Sultana" tal-Portugal, santwarju mibni mir-re Ġwann IV, se nagħmlu l-meditazzjoni tagħna, aħna u nitolbu l-Ispirtu tal-verità u tal-imħabba biex idawwalna u jgħinna.

Żewġ veritajiet kbar

Il-parabbola tal-ħaddiema fil-għalqa tad-dwieli, li għadha kemm inqrat, fiha żewġ veritajiet kbar fil-ħajja tar-ruħ. L-ewwel verità hi li l-ġustizzja tas-Saltna ta' Alla ssehħ ukoll bil-ħidma tal-bniedem permezz tax-"xogħol tiegħu fl-għalqa tad-dwieli". Kull bniedem jintbagħat mill-Mulej biex "jibni" d-dinja, f'sura jew oħra, f'xi ħin, f'xi aspett tal-ħajja tiegħu fid-dinja. It-tieni verità hi li s-Saltna ta' Alla, is-saltna li Alla qed joffri lill-bniedem, hi 'l fuq minn kull qjies li l-bnedmin jużaw biex jaraw xi ħlas jistħoqq għax-xogħol li jsir. Dan id-don tas-Saltna hu aqwa mill-istess bniedem. Għaliex huwa don sopranaturali ma jistax jitqies bi kriterji li huma biss ta' din id-dinja.

L-evanġelju tal-ħaddiema fil-għalqa tad-dwieli u l-qari l-ieħor tallum jistednuna naħsbu fuq ix-xogħol tal-bniedem, u l-aktar fuq ix-xogħol tal-biedja fid-dawl tal-ordni u tal-ġustizzja li għandu jkun hemm fis-soċjetà.

Kif tafu, il-Knisja stħarriġet sewwa l-problemi tal-*Kwistjoni soċjali* l-aktar f'dawn l-aħħar mitt sena. Għalkemm l-attenzjoni tal-Knisja kienet aktar fl-industrija u fix-xogħol industrijali, ix-xogħol tal-bidwi kellu wkoll parti importanti fit-tagħlim tal-Knisja sa minn żmien l-enċiklika *Rerum novarum* tal-Papa Ljun XIII. Hekk il-Papa Piju XI ikkundanna l-influwenza ħażina tal-kapitaliżmu industrijali fuq il-biedja u sogħob bih ħafna għall-qagħda ta' tant bdiewa, li "waqgħu f'qagħda ta' ħajja mill-agħar, imċaħħdin mittama li qatt jiksbu xi qasam ta' art, u għalhekk żgur li se jibqgħu f' qagħda ta' "proletari" jekk ma jinstabux f'waqthom rimedji tajba u qawwija" (*Quadragesimo anno*, III, 59).

Imma kien l-aktar il-Papa Ġwanni XXIII, iben familja ta' bdiewa, li wera attenzjoni speċjali għall-problemi tal-ħajja tal-bidwi, u insista li l-biedja għandu jkollha l-post li jistħoqqilha. Fil-*Mater et Magistra* hu mhux biss talab li jintrebħu d-differenzi li kien hemm bejn il-ħafna oqsma ta' ħajja f'kull pajjiż, imma tkellem ukoll fuq dan il-problema fuq il-livell tad-dinja kollha, billi wera l-ħtieġa ta' soluzzjonijiet ġodda ħa jintrebħu d-differenzi li kien hemm, u l-ħtieġa tal-ħidma flimkien għall-għajnuna ta' xulxin, tal-pajjiżi għonja li mxew ħafna 'l quddiem fl-industri-

jalizzazzjoni u l-pajjiżi fqar li għadhom jiżviluppaw u li l-qagħda tal-biedja fihom għadha lura.

Fiż-żminijiet tagħna, meta qegħdin jaħkmu tensjonijiet ekonomiċi u soċjali kbar, bħala progress qiegħed jitqies l-aktar il-progress fl-industrijalizzazzjoni. Imma hu ta' farag tara li qiegħda tidher il-ħtieġa li l-biedja terġa' tikseb il-post li jixirqilha fil-qasam tal-iżvilupp ta' kull nazzjon u tal-progress taddinja kollha.

Hu proprju f'dawn il-ġranet li l-isqfijiet tagħkom, imdawlin mil-*Laborem exercens* urew il-ħtieġa li wieħed jeħodha bil-qawwa kontra l-inferjorità kronika tal-biedja fil-Portugal billi jingħarfu d-dinjità u d-drittijiet tal-irġiel, tan-nisa u tal-familji tal-kampanja. Qalu sewwa l-isqfijiet, li mhux biżżejjed issemmi d-drittijiet, imma jeħtieġ li jinħolqu malajr kondizzjonijiet ekonomiċi soċjali u kulturali li permezz tagħhom jistgħu jseħħu dawn id-drittijiet; b'hekk il-bdiewa, u l-aktar iż-żgħażagħ iħossu ruħhom imħajrin jibqgħu marbutin mar-raba' u l-biedja. Din sfida għal kulħadd, swida li mhux sejrin ma jwieġbux għaliha l-ħaddiema tar-raba', huma u jilqgħu suriet ġodda ta' għaqda u kooperazzjoni bejniethom u inizjattivi f'waqthom biex jimmodernizzaw it-teknika u l-kultura.

Biex il-problemi tal-biedja narawhom dak li tassew huma, jeħtieġ li mmorru bil-ħsieb — u dan jaqbel mat-tradizzjoni minn dejjem tat-tagħlim soċjali tal-Knisja — fuq id-dinjità u l-qagħda tal-bniedem fid-dinja. Huwa l-bniedem li jagħmel ix-xogħol u, minħabba l-bniedem, ix-xogħol tal-bniedem għandu jkun mibni fuq il-ġustizzja, imqanqla u msaħħa minn vera mħabba għall-proxxmu.

Mis-salm 8 li għadna kemm għidna flimkien, nistgħu nifhmu x' inhu l-bniedem fil-ħsieb ta' Alla u fil-ħolqien. Is-salmista, quddiem il-Mulej, jistaqsi lilu nnifsu: "X'inhu l-bniedem?" B'xi mod il-mistoqsija hi magħmulha lil Alla stess: "Inħares lejn is-smewwiet, egħmil subgħajk, il-qamar u l-kwiekeb li int qegħidt fihom! X'inhu l-bniedem biex tiftakar fih, bin il-bniedem biex taħseb fih?" (Salm 8,4-5).

Dan il-kliem tas-salm juri x-xejn tal-bniedem quddiem il-kobor tal-ħolqien; fl-istess ħin ixandar kemm hu aqwa l-bniedem fid-dinjità tiegħu. Minkejja li l-bniedem ma hu xejn, Alla "jiftakar fih," "jaħseb fih." U d-dinjità tal-bniedem tidher aktar mill-kliem l-ieħor li jgħid is-salmista: "Qegħidtu fuq l-egħmejjel kollha ta' idejk; kollox taħt riġlejh qegħidtlu" (Salm 8,7).

Fl-enċiklika *Laborem exercens* ridt ngħolli "l-bniedem li jaħdem". Dan huwa l-muftieħ li neħtieġu biex nifhmu u nħollu l-problemi soċjali. Bil-kelma *xogħol* irrid infisser kull ħidma tal-bniedem millicken u l-aktar baxxa għal dik l-aktar għolja. Il-kriterji u l-prinċipji tal-enċiklika jgħoddu wkoll għax-xogħol tal-biedja, tant li fl-enċiklika tkellimt xi ftit ukoll fuq dan ix-xogħol (n. 21).

Egħżież bdiewa, irġiel u nisa, żgħażagħ u xjuħ! lilkom ukoll il-Mulej fl-Evanġelju jistedinkom u jgħidilkom: "Morru intom ukoll fil-għalqa u nagħtikom dak li ħaqqkom." Erba' kelmiet, imma kelmiet li jwassluna għall-istudju ta' ħafna problemi li biex insolvuhom jeħtieġ napplikaw dawk il-prinċip-

ji fondamentali morali, li jiswew għad-dinja kollha, u li fuqhom jimbena l-progress veru tas-soċjetà. Iżda biex napplikaw dawn il-prinċipji rridu nqisu kull qagħda partikolari, u s-sura u l-grad taliżvilupp ta' kull qasam tas-soċjetà tal-bnedmin. F'kelma waħda jenħtieġ li jitqies ukoll x'titlob il-ġustizzja u x'inhi l-verità sħiħa tal-bniedem fid-dawl tal-prinċipji morali.

Id-dinja tallum, minkejja l-progress xjentifiku u tekniku kollu li sar, qiegħda tgħix bil-biża' ta' xi disgrazzja kbira, li ġġib fix-xejn is-suċċessi kbar li saru, jekk ilgwerra tegħleb il-paċi. Għalhekk l-ispejjeż għall-armi tal-gwerra għandhom jitnaqqsu ħalli l-pajjiżi kollha jkollhom dak li jeħtieġu għall-progress tagħhom, għall-progress sħiħ, l-aktar fl-oqsma talbiedja u tal-ikel. Il-faqar kbir ta' ħafna gruppi ta' bnedmin f'pajjiżi li ekonomikament għadhom lura, joffendi d-dinjità ta' eluf ta' eluf ta' bnedmin li qegħdin igħixu f' qagħda ta' miżerja mill-akbar. Jeħtieġ għalhekk li minnufih il-bdiewa jkollhom imħarsa d-drittijiet fondamentali tagħhom bħala bnedmin.

Għall-progress sħiħ fil-biedja

L-ewwel qari tallum mill-profeta Għamos jitkellem fuq il-bini millġdid wara l-ħerba li saret. Jekk hu iebes tibni, wisq aktar iebes, wara żmien ta' ħerba, issib suriet ġodda ta' tiġdid biex tegħleb fehmiet u proċessi qodma ħa tipproduċi aktar u aħjar.

Fi pjan nazzjonali ta' żvilupp, skond il-ħila u l-kultura tal-post li jkun, jeħtieġ li l-iżvilupp xieraq tal-biedja jkun parti mill-programm sħiħ li jħaddan l-oqsma kollha tal-ekonomija nazzjonali u li jqies l-għaniet fondamentali tal-bniedem, jiġifieri mhux biss ifittex li toktor il-produzzjoni imma wkoll li jkun hemm tqassim xieraq ta' dak li jiġi prodott. Fi tfassil ta' programm ħekk sħiħ, wieħed irid jaħseb għall-infrastrutturi xierqa, għallkondizzjonijiet tajba għas-self, għall-mezzi moderni ta' trasport u ta' xogħol ħa jiġi 'l quddiem il-kummerċ tal-prodotti tal-biedja, u dan kollu bi spirtu kreativ u kompetizzjoni xierqa.

"Nagħtikom dak li ħaqqkom" qal sid il-għalqa fil-parabbola tallum. Huwa kliem importanti ħafna għaliex hu kliem dwar ħlas xieraq u dwar id-drittijiet u d-dinjità tal-ħaddiema tar-raba' (*Laborem exercens* 16-23). Hawn imissna naraw il-post privileġġjat li għandu min jaħdem ir-raba', kemm jekk ir-raba' li jaħdem hu tiegħu u kemm jekk jaħdem ir-raba' ta' ħaddieħor. Il-kumpanniji l-kbar għandhom ifittxu li r-raba' tagħhom jipproduċi dejjem aktar bittisħib tal-ħaddiema u flok jaħsbu biss fil-qligħ u l-ħtiġijiet tagħhom, għandhom jippreferixxu li jagħtu salarju ġust lil kull min igħin fil-produzzjoni mingħajr ma jwarrbu qatt fil-ġenb l-iskop soċjali tal-proprjetà.

Għalhekk ta' min ifaħħar il-ħidma u l-inizjattivi ta' assoċjazzjonijiet kbar ta' bdiewa u ta' ħaddiema, mingħajr ma jnaqqas is-siwi ekonomiku ta' impriżi żgħar, ta' ftit familji, jew ta' familja waħda wkoll, impriżi li jġibu 'l quddiem sewwa l-proprjetà tagħhom. Tkun l-aħjar ħaġa kieku l-bidwi jaħdem ir-raba' li jkun proprjetà tiegħu, għax hekk jinħolqu impriżi li tassew jaħdmu.

Il-ħidma tal-bdiewa għall-progress

Għeżież bdiewa, bil-ħidma tagħkom flimkien, intom tridu tkunu dawk li ġġibu l-biedja 'l quddiem, bħala mezz importanti għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' pajjiżkom. Żviluppaw l-inizjattiva tagħkom billi ddaħħlu fl-impriżi tagħkom żgħażagħ kwalifikati. Ippermettuli nfakkarkom fil-prinċipji li hemm fl-enċiklika *Laborem exercens* dwar il-bniedem li jaħdem u l-aktar dwar il-bniedem li jaħdem ir-raba', prinċipji li jgħoddu wkoll għan-nisa li jaħdmu r-raba'.

Intom tafu biżżejjed li l-progress tant mixtieq fil-biedja ma jistax iseħħ jekk ikun nieqes it-tagħlim u l-formazzjoni professjonali li turik kif timmodernizza l-metodi u xogħol kollu tal-biedja. Għalhekk ma nistgħux ma nfaħħrux kull ma qed isir fil-Portugal f'dan il-qasam.

Iżda l-isqfijiet tal-Portugal ifakkrukom li r-riforma tal-biedja ma għandhiex tkun strument biex jinkisbu l-interessi ta' xi partit, għaliex ir-riforma tolqot il-bdiewa kollha b'mod hekk sħiħ u hekk filfond li jkun delitt tagħmilha strument għall-interess ta' partit. Ir-riforma tal-biedja fil-Portugal trid twassal biex tagħmel personali x-xogħol tar-raba'. Ta' min ifakkar hawn li kulħadd hu fid-dmir li dan isir b'mod li tkun rispettata l-libertà, l-awtonomija u t-tisħib responsabbli tal-bdiewa, tal-bdiewa kollha fid-dawl tal-ġustizzja soċjali.

Għeżież bdiewa, nerġgħu lura għall-parabbola tallum. Din il-parabbola tgħallimna li l-bniedem, ma jgħix biss fid-dinja, fis-soċjetà, f'pajjiż jew nazzjon, imma hu flistess ħin imsejjaħ għas-Saltna ta' Alla, li fuqha titkellem il-parabbola. Ix-xogħol tal-bniedem fuq l-art (u għall-art) u l-bini tas-Saltna ta' Alla jiltaqgħu u jingħaqdu flimkien. Is-Saltna ta' Alla ma titqiesx b'qisien ta' ordni soċjali jew ta' din id-dinja. Il-bini tas-Saltna ta' Alla ma ssirx biss bil-merti, imma bil-grazzja wkoll, anzi jsir l-aktar bil-grazzja; għax kull mertu hu frott tal-grazzja. Bħala frott tal-grazzja u tal-mertu, is-Saltna ta' Alla m'hijiex premju tal-mertu bħalma hu s-salarju għax-xogħol li jsir, imma s-Saltna ta' Alla hi fuq kollox don sopranaturali, don li jisboq kull mertu.

Aħna lkoll ċittadini tas-sema pajjiżna. Ix-xogħol tagħna għandu importanza kbira ħa jinkiseb il-ġid ta' kulħadd. Imma aħna wkoll ċittadini tas-Saltna ta' Alla, li mhijiex ta' din id-dinja u li tiġi għandna bħala don ta' Alla u bħala sejħa nisranija.

Il-Mulej jistedinna nwieġbu għal din is-sejħa u ningħaqdu miegħu permezz tat-talb li jagħti dinjità lix-xogħol tagħna ta' nsara. "Ora et labora" — itlob u aħdem — dan qal San Benedittu lill-patrijiet tiegħu. Meta ssieħbu t-talb max-xogħol, meta tagħmlu x-xogħol tagħkom talba, tiksbu l-kuraġġ u l-qawwa u l-ħena ħa tirbħu kull diffikultà u kull tiġrib, u x-xogħol tagħkom isir aktar hieni għall-bini ta' soċjetà aħjar u aktar ħienja b' dak kollu li għandkom mill-aħjar bħala nsara.

Nixtieq inġib quddiem għajnejja l-figura tradizzjonali u nisranija tal-bidwi portugiż li, kif qaluli, mad-daqq tal-Avemarija, u, f'daru, mad-daqq tal-Imwiet, jieqaf ftit mix-xogħol li jkun jagħmel biex jerfa' ħsiebu lejn is-sema jitlob 'l

Alla, li minnu ġej kull ġid.

"Mulej Alla tagħna, kemm hu kbir ismek fl-art kollha!" Hawn f' dan is-santwarju tal-Verġni Immakolata, illum l-isqof ta' Ruma, issuċċessur ta' San Pietru, lejk Mulej, jerfa' idejh, ħsiebu, qalbu, flimkien ma' l-ulied kollha tal-Portugal, u l-aktar ma' dawk li jaħdmu l-art bix-xogħol ta' idejhom u l-għaraq ta' ġbinhom. Flimkien magħhom, Missier ta' kull tjieba u Sid tal-ħolqien kollu, nitolbok tbierek ix-xogħol iebes tagħhom. Bierek, Mulej ir-raba' tagħhom u t-tbatijiet tagħhom. Tinżel il-barka tiegħek fuq il-familji tagħhom u l-komunitajiet tagħhom. Bierek, Mulej, pajjiżhom, bierek il-Portugal. Hallieq tad-dinja hu frott ix-xogħol ta' dawn in-nies il-ħobż u l-inbid li kuljum noffruh fis-sagrifiċċju ewkaristiku, biex jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Ibnek Ġesù. Xogħolhom hu xogħol li jservi għall-Ewkaristija.

Jalla dan ir-raba' kollu tal-Portugal, minn Minho sa Tras-os-Montes, ikun dejjem imbierek b'kotra ta' frott. Jalla l-grazzja tiegħek tfawwar fi qlub dawk kollha li jgħammru hawn.

Fis-Saltna tiegħek ta' ġustizzja, sliem u mħabba, agħti lilhom il-koll il-premju ta' dejjem. Int dan il-premju u fl-istess ħin ir-rabta qaddisa li torbothom f'imħabba u sliem li ma jintemmu qatt.

MISTOQSIJA LITURĠIKA

Kif għandu jkun l-egħluq tat-**Tifkira ta' Sbiħ il-Jum** u ta' l-**Għasar?**

Il-Brevjar isemmi żewġ suriet ta' egħluq (ara p. 122), waħda meta ma hemmx saċerdot jew djaknu u meta l-uffiċċju jingħad minn wieħed waħdu, u l-oħra meta jingħad mal-poplu u jkun jippresiedi saċerdot jew djaknu.

Wieħed jista' jistaqsi kif għandu jkun l-egħluq meta għadd ta' saċerdoti jkunu jgħiduh "in communi" jew fil-kor. Meta l-uffiċċju jingħad fil-kor, ikun jippresiedi l-ebdomadarju u f'dan il-każ l-egħluq għandu jkun bħal meta l-uffiċċju jingħad mill-poplu; l-istess jista' jsir meta jingħad "in communi" għax dan il-każ ukoll wieħed mis-saċerdoti jkun qiegħed imexxi hu.

IL-MESSAĠĠ TAL-PAPA

LILL-KONFERENZA TAL-ĠNUS MAGĦQUDA FUQ ID-DIŻARM

Il-qagħda llum

1. F'Ġunju tal-1978, waqt l-ewwel sessjoni straordinarja tal-assemblea ġenerali tal-Ġnus Magħquda dwar id-diżarm, il-Papa Pawlu VI bagħat messaġġ personali li bih wera xi tamiet għal riżultat tajjeb li kellhom dritt jistennew il-bnedmin kollha minn sforz hekk kbir ta' rieda tajba u ta' għerf politiku tal-komunità kollha internazzjonali.

Wara erba' snin erġajtu ltqajtu biex tistaqsu lil xulxin jekk intlaħaqx, almenu parti minnu, dak li kien mistenni.

It-tweġiba għal din il-mistoqsija la tidher tiżgurak u l-anqas tqawwilek qalbek. Jekk inqabblu l-qagħda ta' erba' snin ilu mal-qagħda tallum dwar id-diżarm, ftit jidher li sar titjib. Anzi xi whud jaħsbu li morna lura almenu fis-sens li t-tamiet li nħolqu f'dak iż-żmien illum jistgħu jidhru bħala illużjonijiet u xejn aktar. Dan jista' malajr jaqtgħalna qalbna u jwassal lil dawk li huma responsabbli taxxorti tad-dinja biex ifittxu modi oħra għas-soluzzjoni tal-problemi — partikolari in ġenerali — li baqgħu jħawdu l-ħajja tal-popli.

Hafna hekk jarawha l-qagħda llum. L-istatistiki li jiġuna min-naħiet differenti juru żidiet li jħassbuk fl-ispejjeż militari, żidiet li jfissru produzzjoni akbar ta' ħafna xorta ta' armi ta' gwerra, ħaġa li, skond istituti speċjalizzati, tkattar sewwa n-negozju tal-armi tal-gwerra. Il-mezzi tal-informazzjoni dan l-aħħar taw ħafna mill-attenzjoni tagħhom għall-istħarriġ u għall-użu dejjem aktar jiżdied ta' l-armi tal-gwerra kimika. Barra dan, dehru wkoll armi nukleari ġodda.

Quddiem assemblea hekk importanti bħalma hi l-assemblea tagħkom ma hemmx għalfejn wieħed isemmi l-istatistika li l-istess organizzazzjoni tagħkom ippubblikat dwar din il-ħaġa. Biżżejjed insemmi, bħala indikazzjoni, l-istudju li sar u li minnu joħroġ li t-total tal-ispejjeż militari kollha f'din id-dinja jilħqu medja ta' 110 dollari fis-sena għal kull bniedem li hawn fid-dinja, somma li għallkotra kbira tal-bnedmin li jgħixu f'din id-dinja hija s-somma li jaqilgħu f'sena biex jgħixu.

Il-Papa u d-diżarm

Quddiem qagħda bħal din, tajjeb nuri l-pjaċir tiegħi li l-Ġnus Magħquda ddeċidew li jaffrontaw mill-ġdid il-problema tad-diżarm, u nrodd ħajr li ngħatatli l-okkażjoni li nkellimkom fuq dan.

Għalkemm m'hijiex membru tal-organizzazzjoni tagħkom, is-S. Sede, minn xi żmien 'il hawn għandha fostkom Missjoni permanenti li permezz tagħha tista' tosserva mill-qrib dak li qegħdin tagħmlu. Kulħadd jaf kemm il-papiet ta' qabli apprezzaw il-ħidma tagħkom. Jien ukoll kelli l-okkażjoni, l-aktar meta ġejt inżurkom hawn, nuri bi kliemhom l-istima li għandi għall-organizzazzjoni tagħkom. Bħalhom, jiena nifhem id-diffikultajiet tagħkom, u, jiena u nixtiqilkom li l-isforzi tagħkom jiksbu riżultati importanti u aħjar, nagħ-

raf li l-ħidma tal-Ġnus Magħquda hi ta' siwi kbir u ma hemmx organizzazzjoni oħra bħalha biex tiżgura lid-dinja ġejjieni aktar kwiet u aktar fis-sliem.

Kelmti hi l-kelma ta' wieħed li ma għandu ebda interessi, u lanqas setgħa politika u wisq anqas qawwa militari; hija kelma li, bi pjaċir tagħkom, qegħdin tħalluni nerġa' ntenni f'din is-sala. Hawn, fejn jinstemgħu l-ilħna tista' tgħid tal-popli kollha tad-dinja, kbar u żgħar, kelmti hija l-eku tal-kuxjenza morali tal-bnedmin kollha fis-safa tagħha, jekk tippermettuli din l-espressjoni. Kelmti m'hijiex imsieħba ma' tħassib u interessi ta' sura oħra, li jistgħu jidgħajfulha x-xhieda tagħha u jwasslu biex ma titwemminx biżżejjed.

Kuxjenza mdawla u mmexxija mill-fidi nisranija, iva, imma mhux inqas ukoll kuxjenza tassew ta' bniedem. Hija l-kuxjenza tal-bnedmin kollha ta' rieda tajba u sinċiera.

Kelmti hija kliem il-hemm, it-tamiet, ix-xewqat u l-biża' ta' eluf ta' eluf u ta' għaxriet ta' eluf ta' bnedmin, minn kull imkien, li qegħdin iħarsu lejn din l-assemblea, huma u jistaqsu lilhom infushom humiex sejrin joħorġu minnha, kif jittamaw, xi sinjali ta' dawl li jiżgurahom, jew se tkun mill-ġdid diżappunt li jimliehom tħassib. Għalkemm ma għandhiex mandat mingħand kulħadd, inħoss li jiena qiegħed imfisser lilkom il-ħsibijiet ta' din il-kotra hekk kbira ta' bnedmin.

Ma rridx u ma nistax nindaħal fl-aspetti politiċi u tekniċi kollha tal-problema tad-diżarm kif jidher illum, iżda ppermettuli niġbed l-attenzjoni tagħkom fuq xi prinċipji morali li għandhom ikunu l-pedament ta' kull diskussjoni u ta' kull deċiżjoni li wieħed jistenna li jkun hemm fuq din il-ħaġa.

Id-dinja teħtieġ il-paċi

2. Nibda minn ħaġa li għandha l-egħruq tagħha f'fatt li jammettuh mhux biss il-popli kollha imma wkoll il-gvernijiet li intom tmexxu u tirrappreżentaw: id-dinja tixtieq il-paċi, id-dinja teħtieġ il-paċi.

Illum tiċħad il-paċi ma jfissirx biss tkun kawża tat-tbatijiet u t-telf — illum akbar minn dari — li ġġib gwerra, ukoll jekk limitata, imma tista' tkun kawża ta' ħerba ta' reġjonijiet sħaħ, bit-theddida, possibbli jew probabbli, ta' ħerbiet wisq akbar u aghar, jekk mhux universali wkoll.

Dawk li huma responsabbli millħajja tal-popli, milli jidher moħhom l-aktar li jfittxu b'ħerqa kbira soluzzjonijiet politiċi u tekniċi li kemm jista' jkun "inaqqsu" l-effetti koroh ta' xi gwerra li tista' tinqala'. Għalkemm jammettu li l-isforzi tagħhom f'dan is-sens huma limitati ħafna, huma jibqgħu mexjin f'din it-triq għax hi mxerrda ħafna l-fehma li l-gwerer ma tistax tevitahom u għadu jaħkem ħafna fuq id-destin tad-dinja kollha l-ispettru ta' konfront militari bejn iż-żewġ kampijiet kbar li fihom hi maqduma d-dinja llum.

Ebda pajjiż, ebda kap ta' stat, ma hu se jammetti li qiegħed jippjana gwerra jew se jibda gwerra. Iżda n-nuqqas ta' fiduċja f'xulxin iġġiegħel naħa taħseb jew tibża' li n-naħa l-oħra għandha pjanijiet jew rieda ta' din is-sura, tant li kemm wieħed u kemm l-ieħor, milli jidher, ma jarawx soluzzjoni

oħra possibbli, anzi meħtieġa, ħlief dik li thejji difiża qawwija biżżejjed biex tegħleb kull attakk li jista' jsir.

Id-dinja teħtieġ id-dižarm

3. Hafna wkoll jaħsbu li din hi t-triq li twassal għall-ħarsien tal-paċi, skond il-prinċipju antik tar-Rumani *"si vis pacem para bellum."*

Fi kliem tallum din is-sura ta' "filosofija" tissejjaħ "dissważjoni" u tlibbset b'suriet ta' tfittix għall-"ekwilibrju ta' forzi" li xi kull tant ġie msejjaħ u bir-raġun kollu, "l-ekwilibrju tal-biża'."

Kif qal sewwa l-Papa ta' qabli, il-Papa Pawlu VI, "il-loġika li twassal il-pajjiżi jfittxu ekwilibrju fil-qawwiet militari, iġġiegħel lil dawk li huma kontra xulxin biex jiżguraw għalihom infushom marġni ta' superjorità, u dan għax jibżgħu li jsibu ruħhom f'qagħda ta' żvantaġġ" (Messaġġ lill-UNO 24-5-1978).

B'hekk fil-prattika, faċli wieħed tiġih it-tentazzjoni — u l-periklu hu dejjem hemm — li flok ifittex l-ekwilibrju jfittex is-superjorità, hekk li terġa' tibda l-ġirja għaż-żjieda fl-armi tal-gwerra b'mod aktar perikoluż.

Din hi, fil-fatt, it-tendenza li milli jidher għandha minn fuq il-lum u forsi wkoll aktar milli kienet fl-imgħoddi. U intom qegħdin hawn bl-għan speċifiku li tfittxu kif se tbiddlu din ir-rotta.

Din il-għan jista' jidher ukoll bħala "l-inqas ħaġa li tista' ssir" imma hu x'inhu hi ħaġa ta' importanza kbira, għaliex biss bidla ta' rotta bħal din tista' twassal għat-tama li l-bnedmin kollha taddinja se jibdew mexjin fit-triq li twassal għal dak li kulħadd jixtieq, għalkemm ħafna dan iqisuh ħolma: diżarm sħiħ minn kulħadd u garantit b'mod hekk żgur li jagħti fiduċja sħiħa u s-sigurtà meħtieġa lil kulħadd.

B'hekk din is-sessjoni straordinarja tal-assemblea tal-UNO turi wkoll fatt ieħor. Id-dinja tixtieq id-diżarm daqskemm tixtieq il-paċi. Id-dinja teħtieġ id-diżarm.

Madankollu x-xogħol li sar fi ħdan il-Kumitat għad-diżarm, fil-kummissjonijiet u s-sotto-kummissjonijiet tiegħu, u fi ħdan il-gvernijiet, kif ukoll l-interess li qed juri l-pubbliku fid-diżarm juru x' piż qed jingħata fi żminijietna lil kwistjoni iebsa tad-diżarm.

L-istess sejħa għal din il-laqgħa hi fiha nfisha ġudizzju: in-nazzjonijiet tad-dinja huma ġa armati żżejjed u mpenjati żżejjed fil-politika li ssaħħaħ din ir-rotta. Impliċitament dan il-ġudizzju juri l-konvinzjoni li din hi rotta żbaljata u li n-nazzjonijiet tad-dinja li mexjin fuq din ir-rotta jeħtiġilhom jerġgħu jaħsbuha sewwa.

Imma l-qagħda hi kollha kemm hi komplikata ħafna, u fin-nofs hemm għadd kbir ta' valuri, xi whud minnhom ta' grad l-aktar għoli. Jista' jkun hemm ukoll fehmiet li ma jaqblux ma' xulxin. U għalhekk il-kwistjoni wieħed irid iħares lejha b'realiżmu sħiħ u bl-onestà kollha.

U għalhekk jien l-ewwelnett nitlob 'l Alla biex jagħtihom il-qawwa tal-ispirtu u r-rieda tajba meħtieġa biex twettqu l-ħidma tagħkom u tmexxu 'l quddiem kemm tistgħu l-kawza tal-paċi, għan ewlieni ta' din is-sessjoni straordinarja. Il-kelma tiegħi hi

kelma ta' inkoraġġiment u ta' tama. Inkoraġġiment biex ma tħallux l-isforzi tagħkom jiddgħajfu minħabba l-kwistjonijiet komplikati li hemm u minħabba n-nuqqas ta' suċċess li kien hemm fl-imgħoddi u llum. Kliem ta' tama għax aħna nafu li biss il-bnedmin ta' tama jistgħu jaslu biex jimxu 'l quddiem bis-sabar kollu u bil-qawwa kollha lejn dak il-għan li jistħoqqlu l-aqwa sforzi tagħna u lejn il-ġid ta' kulħadd.

4. Jista' jkun li f'dan iż-żmien ebda kwistjoni oħra ma tolqot tant aspetti tal-qagħda tal-bniedem fid-dinja, daqs il-kwistjoni ta' l-armi tal-gwerra u tad-diżarm. Hi kwistjoni li għandha aspetti xjentifiċi u teknoloġiċi, aspetti soċjali u ekonomiċi. Tħaddan ukoll problemi ta' natura politika li jolqtu r-relazzjonijiet tal-istati u tal-popli bejniethom. Is-sistemi tal-armamenti fid-dinja min-naħa tagħhom, jinfluenzaw ħafna l-iżviluppi kulturali. U fuq kollox hemm il-kwistjonijiet spiritwali dwar l-istess identità tal-bniedem u l-għażliet tiegħu għall-ġejjieni u għall-ġenerazzjonijiet kollha li għad iridu jiġu.

Jiena u nistedinkom taħsbu fuq dan, għandi quddiemi d-dimensjonijiet kollha tal-kwistjoni: tekniċi, xjentifiċi, soċjali, ekonomiċi, politiċi u fuq kollox morali, kulturali u spiritwali.

It-tagħlim tal-Knisja

5. Wara tmiem il-gwerra dinjija u l-bidu tal-era atomika, is-S. Sede u l-Knisja Kattolika ħadu qagħda tassew ċara. Il-Knisja dejjem fittxet tagħti sehemha għall-paċi u tibni dinja li fiha ma jkunx hemm għalfejn wieħed ifittex jirregola bi gwerra d-differenzi li jkun hemm. Il-Knisja dejjem ħeġġet biex ikun hemm qagħda internazzjonali ta' fiduċja f'xulxin u kooperazzjoni flimkien. Sostniet dejjem dawk l-istrutturi li jiżguraw il-paċi. Fakkret il-ħerbiet kbar li jġibu l-gwerer. Aktar ma kibru l-mezzi talqerda, aktar uriet x'inhuma l-perikoli li dawn iġibu u, barra milli semmejt dawn il-perikoli hekk filqrib, uriet ukoll liema valuri wieħed għandu jġib 'il quddiem biex ikun hemm kooperazzjoni, fiduċja f'xulxin, imħabba ta' l-aħwa u paċi.

Sa mis-sena 1946, il-Papa Piju XII tkellem fuq "il-qawwa talmezzi ġodda għall-qerda", li kienu qed iwasslu l-kwistjoni tad-diżarm għat-tokk tad-diskussjonijiet internazzjonali, minħabba aspetti għal kollox ġodda (Messaġġ lill-Kulleġġ tal-Kardinali 24-12-1946).

Il-papiet ta' warajh u l-Konċilju Vatikan II komplew jaħsbu fuq dan u żviluppaw il-ħsieb tagħhom fid-dawl tal-armi ġodda u talkontroll tal-armamenti. Jekk il-bnedmin jintefgħu għal din il-ħidma b'rieda tajba u jekk f'qalbhom u fil-fehmiet tagħhom bħala għan hemm il-paċi, għandhom jinstabu mezzi xierqa, strutturi adatti biex jiżguraw is-sigurtà leġittima ta' kull poplu fir-rispett għal xulxin u fil-paċi: meta dan, il-ħażniet tal-biża u tat-theddid tal-mewt ikunu żejda għal kollox.

It-tagħlim tal-Knisja Kattolika hu għalhekk ċar u jaqbel malprinċipji tagħha. Jistmerr il-ġiri flarmamenti, jitlob almenu bil-mod il-mod tnaqqis veru bi ftehim ma' xulxin minn kulħadd kif ukoll prekawzjonijiet kbar kontra xi żball li jista' jittieħed fl-użu tal-armi

nukleari. Fl-istess waqt il-Knisja titlob li kull nazzjon ikollha mħarsa l-indipendenza, il-libertà u s-sigurtà leġittima tagħha.

Nixtieq niżgurakom li l-Knisja Kattolika għandha dan dejjem fi ħsiebha u qatt ma hi se tieqaf tagħmel kull sforz sakemm l-armamenti kollha jkunu għal kollox ikkontrollati u s-sigurtà ta' kull nazzjon garantita, b'mod li qlub il-bnedmin jintrebħu għal dawk l-għażliet morali li jiggarantixxu paċi li tibqa'.

Il-movimenti għall-paċi

6. Niġi issa għall-kwistjoni li qegħdin tittrattaw, għas-suġġett li fuqu jkollna ngħidu l-ewwelnett li ebda fattur marbut ma' kwistjonijiet internazzjonali ma jista' jiġi meqjus għalih waħdu, mingħajr ma jitqiesu r-rabtiet li jista' jkollu mal-ħafna interessi tan-nazzjonijiet. Iżda, hi ħaġa tagħraf li l-kwistjonijiet huma marbutin ma' xulxin, u ħaġ'oħra tużahom għal vantaġġ tiegħek f'livell ieħor. L-armamenti, l-armi nukleari u d-dižarm huma importanti wisq fihom infushom u għad-dinja biex, minħabba l-importanza li għandhom fihom infushom, tinqeda bihom biss bħala parti minn strateġija li trid iġġib 'il quddiem politika u interessi oħra partikolari.

7. Għalhekk hi ħaġa importanti ħafna li minnufih, bil-għaqal kollu u bl-oġġettività li jixirqilhom, jitqiesu waħda waħda l-proposti serji kollha li jistgħu jgħinu biex tassew iseħħ id-dižarm u jinħoloq klima aħjar fid-dinja. L-iċken pass ukoll jista' jkun jiswa wisq aktar minn dak li hu materjalment u teknikament. Hi x'inhi l-qagħda li qed naraw quddiemna, illum neħtieġu fehmiet ġodda u neħtieġu li nkunu lesti nisimgħu bir-rispett kollu u nilqgħu bl-attenzjoni kollha kull suġġeriment onest li jiġi minn dawk in-nies li jinteressaw ruħhom b'sens ta' responsabbiltà f'dawn l-affarijiet hekk kontroversjali.

Hawn jista' jinħoloq dak il-fenomenu li jien insejjaħlu l-fenomenu tar-"rettorika". F'qasam hekk kbir u hekk wiesgħa u hekk mimli perikoli li ma tistax teħles minnhom, ma jistax iun hemm lok għad-diskorsi iebsa u għall-qagħdiet ta' sfida. Il-pjaċir tar-rettorika, il-kliem kollu nar u kollu passjoni, it-theddid mohbi li għalih wieħed iwieġeb b'theddid ieħor, u l-manuvrar sleali ma jwasslux ħlief biex jagħmlu agħar kwistjoni li, biex tħollha, teħtieġ kalma u attenzjoni. Min-naħa l-oħra l-gvernijiet u r-rappreżentanti tagħhom ma jistgħux imexxu l-affarijiet ta' pajjiżhom mingħajr ma jagħtu każ tax-xewqat tal-popli tagħhom. L-istorja ta' kull ċiviltà tagħtina eżempji tassew tal-biża' ta' dak li jiġri meta dan iseħħ. Issa l-biża' u t-tħassib ta' ħafna gruppi f'ħafna pajjiżi tad-dinja juru li n-nies huma dejjem aktar imbeżżgħin millħsieb ta' dak li jista' jiġri jekk xi ħadd irresponsabbli jagħti bidu għal gwerra nukleari.

B'hekk, ftit jew wisq f'kull żmien, żviluppaw il-movimenti għall-paċi. F'ħafna pajjiżi dawn il-movimenti saru popolari ħafna u għandhom l-appoġġ ta' parti dejjem tikber taċ-ċittadini minn kull qagħda soċjali ta' kull età u ta' formazzjoni differenti, u l-aktar żgħażagħ. L-ideoloġiji li fuqhom huma mibnijin dawn il-movimenti huma ta'

ħafna suriet. Il-proġetti, il-fehmiet, il-politika tagħhom ivarjaw ħafna u ħafna drabi jistgħu jagħtu l-lala li jiġu strumentalizzati minn xi partit. Iżda huma x'inhuma s-suriet tagħhom, juru xewqa kbira u sinċiera ta' paċi.

Għalhekk ma jistax ikun li ma nisseħħibx mal-ħsieb tagħkom li tappellaw lill-opinjoni tan-nies sabiex verament mad-dinja kollha kulħadd iħoss x'riskju li jbeżża' hi gwerra u hekk ma' kull imkien jinbet spirtu veru ta' paċi...

It-trattativi

8. Kif inhi l-qagħda llum, diskussjoni biex ikun hemm bilanċ fl-armi tal-gwerra, mhux bħala skop ta' l-aħħar imma bħala pass 'il quddiem fit-triq għal diżarm progressiv, tista' titqies bħala moralment aċċettabbli.

Iżda biex tiġi żgurata l-paċi mhux biżżejjed tkun kuntent b'dak li hu l-inqas li jista' jkollok u li fl-istess ħin hu dejjem mgħobbi b' periklu veru li tfaqqa' xi gwerra.

X'nagħmlu mela? Sakemm ma hemmx awtorità 'l fuq min-nazzjonijiet kollha, bħal dik li jsemmi l-Papa Ġwanni XXIII fl-enċiklika *Pacem in terris*, awtorità li wieħed kien jittama li se jsib fl-Organizazzjoni tal-Ġnus Magħquda, issoluzzjoni waħdanija li hemm kontra t-theddida ta' gwerra huma t-trattativi. Nixtieq hawn infakkafkom f'xi kliem ta' Santu Wistin li semmejtu drabi oħra: "Eqirdu l-gwerer bil-kliem tat-trattati, imma teqirdux il-bnedmin bixxwabel." Illum ukoll irrid nistqarr quddiemkom il-fiduċja tiegħi fi trattativi leali ħa jinstabu soluzzjonijiet ġusti skond is-sewwa. Dawn it-trattativi jitolbu sabar u jitolbu li jibqgħu dejjem sejrin bla ebda qtigħ ta' qalb, u jridu jwasslu għat-tnaqqis ekwilibrat tal-armamenti, tnaqqis li jsir minn kulħadd flimkien u li jkun ikkontrollat internazzjonalment.

Biex inkun aktar preċiż, l-iżvilupp li hemm issa fl-armamenti qiesu qiegħed iwassal biex is-suriet kollha ta' l-armi tal-gwerra jkunu dejjem aktar marbutin ma' xulxin. Kif se jkollok nuqqas ekwilibrat ta' l-armamenti f'qagħda bħal din, meta t-trattativi ma jsirux dwar l-armi kollha tal-gwerra? Dwar dan, jekk l-istudju ġa mibdi mill-Organizzazzjoni tagħkom ta' "programm sħiħ ta' diżarm jitkompla", dan jista' jwassal b'aktar ħeffa għall-koordinament ta' kull ħidma għad-diżarm u fir-riżultati li jinkisbu jkun hemm aktar veritaà, aktar ekwità u jkunu aktar effikaċi.

Mhux l-armi nukleari biss

9. Fil-fatt, mhux l-armi nukleari biss iwasslu għall-gwerra u għall-ħerba. Il-produzzjoni u l-bejgħ tal-armamenti konvenzjonali mad-dinja kollha, huma fenomenu li tassew jallarmak, u, milli jidher, hu fenomenu li qiegħed dejjem jiżdied. It-trattativi dwar iddiżarm qatt ma se jkunu sħaħ jekk ma jqisux il-fatt li 80 fil-mija talispejjeż għall-armi tal-gwerra jintefqu fl-armamenti konvenzjonali. It-traffiku f'dawn l-armamenti qed jiżviluppa b'ħeffa dejjem akbar u qiegħed isir l-aktar fil-pajjiżi li għadhom jiżviluppaw. Kull pass li jsir, kull tentattiv li jittieħed biex inaqqas din il-produzzjoni u dan it-traffiku, u biex verament jik-

kontrollah b'mod aktar effettiv, hu kontribut li jfisser ħafna għall-kawża tal-paċi.

Fatti li ġraw dan l-aħħar juru l-qawwa qerrieda tal-armamenti konvenzjonali u għal-liema kondizzjonijiet tal-biki jikkundannaw lilhom infushom dawk il-pajjiżi li jfittxu dawn il-mezzi ħa jirregolaw id-differenzi ta' bejniethom.

10. Iżda mhux biżżejjed tqis in-numru tal-armi nukleari u tal-armamenti konvenzjonali li hemm. Wieħed għandu jqis ukoll, b'mod tassew speċjali, kemm qed jiġu ipperfezzjonati permezz ta' teknika ġdida li tassew imxiet ħafna 'l quddiem, għax hija proprju din waħda mir-raġunijiet ewlenin tal-ġirja fl-armamenti tal-gwerra. Jekk ma tagħtix każ ta' dan, tkun tqarraq bik innifsek u lill-bnedmin li tant jixtiequ l-paċi tkun qed toffrilhom biss illużjoni.

Ir-riċerka u t-teknoloġija għandhom ikunu għall-qadi tal-bniedem. Fi żmienna qed nużawhom u nabbużaw bihom għal ħafna għaniet oħra. Jiena u nkellem, nhar it-2 ta' Ġunju 1980, lin-nies tal-kultura u tax-xjenza fl-assemblea tal-UNESCO żviluppajt dan is-suġġett. Ippermettuli llum ukoll nissuġġerilkom li persentaġġ mhux żgħir tal-flus ivvutati għat-teknoloġija u x-xjenza tal-armamenti, tirriservahom biex tiżviluppaw kull ma hu meħtieġ biex il-ħajja u l-ħena tal-bnedmin ikunu tassew imħarsa.

Niżviluppaw l-għaqda bejn il-popli

11. Fid-diskors tiegħu lill-UNO fl-4 ta' Ottubru 1965, il-Papa Pawlu VI xandar verità tassew għolja meta qal: "Il-paċi ma tibnihiex biss fil-qasam tal-politika u ta' l-ekwilibrju tal-forzi u ta' l-interessi. Timbena bl-Ispirtu, bil-fehmiet u l-egħmejjel tal-Paċi". Il-frott ta' l-Ispirtu, tal-fehmiet tal-bniedem, tal-kultura u tad-dehen u l-ħila li toħloq tal-popli, huwa hemm biex jinqasam bejn kulħadd. L-istrateġija tal-paċi li tibqa' biss fuq livell tekniku u xjentifiku, li tgħid biss kif għandu jkun l-ekwilibrju fl-armamenti u kif se jiġu kontrollati, ma tasalx biex tiżgura l-paċi jekk ma jseħħux u jissaħħux rabtiet bejn il-popli kollha flimkien. Agħtu lilkom infuskom il-mezzi li jwasslu l-popli kollha ħa jaqsmu bejniethom il-kultura u l-valuri tagħhom. Warrbu dawk l-interessi dgħajfin li jwasslu biex nazzjon tkun tiddependi għal kollox minn nazzjon oħra fil-qasam ekonomiku, soċjali u politiku. Bl-istess spirtu għandha tiġi studjata u mwettqa bl-egħmil il-ħidma ta' nies kwalifikati li juru x'rapport hemm bejn diżarm u żvilupp. M'hijiex ħaġa ġdida taħseb li l-flus ivvutati għall-iżvilupp tal-armamenti jistgħu jiġu ttrasferiti għall-iżvilupp tal-popli, iżda din l-idea tibqa' dejjem tiswa u s-S. Sede ilha li għamlitha tagħha. Kull riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU f'dan is-sens ikollha l-approvazzjoni u l-appoġġ tal-bnedmin kollha, irġiel u nisa, ta' rieda tajba.

Meta jitwaqqfu rabtiet u rapporti bejn il-popli, dan ifisser li nstabu mill-ġdid u qed jerġgħu jseħħu l-valuri kollha li jsaħħu l-paċi u li jgħaqqdu l-popli flimkien f'armonija sħiħa; dan ifisser ukoll it-tiġdid ta' dak li hu l-aħjar fil-qalb tal-bniedem, li qed ifittex il-ġid tal-oħrajn fil-fraternità u l-imħabba.

Jeħtieġ tintrebaħ il-kriżi morali tad-dinja

12. Nixtieq inżid ħsieb ieħor. Il-produzzjoni u l-pussess ta' l-armamenti huma konsegwenza ta' kriżi morali li qiegħda tolqot is-soċjeta' fid-dimensjonijiet kollha tagħha, politika, soċjali, ekonomika. Il-paċi, għidtha kemm-il darba, hi l-frott tar-rispett tal-prinċipji morali. Il-veru diżarm, dak li jiggarantixxi l-paċi, bejn il-popli ma jseħħx jekk ma tintemmx din il-kriżi morali. L-isforzi biex jitnaqqsu l-armamenti u, mbagħad, id-diżarm sħiħ, jekk ma jkunux imseħbin ma' tiġdid morali, mhux se jirnexxu.

Jeħtieġ isir tħabrik biex id-dinja tkun f'qagħda li twarrab il-konfużjoni li hemm fl-imħuħ minħabba t-tfittxija biss ta' interessi u privileġġi partikolari jew minħabba d-difiża ta' dak li jippretendu xi ideoloġiji: din hija l-ħidma li trid issir qabel kull ħidma oħra, jekk wieħed irid jimxi 'l quddiem fil-ġlieda għad-diżarm. Inkella ma jkunx hemm ħlief illużjonijiet.

Għaliex il-kawża vera tan-nuqqas ta' sigurtà li hawn fid-dinja llum hija l-kriżi kbira li hemm fost il-bnedmin. Illum kulħadd iħoss kemm hi ħaġa fiergħa l-gwerra u jaqbel li jinħolqu kondizzjonijiet materjali u spiritwali li jnaqqsu d-differenzi koroh li hemm bejn il-bnedmin u li jingħata 'l kulħadd ftit spazju għal-libertà tal-ispirtu.

Il-problema tal-birth-control u tal-planned parenthood għadha ma ġietx maħlula għal kollox, la mill-'*Humanae Vitae*' u l-anqas mis-Sinodu tal-Isqfijiet. Xi Teologi jħossu li l-Knisja għad għandha passi oħrajn x'tagħmel biex tkun waslet għall-konklużjoni loġika tad-duttrina tal-Konċilju Vatikan II fuq l-att taz-Żwieġ bħala parti integranti tal-imħabba bejn zewġ mizzewġin. Għalkemm id-duttrina uffiċjali tal-Knisja ammettiet il-planned parenthood bħala bażi ta' żwieġ meħud bħala totalità, hemm diffikoltà fl-att singolu li jkun maħsub li ma jwassalx għal twelid ġdid, ovvjament fil-każijiet fejn id-deċiżjoni tkun inħadet b'ċertu sens ta' responsabbiltà mdawla bil-fidi filpjan t'Alla. Hemm każi fejn hemm verament każ ta' konflitt sinċier fil-kuxjenza tal-miżżewġin, li forsi għad jagħtu ċans iktar lit-teologi jiddiskutu, u li forsi tasal ukoll għal xi żvilupp fid-duttrina tal-Knisja. B'hekk l-att ta' mħabba fiżika bejn il-miżżewġin ikun ukoll ħa l-importanza li fit-teorija għandu fil-Gaudium et Spes, fil-praxis tal-Knisja u tal-ħajja miżżewġa.

5. Is-sagrament taż-Żwieġ fih aspett ekkleżjali. Insibu ħjiel ta' dan l-aspett fl-'*Arcanum*' tal-Papa Piju XI, Ljun XIII li jgħid li ż-żwieġ nisrani mhux biss huwa mifhum li jżid il-ġens uman, imma wkoll "ad ingenerandam Ecclesiae sobolem". Fil-'*Casti Connubii*' il-Papa Piju XI jgħid li d-dmir talmiżżewġin ma jwassalx biss għallġenerazzjoni tal-ulied; iżda l-'bonum prolis' jinkludi wkoll l-edukazzjoni dejjiema tat-tfal, umana u reliġjuża. Dan insibuh ukoll fil-Gaudium et Spes li anke żżid li l-familja trid tkun espressjoni ta' komunità nisranija li trid tespandi wkoll għal xhieda fi ħdan il-komunità ekkleżjali (GS 52).

6. Hemm ukoll żvilupp enormi forsi l-iktar dovut għall-kultura fl-ideja tar-relazzjonijiet umani bejn il-miżżewġin. Fl-'*Arcanum*' ir-raġel huwa msejjaħ il-'Princeps familiae', li jrid jiġi obdut mill-mara, anki jekk "mhux bħala seftura iżda bħala soċja". Fil-*Gaudium et Spes* jingħad li fil-familja hemm bżonn li jkun hemm "il-kooperazzjoni ta' mħabba bejn il-membri kollha" (GS 48).

7. L-Isqfijiet Taljani f'dokument ta' xi snin ilu fuq iż-Żwieġ kienu kkummentaw fuq il-fatt li żżwiġijiet ċivili kienu qed jiżdiedu ġewwa l-Italja. L-Isqfijiet Taljani qalu li hemm bżonn noqogħdu attenti ħafna li l-isforzi tagħna favur is-sagrament taż-żwieġ ma nagħmluhomx bħala ġlieda ta' numri ta' żwiġijiet ċivili u żwiġijiet reliġjużi.

Trid tkun ġlieda strettament ta' fidi, ta' individwi. Niftakru li ebda statistika mhi se tfisser il-ħajja reliġjuża ta' pajjiż, għax din tiddependi biss fuq l-impenn ta' fidi

tal-insara. Għalhekk irridu niftakru fir-responsabbiltà li taqa' fuqna bħala saċerdoti biex nagħmlu fidi soda u idejal ta' ħajja soda fuqhiex tinbena ħajja familjari tassew Nisranija.

Fl-'Arcanum' u fil-'Casti Conubii', għandna ħafna insistenza fuq id-doveri tal-istat biex jilleġisla fuq iż-żwieġ. Il-Konċilju, fil-*Gaudium et Spes* (n. 52) jafda f'idejn il-poplu nisrani; u mhux f'idejn il-gvernijiet l-impenn biex jerġgħu jibnu l-ħajja konjugali tassew nisranija. Għalhekk għan-nisrani mhux biżżejjed, għalkemm tajjeb, li nikkritikaw il-leġislazzjoni ċivili, iżda jenħtieġ li nimpenjaw ruħna biex immexxu lill-poplu tagħna għal qawmien ġdid fil-ħajja nisranija u miżżewġa tiegħu.

2. Iż-Żwieġ nisrani bħala Esperjenza Kristjana

Hemm diversi modi kif wieħed ifisser xi tfisser il-ħajja bħala esperjenza nisranija. Hemm ċerti modi ta' ħajja li qed jgħixu ċerti nsara li mhumiex ċertament esperjenza kristjana, eżempju l-Kristjaneżimu tal-Massa jew il-Kattoliċeżmu tradizzjonali, li jiddependi biss mill-appoġġ tal-massa. Irriżultat hu, li meta dan l-imgħammed isib ruħu jew f'ambjent dekristjanizzat, bħal fl-emigrazzjoni, jew inkella mingħajr l-appoġġ talmassa, bħal fuq ix-xogħol iħossu mitluf, u jitlef dik l-ispeċi ta' fidi li jkollu.

Ir-raġuni prinċipali ta' dan kollu, skond l-ideja tiegħi hi li f'ħafna insara mhux qed issir dik ilkonverżjoni, il-metanoia, jew maturazzjoni fil-fidi, li hija parti millesperjenza Kristjana. Fl-ewwel żminijiet tal-Knisja meta l-fidi kienet tiġi mis-smigħ tal-kelma, ilmument tal-bidla spiritwali kienet tiġi fl-istess mument tal-bidla interna — psikoloġika. Issa, ovvjament, minħabba li aħna l-Magħmudija nagħtuha meta n-nisrani jkun għadu tarbija — li jien naqbel magħha — din il-maturazzjoni spiritwali trid issir wara. Din ilmaturazzjoni ma tikkonsistix biss filli wieħed jitgħallem duttrina: trid tkun esperjenza eżistenzjali, li fiha wieħed iqis li qed tbiddillu ħajtu, li qed tagħtih xejra u viżjoni ġdida tal-ħajja.

Din l-esperjenza kristjana trid tkun personali kif qal il-Papa Ġwann Pawlu II. Kull bniedem hu uniku u irrepetibbli, ma nistgħux nimmassifikawh. Hekk ukoll, l-esperjenza Kristjana tiegħu ma nistgħux nimmassifikawha: trid tkun esperjenza inter-personali — bejn Alla u l-bniedem — unika u irrepetibbli. Kull wieħed irid isib it-triq tiegħu lejn Alla, skond il-karattru tiegħu, skond iċ-ċirkustanzi tiegħu, skond il-grazzji tiegħu.

Qed ngħid dan għaliex jekk irridu nfittxu l-qagħda tal-familja nisranija f'pajjiżna llum, irridu l-ewwel nagħmlu riflessjoni fuq il-qagħda ta' dawk li qed jidħlu fi żwieġ nisrani. Infatti, b'anologija ma' dak li diġa' għidna, kull żwieġ irid ikun esperjenza nisranija mgħejxa filkoppja; jekk kull persuna hija unika u irrepetibbli, anki din l-esperjenza trid tkun esperjenza proprja ta' kull koppja, unika u irrepetibbli.

Naħseb li l-approwċ tagħna lejn l-esperjenza taż-żwieġ kien qed ikun xi daqsxejn impostat ħażin. Konna qegħdin ngħallmu lill-għarajjes fuq duttrini, fuq metodi, eċċ., li huma kollha tajbin, iżda fuq res-

ponsabbiltà nisranija bbażata fuq dik ta' Kristu, xejn. Xi drabi żżwieġ kien qed jiġi mifhum millgħarajjes stess bħala żwieġ naturali, li miegħu hemm magħquda xi liġijiet, bħalma huma kontra l-adulterju, id-divorzju, eċċ. Fil-fatt dan l-aspett huwa żbaljat. In-nisrani jrid l-ewwel jgħix l-esperjenza nisranija, iħoss li kull ma jagħmel għandu sinjifikat ħafna ikbar u profond. Minn hemm jasal biex jifhem li hu mhux qed jitlef xi ħaġa għax qed jgħix ta' nisrani, iżda din tfisser rejaltà ġdida. Hekk ukoll fiż-żwieġ nisrani: il-koppja mhux l-ewwel miżżewġin, imbagħad tiġi l-kategorija ta' dawk li jridu joqogħdu għal xi liġijiet. Huma l-ewwel insara, li qegħdin, bħala koppja, isibu rwieħhom quddiem Alla, li tahom bħala sejħa proprja tagħhom iż-żwieġ u l-familja. Hawnhekk nistgħu nitkellmu f' konflitt ta' kuxjenza fiż-żwieġ, f' kuxjenza responsabbli, u forsi mhux fil-każ ta' wieħed li jrid biss ikun on the safe side, li jrid iserraħ il-kuxjenza, għal li jista' jinqala'.

Għalhekk, biex naraw il-problemi tal-familja Maltija llum, ikollna wkoll u qabel kollox, neżaminaw lil dawk li jagħmlu familja u dak li jinfluwenzahom.

a) qegħdin fi żmien ta' materjaliżmu kbir. Dan kellu l-effett tajjeb tiegħu għax in-nies issa qegħdin jgħixu aħjar f'ħafna pajjiżi. Iżda, kif qal il-Card Ratzinger fid-Diskors li għamel fil-ftuħ tal-aħħar Sinodu tal-Isqfijiet, f'dan il-proċess tlifna ħafna mit-tradizzjonijiet, mill-kultura, mill-valuri, mingħajr ma tpoġġa xejn minflokhom. Magħqud ma' dan il-materjaliżmu hemm is-sens li pjaċir tal-fument huwa l-aktar validu.

b) Qegħdin fi żmien ta' konsumiżmu kbir. Fil-psikoloġija nbniet mentalità li tibża' minn dak li jdum għax jeqdiem. Fl-isfera tal-Etika, riżultat ta' dan kienu s-Situation Ethics, fejn is-sitwazzjoni li tinbidel tibni l-ħajja u l-valuri. Fil-każ tal-individwi, hemm il-biża' li jintrabtu ma' xi ħaġa: e.g., fil-każ tal-libertà u l-magħmudija tat-trabi; fil-każ tal-fenomenu tan-nuqqas ta' twemmin fl-eternità anki fost il-Kattoliċi, eċċ.

c) Waħda mill-influssi kbar ta' żmienna hija wkoll it-teknoloġija. Il-bniedem modern sar jippjanifika kollox. F'min jippjanifika kollox, jonqos bilfors il-bżonn ta' ċerta dipendenza minn forzi akbar minnu, eż. is-sens ta' dipendenza mill-Provvidenza t'Alla. Qabel, il-ħajja f'Malta kienet prinċipalment agrikola: il-bidwi huwa viċin tan-natura u għandu ġo fih l-inċertezza talfutur: jiddependi mix-xemx, mix-xita, mir-riħ. Iħossu grat ta' dak li għandu u jħares lejn il-futur b'ċertu ftuħ għax l-affarijiet qatt ma jistgħu jiġu ppjanati eżattament. Min-naħa l-oħra għandna l-bniedem li jgħix f'belt, li biex ikollu l-kumditajiet kollha biżżejjed jagħfas buttuni tad-dawl, sħana, eċċ. Għandu ħafna inqas kuntatt ma' Alla permezz tan-natura: għandu wisq affarijiet li jistgħu jmexxulu ħajtu mingħajr dak is-sens ta' dipendenza minn xi ħadd akbar minnu. Għalhekk il-bniedem ħafna drabi jsib ruħu frustrat meta l-affarijiet ma jiġux skond dak li jkun ippjana.

Naħseb li dan biżżejjed biex nuri, li forsi hija l-viżjoni totali talħajja li rridu nippreżentaw b'mod differenti. B'mod speċjali, naħseb

li ebda esperjenza Kristjana ma tista' tingħad li hi valida jekk mhux f'kuntest ta' sforz kuraġġjuż u tas-Salib.

Jeħtieġ li f'kull nisrani jidħol — u forsi nibdew minna s-saċerdoti wkoll — is-sens ta' missjoni, ta' sforz li tagħtina s-sejħa tagħna bħala nsara. Hafna drabi, aħna, u allura wkoll l-insara fdati f'idejna, dħalna f'ċertu passiviżmu u naċċettaw il-ħajja bl-influssi kollha li jistgħu jiġu minn soċjetà li tkun ateja. L-eżempju fid-dinja tax-xogħol, fejn, b'ħaddiema kollha nominalment għall-inqas kattoliċi, rari jissemma l-messaġġ nisrani. Irridu nifhmu aħna l-ewwelnett, u nfehmu, li l-Magħmudija mhijiex fatt soċjoloġiku u ta' kumbinazzjoni, iżda għażla ta' persuni minn Alla, għażla li għalkemm mhijiex daqshekk ċara daqs kemm kienet tal-Appostli, hija madankollu vera u reali. Ma' din l-għażla hemm ukoll is-sejħa għal forma ta' ħajja speċjali. U hawnhekk, forsi aħna wkoll kellna daqsxejn ta' żball għax il-kelma 'vokazzjoni' (sejħa), illimitajniha biss għas-sejħa reliġjuża u saċerdotali, mentri Alla jsejjaħ lil kulħadd biex jieħu sehem fil-pjan tiegħu. U dan il-fatt jgħodd ukoll għall-koppji miżżewġin. Hija sejħa biex jibnu, biex ikollhom idejat ċari x'se jibnu fil-ħajja miżżewġa tagħhom, u li din is-sejħa ħaqqha sforz għallinqas daqs l-isforz li jagħmlu biex itejbu l-eżistenza materjali tagħhom.

It-tieni idea li hemm bżonn li tagħti inċentiv lill-insara kollha, u allura anki lill-koppji miżżewġin, hija li l-ħajja nisranija ma tistax tinfired mis-Salib. Ir-raġuni hija ovvja: il-Mexxej tagħna, Kristu għadda mis-salib biex ifehma li l-ħajja fuq din l-art, meta wieħed jgħixha b'ċertu sens ta' valuri u ta' missjoni, hija taqbida minħabba l-preżenza tad-dnub. U forsi kif nafu lkoll mill-qrar, ħafna drabi s-slaleb stess ikunu ta' tfixkil għall-insara, li ħafna drabi jwassalhom ukoll biex jitilfu l-fidi tagħhom. Ir-raġuni hi, li taħt kull qoxra esterna, ħafna nsara għadhom jemmnu li tkun nisrani jaqbel, għaliex Alla — li jmexxi wkoll il-ħwejjeġ fuq din l-art — se jibbenefikak. Hija l-istess problematika tas-Salmista, ta' Ġob, u tal-Poplu Lhudi fl-Antik Testment. Ma nistgħux nifhmu — anki jekk nemmnu fi Kristu — li Alla jista' jippermetti li l-maħbubin tiegħu jbatu: inħossu sens ta' inġustizzja quddiem is-salib. Hemm bżonn li nhejju aħjar lill-insara jaraw l-id ta' Alla wara kull ħaġa li tiġrilna anki jekk din hi salib. Jeħtieġ atteġġjament ta' fidi, li bih nagħarfu li la Alla ħareġ il-Ħajja u s-Salvazzjoni, mix-xejn tas-Salib u tal-Mewt, hekk ukoll għandu l-qawwa li mis-slaleb tagħna joħroġ it-tajjeb, mid-dnubiet tagħna joħroġ il-maħfra.

Koppja ta' miżżewġin insara ma jistgħux jgħixu esperjenza ta' mħabba f'xulxin u fi Kristu, jekk huma ma jaffrontawhiex b'sens li qed jibnu xi ħaġa fil-missjoni tagħhom, u b'sens tal-qawwa ta' Alla anki wara s-Salib.

3. Elementi li qed jinfluwenzaw il-Familja Maltija llum

Fil-kuntest soċjali li qegħdin ngħixu fih, liema huma l-prijoritajiet li għandna nagħżlu f'każ ta' pastorali fost il-miżżewġin?

Is-soċjetà nisranija hawn Malta baqgħet tiddependi wisq mill-

grupp, mit-tradizzjonijiet li jiġu mgħoddija minn ġenerazzjoni għall-oħra. Din narawha ħafna drabi fl-influss li jkollhom il-ġenituri fuq uliedhom, kemm dawk li jgħixu hawn Malta, kif ukoll, b'mod speċjali, fuq l-insistenza li jagħmlu fuq l-ulied emigranti tagħhom biex jagħtu s-sagramenti lil uliedhom. Din ma jkollix dejjem frott tajjeb: xi drabi t-tfal jirċievu s-sagrament, mingħajr ma jkollhom ċans li jipprattikawh f'art oħra għax il-ġenituri ma baqgħux jipprattikaw.

Din is-sitwazzjoni forsi qed issir aktar akuta wkoll f'pajjiżna minħabba fl-oqsma ta' djar ġodda li qegħdin jinbnew. Ħafna drabi dawn il-koppji qegħdin jinqatgħu mill-grupp familjari tagħhom, u jsibu ruħhom weħidhom, f'ambjent fejn mhemmx l-għajnuna tal-valuri tradizzjonali u ta' kultura taxxjuħ. Xi drabi dan l-ambjent ikun u jibqa' spersonalizzanti u anonimu, għax mhemmx lok fejn issir soċjetà vera. Mhemm l-ebda ħaġa li tgħaqqadhom ħlief il-bżonn ta' djar, u dan qatt ma għamel ħbieb. Għalhekk inqis li l-pastorali f'dawn iż-żoni ġodda trid tieħu aspett l-ewwelnett ta' bini ta' soċjetà iktar umana, ta' lok ta' laqgħa bejn iddiversi koppji, u ftit ftit tinbena dak is-sens kristjan ta' mħabba anki fil-familji stess, u ta' għajnuna reċiproka. F'dawn l-estates l-infedeltà hija tentazzjoni iktar ħajja, l-aktar meta l-mara tkun iddar il-ġurnata kollha, mingħajr ma tibni l-kuraġġ li tkun taf lill-oħrajn. Naħseb li hawn is-saċerdot għandu dmir kemm kristjan kif ukoll soċjali.

b) Il-ħajja qed issir dejjem iktar spersonalizzata: il-bniedem qiegħed jitlef l-identità tiegħu u jsir sempliċi numru fi grupp. Din l-istess sensazzjoni tista' tinħass ukoll fil-Knisja, meta xi whud iħossuhom mitlufin fi Knejjes kbar fost nies li jibqgħu bogħod minn xulxin.

Forsi din hija r-raġuni li l-Jehovah's Witnesses qed jagħmlu xi konverżjonijiet: qed jagħtu lil dak li jkun is-sens of belonging, li fih wieħed iħossu importanti. Għalkemm forsi diġa' mbeda xi ħaġa f'Malta permezz tal-Grufan tal-Moviment ta' Kana, u tal-Moviment tal-Focolarini: forsi għad fadal ħafna xi jsir biex il-familja bħala familja tħoss ruħha involuta fil-Knisja, tħossha importanti fil-bini tal-Knisja.

c) Din hija era ta' inċertezza: qed issir kritika fuq kull aspett talħajja. Fiż-żwieġ din tieħu ħafna forom: fosthom, id-'divorcist mentality' — li wieħed mhux jipprova jaffronta d-diffikultajiet li jinqalgħu fir-relazzjoni personali, iżda jipprova jinfired mal-ewwel; il-fatt li wieħed bilkemm jemmen meta koppja jgħidu li għexu żmien twil ma' xulxin u għelbu d-diffikultajiet. Għalhekk hemm bżonn li jsir aktar sforz fuq il-preżenza ta' Kristu fiż-żwieġ, fuq it-talb, u fuq l-umiltà. Wieħed għandu jkun lest li jaċċetta li jiżbalja, u li għalhekk pjuttost ikun lest li jmur lura milliżball, milli jsib is-soluzzjoni faċli ta' wieħed li jaħrab fid-divorzju. Id-divorzju f'ħafna każijiet huwa ħarba mir-responsabiltajiet, f'egojiżmu li jħares biss lejh innifsu.

d) Hemm imbagħad l-image taż-żwieġ u tas-sess li rridu wkoll inqisu, li qed tingħata mill-Mezzi tax-Xandir lill-Massa.

Il-mara qed tiġi aktar sfruttata

bħala oġġett, minflok meqjusa bħala persuna. Minħabba dan, ħafna fiż-żwieġ mhux qed jidħlu b'disponibilità tajba. (Forsi nistgħu nagħmlu daqsxejn ta' nota fit-teoloġija morali: qed issir differenza bejn ġenitalità u sesswalità. Genitalità hija proprju l-użu tas-sess; sesswalità hija l-komponent kollu li jagħmel mara mara — fiżikament, emotivament, psikoloġikament — u raġel, raġel).

Hafna drabi l-għarajjes qed ikollhom jistennew snin biex jiżżewġu minħabba problemi ta' djar, ta' flus, eċċ. Hafna drabi, anki minħabba l-influss ta' films, eċċ. huma jiskopru s-sess qabel iżżwieġ, bil-konsegwenza li wara żżwieġ mhux se jiskopru flimkien il-lat fiżiku taż-żwieġ flimkien marresponsabbiltà li jagħmlu familja, l-għaqda u l-istint li nsibu fin-natura. L-għażla li jridu jagħmlu l-għarajjes fiż-żwieġ hija waħda ta' responsabbiltà biss, ħaġa li mhux kollha lesti li jagħmlu.

U forsi l-agħar li jiġi ppreżentat hija l-image li qed tingħata tar-relazzjoni inter-personali. Tant daħlet l-ideja li s-sess huwa l-iktar ħaġa li tiddetermina r-relazzjoni bejn il-bnedmin, li f'din l-epoka ma nistgħux naħsbu f'imħabba platonika, ma nistgħux naħsbu f'perijodi li fih anki koppja miżżewġa jkollha tastjeni mill-att taż-żwieġ minħabba valuri oħrajn. Allura nistgħu nifhmu wkoll għaliex kultant anki f'ċerti inħawi ta' pajjiżna, l-infedeltà sesswali bħala eżiġenza qed tiġi aċċettata, forsi anki apertament.

e) Il-familja maltija, bħal kull familja oħra tal-punent, hija nfluwenzata mill-contraceptive mentality, li hija magħquda mal-pjanifikazzjoni tal-familja. Il-'contraceptive mentality' hija perikoluża għax ma tħallix spazju għal fallliment u bħalma ma nafu, l-ebda kontraċettiv mhu ċert mija fil-mija. Ir-riżultat ikun jew li wieħed jirrikorri għall-abort, jew, f'dawk li filkuxjenza ma jħossux li jagħmlu l-abort, għal ġertu oppożizzjoni lejn it-tfal li jitwieldu. Dan ifisser tfal b'emozzjonijiet instabbli, jew psikożi, jew inċidenza ta' delinkwenza aktar.

Konklużjoni

X'nistgħu nagħmlu quddiem din is-sitwazzjoni: Nistgħu ngħidu kemm konna aħjar qabel: minbarra li mhux bilfors li dan ikun veru. B'dan l-atteġġjament ma nibnu xejn.

Nistgħu naċċettaw dawn it-tibdiliet passivament u naċċettawhom b'għajnejna magħluqin. Dan ukoll huwa żball. Aħna nemmnu f' messaġġ proprju li jrid jiġi attwat fiċ-ċirkustanzi taż-żminijiet, mhux meqrud.

Għandna nikkunsidraw dawn l-aspetti, nistudjawhom, u ngħinu lill-familji tagħna biex jibnu l-esperjenza kristjana tagħhom. Jeħtieġ nisimgħuhom bl-umiltà, għax aħna wkoll għandna x'nitgħallmu minn għandhom. Meta nagħtu każ ta' dawn il-fenomeni nkunu nistgħu nibnu fuqhom pastorali tal-Komunità Ekkleżjali Maltija. Nagħtu iktar importanza lill-qrar bħala Djalogu. Il-qrar m'għandux ikun elenku ta' ħtijiet li wieħed isemmi biex jitħassru. Huwa djalogu li jrid jinbena bejn is-saċerdot u n-nisrani, għajnuna li trid tingħata personalment lil kull individwu, lil kull żwieġ. B'hekk biss, forsi nistgħu nagħtu ċans lil ħafna koppji insa-

ra oħra li qegħdin ifittxu sinċerament l-esperjenza kristjana biex isibu lil Kristu f'ħajjithom u f'imħabbithom.

1. 'Optatam Totius', n. 16.
2. Id-Dokumenti fuq iż-Żwieġ u l-Familja Nisranija li ħarġu f'dan l-aħħar mitt sena. L-'*Arcanum*' li kien ħareġ il-Papa Ljun XIII fl-1880; il-'*Casti Connubii*' tal-1930, maħruġa minn Piju XI; xi diskorsi tal-*Papa Piju XII*, fosthom diskors li kien għamel fl-1951 lill-Qbiela; il-'*Gaudium et Spes*' tal-Konċilju Vatikan II; -'*Humanae Vitae*' tal-Papa Pawlu VI, u d-*Dokument tal-aħħar Sinodu* tal-Isqfijiet fuq il-Familja.
3. "Christus effecit... ut coniuges coelesti gratiam... sanctitatem in ipso coniugio adipiscerentur" jiġifieri Kristu għamel hekk li l-miżżewġin jirċievu l-grazzja divina u l-qdusija fiż-żwieġ stess.
4. "Matrimonii finis primarius est procreatio atque educatio prolis, secundarius mutuum adiutorium et remedium concupiscentiae".

IL-MASS MEDIA U L-FAMILJA

Rev. J. Borg

1. Introduzzjoni

Nixtieq nirrakkonta żewġ anneddoti li smajt meta kont għal. seminar f'Milan. Tony Black tal-"Independent Broadcasting Authority" semma każ ta' mara xiħa illi hija ffissata dwar it-t.v. Qabel ma torqod tbus is-sett tat-t.v., qisu kien wieħed minn uliedha. Imbagħad titfih. Semma każ ta' mara oħra illi l-ħin kollu tara t-t.v. Saħansitra ddaħħlu magħha fil-kamra tal-banju. Iżda mqanqla minn spirtu qawwi ta' diċenza nisranija, tgħattih b' xugaman meta tkun qed tinħasel li ma jmorrux jarawha l-artisti tat-t.v.

2. Mhux kollha l-istess

Jista' jkun li jkun hawn min jipprotesta u jgħid illi dawn huma każi eċċezzjonali. Li hu jaf ħafna li mhumiex hekk. U dan kollu veru. Hawn ħafna li l-media jużawhom anqas minn oħrajn u allura jinfluwenzawhom anqas minn ħaddieħor. Dan iġibna għall-punt importanti. Nagħmlu ħażin jekk inqisu l-mass media u lill-familja bħaċ-ċiniżi proverbjali: jiġifieri kollha ta' wiċċ wieħed. Hemm sistemi ta' mass media differenti. U hemm familji u familji. Mhux kollha l-istess.

Hemm sistemi ta' mass media mibnija fuq stil totalitarju. Oħrajn ikunu aktar demokratiċi. Hemm sistemi kummerċjali. Oħrajn edukattivi. Hemm familji b'saħħithom u magħqudin. Hemm oħrajn imfarrkin u mifrudin. Hemm pajjiżi fejn issistema tagħhom ma tinkludix it-t.v.; oħrajn fejn it-t.v. huwa dominanti. Imbagħad hemm familji li forsi m'għandhomx t.v. jew jarawh ftit kuljum biss. Insomma biex niddiskutu d-dinamika ta' bejn il-mass media u l-familja rridu nkunu konxji ħafna illi r-relazzjoni hi komplikata u tiddependi minn ħafna fatturi.

Fil-bidu ta' dan is-seklu kienet popolari ħafna t-Tejorija tas-Siringa. Teorija li għadek issib diversi li jħaddnuha

mingħajr ma jafu biha. Skond din it-teorija l-mass media jaħdmu fuq is-soċjetà u fuq il-familji bħal siringa. Ikollhom effett dirett u jkollhom l-istess effett fuq kulħadd. Iżda dan mhux korrett. Hemm ħafna fatturi intermedjarji.

2.1 X'importanza jingħataw

L-influwenza tal-mass media fuq il-familja tiddependi ħafna mill-importanza li din tagħti lil dawn il-mezzi. Uħud mill-fatturi li jżidu jew inaqqsu din l-influwenza huma: l-kredibbiltà; l-attenzjoni; l-importanza mill-gruppi li jagħmluha magħhom.

Jekk il-familja tqis bla kredibbiltà jew bi kredibbiltà żgħira medium partikulari, dan żgur li jkollu influwenza żgħira. Jekk il-familja tqis gazzetta partikulari bħala "ta' kontrina" jew stazzjon tat-t.v. bħala "kollu propaganda" ma tantx jemmnu fli jiktbu fiha jew jaraw fih.

L-istess jekk il-programmi jarawhom waqt l-ikel, f'nofs id-diskussjonijiet tagħhom, jiġifieri meta l-attenzjoni tkun żgħira eċċ. Din bħal xabla taqta minn żewġ naħat. Meta wieħed jisma' b'attenzjoni, jistgħu jinfluwenzawh aktar, iżda jista' wkoll ikun aktar kritiku għalihom. Meta wieħed jisma' b' attenzjoni żgħira jew ma jagħtix każhom jew jiblagħhom bħal brodu li jkollu quddiemu waqt l-ikel.

Tgħodd ħafna wkoll l-importanza li jagħtu lill-medium partikulari l-grupp li jagħmluha magħhom. Jekk il-missier meta jkun fuq ix-xogħol, l-omm għand tal-ħaxix u t-tfal l-iskola kulħadd jitkellem dwar itteledramm, dawn ikollhom pressjoni biex jarawh. Inkella jħossuhom bħal ħuta barra mill-ilma.

Aktar ma jkunu kbar dawn il-fatturi, aktar tkun kbira l-influwenza tal-mass media. Anqas ma jkunu anqas tkun l-influwenza.

Proċess ieħor li jnaqqas l-influwenza tal-mass media huwa l-proċess li bih aħna niftakru, nagħżlu, u noqogħdu attenti għall-affarijiet li l-aktar jaqblilna. Ħaġa li hija ġdida għal kollox jew li tmur kontra valuri qawwija tal-familja jew tal-gruppi li magħhom tagħmilha, tkun aktar diffiċli li tinżel u tiġi assimilata.

B'dan ma rridx innaqqas l-importanza tal-mass media fuq il-familja. Irrid biss nippreċiża kif inhi.

2.2 Aġenti ta' soċjalizazzjoni

Fil-fatt il-media llum huma aġenti qawwija ħafna tas-soċjalizzazzjoni. Il-proċess tas-soċjalizzazzjoni nistgħu niddeskrivuh bħala l-mod kif il-bniedem jitgħallem id-drawwiet, normi u l-mod kif igħix f'soċjetà partikulari. Fi żmien ieħor l-aktar mezzi qawwija kienu l-familja, l-iskola, il-knisja u l-"peer group." Illum fost dawn il-mezzi rridu nżidu l-mass media. Mezz qawwi li jikkompeti u jista' jirbaħ lill-mezzi l-oħra.

3. L-influwenza tal-medium

Il-mass media jinfluwenzaw lill-familja kemm mill-eżistenza tagħhom stess u anke mill-

kontenut tagħhom. Kultant nagħmlu l-iżball li nqisu biss l-influwenza tal-kontenut mingħajr ma nindunaw li l-influwenza tal-medium hija ta' mportanza kbira ħafna jekk mhux ukoll akbar.

L-anedotti li semmejt fil-bidu juru p.e. kif hawn min jagħti bħal speċi ta' eżistenza speċjali lil xi medium partikulari. Independentement mill-kontenut tiegħu. Dawk li semmejt iqisu t-t.v. bħala xi ħadd ħaj. Insemmi hawnhekk każ ieħor.

Edmund Carpenter, fil-ktieb tiegħu *"O What a Blow that Phantom gave me"*, jsemmi każ ta' waħda mara li kienet għaddejja bil-baby tagħha. Meta mara oħra qaltilha, bħala kumpliment: "Ara kemm għandek baby sabiħ," l-omm pront pront wieġbet: "Dak mhu xejn. Stenna nurik ir-ritratt biex tara kemm hu sabiħ."

U ħafna qed jiġrilhom hekk. Meta ħaġa tkun fuq it-t.v., jew fuq xi medium ieħor, tqisu li l-eżistenza tagħha hija aktar żgura. Ir-realtà jkejluha minn kif tkun murija fil-media aktar milli hija fiha nfisha. Bħal dak il-cartoon magħruf juri ħafna nies jaraw trasmissjoni diretta ta' parata għaddejja minn taħt it-tieqa tagħhom. Xi ħadd qal: "Agħlqu t-tieqa għax il-ħsejjes qed itellfuna."

L-introduzzjoni ta' teknoloġija ġdida f'soċjetà ġġib tibdil fl-organizzazzjoni ta' dik is-soċjetà u tal-mod kif torganizza dik is-soċjetà.

Nieħdu bħala eżempju l-introduzzjoni tar-rota. Invenzjoni li tidher sempliċi u naturali. Iżda nvenzjoni li l-bniedem ħa ħafna biex isibha. Meta sabha, bidel ħafna s-soċjetà tiegħu. Dik it-teknoloġija fiha nfisha ġabet bidliet kbar independentement minn x'ġarr biha l-bniedem. U biha ġarr kemm deheb u anke żibel.

L-introduzzjoni tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni ġġib tibdil aktar mill-introduzzjoni ta' teknoloġiji oħra. L-introduzzjoni ta' din it-teknoloġija ġġib tibdil fil-mod kif il-bniedem jorganizza s-soċjetà ta' madwaru, il-mod ta' kif jara d-dinja u l-mod ta' kif jaħseb.

Bejn l-1 u l-4 ta' Novembru 1979 fi Zurich sar ir-raba' kungress tal-familja. Kellu t-tema l-Mass Media u l-Familja. Tul dawn l-erbat ijiem ġew preżentati studji nteressanti ħafna. Il-Profs. Klaus Amman semma stupju li għamel fuq 300 tifel u tifla franċiża ta' bejn is-sentejn u l-ħames snin. Sab li 44% jippreferu t-t.v. mill-ġenituri tagħhom. 20% jippreferu t-t.v. minn ommhom. Il-kittieba Christa Meves tkellmet dwar studju li sar fuq 156 tfal fl-Istati Uniti. 44% jippreferu t-t.v. minn missierhom.

Naħseb li taqblu miegħi meta ngħid illi dan huwa ħażin. U xorta waħda jkun ħażin kieku fuq it-t.v. ma kienu juru xejn għajr ħajjiet tal-qaddisin. Hu x'inhu l-kontenut, huwa ħażin illi l-medium jingħata mportanza akbar mill-ġenituri.

It-t.v. jibda jinfluwenza lill-familja qabel ma jidħol fid-dar. L-ewwel deċiżjoni tkun fejn se jitqiegħed. Dan jista' jingħata l-post l-aktar importanti fid-

dar. Fejn jingabar kulħadd. U jibda jiddetermina kollox. Fi x'hin isir il-homework u l-ikel meta ma jsirx quddiem it-t.v. Jiddetermina fi x'hin il-familja titkellem flimkien u anke dwar x'hiex titkellem. It-t.v. jservi wkoll bħala l-baby sitter. It-tfal jitħallew quddiemu sigħat twal. "L-aqwa li joqogħdu kwieti." U waqt illi l-ġenituri joqogħdu attenti lil min idaħħlu d-dar, mhux dejjem jagħtu każ illi l-babysitter elettroniku mhux dejjem jedifika bli jkun fih.

4. L-Influwenza tal-kontenut

Dan iġibna għall-punt ieħor: il-kontenut tal-mass media. Il-media jipprovdu mudelli ta' familji alternattivi; sistemi ta' valuri differenti; stil ta' ħajja ħafna drabi artifiċjali. Kif inhuma l-media llum, jiġifieri fil-biċċa l-kbira tagħhom kontrollati min-nies tal-flus, dawn saru qishom is-suq tad-dinja tal-konsum. Suq li jiġi għandek mhux inti tmur għandu. Il-programmi u l-artikli f'ħafna stazzjonijiet u rivisti qegħdin hemm biex jimlew il-vojt ta' bejn ir-reklami. U l-valuri ta' dawn il-programmi u l-artikli huma l-valuri tas-soċjetà tal-konsum. Dawn huma f'kuntrast qawwi mal-valuri nsara.

Id-dinja ppreżentata mill-media hija ħafna drabi dinja irreali u superfiċjali għall-aħħar. Mezz ta' aljenazzjoni. Hija wkoll dinja vjolenti b'ħafna elemneti negattivi. Dinja li l-valuri prinċipali tagħha huma valuri egoistiċi. Ippruvaw għamlu nofs ta' nhar araw it-t.v. Imbagħad qabblu d-dinja li taraw fih mad-dinja tassew. Dan igħodd kemm għall-programmi ta' "fiction" u anki għall-aħbarijiet. Il-vjolenza u l-element negattiv f'dan ta' l-aħħar hu wkoll qawwi ħafna.

L-istess igħodd għall-films. L-aktar il-films impurtati f' Malta tul dan l-aħħar snin wara li ċ-ċensuri ddeċidew li biex iħaxxnu bwiet xi erbgħa minnies iħallu jidħol fil-pajjiż iż-żibel kollu possibbli u mmaġinabbli.

L-introduzzjoni tat-t.v. bil-kulur u ż-żjieda fl-għadd ta' video recorders u projectors super 8 ikabbru l-availability tal-media. It-t.v. bil-kulur ikabbar is-seħer tal-programmi. Il-video jagħmilha possibbli li tirrekordja programmi li trid inti anke jekk ma tkunx id-dar jew tkun rieqed jew trid tara programm ieħor. Imbagħad tarah bil-kumdità tiegħek. Il-video u l-projectors qed idaħħlu magħhom laqgħat u parties fid-djar li fihom jintwerew dawk l-hekk imsejħa 'films tal-kbar.'

Ikun iblah min jaħseb li dan kollu ma jinfluwenzax. Fi studju li sar mill-Annenberg School of Communications irriżulta li t-tfal li jaraw aktar minn 4 sigħat t.v. kuljum iqisu d-dinja bħala post aktar vjolenti milli fil-fatt hija. Dawn it-tfal iħarsu b'biża' lejn il-ħajja. F'April 1979 Reginald Gregoire ippreżenta rapport lill-gvern ta' Quebec dwar l-influwenza tat-t.v. fuq it-tfal ta' l-iskola. Hu qal hekk:

"We will concede that t.v. certainly increases awareness of

certain realities and furnishes useful information about many happenings... But we must emphasise that it engenders lack of effort, indifference, inattention in class, the desire for rapid effortless results."

Gregoire jinnota li t-tfal li jaraw ħafna t.v. jippretendu li jlestu x-xogħol ta' l-iskola bl-istess ħeffa li jaraw Bugs Bunny.

Il-media inġenerali u t-t.v. in partikulari jolqot ukoll ir-relazzjonijiet bejn il-ġenituri u l-ulied. Imħabba li l-ulied jużaw media differenti jew mill-istess media jużaw elementi differenti mill-ġenituri tagħhom faċli li ssib li fejn għandek dawk li huma "heavy media users" ikunu qed igħixu f'dinja differenti mill-ġenituri tagħhom. Dinja kultant ostili għal dik tal-ġenituri tagħhom. Dan igib miegħu tkabbir fil-"generation gap".

Il-media ma jinfluwenzawx biss lit-tfal u liż-żgħażagħ. Il-kbar mhumiex meħlusa mill-effetti tal-media. Ilkoll kemm aħna, aħna familjari mal-effett fuq ir-relazzjonijiet matrimonjali li qed iħallu l-programmi ta' l-istazzjonijiet sqallin u fi grad inqas il-films fisswali taċ-ċinema. Min minna ma ltaqax ma' nisa miżżewġin u dawn igergru li żwieġhom joqogħdu jaraw films pornografiċi u li ż-żwieġ tagħhom illum m'għadux l-istess għax qed iħossuhom użati bħala oġġetti u mhux stmati bħala persuni.

Il-kontenut u l-effetti tiegħu mhux dejjem negattivi. Ikun hemm pragrammi b'kontenut pożittiv. Programmi edukattivi, ta' "current affairs" interessanti. Programmi li jagħtuna nformazzjoni dwar l-istorja, drawwiet, ġeografija. Programmi li jinfurmawna dwar is-saħħa, dwar id-drittijiet tagħna bħala ċittadini.

Bħala eżempju klassiku nsemmi l-programm *Sesame Street* li wara s-suċċess kbir tiegħu fl-Amerika ġie adattat għal biċċa l-kbira mill-pajjiżi taddinja.

Wieħed jista' jsemmi wkoll il-ġurnaliżmu investigattiv kemm fuq ir-radju u t-t.v. anke fil-gazzetti. Dan f'ħafna każi għen biex tinħoloq kuxjenza aktar matura fost iċ-ċittadini u kien ta' servizz kbir għall-proċess demokratiku.

Iċ-ċinema, meta wżat minn diretturi kapaċi, huwa mezz artistiku qawwi li jagħmel lill-bniedem aktar għani.

5. X'Nistgħu u x'għandna nagħmlu

Nemmen li għandna nevitaw u naħarbu mentalità ALLARMISTA u mentalità TRIJONFALISTA.

B'mentalità ALLARMISTA nifhem mentalità ta' paniku. Evalwazzjoni negattiva tal-effetti tal-media. Din il-mentalità twassal biex tipparalizzana u ma thalliniex nieħdu azzjoni serja. Ningħalqu bejnietna nibku xortina.

Mentalità TRIJONFALISTA hija l-oppost estrem ta' din il-mentalità. Knisja b'din il-mentalità tqis li għandha tikkmanda l-media daqs li kieku kienu

parti mis-sagristija. Hija mentalità li tipprova tbiddel l-istudios u ċ-ċinema fi knejjes; u s-sets tar-radju u t-t.v. f'pulpti; u l-gazzetti u l-magazines f' kotba tal-katekiżmu. U dan kollu bi dritt. Jeħtieġ li nagħrfu l-awtonomija leġittima ta' dawn il-mezzi u tan-nies li jħaddmuhom. Kif ukoll jeħtieġ li nagħrfu u nirrispettaw in-natura ta' l-istess media.

L-attitudni tal-Knisja f'dan il-qasam għandha tkun ATTITUDNI TA' SERVIZZ: servizz lejn il-familja u servizz lejn il-media.

L-ewwel servizz li tista' tagħti l-Knisja huwa li tagħraf li hija SISTEMA ALTERNATTIVA TA' KOMUNIKAZZJONI. Din tikkonsisti fil-klassijiet tal-katekiżmu, il-priedki, il-quddies, il-festi, il-gruppi, il-fuljetti parrokkjali, eċċ. Dis-sistema alternattiva hija l-akbar mass medium ta' Malta. Jeħtieġ illi tkun organizzata b'mod aktar organiku biex waqt li tirrispetta l-pluraliżmu fi ħdanha, tkun tista' tagħti messaġġ unit.

F'Malta, il-mass media huma mittiekla mill-polarizzazzjoni politika li taħkem pajjiżna. Minflok sistemi ta' komunikazzjoni u djalogu saru sistemi ta' monologu. Il-Knisja jeħtieġ illi tipprovdi spazju reali ta' kommunikazzjoni u djalogu tassew. Sagrament ta' għaqda.

Il-mudell li jmexxi l-mass media maltin huwa l-mudell vertikali fejn il-ftit jgħidu lill-kotra x'suppost tħoss u taħseb il-kotra. Il-mudell ta' kommunikazzjoni fi ħdan il-Knisja jeħtieġ li jkun mudell ta' "two way flow" mingħajr dommatiżmu u paternaliżmu.

It-*tieni servizz* huwa servizz ta' PRODUZZJONI. Jiġifieri l-Knisja tkun lesta li tagħmel produzzjonijiet meħtieġa li jipprovdu lill-insara bl-għajnuna li jeħtieġu. Il-Media Centre qed jaħdem fuq produzzjonijiet awdjoviżivi. S'issa l-produzzjonijiet kienu l-aktar produzzjonijiet ta' slides. Iżda l-pjan fittul huwa li anke jkun hemm produzzjonijiet tal-video. Il-KKS qed tagħti servizz ta' produzzjoni ta' kotba.

It-*tielet servizz* huwa *servizz ta' edukazzjoni*. Il-Konċilju Vatikan II għamilha ċara illi fliskejjel kollha tal-Knisja u fillivelli kollha għandu jkun hemm bħala suġġett l-edukazzjoni fil-kommunikazzjoni soċjali. Din is-sena f'Malta l-KKS bdiet programm ta' media education f'għadd ta' skejjel. Nittamaw li jkun hemm aktar skejjel li jidħlu f'din l-iskema.

PASTORALI ATTIVA MILL-FAMILJA GĦALL-FAMILJA

P. Elija Vella of.m.conv.

Fejn tinsab il-familja Maltija

Naqbel ma' li ntqal fil-ġranet li għaddew li l-familja għaddejja minn taqliba soċjali, psikoloġika u reliġjuża.

Iżda iżjed naħseb illi aktar milli l-familja fiha nnifisha, huma l-valuri tagħha li jinsabu fil-kriżi. Hawn biżżejjed isemmi kif dawn il-valuri qed jiġu kkumbattuti mill-mentalità abortista, mill-mentalità divorzista u minn dik femminista, mentalitajiet li bdew jinħassu ġmielhom fostna kif jidher minn kitbiet fil-ġurnali u minn ideat li jinstemgħu kultant fuq Xandir Malta.

Il-gwaj hu li din il-ġlieda kontra dawn il-valuri qed issir f'isem l-emanċipazzjoni talmara, meta ma tridx wisq biex tinduna li l-mara b'dan il-mod qed titkisser fid-dinjità u l-originalità tagħha.

Mentalità oħra li daħlet u rabbiet diġà l-għeruq fostna hi dik li x-xogħol jiġi l-ewwel u qabel kollox.

Illum issib bosta ġenituri li jibgħatu 'l uliedhom — tfal ta' 12 u 13-il sena, — jaħdmu f' restaurants u lukandi, fil-weekends u fix-xhur tas-sajf. Ċert, kulħadd jieħu gost jara 'l uliedu jġorru mazz karti liri fi tmiem il-ġimgħa, għax ikunu ħaslu ftit tazzi u platti u mesħu erba' mwejjed. U llum il-familja tinħtieġhom il-flus: iddar trid tinbena, il-kapriċċi (li saru neċessità) jridu jsiru. U sadattant, dawn it-tfal jitħassru, għax jiltagħu ma' kollox; jisimgħu u jaraw kollox; jaqraw u jduqu kollox!

Il-flus ħadu l-ewwel post fost il-valuri l-oħrajn kollha! Problemi ta' din l-għamla nsibuhom per eż. f'parroċċi bħal ma huma dik ta' San Pawl il-Baħar u Buġibba, mimlijin daqs bajda b'restaurants u lukandi.

Il-kelliema ta' qabli tkellmu diversi drabi mill-ħtieġa li l-koppji jitgħallmu jagħmlu s-*sagrifiċċji* meta jiġu mitluba dwar dan minn Alla. Imma l-mentalità ta' sagrifiċċju hija mbegħda mill-mentalità tal-*welfare state* li ħloqna u nkomplu noħolqu madwarna. Illum il-bniedem hu meqjus "sħiħ" skond kemm jirnexxilu jgħix fil-kumdità, f'soċjetà konsumistika. Veru, jagħmel ħafna sagrifiċċji; imma dawn jagħmilhom dejjem biex itejjeb il-pożizzjoni tiegħu. Hu diffiċli li llum jifhem il-valur tas-sagrifiċċju biex ikun jista' jgħix valuri iżjed għoljin fil-ħajja.

Minn dan tinħoloq il-mentalità ta' *irresponsabbiltà fuq ix-xogħol*. L-industrija għamlet lill-bniedem makna fost il-makni, u għax il-ħaddiem sar sempliċi makna, l-uniku nċentiv li baqagħlu fuq ix-xogħol hija l-paga. Ma jara ebda valur ieħor fix-xogħol li jagħmel, li ma jagħtih ebda sodisfazzjon personali. U allura: iblah int jekk tkun responsabbli; iblah jekk tagħti l-ġurnata kollha kemm hi; iblah jekk ma ddabbarx ra-

sek! Din hi l-mentalità ġdida li fiha qed jgħix il-ħaddiem tagħna.

Ma' din inżidu l-mentalità tal-*imħabba strutturata* lejn l-"għeżież" tagħna.

Illum il-gvernijiet kollha qed joħolqu servizzi soċjali għall-anzjani, *handicapped*, ħaddiema eċċ eċċ. F'dan m'hemm xejn xi tmaqdar. Anzi. Qed jiġri imma li r-responsabbiltà ta' dawn il-persuni qed tgħaddi awtomatikament mill-familja għal fuq dahar il-gvern, bil-konsegwenza li dawn isiru numri f'istituti u sptarijiet jew djar oħra. Ċert, kif ser tagħmel il-familja meta hemm tant valuri oħrajn, fosthom dejjem ix-xogħol (il-mara li issa qed thoss ukoll il-bżonn li tmur taħdem), jew il-ħrug ta' sikwit issa għal ħaġa u issa għal oħra. Huma dawn kurrenti li mhux possibbli twaqqafhom.

Insemmu wkoll *it-turiżmu*, fattur ieħor li jġib tant problemi għall-familja maltija, fosthom dik taż-*żweġijiet imħallta*.

Dieħla wkoll fost iż-*żgħażagħ* tagħna l-mentalità li mat-18-il sena, ħadd ma jista' jkellimhom. Niltagħu ma' bosta żgħażagħ li jdumulek sas-2.00 jew it-3.00 a.m., u jekk tkellimhom, malajr jikrulek flat (il-lum flus f'idejhom għandhom!) u jitilqulek mid-dar.

Ma ngħidu xejn imbagħad dwar il-mentalità permissiva u ta' *free sex:* saret filosofija għal uħud li ma jaraw xejn ħażin fli tislef lil martek lil xi ħadd minn ħbiebek biex hu jisliflek dik tiegħu. Il-bniedem kien dejjem dgħajjef, imma... minn din id-dgħufija issa qed joħloq ukoll filosofija.

Problema ġdida li qed timmina wkoll il-familja tagħna huma l-programmi tat-T.V., li jidhru fuq diversi stazzjonijiet sas-sigħat bikrin ta' fil-għodu, programmi li jiġbdu speċjalment lill-irġiel li mbagħad jintefgħu bħal annimali fuq marthom li fiha ma jibqgħux jaraw iżjed għajr oġġett ta' pjaċir sesswali, bil-konsegwenzi kollha mmaġinabbli. Qed niffaċċjaw illum ukoll il-problema taż-żweġijiet ċivili. S'issa din għad mhix problema mferrxa f'Malta (1), imma tajjeb li ma nilludux ruħna, jekk ma rridux li jiġrilna bħall-Italja, illi fi ftit snin, għandek numru verament kbir ta' żweġijiet li huma biss ċivili. Ma nistgħux ma noħolux pastorali pożittiva fost dawn it-talin, bl-iskuża li "ma jridux jafu bina u bil-Knisja".

Fil-parroċċi tagħna qed jiżdiedu wkoll dawk il-koppji li nsejħulhom *"poġġuti"*. Sa ftit ilu, il-pastorali tagħna ma' dawn il-koppji kienet waħda negattiva: "tħabbatx hemm, għax dawk... qed igħixu fiddnub." U jewwilla Kristu mhux għall-marid ġie?

U ntemm din il-ġirja mal-

---

(1) F'Malta fis-sena 1976, kellna 51 żwieġ ċivili; fl-1977 kellna 58; fl-1978 kellna 84; fl-1979 kellna 83 u fl-1980 kellna 103.

F'Għawdex, kull sena qed ikun hemm minn wieħed sa tnejn. Din l-istatistika turi il realttivament, in-numru ta' żweġijiet ċivili huwa baxx; min-naħa l-oħra pero' turi wkoll li tiela' minn sena għall-oħra.

problemi familjari bl-aħħar kelma dwar dawk li nsejħulhom divorzji spiritwali. Jissejħu *divorzji spiritwali* (jigifieri fl-ispirtu) biex jiġu distinti minn dawk *fiżiċi*, meta tnejn iħallu lil xulxin għal kollox u jibdew jgħixu għal rashom.

Din hija l-problema ta' tant u tant koppji, illi għalkemm mhumiex separati legalment, għaliex għadhom joqogħdu fl-istess dar, jorqdu fl-istess sodda, jieklu fuq l-istess mejda..., madankollu m'hemmx veru djalogu bejniethom, imma hemm biss ġlied kontinwu, suspetti u tifrik. Huma nsomma familji prattikament imfarrka.

In-numru ta' dawn il-familji qiegħed dejjem jiżdied; u ta' min jinnota, li numru mdaqqas minnhom huwa ta' koppji fl-ewwel ħames snin taż-żwieġ tagħhom. Bosta jibqgħu jgħixu flimkien, għaliex sempliċement ma jkollhomx il-kuraġġ jinfirdu, minħabba strutturi u mentalitajiet soċjali, minħabba nkwiet tal-ġenituri...

U ma' dawn, hija neċessarja pastorali pożittiva.

Il-familja suġġett tal-Pastorali

Poġġejna ftit subgħajna fuq xi whud mill-pjagi tal-familja. Jekk ħiffissaw fuqhom ,faċli li nieħdu attitudni pessimistika u ta' qtigħ il-qalb. Ċert, pjaga hi dejjem pjaga; imma l-gwaj ikun meta marid imur għand tabib, isir jaf x'għandu, u minflok ma jipprova jikkura lilu nnifsu, jitlaq lejn daru, jistenna b'rassenjazzjoni l-mewt. U tiskanta: il-mewt tgħaġġel iżjed biex tqaċċtu.

Hu mportanti għaldaqstant, li noħolqu pastorali pożittiva; pastorali li tħares f'wiċċ ir-realtà, imma li fl-istess ħin tkun ottimista. U din il-pastorali trid issir b'mod speċjali u insostitwibbli mill-*familji għall-familji.*

Jeħtieġ nibdew nikkunsidraw lill-familja mhux biss bħala *oġġett,* imma iżjed bħala *suġġett* tal-pastorali tagħna. U dan ifisser li jridu jkunu huma stess li jagħmlu l-pastorali bejniethom u għal xulxin. U dan mhux biex aħna s-saċerdoti nfarfru minn fuq spallejna, iżda biex il-koppji jagħarfu jaqdu l-missjoni speċifika li toħroġ kontinwament leaders biex jibgħathom jaħdmu u "jikkonvertu" (f'sens bibliku) lill-oħrajn. Kien dan il-messaġġ li l-Konċilju, fit-tmiem tiegħu, ta lill-koppji miżżewġa. "Hija l-familja li jeħtieġ issalva l-familja", qal b'insistenza l-Konċilju f'dak l-aħħar messaġġ tiegħu.

Huwa wkoll dan l-istess ħsieb tas-Sinodu tal-1977, li kien dwar il-Katekeżi, u li fost l-oħrajn stqarr illi l-attività kateketika li toħroġ mill-familja għandha karattru speċjali li f'ċetru sens ħadd ma jista' jissostitwih.

Tajjeb mela li nkunu konvinti, illi l-pastorali li norganizzaw aħna s-saċerdoti, perfetta kemm hi perfetta, ma tistax tissostitwixxi l-pastorali li jistgħu u huma obbligati jagħmlu l-istess familji għal sħabhom miżżewġin.

Il-ministeru konjugali

Min fejn ser nibdew? X'inhu l-ideal? Fejn irridu naslu?

L-ideal fl-idea tiegħi hu dak li minnu tkellmet il-Konferenza Episkopali Taljana (C.E.I.) meta f'dokument-direttorju li ħarġet dwar il-familja (tgħid Malta għad ikollha Direttorju tal-Familja?), awgurat illi jinħoloq dak li hi sejħitlu *"il-ministero coniugale."*

Aħna ħafna drabi, meta nitkellmu mill-ministeri, nifhmu s-saċerdozju, id-djakonat (qabel kellna wkoll is-suddjakonat) u ministeri oħra klerikali.

Illum imma qed tifforma ruħha teoloġija iżjed sabiħa u kompleta tal-ministeri fil-Knisja: ministeri ta' kull għamla u xorta, adattati għal kull nisrani ħaj fil-Poplu t'Alla, miexi kollu kemm hu lejn l-art imwieġħda.

B'dawn il-ministeri nifhmu dik il-missjoni speċifika li n-nisrani għandu dritt u dmir li jaqdi fil-Knisja, poprju għax mogħni b'kariżmi speċjali, mogħtijin lilu mill-Ispirtu, skond il-post li għandu fil-parroċċa jew djoċesi. Hi l-missjoni li Kristu qed iqabbdu jagħmel, missjoni li Kristu jagħniha b'dawk l-għajnuniet neċessarji biex titwettaq kif imiss.

Hekk per eż. il-membri tal-museum għandhom *il-ministeru kateketiku,* jiġifieri huma magħżulin minn Kristu biex jagħtu servizz f'dan il-qasam, u per konsegwenza, l-Ispirtu jagħtihom il-kariżmi neċessarji biex dan is-servizz jaqduh sewwa.

L-istess ngħidu per eż. għall-Moviment ta' Kana, li għandu *l-ministeru familjari.* Ċertament illi Direttorju fid-Djoċesi li jsemmi u jelenka l-ministeri fi ħdan id-Djoċesi u l-parroċċa, b'dak kollu li jġibu magħhom dawn il-ministeri li għad ma ħarġux fid-dawl, ikunu jistgħu jingħataw l-importanza li jixirqilhom.

Il-ministeru konjugali għandu igħin l-ewwel u qabel kollox il-familja tal-istess animaturi pastorali. Issib animaturi pastorali tal-familja, illi jistinkaw f'counselling, konferenzi, pjanijiet eċċ. għall-familji l-oħrajn, imma mbagħad forsi fil-familja tagħhom issib tifrik u nuqqas ta' djalogu. Il-veru ministeru li jkun ġej mill-Ispirtu, l-ewwel u qabel kollox jgħinek tirranġa darek.

Ninnutaw li l-ministeru konjugali, minbarra li jgħin biex jitfejqu ġrieħi li jkunu nfetħu (iħoll problemi), b'mod pożittiv iservi prinċipalment *biex il-koppja tagħraf x'inhu l-pjan t'Alla fiċ-ċirkustanzi partikulari li tkun qed tgħix fihom.*

Tkellimna f'dawn il-ġranet bosta drabi dwar contraceptives, x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin, u dwar problemi moralistiċi oħrajn. Ma rridx ngħid li dan mhuwiex ukoll importanti, imma gwaj jekk dan il-Kors ta' Aġġornament iġagħlna nieqfu hawn biss.

Anki kwistjonijiet importanti, bħal mhi dik tal-contraceptives, jibqgħu dejjem kwistjonijiet marġinali fil-pastorali tal-familja. Forsi xi ħadd jiskanta: hi sempliċement kwistjoni marġinali dik tal-contraceptives? Inwieġeb: IVA. U r-raġu-

ni hi għaliex familja li tipprova tkun eżatta u skrupluża fl-osservanza tal-liġijiet t'Alla u tal-Knisja fi kwistjonijiet konjugali, ma jfissirx li tkun qed tikber u timmatura. Jista' jkun li familja ta' din ix-xorta tibqa' statika, fl-istess post, kif statiċi jibqgħu bosta nsara, għad li jisimgħu l-quddies kuljum; minkejja li r-rużarju ma jħalluh għal ebda raġuni, minkejja li mhux biss jitqarbnu kuljum, imma jfittxu kull okkażjoni li jitarbnu possibilment darbtejn kuljum.

U sadattant, jibqgħu dejjem l-istess fil-ħajja spiritwali tagħhom! Ma rridux li jiġrielna hekk ukoll fil-pastorali familjari li nagħtu. Kultant ngħafsu wisq fuq l-osservanza tal-liġi, u ninsew li l-liġi iżjed toqtol milli tagħti l-ħajja.

Jeħtieġ ikollna pastorali iżjed serja, iżjed profonda, u din hi li ngħallmu lill-koppji *jagħmlu kontinwament dixxerniment tar-rieda t'Alla fuqhom;* li jfittxu flimkien il-pjan partikulari li Alla għandu għalihom, bħala koppja oriġinali quddiem għajnejh.

Biex nagħtikom eżempju, naf koppja matura li għad ma ddeċidietx li taċċetta dar kbira li qed joffrulhom, għaliex għadhom dubbjużi dwar jekk Alla jixtiqhomx fil-pjan tiegħu jaħdmu fil-parroċċa li jinsabu fiha jew imorru f'parroċċa oħra. U d-dar għad ma aċċettawhiex, għalkemm il-vantaġġi umani biex jaċċettawha jidhru kbar.

Ċert, ma nippretendux l-istess maturità fil-koppji kollha; imma hija għal din il-maturità li jeħtieġ naħdmu ,iżjed milli għas-sempliċi osservanza ta' liġijiet bla ħajja.

Ħajja Sagramentali

Il-ministeru konjugali jġib miegħu wkoll ħajja sagramentali. M'inix qed nifhem hawn prinċipalment koppja li tersaq lejn is-sagramenti, imma qed nifhem koppja li *taf tgħix issagrament taż-żwieġ* li rċeviet. Bosta ma nifhmux x'inhu ssagrament taż-żwieġ. Bosta wkoll jaħsbu li żwieġ jirnexxi għax tnejn ma jiġġieldux flimkien, għax jiddjalogaw flimkien. Dan huwa neċessarju, bla dubju, imma mhux biżżejjed.

L-għixien tas-sagrament ifisser illi l-mara kontinwament tagħraf li r-raġel li għandha huwa iben prezzjuż f'għajnejn il-Missier, li fdah f'idejha biex tieħu ħsiebu *'sħiħ'*, bħala bniedem u bħala iben. L-istess jingħad mir-raġel rigward il-mara. L-istess jingħad mill-koppja flimkien rigward l-ulied. Flimkien iridu jikbru, iridu jimmaturaw, iridu jitfejqu minn dak kollu li hemm difettuż f'xulxin; flimkien iridu jfittxu r-rieda t' Alla fuqhom, imqar f'affarijiet żgħar.

U biex tasal għal dan, il-koppja trid titgħallem *titlob.* Smajt bosta jiftaħru b'koppji, li jqisuhom nies ta' talb, għaliex igħidu r-rużarju qabel ma jorqdu. Ma rridx niftiehem ħażin, imma rrid nissogra ngħid li dan jista' ma jfisser xejn, jew ifisser ftit wisq.

Kif knisja mimlija nies għallquddies mhix sintomu ta' parroċċa ħajja; u kif lanqas folol

ta nies li sikwit iqerru u jitqarbnu m'huma sintomu ta' ħajja religjuża, hekk ukoll koppji li jgħidu r-rużarju m'humiex sintomu ta' familji sħaħ u maturi.

Jekk ir-rużarju li jingħad kull fil-għaxija jħalli l-istess clashes, iħalli nsomma dak kollu dgħajjef li kien hemm diġà, allura... dak ir-rużarju għad mhux veru talba.

Irridu pastoralment naħdmu għal *rivalutazzjoni tat-talb*. Kif igħidu l-Ingliżi, hemm differenza bejn *"to say prayers"* (dwar dan aħna l-Maltin esperti!) u *"to pray"*. It-talba li ma tbiddlekx, mhix talba. Koppja li taf titlob hi dik il-koppja illi, meta r-raġel jinsab f'tensjoni, imur fuq martu u jistedinha titlob miegħu biex Alla jfejqu minn dik it-tensjoni; ifisser illi meta l-mara timrad, ir-raġel mhux imur għand saċerdot biex itih quddiesa ħalli tfieqlu, imma jiġbor il-familja kollha madwar is-sodda talmard, u bil-ministeru konjugali tiegħu, bħala kap tal-familja, jitlob 'l Alla, flimkien ma' wliedu, għal dak il-fejqan; ifisser illi meta l-ġenituri ma jaqblux bejniethom dwar metodi ta' edukazzjoni lill-ulied, kapaċi flimkien iduru lejn Alla, jitolbuh id-dawl tal-Ispirtu tiegħu, u jiddixxernu flimkien f'attitudni ta' talb dak li Alla jrid minnhom.

Jekk il-familja tgħix f'din l-attitudni, allura iva li r-rużarju jsir vera talba; altrimenti jibqa' struttura bħal tant strutturi oħra.

Preparazzjoni serja għaż-żwieġ

Biex inwasslu koppja għal dan l-ideal, jeħtieġ nidraw sa minn kmieni nippreparawhom għall-ħajja miżżewġa.

Id-Dokument taljan isejjaħ din il-preparazzjoni remota, *prossima* u *immedjata*.

Ippermettuli ngħid kelma speċjali dwar *il-preparazzjoni remota*. Meta nistiednu l-għarajjes tagħna għall-Korsijiet ta' Kana, jew korsijiet oħrajn oranizzati fil-parroċċi tagħna, m'għandniex ninsew li dawn l-għarajjes ikunu diġà qabdu ċerta triq li mhux faċli toħroġhom minnha.

Biex nagħti eżempju, ftit li xejn jiswa li waqt il-kors inkellimhom dwar is-sbuħija u l-aspetti pożittivi tas-sess, jekk l-attitudni tagħhom flimkien hija attitudni ta' sodisfazzjon passjonali. Kif ser taqlagħhom minn ħajja li issa diġà drawha u mexjin fiha?

Il-kors għaldaqstant ser iservihom iżjed ta' nformazzjoni, milli ta' okkażjoni biex jimmaturaw.

Dan iġibna għall-konklużjoni li l-pastorali tal-għarajjes trid tibda minn ħafna qabel, u preċiżament minn żmien in-namrar.

Fil-pastorali tagħna, għad hemm gap li għad ma sibniex tarfu, il-gap li jibda minn mindu t-tfal jieħdu l-Griżma tal-Isqof sakemm jibdew joħorġu steady ma' ġuvnott jew tfajla. Hu l-gap tal-adolexxenza; l-gap li għandhom jieħdu ħsiebu b'mod partikulari l-ġenituri.

U lkoll nafu li f'din il-ħaġa għadna f'point zero, fejn tidħol l-edukazzjoni sesswali fis-sens pożittiv kollu tagħha min-naħa tal-ġenituri lil uliedhom.

It-tattika li qed jużaw il-ġenituri hi dik li jaħarbu l-problema, billi jħallu kollox għaddej, bit-tama li ż-żmien isajjar il-bajtar; u meta jkollhom jidħlu fin-nofs, allura jkunu negattivi għall-aħħar. Il-ġuvnotti u t-tfajliet tagħna mhux qed jiġu mmexxija pass pass fil-ħajja sesswali tagħhom; qed ikollhom jaqdfu huma waħedhom, bil-periklu li joħorġu wisq 'il barra fil-baħar qawwi u mqalleb.

Il-Knisja hawn jeħtieġ taħli iżjed enerġija fl-edukazzjoni tal-ġenituri, biex dawn jitgħallmu jedukaw sesswalment u fil-problemi kollha affettivi 'l uliedhom.

Fl-idea tiegħi, ikun aħjar li nenfatizzaw iżjed l-edukazzjoni lill-ġenituri milli lill-istess namrati. Tkun veru pastorali xi ftit "long term policy", imma naħseb li nkunu qed nibnu iżjed fis-sod.

Hemm imbagħad il-*preparazzjoni prossima*, fejn l-ikbar kontribut qed jagħtih il-Moviment ta' Kana, bil-korsijiet li ta' kull sena jorganizza għall-għarajjes fid-diversi parroċċi u postijiet oħrajn. Illum l-istess Moviment qed jikkunsidra riorganizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, li qed ikunu wisq numerużi, bil-periklu li kull koppja tintilef fil-massa. L-ideal ikun li l-korsijiet isiru għal gruppi żgħar, b'koppji ppreparati apposta biex jgħinu u jorganizzaw dawn il-korsijiet. Huwa biss ideal: imma tajjeb nippruvaw nilħquh kemm nistgħu.

U fl-aħħarnett, kelma dwar il-*preparazzjoni mmedjata*.

Is-Sinodu li għadu kif intemm f'Ruma, fir-relazzjoni msejħa "Ratzinger" fil-bidu tal-istess Sinodu, isemmi dik li jsejħilha *'pastorale d'accompagnamento'* (pastorali ta' wara ż-żwieġ) Din hi problema li tinteressana mill-qrib.

Fil-parroċċi tagħna, ħafna jorganizzaw *"ġimgħat tal-familja"*, jew attivitajiet ta' din l-għamla. Dawn l-attivitajiet iservu biex jissensibilizzaw il-parroċċa sħiħa u f'daqqa dwar il-familja. Imma ara ma taħsbux li dawn l-attivitajiet ser ibiddlu b'xi mod l-attitudni jew il-ħajja tal-familji. Ma rridx inkun pessimista; lanqas irrid ngħid li mhix ħaġa ta' min ifaħħarha li parroċċa sħiħa tiġi ssensibilizzata kollha f'daqqa; imma l-vera pastorali tal-familja trid tinżel iżjed fil-fond.

Is-Sinodu — almenu fil-ħsieb ta' diversi Padri Sinodali — jitkellem pjuttost minn komunitajiet żgħar, minn ċelluli ta' ħajja nisranija, komunitajiet tal-bażi (differenti minn dawk il-gruppi tal-bażi, li f'postijiet bħall-Italja, spiċċaw biex ħadu xejra politika, f'polemika mal-ġerarkija ekkleżjastika).

Dawn il-gruppi jew komunitajiet żgħar ta' koppji, imorru pass iżjed 'il quddiem mill-istess *family groups*, kif jifhimhom il-Moviment ta' Kana.

Il-Family Group hu grupp ta' ħames jew seba' koppji, li

jiltaqgħu flimkien darba fix-xahar, biex jitolbu, jiddiskutu u jiddeċiedu flimkien dwar problemi familjari. Dawn il-gruppi, li llum xterdu sewwa f' Malta, huma tajbin, u wkoll ta' min jippromovihom.

Imma l-komunitajiet li qed nitkellmu minnhom issa, jinżlu iżjed fil-fond. Dawn il-koppji flimkien jiddeċiedu li jidħlu responsabbli għall-istess problemi ta' xulxin, kienu x'kienu, sewwa jekk problemi finanzjarji, kif ukoll jekk problemi ta' natura soċjali, morali, reliġjuża, psikoloġika eċċ. Il-problema ta' koppja ssir malajr il-problema tal-koppji l-oħrajn, b'impenn li kull problema ndividwali tinħall komunitarjament mill-grupp sħiħ.

Forsi din tista' ddoqq ġdida għal widnejn ta' bosta, imma wkoll f'Malta esperjenzi ta' din l-għamla blew isiru bi frott pożittiv.

Inqas morali; iżjed mistika konjugali

DANNEELS GODFRIED, arċisqof ta' Malines-Bruxelles, fis-Sinodu dwar il-familja 1980, jistqarr illi "qed noħolqu wisq morali filwaqt li qed inħallu barra l-mistika... Liġijiet morali maqtugħin mill-ispiritwalità u l-mistika konjugali jispiċċaw ta' spiss f'kumplessi ta' ħtija eċċessiva jew f'indifferenza. Minflok ma ssir għall-bniedem ċans għall-maturità, issir okkażjoni ta' rieda dgħajfa. Forsi l-liġi l-ġdida mhix l-Ispirtu s-Santu? Hija m'hijiex għaldaqstant kmand daqskemm hi grazzja. Din il-liġi, li hi l-Ispirtu s-Santu, mhix liġi li tiskuraġġina, imma hija għajn ta' enerġija. Għaliex Alla mhux biss leġislatur, imma fuq kollox hu Feddej."

Ir-riflessjoni tal-arċisqof Godfried hija tad-deheb. Inkunu qed naħlu ż-żmien jekk nimponu liġijiet, mingħajr ma nibnu fuq l-ispirtu. L-ewwel irid ikollok koppja spiritwali li lilha toffri l-liġi; altrimenti l-osservanza tal-liġijiet issir ħaġa vojta.

Ejjew mela nġeddu l-ewwel il-koppja, imbagħad il-liġi toħroġ weħidha. Qed nieqfu wisq fuq il-morali; qed inħallu barra l-mistika.

Jekk għandek biss kwarta ħin meta koppja tiġi tistaqsik dwar il-contraceptives, dwar dawn għidilhom ftit li xejn, u isħaq iżjed fuq il-ħajja spiritwali tagħhom, fuq it-talb flimkien, fuq it-tiġdid tagħhom spiritwali. Taraw kif l-osservanza tal-liġijiet toħroġ weħidha, mhux iżjed imma bħala liġi mposta, imma bħala att ta' mħabba lejn il-Ħallieq. "Facciamo morale e manchiamo di mistica".

Il-Pastorali fost id-Divorzjati

Nixtieq ngħid kelma dwar problema li dwarha tkellmu ħafna fis-Sinodu, u li aħna wkoll, għalkemm mhux f'dimensjonijiet kbar, bdejna nħabbtu xi ftit wiċċna magħha: il-problema tad-livorzjati.

Illum insibu fil-parroċċi tagħna koppji poġġuti, divorzjati... illi f'ċertu sens jixtiequ sinċerament jgħixu l-ħajja ta' Kristu. Aħna minn fuq l-iskrivanija tagħna ngħidu li dawn

iridu jgħixu ħajja doppja; iżjed minn hekk imma huma koppji li jinsabu f'diffikultà u dgħufija kbira.

M'ilux kont inbierek fil-parroċċa tiegħi San Pawl il-Baħar. In-nies tal-viċin qaluli: *hemmhekk tħabbatx.* U naturalment meta xi ħadd igħidilkom: hemm tħabbatx, hu proprju hemm li jeħtieġ tħabbat. U jien ħabbatt. Sibt mara żagħżugħa ta' 28 sena, li kellha tlett itfal. Dħalt għandha. Għidtilha tridx tbierek id-dar u l-familja. Aċċettat bil-ferħ. Staqsejtha ilhiex li ġiet fil-parroċċa, u weġbitni li le. Tlabtha ftit dettalji dwarha u dwar il-membri tal-familja, biex ma nitilfux kuntatt magħhom. Staqsejtha dwar ir-raġel. Għallewwel qaltli li mhux hawn. Ma kellimthiex iżjed fuqu. Indunajt li hemm xi ħaġa fin-nofs. Jiena u ħiereġ, ġbidtha ftit weħidha, u staqsejtha x'inhi l-problema partikulari tagħha. U dik il-mara, kważi bid-dmugħ f'għajnejha, qaltli: "Father, kollox ngħidlek, imma nitolbok, tikkundannanix." "Min jiena jien — weġibtha — biex nikkundanna lil ħuti?" U allura rrakkontatli s-sitwazzjoni kollha tagħha. Kienet miżżewġa bi tlett itfal. Telqet ir-raġel. Irraġel issa qed igħix ma' mara oħra. Hi qegħda ma' raġel ieħor miżżewweġ, li dan ukoll telaq lil martu. U qaltli: "Father, din hi s-sitwazzjoni tiegħi. Jien trabbejt f'familja tajba; kienu ċ-ċirkustanzi li ġabuni f'hiex ġabuni. Huma wkoll iċ-ċirkustanzi li ma jħallunix noħroġ minn din is-sitwazzjoni. Jiddispjaċini li ninsab hawn. Jiddispjaċini li ninsab maqtugħa mill-Knisja. Imma: għalfejn niġi l-knisja? Jiena kkundannata!" X'ser tkun il-pastorali tagħna ma' din il-mara u ma' tant oħrajn bħalha?

Ser nikkwota dak li qal il-Papa fid-diskors finali tas-Sinodu dwar dawn il-problemi: "Il-Padri Sinodali, filwaqt li jaffermaw l-indissolubilità taż-żwieġ u l-prassi tal-Knisja li ma taċċettax id-divorzjati għallewkaristija illi kontra l-liġi reġgħu żżewġu, iħeġġu lir-raġħajja u lill-komunità kollha nisranija biex igħinu lil dawn l-aħwa rġiel u nisa ħalli ma jħossuhomx mifrudin mill-Knisja, mhux biss, imma minħabba l-magħmudija tagħhom, jistgħu u għandhom jieħdu sehem fil-ħajja tal-Knisja billi jitolbu, jisimgħu il-Kelma, jassistu għaċ-ċelebrazzjoni ewkaristika tal-komunità u jmexxu 'l quddiem il-karità u l-ġustizzja.

Għalkemm wieħed m'għandux jiċħad illi dawn il-persuni jistgħu jirċievu, jekk ikun hemm il-kundizzjonijiet meħtieġa, is-sagrament tar-rikonċiljazzjoni, u allura wkoll l-ewkaristija, meta sinċerament iħaddnu dik il-forma ta' ħajja li ma tkunx kuntrarja mal-indissollubilità taż-żwieġ — jiġifieri meta l-mara u r-raġel li ma jistgħux jinfirdu, jgħixu fil-kontinenza sħiħa, jiġifieri li jastjenu ruħhom mill-atti proprji tal-miżżewġin, u meta ma jkunx hemm motiv ta' skandlu Madankollu ċ-ċaħda tar-rikonċiljazzjoni sagramentali ma'

Alla, m'għandhiex taqtagħhom mill-perseveranza fit-talb, millezerċizzju tal-penitenza u talkarità biex hekk ikunu jistgħu jimxu lejn il-grazzja tal-konverżjoni u tal-ħelsien.

Hi ħaġa tajba li l-Knisja, filwaqt li titlob għalihom u tissapportjahom fil-fidi u fit-tama, tkun magħhom omm ħanina."

Forsi ta' min jinnota, illi minkejja li l-magisteru f'din il-kwistjoni huwa ċar, fost ittejologi għaddejja diskussjoni sħuna dwar jekk il-Knisja għandhiex jew le tbiddel ilprassi tagħha, rigward l-ammissjoni tad-divorzjati għassagramenti. Diversi padri tas-Sinodu talbu wkoll tibdil f'din il-prassi, minkejja li l-konklużjoni kienet dik tradizzjonali.

Il-liġi tal-gradwalità

L-aħħar kelma li nixtieq ngħid hi dwar il-liġi tal-gradwalità, problema li ssemmiet diġà mill-Arċisqof f'dan il-Kors, imma illi minħabba li għal xi whud tidher problema tejoloġika ġdida, tajjeb li niċċaraw iżjed xi tfisser.

Sa minn qabel is-Sinodu, bosta kienu bdew jitkellmu minn gradwalità fil-liġi (*gradualità della legge*).

Ikollna nammettu li mhux kulħadd huwa matur bl-istess mod. BRIAN HALL ipoġġi erba' fażijiet ta' maturità, li kull waħda minnhom terġa' tinqasam fi tnejn. Hemm min il-maturità tiegħu għadha f'livell baxx: ħajtu jgħaddiha biss biex jiekol, jgħix, ikun komdu. Hemm min il-maturità tiegħu iġġagħlu jħares xi ftit madwaru, u jipprova jgħin kemm jista' u jkun ta' servizz. Hemm imbagħad min ikun tassew kiber fil-maturità, u jara dejjem x'jivvinta biex iħalli ambjent, soċjetà, dinja aħjar minn dik li sab hu. Insomma, ilkoll ninsabu fi gradijiet u livelli differenti ta' maturità.

Issa jargumentaw it-teologi: xi bżonn hemm li nisrani li l-maturità tiegħu għad laħqet biss l-għaxra fil-mija, tipprezentalu ideal tal-mija fil-mija? Faċli li dan jaqtagħlu qalbu u ma jagħmel xejn. Mhux aħjar nimxu pass pass il quddiem flideal li rridu nippreżentaw, milli nippreżentaw l-ideal sħiħ, b'ċertezza li dan ma jintlaħaqx? Fi kliem ieħor, jissuġġerixxu dawn it-teologi fuq basi pedagoġika, illi lil nisrani ta' għaxra fil-mija maturità, tipprezentalu ideal ta' għoxrin filmija u mhux tal-mija fil-mija.

Il-periklu ta' din l-argumentazzjoni jinsab hawn: illi nistgħu ngħidu li għall-maġġuranza tal-umanità, il-messaġġ evanġeliku ser jibqa' dejjem messaġġ li ma nistgħux nippreżentawh. U dan għaliex il-maġġuranza tinsab fl-iżgħar livell ta' maturità (*survival phase*).

Il-messaġġ evanġeliku qalilna l-Papa fis-Sinodu — jeħtieġ nagħtuh kollu lil kulħadd. Aħna sempliċi messaġġiera, u m' għandniex dritt nimmutilawh. Ma nistgħux nagħtuh bin-nofs; ħalli mbagħad inkunu komprensivi biżżejjed u mimlijin ħniena ma' dawk (il-maġġuranza!) li ma jirnexxilhomx

josservawh. Aħna profeti, u bħala profeti, il-messaġġ irridu nagħtuh komplet.

Tajjeb niċċitaw hawn il-kliem tal-Papa fis-Sinodu: "Il-Padri tas-Sinodu ċaħħdu kull dikotomija bejn il-pedagoġija, illi tipproponi ċerta gradwalità fir-rejalizzazzjoni tal-pjan divin, u d-duttrina, kif proposta mill-Knisja bil-konsegwenzi kollha tagħha, u li fiha hemm miġbur l-amar li ngħixu skond l-istess duttrina. Mhix kwistjoni li nħarsu lejn il-liġi biss bħala ideal li rridu nilħqu fil-futur, imma bħala kmand ta' Kristu li ngħelbu b'impenn id-diffikultajiet. Fir-realtà, ma nistgħux naċċettaw "proċess ta' gradwalità", jekk mhux biss fil-każ ta' min sinċerament jipprova josserva l-liġi divina, u jfittex dak il-ġid li hu mħares u żviluppat mill-istess liġi. Għaldaqstant, l-hekk imsejħa 'liġi tal-gradwalità" jew mixja pass pass, ma tistax tiġi identifikata mal-"gradwalità tal-liġi", bħallikieku kien hemm gradijiet u forom diversi ta' liġi għal bnedmin u sitwazzjonijiet diversi. Il-koppji kollha huma msejħin, skond il-ħsieb divin, għall-qdusija fiż-żwieġ u din il-vokazzjoni għolja tirrejalizza ruħha in kwantu l-persuna umana hija fi grad li twieġeb għas-sejħa divina bi spirtu seren, mimlija fiduċja fil-grazzja divina u fir-rieda tajba.

Tmiem

"Hu lill-familja afdat fuq kollox id-dmir tal-evanġelizzazzjoni u tal-katekeżi." Hekk qal is-Sinodu dwar il-Familja tal-1980.

Huma għaldaqstant il-familji li rridu nedukaw biex imbagħad dawn, min-naħa tagħhom, ikunu kapaċi jagħmlu l-pastorali fost il-familji sħabhom.

KONFLITTI FIL-FAMILJA

minn Dun Louis Camilleri

Wieħed mill-kummenti li sikwit nisimgħu, kultant forsi bi ftit sarkażmu, huwa li għalkemm illum hawn ħafna tagħlim, studju u preparazzjoni, madankollu, iż-żwieġ donnu iżjed jitfarrak milli kien qabel. Dan huwa minnu għaliex iż-żwieġ illum huwa iżjed diffiċli milli kien qabel.. Dan għax illum dak li wieħed jistenna miż-żwieġ, huwa pjuttost differenti u wkoll iżjed esiġenti .u diffiċli minn dak li kien qabel.

Xtaqt ngħid fil-qosor xi ħaġa dwar il-qagħda taż-żwieġ illum u x'jistennew il-miżżewġin minn xulxin u kif għandha tkun it-tħejjija għaż-żwieġ u kif nistgħu ngħinu lill-miżżewġin.

Każ prattiku

Ħa nsemmi każ ta' tnejn miżżewġin li ilhom tliet snin miżżewġin. Ftit ilu, wara ġlieda li

kellhom bejniethom, isseparaw għal ftit. Iżda madankollu jixtiequ li jirrangaw iż-żwieġ tagħhom jekk inhu possibbli. Waħda mill-affarijiet li tkellmu dwarha u li t-tnejn iħossu l-ħtieġa tagħha, hija komunikazzjoni bejniethom. Ir-raġel speċjalment insista ħafna dwar dan u qal: "Isma, inħoss li fiż-żwieġ tagħna ma jeżistix djalogu. Ilna, kważi mill-bidu taż-żwieġ barra l-ewwel ftit xhur, mingħajr ma nistgħu rejalment nitkellmu bejnietna." U għaliex m'hemmx komunikazzjoni, m'hemmx djalogu? Il-mara tgħid li huwa kollu tort tiegħu, għaliex hu rari jkun id-dar. Toqgħod tistennieh; hu jidħol id-dar pjuttost tard, għall-10 p.m., il-11 p.m. u anki għas-siegħa ta' fil-għodu. Jidħol daqshekk tard għaliex ikun qiegħed jaħdem. Jitlaq fil-għodu għaxxogħol, malli jqum, u wara li jispiċċa mix-xogħol normali tiegħu għandu part-time job ieħor u minħabba f'hekk jiġi dejjem tard. U allura qalet: "jiena ma nkunx niflaħ nissaporti iżjed u mmur norqod, u malli jiġi hu bil-lejl isibni rieqda. U allura ma nistgħux nitkellmu." Din hija xi ħaġa li jħossuha ħafna, jixtiequ li jkun hemm iżjed djalogu u għadhom ifittxu mezz kif fil-fatt ikunu jistgħu jitkellmu iżjed fuq il-problemi tagħhom, għax fil-fatt għandhom ħafna problemi.

Ħaġa oħra li semmew, fil-każ tagħhom, huwa l-fatt li l-mara xi ħames xhur ilu, qabdet taħdem part-time job. Dawn għandhom tifla waħda ta' seba' snin li tmur l-iskola. Il-mara qabdet part-time job u taħdem minn xi l-erbgħa sat-tmienja u nofs ta' fil-għaxija; minħabba f'hekk ukoll, qed ikollhom ċans inqas li jiltaqgħu bejniethom; anki għaliex wara li tagħmel dawk it-tliet sigħat u nofs xogħol, tkun għajjiena mejta x'ħin tasal id-dar. U lanqas ikollha enerġija u forza biex toqgħod tistennieh, lir-raġel. Barra minn hekk il-mara tgħid ukoll li fl-att taż-żwieġ, ir-raġel l-aqwa li jinqeda hu u ma tantx jagħti każ tagħha. Apparti affarijiet oħra li ddiskutejna flimkien, semmejt dawn it-tliet affarijiet għaliex fil-fatt huma tliet ħwejjeġ — problemi — diffikultajiet li huma pjuttost komuni fil-ħajja taż-żwieġ illum.

X'jistennew il-miżżewġin

L-ewwelnett għandek il-kwistjoni ta' x'aħna nistennew minn xulxin; dawk li huma l-'expectations'. Għalhekk għidt li llum, il-ħajja taż-żwieġ hija aktar diffiċli. Qabel kellna soċjetà fejn ir-'roles' taż-żwieġ, i.e. x'għandu jagħmel ir-raġel, x' għandha tagħmel il-mara u x' jistennew il-miżżewġin minn xulxin, kienu iżjed sempliċi. Ittnejn kienu jħarsu lejn iż-żwieġ bħala għaqda dejjiema. L-iskop taż-żwieġ kien li jrabbu familja, li r-raġel imur jaħdem u meta jiġi d-dar isib kollox lest, filwaqt li l-mara toqgħod id-dar tagħmel il-faċendi u tieħu ħsieb it-tfal. F'dan il-konċett taż-żwieġ bejn wieħed u ieħor, ir-raġel u l-mara kienu jafu aktar fejn qegħdin. Illum, il-miżżewġin jistennew xi ħaġa iktar

minn ħekk. Illum għandhom aspettazzjonijiet iżjed spiritwali. Spiritwali fis-sens li l-aspettazzjonijiet tagħkom huma iżjed fil-qasam ta' l-emozzjonijiet. Jistennew li jiftiehmu iżjed bejniethom; jistennew li jirrispettaw iżjed lil xulxin, li jinħabbu iżjed. Dawn l-affarijiet jesiġu iżjed minn xulxin u huwa minħabba din il-ħaġa li dawn it-tnejn iħossu n-nuqqas ta' djalogu bejniethom. Għaliex igħidu: "jekk aħna m'aħniex nitkellmu, kif ser niftiehmu? Kif se nipprova nfiehmek jiena x'għandi bżonn, x'jiena nħoss, x'nixtieq minnek? Kif se nurik li nħoss li ma tħobbnix biżżejjed lili?"

Il-miżżewġin jistennew li jkunu iżjed ugwali. Ugwali mhux biss fis-sens ta' drittijiet, iżda anke f'dak li hu sodisfazzjon taż-żwieġ, anke sodisfazzjon ta' l-att ta' żwieġ. Il-mara tgħid li għaliha mhux biżżejjed li r-raġel jinqeda biha. Hi trid xi ħaġa wkoll. Inħoss li meta ngħidu li llum hawn iżjed tagħlim u hawn iżjed tħejjija għaż-żwieġ, inkunu qegħdin ngħidu sewwa. Pero', inħoss li għaċ-ċirkustanzi ta' llum u għal mod kif inħi mibnija l-familja llum, fil-fatt għad m'hawnx tagħlim biżżejjed. Irridu ngħidu wkoll li mhux kulħadd qed ikun milħuq u mhux kulħadd qed ikun ippreparat għal din il-ħajja taż-żwieġ. Anke għaliex meta nagħmlu l-laqgħat għall-għarajjes, bi tħejjija għaż-żwieġ, ġeneralment inkellmuhom fuq iż-żwieġ, x'jistennew miż-żwieġ, kif għandhom iġibu ruħhom fiż-żwieġ. Mentri fir-realtà, dik hija xi ħaġa li għall-għarajjes mhijiex rejalistika għal kollox, fis-sens li huma m'għandhomx l-esperjenza taż-żwieġ. Imbagħad jiżżewġu u jibdew isibu li r-rejaltà hija differenti milli kienu jaħsbuha u minn kif semgħu fuqha.

Ftit ilu, kont qiegħed nattenli konferenza, fil-Ġermanja, li kienet dwar 'self-fulfillment' u 'fulfillment of the couple'. Il-koppji jistennew li jħossuhom tajjeb fiż-żwieġ. Kif jista' r-raġel iħossu self-fullfilled u l-mara tħossha self-fulfilled u madankollu, it-tnejn li huma jħossu li hemm l-għaqda bejniethom? Dan huwa l-qofol talproblema, li ħafna ma jistgħux jifhmuh. Fil-konferenza kien hemm waħda sinjura Ingliża li qalet li hija diffiċli li tagħti formazzjoni lil xi ħadd, jekk dan ma jkunx qiegħed fl-esperjenza ta' dik il-ħaġa. Bħala eżempju semmiet esperiment li huma għamlu dwar ħames koppji żgħażagħ miżżewġin. Il-ħames nisa kienu fit-tielet xahar tat-tqala tagħhom. Stednuhom fiċ-ċentru tagħhom u bdew ikellmuhom dwar il-preparazzjoni għall-miġja tat-tarbija. Din is-sinjura qalet li meta ġew, l-irġiel kienu qishom b' nofs qalb, qishom ma tantx huma nteressati. In-nisa kienu nteressati ħafna u bdew jistaqsu ħafna mistoqsijiet dwar x' kellhom bżonn iħejju ħa jieħdu ħsieb il-baby u affarijiet bħal dawn. Din l-Ingliża qalet: "tkellimna, iddiskutejna u marru." U mbagħad erġajna ġibnihom tliet xhur wara li kellhom it-tarbija. Ġew il-ħames koppji u

bdew jitkellmu dwar il-ferħ li ħassew meta kellhom din it-tarbija, il-fatt li ħafna drabi kienu jqumu bil-lejl għax it-tarbija toqgħod tibki, li r-raġel fil-għodu jkun għajjien meta jmur għax-xogħol u affarijiet bħal dawn. Pero' kienu għadhom tliet xhur biss wara li kellhom it-tarbija. Imbagħad erġajna ġibniehom sena wara li kellhom it-tarbija. U dak innhar rajt bidla kbira. L-ewwelnett għaliex l-irġiel kienu iżjed interessati li jiġu għal din il-laqgħa min-nisa. L-iktar li għamlu mistoqsijiet u ddiskutew kienu l-irġiel. Għaliex bdew igħidu kif qed iħossuhom issa, li l-mara iżjed qed tikkonċentra fuq it-tarbija milli fuqhom u problemi bħal dawn, li nħolqulhom għax issa għandhom tarbija fil-familja. Bdew igħidulna: "għaliex meta ġibtuna l-ewwel darba ma kellimtuniex fuq dawn l-affarijiet, bħal x'se jsir minna wara li jkollna t-tarbija?" Aħna għidnilhom: "Dak in-nhar għidnielkom x'kambjament ser ikun hemm; imma intom ma kontux qegħdin tisimgħu. Ma kontux qegħdin tisimgħu għaliex għalikom kien għada u għalhekk mhux realtà. Kienet xi ħaġa li ma stajtux tħossuha."

Thejjija għaż-żwieġ

Dan hu l-punt li rrid nagħmel jiena. Li llum tinħass iżjed il-ħtieġa tat-tħejjija għaż-żwieġ. Iżda t-tħejjija għaż-żwieġ trid tkun iżjed ibbażata fuq ir-relazzjonijiet ta' bejniethom, kif sejrin flimkien, kif qegħdin igħixu u jġibu ruħhom ma' xulxin; x'jiġifieri jirrispettaw u jħobbu lil xulxin; x'jiġifieri jgħixu ħajja ta' grazzja bejniethom bħala għarajjes. Għaliex minn hekk jiddepenli kif 'il quddiem fiż-żwieġ se jimxu u kif se tkun l-imġieba ta' bejniethom.

Diġà tkellimna fuq il-valuri, li qegħdin jinbidlu. Din hija xi ħaġa mportanti ħafna għaliex aħna rridu ngħinu lill-miżżewġin, mhux biss meta jkollhom il-problemi, imma anke biex igħixu l-ħajja nisranija taż-żwieġ nisrani. Waħda mill-affarijiet li tolqtok meta titkellem ma' l-għarajjes, u anke ma' miżżewġin, hi li m'għandhomx idea, almenu m'għandhomx idea ċara, ta' x'jiġifieri tgħix is-sagrament taż-żwieġ. Ġieli nkunu qegħdin nitkellmu malgħarajjes u nsaqsihom x'jifhmu bis-sagrament taż-żwieġ. Il-biċċa l-kbira, l-iktar li jifhmu bis-sagrament taż-żwieġ huwa li ż-żwieġ ma jistax jinħall, li jkollok il-grazzja tas-sagrament (ma nafx x'jifhmu biha) u affarijiet bħal dawn. U trid tipprova tgħinhom biex jifhmu illi s-sagrament taż-żwieġ ifisser li għandhom dimensjoni oħra fil-ħajja. Li għalihom, il-fatt li qegħdin igħixu flimkien, iħobbu 'l xulxin u jibnu familja, qegħdin jagħmlu hekk għaliex għandhom skop ieħor fil-ħajja: l-iskop li jqaddsu 'l xulxin, igħinu 'l xulxin, jersqu lejn Alla, igħixu l-ħajja nisranija fiż-żwieġ, jiffurmaw mill-familja tagħhom "knisja żgħira", jiffurmaw familja li fiha hemm post speċjali għal Alla.

Dawn l-ideat ma jeżistux f'

mohħ ħafna għarajjes u miżżewġin, u għalhekk jeħtieġ ngħidulhom bihom. Din hija l-kwalità ta' tħejjija li hi meħtieġa llum: minn dan jiddependi x'valuri se jkollhom fil-ħajja tagħhom ta' miżżewġin, se jkollhomx valuri nsara u dawn il-valuri humiex imħejjijin biex igħixuhom.

PUNTI DWAR IL-MORALITA' KONJUGALI

minn Dun G. Grima

L-Ambjent Lokali

Meta nitkellmu mal-Maltin illum fuq kif għandhom jgħixu l-ħajja miżżewġa tagħhom, irridu nżommu quddiem għajnejna fattur soċjoloġiku importanti ħafna: il-Maltin illum qegħdin jgħixu f'soċjetà li m'għadhiex taċċetta l-kelma tal-Knisja, sempliċement għaliex hekk tgħid u tgħallem il-Knisja. F'dawn l-aħħar snin daħlet sewwa l-ideja li l-moralità kattolika hija relattiva fis-sens li tirrappreżenta viżjoni partikolari tal-ħajja; bħalma partit politiku għandu l-ideoloġija tiegħu, hekk ir-reliġjonijiet, inkluża r-reliġjon kattolika, għandhom l-ideoloġija tagħhom. Billi l-grupp ħafna drabi jħaddan ideoloġija, politika jew reliġjuża, aktar għaliex ikun jemmen fiha milli għaliex ikollu raġunijiet li huma evidenti għal kulħadd, it-tagħlim tal-Knisja f'Malta llum fuq l-aspetti kollha tal-ħajja qiegħed jitlef xi ftit jew wisq l-awtorità li forsi seta' kellu qabel. F'mohħ ħafna nies qiegħed jieħu sura ta' tagħlim dubjuż, forsi wkoll bla sens, u fuq kollox tagħlim li l-moviment lajk fis-soċjetà maltija qiegħed iwarrab, għaliex huwa konservattiv u reazzjonarju.

Mhux possibbli fis-soċjetà li qegħdin ngħixu fiha li nirbħu l-preġudizzju li nħoloq kontra l-awtorità anki ekklesjastika, billi sempliċement naffermaw l-awtorità tagħna. Argumenti bħal, ngħidu aħna, il-Knisja tirrappreżenta lil Kristu jew li t-tagħlim tal-Knisja qiegħed itenni r-rieda t'Alla jistgħu jkunu teoloġikament korretti pero' l-effett tagħhom, mill-angolu soċjologiku u pedagoġiku huwa limitat ħafna u xi drabi jista' jkun ukoll negattiv, għaliex ikompli jikkonferma l-ideja korrenti ta' Knisja li trid tasserixxi l-awtorità tagħha fuq il-poplu u mhuv tisimgħu u tidħol fi djalogu kostruttiv miegħu.

Huwa preċiżament f'dan il-kwadru ġeneral ili jeħtieġ neżaminaw għall-anqas il-punti prinċipali li jolqtu l-ħajja miżżewġa. Il-problema ċentrali hija din: kif nistgħu nippreżentaw il-moralità konjugali b'mod li meta wieħed jismagħha jgħid: "Hija raġunata, tagħmel sens mhux biss għalija kattoliku imma wkoll għalija li, għalkemm m'inix kattoliku, għandi mohħ miftuħ u nixtieq nara l-affarijiet b'mod oġġettiv.

Dan li qegħdin ngħidu jolqot b' mod partikolari l-imħabba konjugali. Fis-sinodu fuq "Id-Doveri tal-Familja fid-dinja tal-Lum", ħafna isqfijiet, filwaqt li għarfu l-karattru profetiku tat-tagħlim tal-Knis-

ja fuq dan is-suġġett, l-aktar kif spjegah il-Papa Pawlu VI fl-enċiklika, *Humanae Vitae* xtaqu li l-Knisja telabora teoloġija aktar komprensiva u ċara fuq is-sesswalità umana u mħabba konjugali miftuħa għall-ħajja.

Metodoloġija

Meta nitkellmu fuq teoloġija tas-sesswalità umana u l-imħabba konjugali nifhmu nwieġbu prinċipalment għall-problema: "Kif jistgħu r-raġel u l-mara jgħixu l-ħajja matrimonjali tagħhom, inkluża l-ħajja sesswali b'mod aktar uman u allura b'mod aktar pożittiv u krejattiv?"

Tweġiba għal din il-problema ma tistax tingħata darba għal dejjem. F'kull żmien jinħolqu possibiltajiet ta' preżentazzjoni ġdida. U propju hawn qiegħed il-punt li minnu għandna nibdew naħsbu dwar teoloġija dommatika u morali, aktar rilevanti fuq is-sesswalità u l-imħabba konjugali.

Possibbiltajiet ġodda

Xi possibbiltajiet jistgħu jkunu moħbija u forsi anki jidhru u filfatt ikunu, fatturi negattivi. Pero' huwa l-kompitu profetiku tal-Knisja li tgħarbel is-sinjali taż-żmenijiet u toħroġ dak kollu li jista' jgħin l-iżvilupp integrali talbniedem fil-ħajja sesswali u matrimonjali tiegħu.

Il-valuri li l-aktar qegħdin jissemmew fi żmienna huma tnejn:

a) Id-dritt li l-bniedem iwettaq l-attività sesswali tiegħu bħala xi ħaġa li tifforma parti integrali mill-iżvilupp uman tiegħu;

b) id-dritt li l-bniedem jippjana d-daqs tal-familja tiegħu.

Huwa assolutament essenzjali li l-Knisja tidher li hija taqbel ma' dawn iż-żewġ valuri u li l-iskop tagħha huwa propju li ssaħħahhom u tippromovihom. Id-diffikultà naturalment se tinqala' meta wieħed jibda jiddiskuti fil-prattika l-mezzi neċessarji għal dan il-għan. Għalkemm jonqos ħafna xi jsir, diġa' sar ħafna xogħol li jista' jgħinna ħafna biex nagħtu t-tweġiba li ż-żminijiet qegħdin jitolbu minna.

Id-dritt għall-attività sesswali

Nibdew bid-dritt tal-individwu għall-ħajja sesswali. X'wieħed jifhem b'dan id-dritt ibarja skond kif wieħed jifhem il-bniedem. L-insistenza li saret, l-aktar mis-seklu dsatax 'il quddiem, fuq il-ħtieġa tax-xogħol għall-progress irriduċiet il-ġisem uman għal sempliċement biċċa għodda biex taħdem biha fil-ħin tax-xogħol u ġugarell biex tilgħab u tieħu pjaċir bih filħin liberu.

Wieħed mill-punti tassew pożittivi li l-Knisja rnexxielha tiżviluppa kemm fil-Kostituzzjoni, *Gaudium et Spes* u kemm fl-Enċiklika *Humanae Vitae*, huwa li l-bniedem hu maħluq biex jikkomunika u jissieħeb mal-bnedmin l-oħra. Għalhekk, nifhmu għaliex il-Knisja llum qegħda tipprova tippreżenta s-sess bħala mezz li bih raġel u mara jistgħu jikkomunikaw bejniethom. Naturalment, jikkomunikaw ta' bnedmin. *Humanae Vitae*, meta titkellem fuq l-imħabba konjugali, tgħid li din l-imħabba għandha tkun qabel xejn u fuq kollox *umana*. Xi jfisser dan?

Ifisser li għandha tkun imħabba li qegħda tesprimi rispett sħiħ lejn il-persuna. Mara u raġel li ltaqgħu

f'okkażjoni, inġibdu lejn xulxin u esprimew din il-ġibda sesswalment, għandhom ideja fqira ħafna ta' x'timplika attività sesswali; ħasbuha li tixbah ġesti oħra, bħal, ngħidu aħna, nieħdu b'idejn xulxin, tbissima, tislima — ġesti li normalment nużawhom biex nuru li qegħdin nifirħu bil-preżenza ta' xulxin; dawn huma ġesti li b'xi mod iħarsu 'l quddiem u juru li aħna nixtiequ nerġgħu niltaqgħu biex naħdmu jew nifirħu flimkien. Meta raġel u mara jużaw is-sess biex jesprimu l-imħabba li għandhom lejn xulxin, huma jkunu wkoll qegħdin iħarsu 'l quddiem u jixtiequ li dak li qiegħed isir ma jsirx għal gost tal-mument iżda għall-bqija ta' ħajjithom bħala xhieda ta' lejltà u fedeltà totali. Kull lingwa tista' tgħid żviluppat terminoloġija speċifika biex tindika propju d-disgust li tħoss mara meta żewġha jibdilha jew mara tibdel lil żewġha. Fil-Malti l-kelma l-aktar li nużaw hija "tibdel", preċiżament għaliex inħossu li l-persuna qegħda tiġi meqjusa bħallikieku kienet oġġett li tista' twarrbu meta sibt xi ħaġa oħra isbaħ minnu.

Huwa assolutament essenzjali li meta nitkellmu fuq is-sesswalità ma nagħtux l-impressjoni li aħna interessanti biss f'kodiċi morali biex inċaħħdu lill-bniedem mil-libertà tiegħu. L-edukazzjoni sesswali nisranija għandha tipprova twassal iż-żgħar, iż-żgħażagħ u l-kbar biex jifhmu l-ewwelnett li l-bniedem huwa bniedem daqskemm qiegħed jipprova jafda f'ħaddieħor u jkun lejali lejh u allura biex jifhmu li s-sess bejn raġel u mara jumanizzahom sakemm qiegħed jimpenjahom fl-istess waqt biex jafdaw f'xulxin u jkunu lejali lejn xulxin.

Is-sesswalità hija differenti missinjali li bihom il-bniedem jesprimi ruħu minħabba wkoll li l-ebda sinjal ieħor m'hu kapaċi jagħti bidu għal ħajja umana ġdida. L-att sesswali bejn raġel u mara huwa sinjal uniku ta' kommunikazzjoni bejniethom, propju għaliex l-ebda att ieħor m'għandu finalità prokrejattiva. Għalhekk, dak li jsir qabel matul jew wara dan l-att bl-iskop li b'xi mod jikkontrolla din il-finalità se jesprimi l-attitudni li r-raġel u l-mara għandhom lejn il-ħajja. Il-Knisja tgħallem li l-imħabba konjugali hija umana daqskemm hija mħabba miftuħa għal ġid ta' xulxin u għat-tnissil ta' ħajja umana ġdida.

Id-dritt li l-ġenituri jippjanaw id-daqs tal-familja

Huma l-ġenituri li għandhom id-dritt jippjanaw id-daqs tal-familja tagħhom. Bħalma qal il-Kardinal Ratzinger fil-konferenza introduttorja tas-Sinodu fuq il-familja, wieħed mill-prinċipji ta' *Humanae Vitae* li ġie milqugħ tajjeb ħafna kien propju dan:

"L-Istat m'għandu bl-ebda mod jikkostringi ċ-ċittadini li jillimitaw in-numru ta' wlied. Id-dritt tal-familja jiġi qabel dak tal-Istat. Huwa obbligu tal-istat li jiddefendi u jsaħħaħ lill-familja... irid, għalhekk, jiddefendi d-dritt tal-ġenituri li jiddeċiedu huma dwar l-għadd ta' tfal permezz ta' deċiżjoni ħielsa u prudenti."

Mil-lat pożittiv, id-dritt tal-ġenituri li jippjanaw id-daqs tal-familja tagħhom jimplika li jqisu diversi fatturi. Il-Kostituzzjoni, *Gaudium et Spes* tfakkar lill-ġenituri fir-responsabbiltà tagħhom li:

"Iqisu l-ġid tagħhom u ta' wliedhom, kemm ta' dawk li diġà twieldu u ta' dawk li fi ħsiebhom iwelldu. Jeħtieġ ukoll iqisu l-kondizzjonijiet materjali u spiritwali taż-żmien u wkoll tal-istat tal-ħajja tagħhom. Fl-aħħarnett, għandhom ukoll iħarsu lejn l-interessi talgrupp familjari tagħhom, tas-soċjetà temporali u tal-Knisja stess" (n. 50).

Dan il-punt huwa konformi malfilosofija tal-azzjoni li jagħtina San Tumas. San Tumas jagħti importanza primarja lill-fatt li għemil il-bniedem jieħu t-tifsira tiegħu mill-kuntest li fih dan l-għemil isir.

Sfortunatament, il-kontroversja kollha li nqalgħet wara *Humanae Vitae* u li għadha sejra privatament bejnietna dejqet b'mod drastiku ħafna l-viżjoni globali li suppost ħadna kemm mid-dokumenti uffiċjali tal-Knisja u mit-teoloġija dwar l-aspetti pożittivi tal-ħajja konjugali. L-interess ta' ħafna deher f' ħaġa waħda biss: "Liema huma l-mezzi projbiti u liema huma l-mezzi leċiti fl-ippjanar tal-familja." Din hija bla dubju l-problema prattika għal koppja li tixtieq tgħix il-ħajja miżżewġa b'kuxjenza nisranija tajba. Pero' ma tistax tislitha mill-kuntest aktar wiesa', jiġifieri, ta' ħajja impenjata fil-promozzjoni ta' valuri fondamentali għall-bniedem — id-dinjità tal-persuna tar-raġel u tal-mara u l-valur tal-ħajja.

Biex dawn iż-żewġ valuri jidħlu tassew fil-ħajja jeħtieġ edukazzjoni fit-tul u b'diversi mezzi. Wara d-direttivi li l-isqfijiet maltin kienu ħarġu fl-1972 għall-konfessuri, aktarx li bdiet tidħol l-ideja li f'każijiet ta' konflitt ta' doveri, mezzi kontraċettivi li m'humiex abortivi huma permessi, naturalment dejjem fuq il-kuxjenza tal-koppja. Issa din hija ideja li tagħmel sens biss f'kuntest aktar wiesa' — kuntest kontemplat fid-direttivi oriġinali tal-isqfijiet maltin u ta' Konferenzi episkopali oħra, fosthom tal-Belġju u l-Kanada. Dan huwa l-kuntest ta' koppja li sinċerament qegħda tagħmel mill-aħjar biex tosserva d-direttivi morali tal-Knisja. Beda jiġri pero' li l-miżżewġin bdew jassumu li, sakemm qegħdin f'dan l-ħekk imsejjaħ konflitt ta' doveri, jistgħu jużaw liema mezzi kontraċettivi li jidhrilhom, forsi fuq il-parir tattabib tagħhom mingħajr ma jippruvaw jirrevedu d-deċiżjoni tagħhom fid-dawl ta' ċirkostanzi ġodda u mingħajr ma jħossu l-obbligu li almenu jistqarru l-ħtija tagħhom kif jinstabu ħatja quddiem Alla f'dak li jirrigwarda r-relazzjonijiet ta' bejniethom. Bil-mod il-mod il-miżżewġin bdew jeżentaw irwieħhom mill-bżonn li jeżaminaw lilhom infushom u l-imġieba tagħhom f'aspett li huwa tassew essenzjali u ħafna drabi kritiku fil-ħajja talbniedem. Prinċipju li kien utli ħafna mil-lat pedagoġiku għaliex kien maħsub biex jgħin lill-persuna tkompli timmatura moralment u spiritwalment beda joħnoq dan l-iżvilupp, għaliex waqqaf dak il-proċess ta' *revision de vie* li huwa neċessarju biex il-persuna ssaħħaħ dawk l-attitudnijiet li jassiguraw u jiffaċilitaw dispożizzjoni pożittiva lejn il-valuri fondamentali li semmejna. Jidhirli li huwa f'dan l-ispirtu li għandna naqraw u nifhmu l-ittra pastorali li l-isqfijiet tagħna ħarġu xi xhur ilu fuq dan is-suġġett.

Fid-diskors tal-għeluq tas-Sinodu fuq il-familja l-Papa wkoll tkellem fuq il-mixja bil-mod il-mod lejn ħajja matrimonjali miftuħa dejjem aktar lejn il-valuri tal-imħabba u l-ħajja. Din hija *l-liġi tal-gradwalità*, li ma tfissirx li l-liġi divina daqqa torbot mod u daqqa torbot mod ieħor, *il-gradwalità talliġi*. Bħalma jgħid San Tumas il-liġi tħares 'il quddiem *(prospettiva)* fis-sens li tagħti direzzjoni lill-bniedem u, għalhekk, hija *regula;* il-liġi tgħin ukoll il-bniedem biex, nistgħu ngħidu, ikejjel u jqis l-azzjonijiet tiegħu *(retrospettiva)* u għalhekk, il-liġi hija *mensura.*

In-norma morali li tat il-Knisja fuq l-imħabba konjugali hija valida fis-sens li tipprovdi lill-miżżewġin prospettiva fondamentali li fiha għandhom jgħixu l-ħajja sesswali tagħhom u tipprovdilhom ukoll kriterju li bih jistgħu jkejlu l-progress tagħhom.

Meta qegħdin nitkellmu fuq progress morali, qegħdin nifhmu prinċipalment il-formazzjoni ta' dawk li sejjaħnilhom attitudnijiet, dispożizzjonijiet jew, bħalma s-soltu nsejħulhom, virtujiet. Issa li għaddew aktar minn għaxar snin mill-pubblikazzjoni ta' *Humanae Vitae*, qegħdin naċċettaw aktar forsi minn qabel, il-fatt li l-użu mingħajr diskrezzjoni tal-kontraċettivi li jimmanipulaw ir-ritmu tal-fekondità naturali joħloq mentalità kontraċettiva u kontra l-ħajja *(a contraceptive and anti-life mentality).*

Fis-snin immedjatament qabel u wara *Humanae Vitae* diversi qalu: "Jekk huma permessi l-metodi naturali għandhom ikunu wkoll permessi l-metodi artifiċjali, għaliex fil-każ tat-tnejn l-iskop huwa li l-bniedem jagħraf il-liġijiet tan-natura u jużahom biex jikkontrolla l-proċess prokrejattiv.

Illum sirna aktar konxji, bħalma nnota l-Kardinal Ratzinger fil-bidu tas-Sinodu, li l-mezzi kontraċettivi artifiċjali qegħdin jagħtu l-bniedem iċ-ċans li jaqbeż il-limiti ta' dak li għandu jkun il-kontroll tiegħu fuq in-natura. U dan huwa perikoluż, proprju għaliex qiegħed jagħti faċilità li l-bniedem jifred issess mill-orjentament ġenerali tiegħu lejn il-ħajja. Il-metodi naturali huma privileġġjati, għaliex filwaqt li jagħtu l-koppja ċ-ċans li tippjana d-daqs tal-familja, jgegħluhom u jiddisponuhom biex jirrispettaw ukoll ċerti limiti.

Każijiet limiti

Dawk li nistgħu nsejħulhom **limit-cases,** jiġifieri, każijiet li huma tassew diffiċli, għaliex tqala jew tarbija tista' ġġib konsegwenzi serji ħafna għas-saħħa fiżika jew psikoloġika tal-omm jew konsegwenzi oħra għall-ħajja tal-familja, huma każijiet li wieħed irid jikkonsidra apparti u ma rridux ngħaġġlu nissuġġerixxu soluzzjonijiet. In-norma morali qegħda hemm u rridu nagħtu każha; għaliex mingħajrha nitilfu dik is-sensibbiltà lejn il-valuri li jumanizzaw il-ħajja. Bħal-liġi "la toqtolx". Din tibqa' tgħodd anki meta bniedem ikun kostrett li joqtol biex jiddefendi lilu nnifsu minn aggressur inġust. Anki l-qtil ta' aggressur inġust huwa ħażin fis-sens li huwa **ontic evil** (ara Louis Jansens) jew **pre-moral evil** (ara Joseph Fuchs), għaliex dejjem jimplika soppressjoni ta' valur. Fil-ħajja hemm bżonn ta' reviżjoni kontinwa mhux biss kull meta nistgħu u ma rridux

nilħqu l-valuri li suppost nilħqu imma wkoll meta niġġudikaw fil-kuxjenza tagħna li ma nistgħux fiċ-ċirkostanzi li qegħdin fihom naġixxu mod ieħor avolja nixtiequ. F'dan it-tieni każ il-ħtija tonqos u jista' ma jkollna l-ebda ħtija skond l-impenn tagħna li nużaw mezzi proporzjonati biex nilħqu l-finijiet tajba tagħna.

Konklużjoni

Jidhirli li fil-pastorali tagħna għandna nisħqu b'mod partikolari fuq il-formazzjoni ta' dispożizzjonijiet li jelevaw il-persuna, għaliex jiddisponuha tirrispetta dak kollu li jagħmel ħajjet il-bniedem sabiħa u dinjituża.

IL-FAMILJA TA' LLUM: PUNTI PASTORALI

minn Fr. A.G. Vella S.J.

Se nagħti xi attitudnijiet li għandu jkun hemm fina bħala "pastores", u xi linji li jistgħu jgħinuna biex nilħqu l-isfidi tal-familja llum:

I Nammettu r-realtà, nammettu t-tibdil li qed jiġri madwarna, u ma ngħaddsux rasna ġor-ramel, għax nibżgħu li dat-tibdil, kemm soċjaloġiku, kemm tidbil li jġib miegħu l-Konċilju Vatikan it-Tieni, għal min jieħdu bis-serjetà, ser jolqotna millviċin u għalhekk ikollna forsi nbiddlu l-mod ta' ħajja tagħna li drajna biha, il-mod kif inħarsu lejn ir-realtà. Hemm bżonn li nkunu lesti għat-tibdil, li nkunu lesti nbiddlu l-mod kif neżerċitaw il-pastorali. Hemm bżonn li nkunu lesti nbiddlu ċerti attitudnijiet tagħna favur il-bidla. Mingħajr din l-attitudni ma teżistix *formazzjoni permanenti.*

II Waqt li naraw it-tibdil mgħaġġel tal-ħajja u ma nagħlqux għajnejna għalih u nkunu realistiċi, m'għandniex inkunu pessimisti. Irridu nżommu dejjem quddiem għajnejna li l-messaġġ tagħna hu Ġesu' Kristu li rebaħ il-ħażen. Ma nkunux vittmi tal-biża' — il-biża' jipparalizzana — iżda ngħixu l-fidi u l-fiduċja u ma "nxekklux l-Ispirtu"!

III Noħolqu atmosfera ta' *fiduċja* fost il-fidili. Dan nagħmluh billi:

— nagħtu xiehda b'ħajjitna, bil-mod kif ngħixu, li ngħixu *b'mod konkret* il-fidi ta' Kristu. Inkunu "irġiel" fil-vokazzjoni u l-impenn tagħna u fl-imġieba tagħna bħala saċerdoti: mingħajr kompromessi

— inkunu "aġġornati" sewwa fit-tagħlim u nkunu magħqudin fit-tagħlim tal-Vanġelju u tal-Maġisterju (l-għaqda fil-Verità).

— *ma nkunux sempliċisti* fil-pastorali: nuru li tassew nifhmu li hemm problemi diffiċili x'wieħed jiffaċċja u mhux kollox lest u wasalna!

— Isibu fina, saċerdoti, bned-

min mimlija *mogħdrija* u *mhux imħallfin ħorox;* isibu fina nies li lesti dejjem jilqgħu l-oħrajn bil-qalb kollha u b'ħafna ħniena u mħabba. Nagħtuhom dejjem laqgħa kordjali; meta jiltaqgħu magħna, għandhom iħossu li din il-laqgħa hi stedina kostanti *għall-konverżjoni għal ħajja ġdida.* Meta tisma', tilqa', tifhem il-persuna bid-diffikultajiet li jkollha, tkun diġà qed tispira fiduċja.

IV Nagħtu lill-familja *t-teoloġija u l-ispiritwalità tas-Sagrament taż-Żwieġ* u mhux moralità minimalista. Nisħqu fuq il-ħajja ta' fidi f'Ġesu' Kristu u fuq l-imħabba sinċiera ta' bejniethom. Nagħmlu enfasi *fuq il-valuri tal-Evanġelju,* biex il-membri tal-familji jaslu biex jiffurmaw *kuxjenza tassew nisranija,* għax id-deċiżjonijiet ta' l-aħħar huma ta' l-individwi u tal-koppji.

V Insaħħu l-familji billi naħdmu mas-singoli, mal-bażi. Norbtu l-familji flimkien, biex ma jħossuhomx waħedhom jew mhedda minn oħrajn. Hemm bżonn ta' komunitajiet żgħar ta' fidi u ta' talb fost il-familji tagħna.

VI Il-katekeżi tal-familja b' kull mezz effikaċi, speċjalment minħabba l-injuranza kbira reliġjuża li tinsab fostna; din il-katekeżi għandha jkollha post ewlieni *fil-Pjan Pastorali.* Fost ħwejjeġ oħra, biex isseħħ din il-katekeżi hemm bżonn ta' Ċentri ta' tagħlim u ta' "Family Counselling" imxerrda ma' Malta u Għawdex, hemm bżonn ta' stħarriġ tal-mezzi ta' komunikazzjoni biex inwasslu t-tagħlim ewlieni tal-Evanġelju fi ħdan il-familji tagħna. Il-Bibbja għandha post speċjali f'din il-katekeżi, għalhekk it-tixrid tal-Kotba Maddsa, ta' "Kliem il-Ħajja" eċċ. It-tagħlim m'għandux ikun biss jew prinċipalment dwar il-"Family-Planning", iżda dwar il-ħajja *kollha Nisranija* tal-familja; hemm bżonn li l-familja tkun iffurmata b'mod nisrani fl-oqsma kollha tagħha. Għalhekk mal-katekeżi norbtu dak li għedna qabel dwar il-valuri. Jekk id-djoċesi tagħti prijorità qawwija lil din il-katekeżi lill-familji, tkun qed tagħmel wieħed mill-aħjar "investments" li żgur jagħti frott tajjeb...

VII Il-messaġġ soċjali tat-tat-tagħlim tal-Knisja jrid jasal ukoll b'mod qawwi u b'mod konkret għand il-familji li l-iktar huma fil-bżonn. Għalhekk, prijorità lill-familji li qed ibatu, lill-familji li jinsabu f' sitwazzjonijiet diffiċili, bi problem serji ta' mard, ta' wlied inkapaċitati, ta' xjuħ, ta' firdiet, ta' drogi, ta' nuqqas serju ta' fehim bejn ġenituri u wlied... l-enerġija pastorali tagħna għandha tkun iċċentrata fuq il-qasam ta' familji li huma fil-bżonn — "Evangelizare pauperibus"!

KIF IS-SAĊERDOT JISTA' JGĦIN IL-FAMILJA FL-APPOSTOLAT TAGĦHA

minn P. Ġużepp Benedett Xuereb O.F.M.

Daħla.

Il-familja hija r-rigal t'Alla lill-Knisja u lis-Soċjetà. Kien hu li riedha u ħa l-inizjattiva sa mill-bidu.

Kemm hi neċessarja l-familja ġie kkonfermat reċentement minn 'survey' li sar ta' madwar 300 soċjetà ta' kull kwalità maddinja kollha. Dan is-'survey' wera li l-aktar istituzzjoni mportanti f'dawn is-soċjetajiet hi l-familja, u li kull esperiment li sar, għal soċjeta' bla familja, falla.

Il-Knisja għandha għal qalbha l-familja, u timpenja ruħha għall-ġid u l-promozzjoni talfamilja u ta' kull membru tagħha. Mhux biżżejjed li noqogħdu ngħidu ħafna kliem sabiħ, imqar jekk romantiku u sentimentali, dwar il-familja ideali kristjana, il-qdusija taż-żwieġ Sagramentali eċċ... It-tagħlim tal-Knisja għandna nkunu nafuh tajjeb, nifhmuh u nassimiljawh, imma mbagħad mitteorija jeħtieġ ngħaddu għallprattika. Inħarsu r-realta' f' wiċċha kif fil-fatt hija llum: mhux kif kienet jew kif nixtiquha li tkun.

Il-familja maltija llum għadha tajba u soda, u l-unita' tagħha mhix fi kriżi. Imma niftakru l-ħin kollu li qegħdin ngħixu f'soċjeta' komplessa li qed tinbidel rapidament, u din il-bidla qed taffettwa ħafna lillfamilja. Dan iġegħelna nammettu li l-valuri, li qed tħaddan il-familja maltija llum, huma fi kriżi.

Is-sitwazzjoni llum hi ferm differenti minn dik li kienet imqar 20-30 sena ilu. L-industrija kibret u kiber ukoll ix-xogħol. Ix-xogħol iqalla' l-flus, u l-flus joffru possibbiltajiet ta' stil ta' ħajja differenti minn dak li l-familja maltija kienet tgħix meta kien hawn ħafna inqas flus fl-idejn. Imma mhux ta' min jinsa li x-xogħol u l-produzzjoni, li kull ma jmur togħla u tikber, qed jikkaġunaw monotonija u frustrazzjoni fil-ħaddiema kollha, u qed jagħmluhom jobogħdu x-xogħol u jsiru irresponsabbli, kemm fuq ix-xogħol u kemm imbagħad fil-familja u fis-soċjetà. Żid ma' dan kollu t-taħlit fuq ix-xogħol, li qed ikun kawża ta' ħafna nfedeltajiet u tifrik ta' familji, l-indifferenza lejn ir-religjon u l-valuri nsara, u t-traskuraġni kbira fil-qadi tad-dmirijiet reliġjużi. Spiss, ukoll, id-djalogu hu nieqes kemm bejn il-ġenituri, u iktar u iktar bejn il-ġenituri u l-ulied. It-turiżmu, il-films, il-mass media — l-aktar ir-radio u t-TV — qed ikomplu jżidu l-passività u l-aljenazzjoni, u joħolqu mentalità li xejn m'hi nisranija.

Imma minkejja dan kollu hemm fatt li, mill-banda l-waħda jagħmlilna kuraġġ u mill-oħra jgħabbina b'responsabbiltà pastorali kbira: *il-fa-*

milja maltija ta' llum għadha trid, u fil-fatt għadha tfittex, it-tmexxija tal-Knisja.

B'dispjaċir ikollna ngħidu li f'dawn l-aħħar żminijiet qatt ma kellna Pjan Pastorali għall-Familja u l-Kummissjoni Familja għadha fil-bidu tagħha. Meta qed ngħid dan, iżda, ma rridx nimplika li ma kienx hawn ħidma favur il-familja.

Il-Moviment ta' Kana għamel ukoll ħafna ġid lill-familja maltija f'dawn l-aħħar 25 sena, imma mqar bl-ikbar rieda tajba, ma jistax jagħmel kollox; u aħna lanqas ma għandna nserrħu rasna fuq il-ħidma tal-Moviment biss.

Fil-fehma tiegħu, l-ikbar għajnuna jistgħu u għandhom jagħtuha l-kappillani u s-saċerdoti kollaboraturi tagħhom. Imma wkoll dawk is-saċerdoti li m'għandhomx il-"*cura animarum*" diretta jistgħu u għandhom jagħtu sehemhom fil-pastorali b'risq il-familja, min b'mod u min b'ieħor.

U f'din il-ħidma jeħtiġilna nżommu quddiem għajnejna l-ħin kollu l-ambjent differenti u t-tipi differenti ta' familji li għandna Malta, u bħalma l-esiġenzi ivarjaw, hekk ukoll għandhom ivarjaw il-metodi li nużaw. Hekk, per eżempju, il-familja li tgħix fl-ibliet qiegħda f'sitwazzjoni differenti minn dik li tgħix f'żona industrijali jew f'raħal jew fil-kampanja. Hemm differenza wkoll bejn il-familja li toqgħod qrib il-knisja u dawk li joqogħdu fil-Housing Estates bogħod miċ-ċentru u l-knisja parrokkjali. Il-problemi tal-familja, li għadha fl-ewwel snin tagħha, huma differenti minn dawk ta' familji li għandhom it-teenagers u l-għarajjes. L-istess ngħidu għall-familji żgħar u dawk imdaqsin, dawk li qegħdin tajjeb ekonomikament u dawk li jaqilgħuha u jikluha. Hemm imbagħad il-familji li jippratikaw u dawk li huma indifferenti għal kollox, jew li hemm għandhom 'il xi ħadd mill-kapijiet li abbanduna r-reliġjon; il-familji mħalltin; il-familji li huma mmexxijin minn 'partner' wieħed għal ħafna raġunijiet... U nistgħu ntawlu l-lista.

Semmejt dan biex nagħmel enfasi li l-Pastorali Familjari teħtieġ ħafna fatturi in konsiderazzjoni, u ma tħalli barra lil ħadd. Hemm ħafna x'nistgħu nagħmlu bħala saċerdoti biex ngħinu lill-familja fir-"role" apostoliku tagħha, u jiena se nsemmi biss, fuq fuq, xi tentativi utli.

1. Evanġelizzazzjoni tal-familja.

L-ewwel dmir tagħna bħala saċerdoti hu li nevanġelizzaw il-familja. Fi kliem l-*Evangelii Nuntiandi* dan ifisser li nwasslu lill-familja maltija l-Aħbar it-Tajba li Alla jħobbha, iħobb lil kull membru tagħha kif inhu, u jappella biex il-familja tikkonverti, tinbidel u ddur lejh bħala Missier. U t-triq għal għand il-Missier hi Kristu: ngħinu lill-familja, għalhekk, biex tagħżel lil Kristu, u tgħaddi minn fidi tradizzjonali għall-fidi ta' konvinzjoni u ta' persważjoni. L-evanġelizzazzjoni,

mela, tiġi qabel is-sagramenta-l'zazzjoni. Dan iġegħelna naħtfu kull okkażjoni familjari sabiex nikkatekizzaw il-familja, u nibnu l-katekeżi tagħna fuq il-Kelma t'Alla, il-Liturġija u l-esperjenza nisranija tal-ħajja.

2. *Ngħinu l-familja tevanġelizza.*

Niftakru l-ħin kollu, iżda, li l-familja hi mhux biss 'oġġett' imma wkoll 'suġġett' ta' l-evanġelizazzjoni. Kif igħallem il-Papa Pawlu VI: "Bħal Knisja, il-familja għandha tkun il-post li fih il-Vanġelu hu mxandar u li minnu l-Vanġelu jixxandar." Il-ħidma tagħha, għandha, għalhekk, ikollha dan il-għan: li nagħmlu l-familja konxja mill-missjoni evanġelizatriċi tagħha, "Il-genituri," jikteb il-Papa, "mhux biss igħaddu l-Vanġelu lil uliedhom, imma jistgħu wkoll jilqgħu minghandhom l-istess Vanġelu mibdul bis-serjetà fil-ħajja tagħhom. Familja bħal din issir qawwa ta' evanġelizazzjoni għal ħafna familji oħra, u għall-ambjent li fih tgħix" (EN 71 cfr. ukoll H.U. 25, 26). Dan jitlob minna li nieħdu l-miżuri kollha biex nirrafforzaw il-valuri u l-ispiritwalità tal-familja maltija nisranija.

3. *Kuntatt kontinwu*

L-evanġelizazzjoni titlob kuntatt kontinwu mal-familji; hawn tidħol il-kwistjoni tal-*"Family Visiting"*. Dan joħloq il-kommunikazzjoni li hi l-presuppost għal kull komunjoni.

Nifhem li ma' din il-ħidma pastorali hemm ħafna problémi u diffikultajiet dwar min għandu jagħmilha u kif: jekk hux tajjeb għaliha kull saċerdot; jekk għandhiex issir mill-kappillan waħdu, jew mill-kappillan u l-viċijiet jew saċerdoti oħra 'full-timers'; jekk jaqbilx li l-ewwel kuntatti jsiru mill-membri ta' l-għaqdiet reliġjużi fi ħdan il-parroċċa jew minn saċerdoti, u mbagħad wara jidħol fix-xena l-kappillan; jekk għandux jidħol dejjem, jew meta aktar jinħass il-bżonn tiegħu; jekk il-'family visiting' għandux isir bieb bieb, bħala rutina, jew jaqbilx aktar li jiġu sfruttati tajjeb il-ħafna okkażjonijiet mimlijin grazzji salvifiċi li f'ħin jew ieħor kull familja tgħaddi minnhom: magħmudijiet, l-ewwel tqarbina u l-griżma, għerusija u tiġijiet, mard, mewt jew xi ċirkustanzi oħra simili. Nispera li fid-diskussjoni jkun hemm bdil ta' ideat u esperjenzi.

4. *Kollaborazzjoni mal-Moviment ta' Kana.*

Il-Moviment ikun jista' jagħmel aktar ġid kemm-il darba jikseb l-appoġġ u jkollu l-kollaborazzjoni tal-Kappillani u s-saċerdoti kollha: billi nitkellmu pożittivament dwar il-ħidma u l-inizjattivi li jieħu, li għandna nagħmluhom aktar magħrufa fil-parroċċi kollha. Inħeġġu mhux biss lill-għarajjes, imma wkoll lill-miżżewġin biex fil-problemi li jsibu ruħhom fihom jagħmlu użu mis-servizzi speċjalizzati li joffri l-Moviment. U barra dan, il-Kappillani flimkien mal-Presbiterja jaħsbu jorganizzaw laqgħat

komplementari, aktar adattati għall-ambjent u n-nies tal-parroċċa tagħhom. Ninsistu fuq preparazzjoni aktar serja għaż-żwieġ. Hu fatt li l-biċċa l-kbira ta' dawk li qed jitolbu s-separazzjoni ma kellhomx preparazzjoni serja għaż-Żwieġ Sagramentali. U naraw kif noħolqu wkoll għamla ta' "formazzjoni permanenti" anke għall-miżżewġin, biex ikunu kapaċi jilqgħu l-isfidi li kontinwament qed isirulhom fis-soċjetà sekolarizzata ta' żmienna. Nedukawhom għall-ġustizzja u għall-imħabba, b'mod li jistgħu jkunu operaturi responsabbli u solidali, ikunu wkoll effikaċi fil-promozzjoni ta' soluzzjonijiet kristjani għall-familja maltija fis-snin li ġejjin.

5. Marriage Encounters.

Ninkoraġġixxu l-Marriage Encounters u noffru lill-miżżewġin aktar possibbiltajiet sabiex jiskopru, jew xi drabi jiskopru mill-ġdid, lil xulxin, u jsiru aktar konxji mill-Pjan ta' Alla għall-Familja nisranija.

6. Terapija fil-familja

Ngħinu l-familji tagħna biex jagħrfu joffru terapija f'waqtha l i l l - membri tagħhom. Ngħallmu lill-ġenituri kif għandhom iġibu ruħhom ma' min jiżbalja, jew isib ruħu f'xi gwaj jew problema. Inħeġġuhom sabiex jieħdu attitudni pożittiva, hekk li l-kura u l-attenzjoni li jagħtu jkunu ispirati mill-Evanġelju u l-Kmandament ta' l-imħabba li għallimna Kristu fl-aħħar ċena.

7. "Adduttar" ta' familji.

Nistudjaw kif inrawmu fostna aktar familji li jkunu kapaċi li "jadduttaw" familji oħra fil-bżonn, kien liema kien dan il-bżonn. Jiġifieri, kif familja tista' tieqaf ma' u tieħu ħsieb familja oħra li tkun għaddejja minn xi kriżi, jew ikollhom xi bżonn partikulari ta' għajnuna.

Hemm ħafna aktar x'wieħed jista' jsemmi. Nagħlaq bil-kliem tal-Papa Ġwanni Pawlu II fiddiskors inawgurali li għamel fi Puebla: "Agħmlu kull sforz biex ikun hemm pastorali tal-familja. Iddedikaw ruħkom għal dan is-settur u agħtuh prijorità, u kunu ċerti li fil-futur l-Evanġelizazzjoni se tkun tiddependi fil-biċċa l-kbira mill-Knisja tad-Dar".

IL-POST TAL-FAMILJA NISRANIJA LLUM

minn Lino u Ċettina Zahra

"Għandu jsir kull sforz sabiex ikun hemm Pastorali tal-Familja — iddedikaw ruħkom għal dan l-appostolat tant importanti, għaliex aħna ċerti li fil-futur, l-evanġelizazzjoni tiddependi ħafna mill-'Knisja Domestika' — il-Familja" (Ġwann Pawlu II lill-Isqfijiet Latino Amerikani fi Puebla).

Bħala koppja miżżewġa, impenjata fl-apostolat tal-familja, ma nistgħux ma nurux l-apprezzament tagħna għall-isforz li qiegħed isir biex jiġi organizzat dan l-Aġġornament għall-Kleru u li ngħatat prijorità għall-Pastorali tal-Familja.

Jinħass dan il-bżonn għaliex wara preparazzjoni għaż-żwieġ, huwa xieraq li għandu jkun hemm 'follow up' u jinstab mezz biex il-koppja miżżewġa jkollha għajnuna u formazzjoni morali matul il-ħajja miżżewġa bil-għan li kull familja ssir tassew Komunità ta' mħabba u ta' fidi — Knisja Domestika.

Minħabba l-ħajja mgħaġġla l-familja fiż-żminijiet tagħna qiegħda tiġi ffaċċjata b'sitwazzjonijiet li ftit qegħdin iħalluha tirrifletti fuq x'inhu verament il-post tagħha fi ħdan is-soċjetà u fi ħdan il-Knisja. Pressjoni kontinwa, kemm ekonomika u kemm soċjali, qiegħda tfixkel il-koppja milli żżomm sħaħ il-valuri taż-żwieġ nisrani. Anzi f'ħafna każi, il-valuri qegħdin jinqalbu għal kollox bil-konsegwenzi li kulħadd jista' jimmaġina. Is-soċjetà moderna — soċjetà konsumistika, qiegħda iktar tfixkel milli tgħin il-familja biex taqdi s-sejħa tagħha.

Minn dejjem il-familja kienet imdawra b'ħafna problemi ta' natura diversa, imma forsi qatt daqs dan iż-żmien ma kien hemm attakki daqstant ħarxa fuq l-istess struttura tal-familja. U għalhekk, fl-opinjoni tagħna, hemm ċerti problemi li għandhom bżonn studji urġenti biex tinstab soluzzjoni għalihom, għax iktar ma jgħaddi ż-żmien, iktar ikun diffiċli li nirritornaw fuq it-triq it-tajba. Hemm bżonn urġenti li l-preparazzjoni għaż-żwieġ issir iktar intensiva u nippruvaw nilħqu lil dawk li, għar-raġunijiet li wieħed ma jistax jifhem, jintrabtu fiż-żwieġ mingħajr ma jkunu jafu x'jimplika dan l-istat ġdid tagħhom. L-attendenza tal-koppji għarajjes għall-korsijiet li jorganizzaw il-Moviment ta' Kana u ħafna Kappillani, iktar ma jgħaddi ż-żmien, iktar qiegħda tikber, imma mingħajr dubju jrid isir sforz biex nilħqu lil kulħadd u nippruvaw inwasslu l-messaġġ li wara kollox, iż-żwieġ huwa wkoll Vokazzjoni. Huwa neċessarju wkoll, li fil-korsijiet ikun hemm ċerta uniformita' speċjalment fejn tidħol il-kwistjoni tal-Family Planning. Irridu noqogħdu attenti li l-ispeakers li nistiednu jkunu intiżi fis-suġġett tagħhom — iż-żmien taddilettantiżmu spiċċa!

L-ideja tat-Trial Marriage qiegħda tikber fost iż-żgħażagħ tagħna u għalkemm innumru għalissa mhux allarmanti, tajjeb li wieħed jieħu ħsiebu minn issa qabel ma jkun tard wisq. L-istess nistgħu ngħidu fuq is-sess qabel iż-żwieġ — koppji żgħażagħ għarajjes li jaħsbu li l-iskop prinċipali taż-żwieġ huwa s-sess. L-imħabba vera ma teżistix, imma hija biss ġibda bejn tnejn minnies — passjoni.

Fenomenu ieħor li qiegħed ikollu effett ħażin fuq il-familja in ġenerali u fuq it-tfal in partikolari huwa l-ommijiet li jaħdmu barra d-dar. Illum issib min igħid li l-mara tad-dar hi skjava ta' żewġha, injoranta, tajba biss għall-kċina u tiddependi f'kollox minn żewġha filwaqt li l-mara li taħdem hija emanċipata, edukata, qed tagħti kontribut lin-nazzjon u hija fuq kollox ekonomikament indipendenti minn żewġha. Tajjeb li wieħed jipprova jsib mezz biex nuru li wara kollox, fiddar ukoll, il-mara — l-omm — tagħti kontribut siewi lin-nazzjon billi tagħti edukazzjoni tajba lil uliedha u taqdi tajjeb il-missjoni tagħha ta' OMM.

Imma l-akbar gwaj li qiegħed jolqot il-familja maltija huwa l-fatt li, f'persentaġġ konsiderevoli, qegħdin iwarrbu lil Alla. 'It takes three to get married', u jekk ma jkunx ħekk jispiċċa kull sens ta' proporzjon, sagrifiċċju u fuq kollox tispiċċa l-vera mħabba bejn il-koppja u bejn il-ġenituri u l-ulied.

Ir-role tal-familja

Kien minn dejjem id-dover tal-miżżewġin, imma llum huwa parti mportanti ta' l-apostolat tagħhom, li dejjem u kullimkien, bl-eżempju tagħhom jagħtu xiehda tal-Qdusija u ta' l-indissolubilità taż-żwieġ. Jaffermaw bl-akbar qawwa d-dritt u d-dover li jedukaw lil uliedhom fit-twemmin nisrani u li jiddefendu l-awtonomija u d-dinjità tal-Familja (*Vatikan II dokument Apostolicam Auctositatem 954*).

Bħala unit bażiku tas-soċjetà u tal-Knisja, il-familja għandha tkun irrispettata u mħarsa biex tkun tista' taqdi fil-libertà, id-dmirijiet tagħha mingħajr l-ebda tfixkil. Imma l-familja ma tistax tingħalaq fiha nnifisha. Trid tkun miftuħa għall-familji oħrajn, trid tkun konxja mir-'role' tagħha billi timpenja ruħha attivament fi ħdan il-komunità — il-parroċċa. Il-familja bħala Knisja Domestika, trid ixxandar permezz ta' l-eżempju li tagħti kullimkien; trid teduka billi tkun skola ta' mħabba fi ħdanha u fi ħdan is-soċjetà. Il-ġenituri jistgħu jkunu l-ewwel għalliema ta' wliedhom, f'għaqdiet tal-familja, bħalma huma l-Gruppi Familji Nsara, Marriage Encounters, li huma mezz ta' għaqda u spiritwalità għall-familja u mezzi oħra li jservu ta' tagħlim u ta' formazzjoni għal kull membru tal-familja.

Huwa ferm importanti li l-familja timpenja ruħha bħala 'unit' u naħsbu li tkun ħaġa xierqa li l-familja, għall-inqas

darba ħar ta' Ħadd tieħu sehem attiv fil-Liturġija u fit-talb bħala familja.

X'tistenna l-familja mill-Kleru

'Huma d-dmir tas-Saċerdoti li jkunu aġġornati mill-aħjar li jistgħu fuq l-aspetti kollha tal-ħajja tal-familja. Igħinuhom fil-vokazzjoni tagħhom tal-ħajja miżżewġa bl-akbar imħabba bid-diversi mezzi pastorali għad-dispożizzjoni bħal, predikazzjoni, Liturġija u għajnuna spiritwali oħra. Igħinuhom bl-akbar umanità u paċenzja fid-diffikultajiet tagħhom, isaħħuhom fil-karità u fl-imħabba biex jiffurmaw familji veramment insara *(Vatikan II — Dokument Gaudium et spes 1489)*.

Ma naħsbux li hemm bżonn nagħmlu enfasi fuq in-neċessità ta' l-appostolat tal-lajċi, speċjalment l-apostolat tal-familja mill-familji. Irridu nkunu aħna li nwasslu l-messaġġ li ż-żwieġ huwa vokazzjoni b'dak kollu li timplika r-responsabbiltà ta' vokazzjoni, speċjalment il-mod kif ngħixuha. Irridu nkunu aħna li nwasslu l-messaġġ liż-żgħażagħ tagħna li wara kollox iż-żwieġ mhux xi avventura, imma għaqda ta' mħabba, unika u esklussiva, bejn tnejn minnies biex insiru kollaboraturi responsabbli m'Alla fil-ħolqien ta' kreaturi ġodda.

Il-koppja, speċjalment fil-bidu tal-ħajja miżżewġa tagħha, jkollha bżonn ta' għajnuna morali kontinwa u hemm bżonn li f'kull ħin, nippruvaw *nifhmu* u mhux *nikkundannaw* lill-koppja. Il-Counselling, speċjalment jekk isir minn saċerdot, għandu jkun ta' għajnuna biex tinstab soluzzjoni tal-problema u mhux impożizzjoni ta' l-idejat tagħna. F'dak li jirrigwarda t-trobbija ta' l-ulied, hemm bżonn ta' kollaborazzjoni kontinwa bejn is-saċerdoti u l-ġenituri. Nedukaw lill-ġenituri jifhmu lil uliedhom u mhux ikun hemm nuqqas ta' qbil bejn dak li jgħid is-saċerdot u dak li jippruvaw jagħmlu l-ġenituri. Irridu noqogħdu attenti li wliedna ma japprofittawx ruħhom minn sitwazzjoni simili u jitilfu l-fiduċja fina lkoll.

Inħossu li f'ċerti parroċċi qiegħed ikun hemm 'tug-of-war' bejn l-għaqdiet tal-lajċi. Dan ħafna drabi flok qiegħed isib min jipprova jġib l-għaqda, qiegħed isib min ikebbes in-nar u mhux darba jew tnejn sibna min igħid 'aħna' u 'huma'. Din hija sitwazzjoni li tfixkel il-ħidma u l-apostolat u naħsbu li l-Kappillani, speċjalment, għandhom isaħħu l-għaqda bejn l-għaqdiet tal-parroċċa tagħhom. Għandhom igħinuhom bla ebdi distinzjoni għaliex fl-għaqda hemm is-saħħa. Wara kollox aħna lkoll knisja — saċerdoti u lajċi għandna nimpenjaw ruħnan bl-isforzi tagħna kollha għall-ġid komuni tal-familja u għall-glorja t'Alla.

In-numru ta' koppji mpenjati fil-parroċċa qiegħed dejjem jikber u kemm jista' jkun għandna ninvolvu koppji fil-ħidma tal-parroċċa. Omm li qiegħda trabbi tkun tixtieq lil żewġha biex taqsam mieġħu d-diffikultajiet li tiltaqa' magħhom matul il-ġurnata. Ir-raġel ikun mix-

tieq mill-kumpanija ta' martu u għalhekk ma nservux ta' firda bejn il-koppja biex inwettqu ħidma anke tajba. Anzi għandna nwasslu l-messaġġ ta' x'inhu verament iż-żwieġ nisrani — li l-għaqda u l-imħabba ta' bejn il-koppja għandha dejjem tkompli tikber u dak li jista' jfixkel din l-għaqda u din l-imħabba għandu jitwarrab minnufih.

Ma naħsbux li nkunu qegħdin nitolbu xi ħaġa li m'hix possibbli meta ngħidu li fejn ikun hemm problemi li jirrigwardaw il-familja, qabel ma jittieħdu ċerti deċiżjonijiet, nisimgħu x' għandhom igħidu l-Movimenti tal-familja, bħall-Moviment ta' Kana u l-Grufan. Konsultazzjoni b'fiduċja assoluta għall-ġid komuni. Dan jista' jwassal għal kjarifikazzjoni u uniformità ta' veduti, speċjalment fil-qrar, fuq l-iktar problema li jaħraq bejn il-miżżewġin — ir-relazzjoni sesswali.

Iż-żjajjar fil-familji huma meħtieġa. Biss inħossu, bl-akbar sinċerità, li ħafna drabi dan mhux possibbli. Ħafna mill-parroċċi tagħna huma kbar wisq, kemm fin-numru kif ukoll fl-estensjoni. Dan ma jippermettix li jkun hemm kuntatt dirett bejn il-kleru u l-familji. Il-Home Visiting, barra li jista' jsolvi xi problema li jkun hemm jista' jservi wkoll biex isir talb flimkien mas-saċerdot. U forsi għad naslu li waqt il-Home Visiting issir iċ-ċelebrazzjoni tassagrifiċċju tal-Quddiesa fil-familja. Tkun verament Knisja tad-Dar. U fenomenu ieħor li qiegħed jinħoloq f'dawn iż-żminijiet huwa li ħafna housing estates ġodda qegħdin jinbnew 'il bogħod mill-parroċċa bil-konsegwenza li ħafna mill-familji ġodda u li jkollhom ittfal ta' età żgħira ma jkunux jistgħu jattendu għall-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd. Qegħdin isibu ruħhom iżolati u ħawn ta' min jinkoraġġixxi gruppi tal-familji biex jistgħu jkunu 'baby sitters' sakemm il-ġenituri jmorru l-quddies. Naturalment min hu konvint, isib soluzzjoni għal dan il-problema, imma rridu naħsbu għal dawk li ma' l-inqas żiffa riħ, jitilfu l-bilanċ kollu.

Nistgħu ngħidu li, f'dawn l-aħħar tletin sena, l-istruttura tal-familja maltija tbiddlet radikalment u ħafna drabi ħalliet ġrieħi li hu diffiċli li tfejjaqhom. B'danakollu nammettu li l-bidla kienet bżonnjuża, imma huwa daqstant importanti li nerġgħu nsibu l-post u l-prijorità tal-valuri nsara fi ħdan il-familja kemm jista' jkun malajr. Quddiemna lkoll għandna 'challenge'. Saċerdoti u Lajċi, ilkoll flimkien nistgħu nagħmlu mill-familja maltija pedament sod li fuqha nibnu soċjetà b'saħħitha u Knisja b'ħafna vokazzjonijiet.

DJAR TAT-TFAL

Rendikont tal-Ġabra ta' nhar il-Kandlora 1982

Attard	£172.00,0	Naxxar	118.00,0
Balzan	60.00,0	Qormi (S. Bastjan)	163,60,0
Birgu	135.00,0	Qormi (S. Ġorġ)	289.51,0
B'kara (S. Ġużepp)	183.10,0	Qrendi	84.00,0
B'kara (S. Liena)	196.48,0	Rabat	314.45,0
Birżebbuġa	65.00,0	Paola (Lourdes)	58.35,0
Bormla	147.00,0	Paola (Kristu Re)	463.97,5
Balluta	161.00,0	Safi	25.00,0
Burmarrad	39.00,0	San Ġiljan	638.00,0
Dingli	73.20,0	San Ġwann	294.40,0
Fgura	143.00,0	Santa Luċija	219.00,0
Fleur-de-Lys	115.00,0	S. Pawl il-Baħar	260.00,0
Floriana	145.00,0	Santa Venera	135.00,0
Għargħur	86.00,0	Siġġiewi	110.00,0
Għaxaq	80.00,0	Sliema (Nazzarenu)	180.00,0
Gudja	50.00,0	Sliema (Sacro Cuor)	132.00,0
G'mangħa	84.00,0	Sliema (San Girgor)	437.64,8
Gżira	130,00,0	Sliema (Stella Maris)	128.00,0
Ħamrun (Kunċizzjoni)	140.00,0	Tarxien	299.00,0
Ħamrun (S. Gejtanu)	299.38,0	Ta' Xbiex	125.00,0
Kalkara	106.80,0	Valletta (S. Duminku)	295.70,0
Kirkop	10.00,0	Valletta (S. Pawl)	234.90,0
Lija	200.00,0	Valletta (S. Wistin)	161.70,0
L-Isla	135.00,0	Valletta (S. Ġwann)	109.45,0
Luqa	25.60,0	Wied il-Għajn	20.00,0
Marsa (Marija Reġina)	50.00,0	Żabbar	526.50,0
Marsa (Trinità)	147.00,0	Żebbuġ	370.00,0
Manikata	30.00,0	Żejtun	173.50,0
M'xlokk	60.00,0	Żurrieq	165.00,0
Mdina	78.20,0	N.N.	5.00,0
Mellieħa	260.00,0	N.N.	7.00,0
Mġarr	58.00,0	English Parish	25.00,0
Mosta	320.00,0		
Mqabba	55.00,0		10794.15,3
Msida	174.71,0		

OMELIJA FIL-FESTA TA' S. ĠUŻEPP ĦADDIEM

1 ta' Mejju, 1982

Għal din l-okkażjoni sabiħa ta' San Ġużepp Ħaddiem aħna lkoll irridu nwasslu lill-ħaddiema kollha tad-dinja, u b'mod partikulari lill-ħaddiema Maltin u Għawdxin, ix-xewqat tajba tagħna. Dawn ix-xewqat huma l-istess xewqat tal-Knisja, jiġifieri li l-bniedem ikollu dejjem imħarsa d-dinjità tiegħu ta' bniedem.

Inħobbu l-ħaddiem daqskemm ngħożżu d-dinjità tiegħu ta' bniedem. Dan nagħmluh meta wieħed iħares lejn il-bniedem u lejn ix-xogħol li jagħmel il-bniedem kif trid il-verità nisranija u l-aktar, kif igħid il-Papa Ġwann Pawlu II, il-Bxara t-tajba tal-"Evanġelju tax-xogħol."

Il-ħaddiem huwa l-bniedem li jaħdem sew bl-id u sew bil-moħħ; aħna ngħożżu d-dinjità tiegħu meta fl-imġiba tagħna mal-ħaddiema u fil-kliem tagħna fuq il-ħaddiem aħna niftakru wkoll fil-pjan li Alla fassal sa "mill-bidu" għalih, u fid-destin li ffissalu 'l fuq minn dak kollu li jgħaddi. Inħobbu l-ħaddiem għalhekk kull meta ngħinuh jilħaq dak li Alla jrid minnu, għaliex il-ħaddiem hu bniedem maħluq minn Alla, maħluq skond ix-xbieha ta' Alla, u maħluq għal Alla; u, kif igħallem il-Konċilju Vatikan II, kull ħidma tal-bniedem għandha taqbel mal-veru ġid tiegħu, tkun skond il-pjan u r-rieda ta' Alla, u jgħin lill-bniedem jilħaq is-sejħa tiegħu sew bħala individwu u sew bħala membru tas-soċjetà.

Il-Knisja tfakkarna li l-bniedem hu maħluq ukoll biex jaħdem u hu msejjaħ għax-xogħol. Ix-xogħol, kif itenni l-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwann Pawlu II fl-enċiklika 'Laborem Exercens', hu, minkejja t-toqol tiegħu, ħaġa tajba għall-bniedem u taqbel mad-dinjità tiegħu ta' bniedem, għaliex bix-xogħol il-bniedem ukoll itejjeb lilu nnifsu bħala bniedem, u, b'xi mod, isir "aktar bniedem". Madankollu jeħtieġ niftakru li l-bniedem mhux għax-xogħol, iżda x-xogħol hu għall-bniedem. Dan ifisser li l-bażi ewlenija li fuqha għandu jitqies ix-xogħol hu l-ħaddiem innifsu, dak li jagħmel ix-xogħol. Il-primat tal-bniedem hu fuq kull ma jagħmel u kull ma jista' jkollu. Wieħed irid iżomm dejjem quddiem għajnejh li dak li qed jaħdem huwa persuna, huwa bniedem.

Il-ħaddiem għandu dritt għal slarju ġust, għall-kundizzjonijiet tajba ta' xogħol u ta' sigurtà soċjali u wkoll għal sussidji oħra xierqa, għall-manteniment u għall-edukazzjoni tal-familja tiegħu; iżda d-dinjità tal-bniedem titlob li ma niqfux hawn: barra dan il-ġid materjali, li hu ġust u meħtieġ, huwa meħtieġ ukoll li l-ħaddiem ikollu l-opportunità li jiżviluppa l-kapaċitajiet tiegħu u hekk jagħti kontribut

siewi lis-soċjetà; hu wisq aktar meħtieġ imbagħad li l-bniedem isib l-għajnuna biex igħix ukoll ħajja skond ir-rieda ta' Alla: ngħinuh igħix mhux biss għal din l-art, iżda wkoll għall-ħajja l-oħra li ħejja Alla għal kull wieħed u waħda minna.

Inħobbu l-ħaddiem meta, kif titlob id-dinjità tiegħu ta' bniedem, l-għan ta' kull xogħol li jsir mill-bniedem, jibqa' l-bniedem: titkasbar din id-dinjità kull darba li l-bniedem jiġi stmat bħall-mezzi materjali kollha tal-produzzjoni, qisu xi biċċa għodda li twarrabha malli ma tibqax tagħtik qligħ.

Din id-dinjità titlob ukoll, fost ħwejjeġ oħra, li ngħinu lill-ħaddiema kollha ħa jkollhom solidarjetà sħiħa bejniethom. Kull min iħobb u japprezza x-xogħol jaf li x-xogħol, bħala karatteristika ewlenija tiegħu, kif qalilna l-Papa Ġwann Pawlu II, għandu li jgħaqqad innies. Inħobbu l-ħaddiema meta ngħinuhom u nħeġġuhom jieqfu 'l-inġustizzji, iħabirku b' kull mezz leċitu għal dak li hu ġust, u jwarrbu minnhom il-ġlied kontra ħaddiema oħra. Ma tkunx imħarsa d-dinjità tal-ħaddiem fejn il-ħaddiema jiġu maqsumin kontra xulxin għall-qligħ u l-interessi ta' politika partiġġjana. Il-ħaddiem jiġi qabel kull partit.

Inħobbu l-ħaddiem meta ma ninsewx li hu jgħix ħajtu fi ħdan il-familja. Ix-xogħol u l-familja huma marbutin ma' xulxin, għalhekk ma għandna qatt nintrebħu mill-kilba għax-xogħol u ninsew il-familja jew nitberrdu minnha. Inkunu qed ngħinu 'l xulxin u ngħinu żżomm fuq saqajha l-familja Maltija, meta bil-kliem, bil-kitba, u bil-mezzi l-oħra kollha ta' komunikazzjoni soċjali, infaħħru x-xogħol u l-bżulija, iżda fl-istess ħin ma nħallux lill-familji tagħna nieqsa mill-presenza tagħna; ma nħallux għal skopijiet ta' qligħ, ix-xogħol jisirqilna l-ħin li għandna ngħaddu mal-familja tagħna.

Ix-xogħol ta' l-id jew talmoħħ hu meħtieġ għall-ħajja tal-individwu, tal-familja u tas-soċjetà. Iżda l-ħaddiem bħalma għandu ġisem, għandu ruħ ukoll; il-ħaddiem, barra x-xogħol li jwettaq, hu fuq kollox bniedem maħluq għal Alla, u għalhekk, flimkien max-xogħol, irid isib il-ħin biex jitlob u jersaq għas-sagramenti, u l-aktar għall-Quddies fil-Ħdud u l-festi u għall-qrar u t-tqarbin, li hu l-qofol tal-vera għaqda tagħna ma' Alla u mal-bnedmin l-oħra. Fejn il-valuri spiritwali u morali jitħallew barra minħabba l-valuri materjali, il-bniedem jibda jitqies u jħoss ruħu bħala magna, titwarrab id-dinjità ta' ħajtu u jwaqqa' fi kriżi saħansitra l-fedeltà għall-imħabba tiegħu ta' miżżewweġ fi ħdan il-familja. Din hija ħsara għalih innifsu, għall-familja u għas-soċjetà.

Kemm meta nkunu fuq il-bank tax-xogħol u kemm meta nkunu ngħixu fi ħdan il-familja, it-tfixkil, id-diffikultajiet u t-tbatija ma jonqsux. Iżda nagħmlu l-qalb f'dawn il-

mumenti tqal tal-ħajja u nħarsu lejn it-tbatija tax-xogħol u tal-ħajja fil-familja fid-dawl tas-Salib u tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet, biex kif nerfgħu bħal Kristu s-salib tagħna fuq din l-art, bħalu u miegħu jissieħbu fil-glorja.

MESSAĠĠ TA' L-ARĊISQOF LILL-PARROĊĊA TA' S. SEBASTJAN, QORMI FL-OKKAŻJONI TAT-TBERIK TAL-KNISJA L-ĠDIDA

Roddu ħajr lill-Mulej għax hu tajjeb, għax it-tjieba tiegħu għal dejjem; roddulu ħajr għax magħkom għamel egħġubijiet kbar, għax kien hu li bena għalikom, il-poplu tiegħu tal-parroċċa ta' San Sebastjan, din id-dar tiegħu hekk kbira, hekk sabiħa, hekk tixraqlu! Kien hu li bnihielkom, għaliex "jekk il-Mulej ma jibnix id-dar, għaliex jitħabtu l-bennejja" (Salm 126, 1).

Tħabtu mhux ftit il-bennejja, iżda ma qatgħux qalbhom minkejja t-tiġrib u d-diffikultajiet kollha ta' tant u tant snin mill-jum li fih tqiegħdet l-ewwel ġebla sa dak in-nhar li twaħħal is-salib fil-quċċata talkoppla tal-knisja tagħkom.

Għadda u ntemm issa ż-żmien tal-qtigħ il-qalb, iż-żmien il fih kontu tistaqsu 'l xulxin meta se tarawha lesta l-knisja tagħkom, meta se titilgħu ferħana f'dar il-Mulej ħa troddulu ħajr minn qalbkom, għaliex hu tajjeb, għax it-tjieba tiegħu għal dejjem.

Dan il-bini kbir u sabiħ li intom tellajtu għall-glorja ta' Alla biex ikun għal uliedhom u għal ulied uliedkom min-nisel sa nisel xhieda tal-fidi tagħkom, hu għalikom xbieha tal-misteru tal-Knisja li Kristu qaddes b'demmu biex tidher dak li tassew hi, l-Għarusa tiegħu kollha ġmiel u sbuħija.

Dan il-bini sabiħ u għoli hu għalikom xbieha tal-Knisja, it-tempju mqaddes mibni, b'ġebel ħaj, fuq is-sisien tal-Appostli bi Kristu il-ġebla taxxewka.

F'din id-dar tal-Missier tassema intom se ġġibu 'l uliedkom frott l-imħabba tagħkom biex tagħtuhom twelid ġdid mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu; hawn se titolbu l-barka ta' Alla fuq imħabbitkom biex l-għaqda tagħkom fiż-żwieġ tkun xbieha ħajja tal-imħabba ta' Kristu għall-Knisja tiegħu; hawn se tingabru biex tagħtu l-aħħar tislima lill-għeżież tagħkom qawwijin fit-tama li għad tiltaqgħu magħhom f'dinja aħjar, fis-sema pajjiżna.

F'dan il-bini qaddis se tinżel fuqkom mis-sema xita ta' grazzji biex dawk li kienu mejta minħabba d-dnub, jitwieldu mill-ġdid għall-ħajja tas-sema; hawn ukoll intom se tingabru madwar l-altar ta' Alla biex tiċċelebraw il-misteri qaddisa u tieħdu sehem mill-mejda tal-Kelma u tal-Ġisem tal-Mulej.

F'din id-dar ta' Alla leħenkom se jingħaqad ma' l-għana ferrieħi ta' l-Anġli biex tlissnu salmi, innijiet u kantiċi spiritwali ta' radd il-ħajr u toffru

talb imħeġġeġ għas-salvazzjoni tad-dinja.

F'din il-knisja tagħkom intom ilkoll se ssibu l-għajnuna kollha li teħtieġu biex tgħaddu bla mittiefsa mill-widien mudlama ta' din id-dinja tad-dnub, qawwijin fil-fidi, sħaħ fit-tama u kollkom ħeġġa fl-imħabba, sa ma taslu ferħana fil-belt il-ġdida, Ġerusalem tas-sema.

B'rahan ta' dan kollu, lill-kappillan u lill-presbiterju tiegħu, lil dawk kollha li ħabirku u thabtu għall-bini tal-knisja, u lill-poplu kollu ta' Alla tal-parroċċa ta' San Sebastjan, minn qalbi nagħti l-barka pastorali.

Illum, 3 ta' Mejju 1982, festa tal-Appostli San Filippu u San Ġakbu.

OMELIJA TA' MONSINJUR ĠUŻEPPI MERCIECA FL-OKKAŻJONI TAL-KUNGRESS EX-ALUMNI TAD-DOROTEJ

5 ta' Lulju, 1982

Nixtieq nirringrazzjakom talli tajtuni din l-opportunità li nagħtikom merħba kemm fil-Gżira tagħna u b'mod partikulari f'dan it-tempju ta' Alla, il-Konkattidral ta' San Ġwann f'din l-okkażjoni sabiħa tat-Tielet Kungress Internazzjonali ta' l-Ex-Alumni tas-Sorijiet ta' Saint Dorothy.

Taħbat ukoll il-100 sena millmewt tal-Beata Paola Frassinetti, il-Fundatriċi.

Dan huwa t-tielet Kungress li qegħdin tagħmlu minn mindu ħarġet id-Dikjarazzjoni mis-Santa Sede fuq l-Edukazzjoni Nisranija. L-ewwel Kungress sar Ruma fl-1972 u t-tieni sar ħames snin wara fl-U.S.A.

Din l-inizjattiva tagħkom jistħoqqilha r-rispett u t-tifħir ta' kulħadd. Hija turi l-impenn tagħkom biex tgħinu l-bniedem jikseb il-veru ġid, li hu l-ħelsien sħiħ tiegħu minn kull tfixkil u jasar li jħabbat wiċċu miegħu. Dan it-tfixkil fi żmenijietna qed jieħu l-libsa ta' mentalità atea prattika. Il-bniedem tallum qed jiġi mbuttat biex jgħix mingħajr Alla; il-Liġijiet ta' Alla u kull tagħlim tal-Knisja ta' Kristu spiss jiġi mpinġi bħala tnaqqis jew ċaħda tal-libertà u d-drittijiet tal-bniedem. Jagħmlu kull mezz biex il-bniedem jinsa li hu maħluq għal Alla u jġennuh biex jgħix biss għal din id-dinja.

Din l-atmosfera twassal għattkasbir tad-dinjità tal-bniedem; il-fatti juru li meta l-bniedem jitbiegħed minn Alla, il-bnedmin jaslu biex jgħakksu u ijassru lil xulxin; iħarsu lejn xulxin mhux b'rispett u mħabba kif irid Alla, iżda maħkumin mill-interess u l-egoiżmu. Dan iwassal lill-bnedmin biex iħarsu lejn xulxin bħala għedewwa ta' xulxin u mhux bħala aħwa. Meta nbegħdu l-bniedem minn Alla nkunu nagħmlulu l-akbar tort.

In this atmosphere your presence here in Malta, as delegates of OMAAEEC (Organisation Mondiales des Anciens et Anciennes Elèves de l'Enseignement Catholique), the worldwide organisation of Former Students of Catholic Schools, is not only a witness of your deep and effectionate loyalty to your Foundress, the Blessed

Paola Frassinetti, but a positive recognition and appreciation of her saying that: "what is essential in life is the life of God, fraternal union in mutual charity".

In reality this is the only raison d'etre of Catholic Schools — to help present and past students realise that to help mankind is above all to make it appreciate the values guaranteed primarily by the Good News of the Gospel of Jesus Christ. True Christian education presents a concept of life but respects the human condition as a whole.

This is a very important aspect of lay apostolate so badly needed in our days. Your praiseworthy efforts in living up to this noble vocation put into bold relief the specific elements of Catholic schools and the missionary aspect of education of young hearts and minds.

Le Scuole Cattoliche, quando proseguono questo fine quando vivono questa vocazione fanno dell' educazione un mezzo indispensabile per rendere le persone capaci di partecipare alla vita sociale, politica economica del paese. Le Scuole Cattoliche devono come altre scuole, proseguire le proprie natura di scuola destinata all'insegnamento di tutto lo scibile; pero' la Scuola Cattolica perde la sua identità se non pone Gesù Cristo e il suo messaggio di salvezza a fondamento della visione della vita.

Sono certo che voi tutti qui siete pronti ad accogliere l'invito che il Santo Padre ha rivolto alla Federazione degli Istituti di attività educativa il 18 dicembre, 1981: che la nostra Scuola Cattolica sia una scuola che sappia far maturare le attività insite in ciascun giovane e, alla luce delle varie situazioni familiari, morali e sociali, sappia orientarlo per operare buone scelte. Una scuola che offra, limpidamente e senza artifici i valori che si rifanno al Vangelo e dagli insegnamenti perenni della Chiesa.

B'dawn is-sentimenti ta' ringrazzjament lil Alla u ta' apprezzament għall-ħidma tagħkom, li hi wkoll apostolat, jiena npoġġi x-xewqat u l-isforzi tagħkom a favur tal-iskola Kattolika taħt il-ħarsien tal-Verġni Marija.

24 June 1982

Your Grace,

The Holy Father has been informed that in early July the alumni of the Sisters of Saint Dorothy are holding in Malta their Third International Congress, and he asks you kindly to convey his greetings.

His Holiness prays that this assembly will be an occasion for all those taking part to deepen their resolve to help young people to face the challenges of the times in a spirit of prayer and with unwavering faith in God's assistance in the tasks that face them. With these sentiments he cordially imparts the requested Apostolic Blessing.

With every fraternal good wish, I remain

Yours sincerely in Christ,
† E. MARTINEZ,
Substitute

The Most Reverend Joseph Mercieca
Archbishop of Malta
Archbishop's Curia
Floriana

PASTORALI TAL-ISQFIJIET FUQ IL-QAGĦDA F'PAJJIŻNA

Egħżież

Wara l-aħħar elezzjonijiet li saru f'pajjiżna tfaċċa fosna ħafna nkwiet.

L-istess mexxejja taż-żewġ partiti politiċi li jinsabu fi Gżiritna għarfu dan u wrew ħafna sens ta' maturita' u ta' għaqal meta aċċettaw il-ħidma ta' medjazzjoni bejniethom, magħmula bl-għan li jintlaħaq ftehim onorevoli bejn iż-żewġ naħat.

Aħna ma nindaħlux f'materji ta' natura purament politika. Madar kollu bħala mexxejja spiritwali ta' dawn il-Gżejjer, li rridu dak kollu li jġib l-aħjar għaqda fostna u l-ġid tal-pajjiż, ħassejnih dmir tagħna li nitolbu lill-Mulej biex din il-medjazzjoni tirnexxi. Fraħna meta bdew jaslu aħbarijiet li kienu juru li ż-żewġ naħat qegħdin joqorbu lejn xulxin. Iżda inħossuna mnikktin li din il-medjazzjoni ma waslitx biex tagħti l-frott mixtieq.

Aħna ninsabu mħassbin ħafna mill-qagħda preżenti, għax mhux biss jista' jisfa fix-xejn kull progress li sar f'pajjiżna, iżda wkoll taqa' ħsara kbira fuqna billi tinxtered u tiżdied il-firda li diġa' għandna bejn membri ta' l-istess familja, bejn familja u oħra, u bejn ħaddiema li saħansitra jaħdmu spalla ma' spalla fl-istess post tax-xogħol.

Qegħdin naraw tiżdied il-mibgħeda bejn nies ta' kulur politiku differenti. U din ħafna drabi qiegħda wkoll twassal għal atti ta' vjolenza ta' natura gravi.

Mhix ħaġa tagħna li nissuġġerixxu x'għandu jsir bejn il-mexxejja politiċi biex jaslu għal ftehim sinċier u dejjiemi. Iżda aħna għandna d-dmir quddiem Alla li nfakkruhom li huma għandhom f'idejhom il-futur ta' Malta u Għawdex. Minnhom jiddependi jekk f'Malta jkollniex il-paċi u l-prosperita' jew il-ġlied u l-firda.

Lilhom intennu l-kliem li l-Papa Ġwann Pawlu II għadu kif qal f'waħda mill-kriżijiet li ħakmet id-dinja dan l-aħħar: "Mill-paċi hemm kollox x'tirbaħ, fil-waqt li hemm kollox x'titlef mill-ġlied".

Aħna nridu wkoll nappellaw lill-Maltin u lill-Għawdxin kolha ta' rieda tajba biex ma jħallux lilhom infushom jiġu mkaxkrin minn spartiġjaniżmu għama u bla sens li, kif turina ħafna drabi l-istorja, jwassal għal kull xorta ta' tkasbir tad-dinjita' tal-bniedem, u għalhekk hall-inġustizzji, vendikazzjonijiet u saħansitra għaċ-ċaħdir tad-emm.

Aħna nagħrufin bħala poplu ta' familja magħquda, u li nħobbu kwiet u l-paċi. Dan hu l-wirt u l-frott tat-twemmin nisrani tagħna. da nitilfu dan il-wirt u ma nkunux insara tassew jekk inħallu l-ki jifirduna u jġelliduna bejnietna.

Anke għad-diffikultajiet li għandna bħalissa f'pajjiżna jgħodd kmand ta' Ġesu: "Ħobbu lil xulxin bħal ma ħabbejtkom Jien".

Nixtiequ lil kulħadd kull ġid tas-Sema u nagħtukom il-Barka għna.

Mogħtija llum, 3 ta' Lulju 1982, Festa ta' San Tumas, Apostlu

† ĠUŻEPPI
ARĊISQOF TA' MALTA

† NIKOL
ISQOF TA' GĦAWDEX

ĊELEBRAZZJONI TAT-13 TA' MEJJU

Ċirkulari tal-Kurja Nru. 105

Kif ġie mħabbar, nhar il-Ħamis 13 ta' Mejju, il-Qdusija Tiegħu il-Papa sejjer jagħmel żjara lis-Santwarju tal-Madonna ġo Fatima bil-ħsieb li jroddilha ħajr talli ħelsitu mill-attakk li sar kontra ħajtu fit-13 ta' Mejju tas-sena li għaddiet, kif ukoll biex iġedded il-Konsagrazzjoni tad-Dinja lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija magħmula għall-ewwel darba mill-Papa Piju XII fil-31 ta' Ottubru 1942.

Monsinjur Arċisqof xtaqni nwassal din l-aħbar lill-Maltin kollha u, fil-waqt li nurihom l-importanza ta' din l-okkażjoni, nistedinhom u nħeġġiġhom biex jattendu numerużi għal din il-Konċelebrazzjoni.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili, Floriana, illum 7 ta' Mejju 1982.

Carmelo Xuereb
Vigarju Ġenerali

Noti: i) Din iċ-Ċirkulari għandha tinqara fil-Quddies kollu kemm tas-Sibt 8 ta' Mejju filgħaxija kif ukoll fil-Quddies kollu ta' l-għada.

ii) Inti ġentilment mitlub tinforma lis-Saċerdoti li l-pellegrinaġġ tat-13 ta' Mejju għandu jitlaq mill-Knisja ta' Santa Katerina d'Italia għall-Konkattidral ta' San Ġwann fis-6.00 p.m.

Ittra tal-Vigarju Ġenerali lill-Kleru

Għażiż ħija fis-Saċerdozju,

4 ta' Mejju, 1982

Numru ta' Isqfijiet u ta' Konferenzi Episkopali mid-dinja kollha kitbu lill-Qdusija Tiegħu il-Papa u filwaqt li għamlu riferenza għall-Messaġġ ta' Fatima għamlulu talba biex iġedded b'att kollegġjali, il-Konsagrazzjoni tad-Dinja lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija magħmul għall-ewwel darba mill-Papa Piju XI fil-31 ta' Ottubru 1942.

Din it-talba ġiet milqugħa mill-Papa Ġwann Pawlu II. Hu sejjer jagħmel żjara lil Fatima fit-13 ta' dan bil-ħsieb li jrodd ħajr lil Madonna talli ħelsitu mill-attakk li sar kontra ħajtu fit-13 ta' Mejju tas-sena li għaddiet. F'dik l-okkażjoni hi l-fehma tiegħu li f'għaqda spiritwali mal-Isqfijiet tad-dinja kollha, iġedded l-għemil li bih Papa Piju XII qiegħed id-dinja, mxekkla bi kriżijiet waħda wara l-oħra, f'idejn il-Qalb Immakulata ta' Marija.

Monsinur Arċisqof talabni niktiblek u ngħarrfek li nhar il-Ħamis, 13 ta' Mejju, qiegħed jistieden lis-Saċerdoti kollha biex jieħdu sehem f'pellegrinaġġ li sejjer jitlaq mill-Knisja ta' Santa Katerina d'Italia (fejn tinsab miżmuma l-Istatwa tal-Madonna ta' Fatima) u jasal sal-Konkattidral ta' San Ġwann.

F'San Ġwann Monsinjur Arċisqof jikkonċelebra mas-saċerdoti kollha preżenti u jagħmel Omelija għall-okkażjoni.

Din iċ-ċelebrazzoni, barra milli sservi biex ningħaqdu ma' l-insara tad-djoċesijiet kollha tad-Dinja Kattolika biex nitolbu għal paċi ta' l-umanita mifruda bejnietha mill-mibgħeda u mill-ġlied, għandha toffrilna wkoll l-okkażjoni biex nirringrazzjaw lil Madonna għal fejqan tal-Q.T. il-Papa Ġwann Pawlu II.

Dak in-nhar Monsinjur Arċisqof se jieħu wkoll l-okkażjoni biex iħeġġeġ lis-Saċerdoti kollha ħa jagħtu s-sehem sħiħ tagħhom fil-Missjoni Djoċesana li se tiftaħ fl-1 ta' Ottubru li ġej bi tħejjija tal-Kongressi Marjani ta' Settembru 1983.

Filwaqt li Monsinjur Arċisqof jixtieqek twassal l-aħbar ta' din iċ-ċelebrazzjoni ta' talb u ta' penitenza lill-erwieħ li fosthom twettaq il-ħidma pastorali tiegħek, xtaqni wkoll infissirlek kemm tkun ta' sodisfazzjon kbir għalih il-preżenza tiegħek.

Insellimlek fraternament u nawguralek paċi u ġid.

Mons. CARMELO XUEREB,
Vigarju Ġenerali

Telegram ta' l-Arċisqof lill-Papa

Arcivescovo clero religiose fedeli tredici maggio alla Concattedrale uniti in spirito a Fatima con Santità Vostra offrono preghiere pentimento riparazione ringraziando scampato pericolo anno scorso et rinnovando consacrazione mondo Maria stop augurando buon compleanno et implorando benedizione apostolica. Arcivescovo Mercieca.

Tweġiba tas-Segretarju ta' l-Istat għat-telegram li ntbagħat fl-okkażjoni

Eccellenza Reverendissima,

Il devoto indirizzo di felicitazione e di augurio avvolorato dalla preghiera, che Ella, unitamente al Clero e ai fedeli di codesta Arcidiocesi, ha rivolto al Santo Padre nella ricorrenza del Suo genetliaco, e' stato accolto da Lui con vivo compiacimento.

Sua Santità desidera rivolgerle un cordiale ringraziamento per tale attestato di reverente affetto e di comunione ecclesiale, mentre ricambia il delicato gesto invocando copiosi doni celesti di fervore, di letizia e di prosperità nel Signore.

In pegno di essi, il Sommo Pontefice volentieri imparte a Lei e all'intera Comunità ecclesiale maltese l'implorata, propiziatrice Benedizione Apostolica.

Profitto della circostanza per confermarmi con sensi di distinto ossequio.

dell'Eccellenza Vostra Rev.ma
Dev.mo
E. MARTINEZ Sost.

Nota in segwitu taċ-Ċirkulari Nru. 104

26 ta' April 1982

Lir-Rev.di Arċiprieti, Kappillani, Retturi tal-Knejjes u Superjuri Reliġjużi.

B'riferenza għaċ-Ċirkulari Nru. 104 dwar iċ-ċelebrazzjoni tal-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem nixtieq ninfurmak li l-Quddiesa tas-Sibt filgħaxija, li tgħodd għall-Ħadd, tista' tkun dik ta' San Ġużepp Ħaddiem.

Anzi nħoss li għandi nżid ngħid li biex jittieħed frott kotran mill-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem il-quddiesa li titqaddes is-Sibt filgħaxija tkun dik ta' San Ġużepp kif tidher fil-Kalendarju Liturġiku. Fil-quddiesa tingħad il-Glorja u l-Kredu u jsiru żewġ qari — waħda mill-Ġenesi u l-oħra mill-ittra tal-Kolossin.

Qiegħed nibgħatlek it-Talba tal-Fidili u Skema ta' l-Omelija għall-okkażjoni.

Mons. Carmelo Xuereb
Vigarju Ġenerali

Ittra tal-Vigarju Ġenerali lill-Kleru kollu

Il-Pjan Pastorali u l-Missjoni Djoċesana

19 ta' Ġunju 1982

Għażiż ħija fis-Saċerdozju,

Kemm Saċerdoti kif lajċi impenjati fl-apostolat qegħdin minn mument għall-ieħor jistennew il-pubblikazzjoni tal-Pjan Pastorali.

Nhar is-7 ta' Ġunju 1982 Monsinjur Arċisqof ġabar il-kleru u l-membri tal-Apostolat fis-sala tal-M.U.S.E.U.M. tal-Blata l-Bajda sabiex jagħtihom tagħrif dwar dan il-Pjan.

Mit-tagħrif preliminari li tawna l-kelliema (wara li dawn studjaw ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet li qegħdin isiru mal-kleru u l-poplu ta' Malta) jidher li għalkemm it-tajjeb fid-Djoċesi tagħna ma jonqosx, b'danakollu qegħdin jinbtu sinjali ċari li l-qagħda reliġjuża ta' Malta sejra lura. Fil-fatti ġie konstatat li l-injoranza reliġjuża fostna qegħda tikber; li bejn il-ħidmiet tal-Apostolat ma jeżistix il-koordinament meħtieġ u li n-numru tal-lajċi impenjati kemm fl-Għaqdiet Kattoliċi kif fil-kamp tal-Apostolat individwali, qiegħed jonqos.

Dan ġiegħel lil Monsinjur Arċisqof iniedi missjoni djoċesana biex tipprepara t-triq għal tiġdid spiritwali ta' Malta. Monsinjur Arċisqof irid ukoll li din il-missjoni sservi bħala tħejjija għall-Kungress Mar-

jan u l-Kungress Marioloġiku li ser jinżammu fi Ġiritna f'Settembru 1983.

Ċerti li kull suċċess tal-ħidmiet tagħna jiddependi mill-għaqda tagħna ma' Alla u bejnietna, Monsinjur Arċisqof qiegħed jistieden lis-saċerdoti kollha djoċesani u regolari għal siegħa madwar Ġesu' Sagramentat.

DIN SEJRA TINŻAMM FIL-KNISJA TAL-KAPUĊĊINI L-FURJANA NHAR IS-SIBT 26 TA' ĠUNJU fl-10.00 a.m.

Hu l-ħsieb ta' Monsinjur Arċisqof li jinqeda bl-okkażjoni ħalli jagħtina tagħrif aktar dettaljat dwar il-Missjoni Djoċesana.

Tkun wirja ċara tal-imħabba tagħna lejn Ġesu' Ewkaristija jekk nilqgħu l-istedina ta' Monsinjur Arċisqof u, magħqudin bħal aħwa fis-saċerdozju mal-Missier Spiritwali tagħna, nerfgħu qlubna lejn Ġesu' Saċerdot Etern biex iħeġġiġna fil-ħidma tagħna għat-tisħiħ fis-Saltna Tiegħu fuq din l-art ħelwa l-Omm li tatna jsimha.

Filwaqt li nsellimlek nixtieqlek kull ġid li jiġi mill-Mulej u nitolbok

Tgħoddni tiegħek fi Kristu Saċerdot

Mons. Carmelo Xuereb
Vigarju Ġenerali

L-Intra Uterine Device, magħruf fil-qosor bħala l-I.U.D. huwa mekkaniżmu (device) jew strument żgħir tal-plastik li jitqiegħed fl-utru tal-mara għal ċertu tul ta' żmien jew għal żmien indefinit. Bil-Malti m'għandniex kelma eżatta għalih, imma jidher li laqqmuh 'il-ħolqa'. Dan iservi biex il-mara ma titqalx; għalhekk huwa **kontraċettiv.**

Hemm ħafna kwalitajiet ta' I.U.D.'s imma l-aktar użati huma dawk imsejħa l-'loop', il-'coil', il-'Copper T' u l-'Copper 7'. Dawn l-aħħar tnejn jissejħu hekk għax ma' parti tal-plastik hemm imdawra biċċa 'wire' tal-'copper' (ram). Hemm oħrajn li magħhom iżidulhom doża tal-progesterone, li hu wieħed mill-ormoni sesswali tal-mara.

L-I.U.D. għandu żewġ funzjonijiet prinċipali; l-ewwel wieħed hu li jżomm l-inforra jew il-ħajt intern tal-utru fi stat kontinwu ta' irritazzjoni jew infjammazzjoni kronika. Dan isir biex il-bajda tal-mara, jekk tkun fertilizzata mill-isperm tar-raġel, ma tkunx tista' taqbad u teħel ma' dal-ħajt tal-utru bir-riżultat li l-bajda fertilizzata tmut. It-tieni funzjoni, li tgħin l-ewwel wieħed, hu li ċ-ċelluli ta' difiża li n-natura tuża biex tiddefendi ruħha meta jkun hemm x'infjammazzjoni, 'jieklu' jew jeqirdu l-bajda fertilizzata u l-isperm tar-raġel. Il-'wire' tar-ram u l-progesterone li semmejt fuq jgħinu wkoll biex jeqirdu l-isperm u l-bajda fertilizzata . Jiġifieri l-iskop ewlieni tal-I.U.D. hu li b'xi mod jew ieħor tinqered il-bajda fertilizzata. Billi l-ħajja tal-bniedem tibda mal-fertilizzazzjoni tal-bajda, dan ifisser li l-I.U.D., barra li huwa kontraċettiv, huwa wkoll **abortiv,** jagħmel abort.

L-I.U.D. ifalli u ghandu komplikazzjonijiet? Skond rapport maħruġ f'Mejju 1979 mill-Johns Hopkins University ta' Baltimore, Maryland, Stati Uniti ta' l-Amerika fil-'Population Reports Series' u li jirreferi spiss għal rapporti tal-United States Food and Drug Administration (USFDA), li hi 'l-gwardjan' għas-saħħa tal-poplu f'dak li jirrigwarda oġġetti tal-ikel u mediċinali, jibda biex jgħid li "l-I.U.D. huwa 'safe', effettiv, u forma utli ta' kontrol tat-twelid" imma mbagħad jgħaddi għal fallimenti u komplikazzjonijiet.

Skond dar-rapport, il-metodu jfalli bejn 1 u 6 f'100 mara f'sena. Ifalli (a) jew għax ma jagħmilx il-funzjoni tiegħu sewwa, jew (b) għax ikun żgħir għal dik il-mara partikulari (hemm diversi daqsijiet), jew (c) għax ma jkunx f'postu sewwa jew (d) għax il-mara joħorġilha u jaqgħalha mingħajr lanqas biss ma tinduna meta tmur it-'toilet' speċjalment fiż-żmien tal-'period'. Dar-rapport jgħid li nisa li joħorġilhom ilaħħaq bejn 5 u 20 fil-100 mara fis-sena.

Komplikazzjonijiet hemm ħafna, kultant ikunu tant gravi li anke jwasslu għall-mewt tal-mara. L-ewwel li nsemmu, li hu rari imma jista' jkun serju, hu li waqt ikun qed jiddaħħal, il-mara jista' jkollha 'sinkope', jiġifieri jiqfilha n-nifs u ċ-ċirkolazzjoni tad-demm u allura jkollha bżonn kura immedjata. Bħala l-aktar komplikazzjonijiet komuni hemm l-emorraġija u l-uġiegħ, ħafna drabi t-tnejn flimkien. L-emorraġija tieħu forma ta' (a) żieda fil-ġranet tal-'periods', (b) telf akbar ta' demm waqt il-'period' u (c) dmija irregolari u frekwenti bejn 'period' u ieħor. Il-progesterone li semmejt fuq jużawh biex inaqqas xi ftit dil-kwantità ta' telf ta' demm. L-uġiegħ ikun bħal uġiegħ tal-'period' imma jkun aktar

qawwi u kontinwu, kultant matul ix-xahar kollu. Dawn l emorraġija u wġiegħ, jew it-tnejn f'daqqa huma l-aktar kawżi komuni li għalih numru ta' nisa jitolbu li jitneħħilhom l-I.U.D., dan in-numru jlaħħaq bejn 5 u 15 f'kull 100 mara fissena.

Komplikazzjoni oħra hija infezzjoni f'xi parti tas-sistema riproduttiva tal-mara (l-utru, il-ħajt tal-utru, it-tubi, l-egħnieqed tal-bajd) u/jew madwarha. Miġburin flimkien dawn jissejħu 'the pelvic inflammatory disease' (PID)'. Dawn jistgħu jkunu ħfief jew serji. In-numru ta' nisa li jitneħħilhom l-I.U.D. minħabba dawn l-infezzjonijiet huwa bejn 3 — 9 fil-100 fissena.

Komplikazzjonijiet oħra huma l-'embedding' jiġifieri li l-I.U.D. iħaffer u jeħel fil-ħajt tal-utru, u l-'perforation' meta l-I.U.D. itaqqab u jgħaddi mill-utru u jidħol fiż-żaqq. Dan jiġri f'1 f'kull 1000 (elf) mara fis-sena. Dan jista' ma jagħmel ħsara xejn, jista' jagħmel infezzjoni fiż-żaqq (peritonite) speċjalment dawk li għandhom il-Copper Wire, u jista' jaqbad mal-musrana u jistrangulha.

Komplikazzjonijiet oħra huma meta l-I.U.D. jfalli u l-mara toħroġ tqila. It-tqala tista' tkun ektopika, jiġifieri li t-tarbija tibda tikber f' wieħed mit-tubi minflok fl-utru u billi t-tubu ma jespandix daqs l-utru, ikollha bżonn operazzjoni biex jitneħħa t-tubu qabel ma jinfaqa' b' riskju ta' komplikazzjonijiet oħra. Mara bl-I.U.D. li toħroġ tqila għandha għaxar darbiet ċans akbar li t-tqala tkun ektopika minn mara li m'għandhiex l-I.U.D. Jekk it-tqala tikber normalment fl-utru, mara bl-I.U.D. (a) għandha ċans akbar ta' korriment fl-ewwel tliet xhur tat-tqala, (b) ċans ta' korriment 'settiku' jiġifieri b'infezzjoni, deni, eċċ. fit-tieni tliet xhur tqala li anke jista' jwassal għall-mewt tal-mara, (c) ċans akbar ta' ħlas prematur u ta' tarbija mejta (stillbirth) minn mara li m'għandhiex l-I.U.D.

L-aħħar komplikazzjoni li rridu nsemmu (u li diġa' aċċenajna għaliha fuq) huwa l-mewt tal-mara. Dan jiġri għaliex xi waħda, jew aktar minn waħda, mill-komplikazzjonijiet li semmejna fuq ikunu serji ħafna. Ir-rata tal-imwiet hija bejn 1 u 10 kull miljun mara f'sena.

Jekk taqraw rapporti oħra, rivisti jew kotba xjentifiċi jew mediċi x'aktarx li tiltaqgħu ma' figuri li ma jaqblux ma' dawn li semmejna. X'uħud se jkunu għola u oħrajn, ikunu anqas. L-importanti mhux kemm huma kbar jew żgħar il-figuri, imma l-fatt li kullimkien issibu li l-I.U.D. ifalli, li għandu dawn il-komplikazzjonijiet kollha li semmejna, gravi jew le, u li anke jista' jwassal għall-mewt tal-mara.

L-importanti hu li qabel koppja miżżewġa titħajjar u tieħu deċiżjoni biex tapplika l-I.U.D. iżżomm quddiem għajnejha dawn il-fatti; (a) li l-I.U.D. mhux biss huwa kontraċettiv imma wkoll abortiv, żewġ affarijiet kundannati mir-Reliġjon tagħna, (b) li mhux 'safe' għal kollox mil-lat ta' tqaliet, (c) mhux 'safe' mil-lat ta' komplikazzjonijiet mediċi, u (d) jista' wkoll kultant iwassal għall-mewt tal-mara.

DR. E. LICARI

"Iebes dan il-kliem"

"Mulej, għand min immorru? Int għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem". Hekk qalu l-Appostli lil Ġesù wara li kien kellem lin-nies fuq illi ġismu hu l-ħobż tal-ħajja li niżel mis-sema u li min jieklu minnu ma jmut qatt. In-nies ma fehmux kliem Ġesù, għaliex kienu qegħdin jaħsbu skond il-ġisem, b'mod materjali: ħasbu li Ġesù kien qiegħed igħidilhom li se jagħtihom jieklu ġismu bħalma wieħed jieklu biċċa laħam; imma Ġesù kien qiegħed jitkellem spiritwalment, kien qiegħed iħabbar il-misteru tal-Ewkaristija — għalhekk lill-Appostli qallilhom: "Il-kliem li għidtilkom huwa spirtu u huwa ħajja" — biex wieħed jifhmu jeħtieġ li jkollu l-fidi: ma fehmux kliem Ġesù dawk li ma emmnux, li ma kellhomx fidi.

Minkejja li ħafna mid-dixxipli tiegħu stess sabuh tqil kliem Ġesù, u telquh, Ġesù ma biddel xejn minn kliemu. L-Appostli wkoll sabuh tqil kliem Ġesù, għax il-fidi tagħhom kienet dgħajfa ħafna, u għalhekk Ġesù qallilhom: "Tridux titilqu intom ukoll?" Imma l-Appostli, minkejja li kliem Ġesù ma fehmuhx, kellhom fidi biżżejjed biex, permezz ta' San Pietru, igħidu lill-Mulej: "Għand min inidna mmorru? Int għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem. U aħna nemmnu u nafu li int il-qaddis ta' Alla."

Din il-ġrajja tal-Evanġelju tal-lum hija ta' siwi kbir għalina fiż-żminijiet tal-lum, għax kemm-il darba, minħabba l-ħajja li qegħdin nghixu fid-dinja tal-lum, għal dak li tgħidilna l-Knisja, f'qalbna ngħidu: "Iebes dan il-kliem; Min jista' jisimgħu."

Mhux darba u tnejn, f'dawn l-aħħar żminijiet, l-istess insara sabu iebes ħafna għalihom it-tagħlim tal-Knisja, u ppretendew li l-Knisja t-tagħlim tagħha tbiddlu jew ittaffih u tadattah għall-fehmiet tan-nies tal-lum. Kemm-il darba ntqal li l-Knisja ma turi ebda sinjal ta' ħniena u mogħdrija mal-mara abbandunata jew maħqura minn żewġha, għaliex ma tippermettilix id-divorzju! Kemm-il darba ntqal li l-Knisja ma tagħdirx xebba mqarrqa min xi ħadd li, biex ma titlifx ġieħha, trid teħles mill-frott tal-ġuf tagħha, għax tikkundanna l-abort! Kemm-il darba ntqal li l-Knisja ma tifhimx il-problemi tal-familji tal-lum u tinsisti magħhom li kull att taż-żwieġ għandu jkun miftuħ għall-ħajja u għalhekk tikkundanna l-isterilizzazzjoni u l-'contraceptives'.

Il-Knisja ma tbiddilx il-liġi ta' Alla

Il-Knisja ma tistax tbiddel il-liġi ta' Alla: id-divorzju qatt ma tista' t'ippermettih, għax kif igħidilna Kristu stess: "Dak li Alla għaqqad, ma jistax jifirdu l-bniedem." U jekk Alla ppermetta d-divorzju lill-Lhud fi żmien il-patt il-qadim, dan għamlu minħabba l-ebusija ta' qalbhom, għax, kif igħid Ġesù stess, "fil-bidu ma kienx hekk imma "r-raġel iħalli 'l missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed." Ir-rabta tar-raġel u tal-mara fiż-żwieġ hi hekk qawwija li tixbah ir-rabta flimkien tal-membri tal-ġisem: kif il-membri tal-ġisem ma jistgħux jinfirdu minn

xulxin, ħekk ir-raġel u l-mara fiż-żwieġ ma jistgħux jinfirdu minn xulxin. Għall-insara mbagħad hemm raġuni aqwa għaliex iż-żwieġ tagħhom ma jistax jinħall qatt. Iż-żwieġ nisrani huwa xbieha tal-għaqda ta' Kristu ma' l-Għarusa tiegħu l-Knisja. Il-miżżewġin insara jridu jħobbu 'l xulxin kif Kristu jħobb il-Knisja tiegħu. Tant ħabbha Ġesù 'l Knisja li ta ħajtu għaliha, u l-miżżewġin insara għandhom tant iħobbu 'l xulxin li jaslu biex jegħelbu kull tiġrib li jiġi fuqhom u jagħmlu kull sagrifiċċju biex l-imħabba tagħhom tikber u tissaħħaħ aktar. It-tiġrib u l-inkwiet tal-ħajja ta' kuljum, flok iġib il-firda u t-tfarrik taż-żwieġ, għandu jwassal biex isaħħaħ aktar l-imħabba ta' bejniethom, li bit-tiġrib tissaffa bħad-deheb fin-nar.

Il-Knisja qatt ma tista' tippermetti l-abort, għaliex kull abort huwa qtil, u qtil ta' persuna innoċenti, għalhekk imur kontra l-kmandament ta' Alla li jgħid: La toqtolx. Il-Knisja ma tista' qatt tippermetti l-isterilizazzjoni u l-użu tal-"contraceptives" għaliex il-Knisja żżomm mal-ħajja u għalhekk tgħallem li l-imħabba tal-miżżewġin bejniethom trid tkun għal kollox tixraq lill-bniedem; u tkun għal kollox tixraq lill-bnidem, jekk tkun bejniethom biss, u tkun dejjem miftuħa għall-ħajja.

Il-Knisja tifhem il-problemi li magħhom jiltaqgħu l-familji fid-dinja tal-lum, iżda fl-istess ħin tistieden lill-miżżewġin insara biex bis-sinċerità kollha ta' qalbhom iħarsu l-kmandament ta' Alla, b'tama qawwija fil-grazzja ta' Alla.

Ma jkun qatt li nħallu 'l Mulej

It-tnissil tal-ħajja huwa parti mill-missjoni tal-ħajja nisranija kollha kemm hi, ħajja li mingħajr is-salib ma tistax tasal għall-qawmien. Fil-ħajja tal-familja nisranija ma jistgħux jitwarrbu s-sagrifiċċji u ċ-ċaħdiet, u l-miżżewġin insara għandhom jliqgħuhom bil-qalb biex l-imħabba ta' bejniethom tissaħħaħ dejjem aktar u tkun għalihom għajn ta' ferħ liema bħalu fir-ruħ.

Il-miżżewġin insara, quddiem il-problemi tal-ħajja tal-familja llum, għandhom igħidu dak li qalu l-Lhud meta daħlu fl-art imwegħda. Ġożwe' staqsihom kinux se jqimu l-allat ta' missirijiethom jew l-allat tal-Amurrin, jew kinux se jagħżlu li jqimu lil Alla veru li ħarigħom mill-Eġittu u wassalhom fl-art imwegħda. U l-Lhud wieġbu "Ma jkun qatt li aħna nħallu l-Mulej biex naqdu allat oħra... aħna rridu naqdu l-Mulej għaliex hu Alla tagħna." Il-miżżewġin insara wkoll għandhom iwieġbu b'dan il-mod: "Ma rridux inħallu l-Mulej Alla tagħna biex naqdu l-allat ta' żminijietna, il-kumditajiet, id-dar sabiħa u mżejna, ix-xalar u l-pjaċiri. Aħna rridu naqdu lill-Mulej fuq kollox u qabel kollox, u biex naqduh, lesti niċċaħdu minn ħafna nfiq żejjed, minn dak li ma tantx neħtieġuh, għaliex nafu u nemmnu li jekk infittxu fuq kollox u qabel kollox il-ħarsien tal-liġi mqaddsa tiegħu, Hu jagħtina żgur kull ma neħtieġu biex ngħixu ħajja f'din id-dinja li tixirqilna bħala bnedmin. U jekk xi darba, għax dgħajfin nonqsu minn dmirijietna u niksru l-liġi mqaddsa tiegħu, aħna m'aħniex sejrin naqtgħu qalbna, għaliex nafu li hu għani fil-ħniena, jagħdirna fin-nuqqas ta' ħila tagħna, u lest jerġa' jħabbibna miegħu malli nqumu u nerġgħu lura għandu."

Nitolbu Ilum lill-Mulej Ġesù biex jieqaf magħna fit-tiġrib kollu li nistgħu ngħaddu tul ħajjitna fid-dinja ta' Ilum, għaliex hu biss għandu l-kliem tal-ħajja ta' dejjem u ħadd ieħor ma jista' jieqaf magħna u jqawwina fit-tiġrib kollu tagħna.

Wettaq, Mulej, il-poplu li int ksibt għalik bi grazzja mis-sema biex jagħraf jegħleb kull tiġrib tad-dinja ta Ilum u jibqa' fidil għal-liġi mqaddsa tiegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Dawwal il-fehma tas-setgħanin ta' l-art biex fit-tħabrik tagħhom għall-ġid tal-popli li fuqhom jaħkmu, ma jagħmlu ebda liġi li tmur kontra l-liġi mqaddsa tiegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Agħmel li l-miżżewġin insara jifhmu li r-rabta tagħhom fiż-żwieġ hi u għandha tkun xbieha ta' l-għaqda tiegħek fl-imħabba mal-Knisja l-Għarusa tiegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Agħtina li nħarsu dejjem il-kmandamenti tiegħek, għax int Alla tagħna u aħna l-poplu tiegek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, ilqa' t-talb li qegħdin nagħmlulek illum, u agħmel li l-familji Maltin kollha jagħarfu s-sejħa tagħhom bħala familji nsara u jagħtu xhieda quddiem id-dinja ta' ħajja verament nisranija. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

It-22 Ħadd tas-Sena

NAGĦMLU L-KELMA TA' ALLA

Insara bi grazzja ta' Alla

"Għax ried hu, il-Missier, "tgħidilna l-Knisja llum bi kliem l-Appostlu San Ġakbu, "welllidna bil-kelma tas-sewwa biex inkunu l-ewwel frott tal-ħlejjaq tiegħu". Xi trid tgħidilna l-Knisja b'dan il-kliem? Trid tfakkarna li aħna nsara għaliex Alla ħabbna minn qabel il-ħolqien tad-dinja u ppredistinana biex inkunu għalih qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba. Fi kliem ieħor aħna nsara bi grazzja ta' Alla; il-fidi nisranija li aħna nħaddnu hija don ta' Alla; għax Alla ħabbna ried li mill-ewwel jiem ta' ħajjitna f'din id-dinja, permezz tal-Magħmudija, ikollna l-grazzja li nghixu l-istess ħajja ta' Alla. Kull ħaġa tajba u kull għotja perfetta — u l-fatt li ġejna mgħammdin minn mindu konna trabi hi ħaġa tajba u għotja perfetta — tiġina mingħand Alla, minn Missier id-dawl. Kien Alla stess li tana twelid ġdid fil-Magħmudija tagħna, li dawwalna bid-dija tad-dawl tiegħu tal-għaġeb, għaliex hu Alla stess li permezz tas-saċerdot, ministru tiegħu, tana twelid ġdid fil-Magħmudija. Il-kliem li qal is-saċerdot meta għammidna: "Jiena ngħammdek f'isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu", huwa kliem li Kristu stess qallna b'fomm il-ministru tiegħu, u bir-raġun kollu għalhekk il-Knisja qaltilna llum li kien Alla li welllidna bil-kelma tas-sewwa, u welllidna biex inkunu l-ewwel frott tal-ħlejjaq tiegħu.

Inkunu l-ewwel frott ta' Alla billi nagħmlu l-Kelma tiegħu

X'ifisser dan il-kliem? Kif se nkunu l-ewwel frott tal-ħlejjaq ta' Alla? Bil-Magħmudija sirna ħolqien ġdid; bdejna ngħixu ħajja ġdida: l-istess ħajja ta' Alla, ħajja kollha kemm hi kkonsagrata għas-servizz ta' Alla. Kif fi żmien il-Patt il-qadim il-Lhud kienu joffru lil Alla l-ewwel frott tal-egħlieqi u tal-imrieħel tagħhom b'sinjal ta' qima lil Alla, hekk aħna, bħala nsara, noffru lilna nfusna stess lil Alla b'sinjal ta' qima u mħabba għax hu kisibna għalih fil-Magħmudija tagħna u riedna nkunu l-poplu qaddis tiegħu mehdi f'kull opra tajba u kollu ħerqan biex ixandar l-egħġubijiet tiegħu, ta' Dak li sejħilna mid-dlamijiet tad-dnub għad-dawl tiegħu tal-għaġeb. Dan aħna nagħmluh jekk nagħmlu l-kelma tiegħu, dik il-kelma setgħana tiegħu li fil-Magħmudija ħelsitna mill-jasar tad-dnub u tatna d-dinjità ta' wlied Alla, dik il-kelma li titħabbrilna kull nhar ta' Ħadd waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, dik il-kelma li tgħallimna, twissina, theġġiġna, twiddibna u, jekk hemm bżonn ukoll, iċċanfarna; dik il-kelma li għandha l-qawwa tagħmel dak li Alla jibgħatha tagħmel; dik il-kelma li tinżera' f'ruħna minn Alla stess kull darba li titħabbrilna. Jalla f'ruħna ssib art tajba ħalli tagħti kotra kbira ta' frott, u ma tiġix maħnuqa mir-rebgħa għall-ġid tal-art u t-tħassib żejjed għall-ħwejjeġ tad-dinja u lanqas tinħatfilna mill-għadu ta' ruħna għax fina ma tkunx għamlet l-egħruq.

Nagħmlu l-kelma ta' Alla meta nuruha f'egħmilna

Kif nagħmluha l-kelma ta' Alla? Nagħmluha, billi mhux biss nisimgħuha, imma ngħożżuha f'qalbna u nuruha fl-egħmil kollu tagħna. Għalhekk il-Knisja tlum bi kliem San Ġakbu tgħidilna li t-tjieba safja u bla tebgħa quddiem Alla hi li żżur l-iltiema u r-romol fil-hemm tagħhom u żżomm ruħek bla tingis 'il bogħod mid-dinja. Fi kliem ieħor, inkunu nagħmlu l-kelma ta' Alla jekk aħna nżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub u ngħinu minn qalbna 'l dawk kollha li huma fil-bżonn, huma min huma.

Ma nkunux bħall-Fariżej ta' żmien Ġesù li biex iħarsu d-drawwiet tagħhom kienu jaslu saħansitra biex jiksru l-liġi ta' Alla. Il-Lhud ta' żmien Ġesù kienu jagħtu mportanza kbira għall-ħarsien sħiħ tal-liġi ta' Alla sa l-inqas tikka tagħha, u kienu tkażaw ħafna bl-Appostli għax darba rawhom jieklu mingħajr ma qabel ħaslu idejhom, kif kienet titlob il-liġi ta' Mose'. Ħsiebhom il-Lhud kien biss li jidhru minn kulħadd qegħdin iħarsu l-liġi ta' Alla, u mbagħad ftit kienu jagħtu każ li f'qalbhom kienu jbejtu kull xorta ta' ħażen. Għalhekk il-Mulej ċanfarhom u qalilhom li huma kienu qed jagħtu qima lil Alla b'xofftejhom biss għax qalbhom kienet bogħod minn Alla. Alla jrid ikun miqjum fil-ispirtu u l-verità; Alla ma jridx li blimġiba tagħna nuru li aħna nies tajba, immorru l-knisja, nagħmlu ħafna karitajiet, imma mbagħad f'qalbna ma hemmx ħlief mibegħda, qerq, għira, u kull xorta ta' ħażen ieħor — għax Alla ma jaħmilx lil min hu ta' żewġt uċuħ. L-imġiba tajba tagħna minn barra trid tixhed li qalbna wkoll hija tajba. Ma jiswielna xejn li nidhru nies tajba quddiem in-nies meta f'qalbna ma hemmx ħlief żina, qerq, reġħba, ħżunija, għira, dagħa, kburija u bluha. Min għandu qalbu mtebba' minn dan il-ħażen ma jarax wiċċ Alla.

Min jara wiċċ Alla

Jaraw wiċċ Alla, jidħlu fis-sema, fl-art imweġħda lilna, dawk biss li jħarsu mhux bil-kliem biss imma bil-fatti u tassew il-kmandamenti kollha, mingħajr ma jnaqqsu jew iżidu xejn magħhom. Min iħares il-kmandamenti ta' Alla sa l-iċken wieħed minnhom, jissejjaħ kbir fis-saltna tas-sema.

U m'hijiex ħaġa tqila tħarishom il-kmandamenti ta' Alla; veru li bilħila tagħna m'aħniex sejrin inħarsuhom bir-reqqa tul ħajjitna kollha; imma Alla mhux sejjer iħallina nieqsa mill-għajnuna tiegħu, mill-grazzji kollha li neħtieġu biex inħarsu l-kmandamenti tiegħu kif iridna hu. Alla huwa dejjem qrib tagħna kull x'ħin insejħulu u jgħinna dejjem biex nimxu quddiemu bla ħtija u nagħmlu s-sewwa, ħalli meta jasal il-waqt imbagħad jilqagħna fl-aħmajjar tiegħu ta' dejjem.

Illum li għadna kemm smajna leħen il-Mulej iħabbrilna li ma hemmx ġens hekk kbir li għandu liġijiet hekk sewwa daqs il-liġi ta' l-Evanġelju. Nitolbuh bil-ħeġġa kollha ta' qalbna biex iwettaqna dejjem bl-għajnuna tal-grazzji tiegħu ħalli ma nonqsu qatt mill-ħarsien tal-kmandamenti tiegħu.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek, hija u tħabbar il-liġi qaddisa tiegħek lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Dawwal il-fehma ta' kull min għandu xi setgħa fid-dinja, biex fit-tħabrik tiegħu għall-ġid ta pajjiżu, iħares dejjem il-liġi mqaddsa tiegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Sejjaħ lura għat-triq it-tajba 'l dawk li, biex iħaddnu t-tradizzjonijiet jew drawwiet tagħhom, jaslu biex iġibu fix-xejn il-liġi mqaddsa iegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Kun magħna dejjem biex nimxu bla ħtija quddiemek u nagħmlu dak li hu sewwa biex meta jasal il-waqt ngħammru fid-dar tiegħek tas-sema.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Alla tagħna, minnek tiġi kull ħaġa tajba u kull għotja perfetta: wettaqna bil-grazzja tiegħek ħalli nilqgħu bil-ħlewwa l-kelma tiegħek, ngħożżuha f'qalbna u nagħmluha. Bi Kristu Sidna.

Iċ-Ċerimonji tal-Magħmudija

Il-miraklu li ħabbrilna l-Evanġelju ta' Ilum għandu jfakkarna fil-Magħmudija tagħna. Inġibu ftit quddiem għajnejna ċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija: wara li t-tarbija tiġi mgħammda, iċ-ċelebrant jagħmlilha fuq ġbinha sinjal tas-salib biż-żejt tal-griżma, "iż-żejt tas-salvazzjoni" biex ifisser li bil-Magħmudija dik it-tarbija ngħaqdet mal-poplu ta' Alla li saret membru ħaj ta' Kristu, il-Qassis, il-Profeta u s-Sultan biex tul ħajjitha kollha tagħti l-qima li tixraq u tistħoqq lil Alla, taqdih dejjem u bl-imġieba kollha ta' ħajjitha tagħti xhieda tiegħu quddiem id-dinja. Imbagħad iċ-ċelebrant jagħti l-libsa bajda lit-tarbija biex ilibsuhielha l-parrinijiet: il-libsa bajda tfisser li t-tarbija saret ħolqien ġdid u libset 'il Kristu u kisbet dinjità ġdida, id-dinjità ta' l-ulied adottivi ta' Alla. Wara dan, iċ-ċelebrant jistieden lil missier it-tarbija biex jixgħel xama' mill-blandun (li jfisser 'il Kristu) u jżommha ħdejn it-tarbija tiegħu b'sinjal li t-tarbija ġiet imdawwla minn Kristu u għalhekk issa hi msejħa biex timxi fid-dawl ta' Kristu tul ħajjitha kollha. Fl-aħħarnett iċ-ċelebrant imiss fomm u widnejn it-tarbija kif għamel Ġesù mat-trux u l-imbikkem li ġabulu quddiemu, kif smajna fl-Evanġelju ta' Ilum. Waqt dan, is-saċerdot igħid lit-tarbija: "Il-Mulej Ġesù li ta s-smigħ lit-torox u l-kelma lill-imbikkmin, jagħti lilek ukoll il-grazzja li ma ddumx ma tkun tista' tisma' b'widnejk il-kelma tiegħu u tistqarr b'fommok il-fidi tiegħek, biex tfaħħar u ssebbaħ lil Alla l-Missier."

Id-dmir ta' kull nisrani

Dan il-kliem taċ-ċelebrant fil-Magħmudija jurina x'inhnu d-dmir ta' kull nisrani, ta' kull min hu mgħammed. Kull wieħed minna hu fid-dmir li jisma' l-Kelma ta' Alla li titħabbrilna kull nhar ta' Ħadd waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa; hu fid-dmir mhux biss li jismagħha, imma, kif smajna l-Ħadd li għadda, hu fid-dmir igħożżha f'qalbu u jagħmilha. Kull nisrani hu wkoll fid-dmir li bl-imġieba kolllha ta' ħajtu jagħti xhieda ta' Kristu quddiem id-dinja, billi kull ma jagħmel, jaħseb u jgħid ikun kollu kemm hu għat-tifħir u l-glorja ta' Alla: dan ma jfissirx ħaġ'oħra ħlief li n-nisrani tul ħajtu kollha hu fid-dmir, kif rajna l-Ħadd li għadda, li jżomm ruħu 'l bogħod minn kull tinġis tal-ħażen u jgħin u jħobb lil kulħadd, u l-aktar lil min hu msejken u fil-bżonn.

L-imsejknin tad-dinja

Dan hu l-qofol tal-ħajja nisranija, ħaġa li n-nies tad-dinja, il-kburin, dawk li jqisu ruħhom bħala l-għorrief tad-dinja, in-nies tad-dehen, ma jifhmuhiex. In-nies tad-dinja jwarrbu fil-ġenb lil min hu fqir, lill-imsejken, lill-inkapaċitat, lil min kien il-ħabs, lil min waqa' vittma tad-drogi, l-ommijiet mhux miżżewġa, lil min qed igħix fid-dnub: għal raġuni jew għal oħra dawn l-imsejkna huma mistmerra mill-kotra tan-nies, li jagħalqu għajnejhom għall-ħtiġijiet tagħhom u ma għandhom ebda kelma ta' faraġ u ta' għajnuna għalihom.

Kif il-mara tad-dar taħbi tħt it-taraġ dak kollu li bih tinqeda biex iżżomm

darha nadifa u ma ssemmihomx quddiem il-barrani li mhux midħla tagħha, hekk in-nies tad-dinja jagħalqu għajnejhom għall-miżerji li hawn madwarhom, qishom ma jeżistux, biex ma jħammrulhomx wiċċhom. Il-miżerji li hawn fid-dinja — il-faqar, id-diskriminazzjoni, l-istmerrija ta' min hu inkapaċitat, — huma ċanfira għan-nies tad-dinja, għall-egoiżmu tagħhom, għan-nuqqas ta' ħsieb tagħhom. Il-miżerja jqisuha bħala għajb għalihom, u flok iħabirku biex jeqirduha, jippruvaw jaħbuha u b'hekk jaslu biex jonqsu mill-ġustizzja u mill-imħabba ma' kull min hu msejken għax iwarrbuh u jinsewh.

Kemm xjuħ iħossu ruħhom abbandunati minn kulħadd, saħansitra mill-istess uliedhom, li jqisuhom bħala piż għalihom! kemm isibu diffikultajiet biex jerġgħu jsibu posthom fis-soċjetà dawk li darba kienu l-ħabs! kemm jingħad diskors bejn il-ġirien fuq min qed igħix fid-dnub, fuq xi xebba li sabet min qarraq biha u li, minħabba l-għajdut tan-nies, tasal biex teqred il-frott tal-ġuf tagħha! kemm ma nieħdux pjaċir u nistmerru xi fqir u mċerċer li jaħbat magħna aħna u għaddejjin mit-triq!

Naraw 'il Ġesù fl-imsejknin tad-dinja

Ġesù ma kienx iġib ruħu hekk ma' dawn l-imsejknin, għalkemm l-imġieba tiegħu kienet ta' skandlu għall-Fariżej ta' żmienu, li kienu jilmintaw maddixxipli tiegħu li ma kienx ifittex lilhom imma lill-pubblikani u lill-midinbin u lin-nisa tat-triq.

F'dawn l-msejknin Ġesù jridna naraw lilu stess u nuru magħhom l-istess imħabba li hu kien jurihom: għax kien iħobbhom, ried jerfagħhom mill-miżerja tagħhom ħa jkollhom dik d-dinjità li tixirqilhom bħala bnedmin li huma.

Jekk aħna verament insara ma għandniex inkunu bħan-nies tad-dinja u nistmerru lil dawn l-imsejknin; jekk inkunu bħan-nies tad-dinja ikun jistħoqqilna ċ-ċanfira ta' San Ġakbu, li smajna fit-tieni qari ta' llum.

Fil-Magħmudija Ġesù fetħilna widnejna biex nisimgħu l-kelma tiegħu li llum qiegħda tgħidilna li Alla għażel il-foqra u l-imsejknin ta' l-art biex ikunu werrieta tas-saltna tas-sema flimkien magħna: huma ħutna u għalhekk għandna nittratawhom bħala ħutna: f'kull wieħed minnhom għandna naraw lil Ġesù stess, ħuna l-kbir, il-kbir fost ħafna aħwa.

Fil-Magħmudija tagħna Ġesù messilna xofftejna biex inxandru t-tifħir tiegħu, u dan aħna nagħmluh meta ma nħarsu lejn wiċċ ħadd, u ma nagħmlux għażliet bejn l-għani u l-fqir, l-imċerċer u 'l min hu liebes sabiħ.

Hi ħaġa iebsa din, għax tmur kontra l-kurrent tad-dinja: imma aħna nsara li, għalkemm qegħdin fid-dinja, ma għandniex inkunu bħan-nies tad-dinja. U l-Mulej Ġesù jieqaf magħna bil-grazzji tiegħu biex ma nkunux bħannies tad-dinja. Nagħmlu l-qalb mela u nfaħħru u nsebbħu 'l Alla fil-fqar u l-imsejknin tiegħu.

Il-Mulej għażel dawk li huma foqra fid-dinja biex isiru werrieta tas-Saltna: nitolbuh li nifhmu dan biex bl-imġieba tagħna mal-foqra u l-imsejknin infaħħru u nsebbħu 'l Alla.

Agħmel, Mulej, li l-insara kollha jifhmu li l-Knisja tiegħek fid-dinja hi l-Knisja tal-fqar u taċ-ċkejknin tad-dinja.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Qanqal il-ġnus għonja tad-dinja biex mill-ġid u l-għana tagħhom iġħinu lill-ġnus foqra ta' l-art ħa jintrefgħu mill-miżerja tagħhom.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Żomm bogħod mid-dinja l-faqar, il-ġuħ u l-għatx, u kull nuqqas ieħor biex il-bnedmin kollha jgħixu ħajja li tassew tixraq lid-dinjità tagħhom bħala bnedmin.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Ftakar f'ħutna kollha li huma neqsin mis-smigħ u għinhom jirbħu n-nuqqas tagħhom biex jieħdu sehem sħiħ fil-ħajja kollha tal-Knisja u tad-dinja li fiha jgħixu.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Agħtina l-grazzja li bl-imġieba tagħna mal-fqar, mat-torox u ma' l-imbikkmin, li magħhom niltaqgħu fil-ħajja tagħna ta' kuljum, nagħtu xhieda ta' fidi tassew nisranija.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej tagħna kebbes fi qlubna n-nar ta' mħabbtek u ħeġġiġna biex inħabirku għall-ġid ta' kulħadd, ħalli tinqered il-miżerja mid-dinja, u l-bnedmin kollha jgħixu fl-imħabba ta' xulxin, magħqudin ilkoll f'familja waħda fis-sliem tiegħek. Bi Kristu Sidna.

L-24 HADD TAS-SENA

IL-FIDI U L-OPRI TAJBA

Iċ-ċaħda tiegħek innifsek

"Jekk xi ħadd irid jiġi warajja", igħidilna l-Mulej Ġesù llum, "għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu u jimxi warajja". Jekk irridu nirbħu s-sema, ikompli jgħidilna Ġesù, jekk irridu jkollna l-ħena ta' dejjem u niksbu s-salvazzjoni ta' ruħna. jeħtieġ immutu għall-ħajja ta' din id-dinja: biex ngħixu fl-imħabba ta' Alla, biex ngħixu skond it-tagħlim ta' l-Evanġelju, jeħtieġ niċċaħdu mill-ħajja tad-dinja, u nkunu qisna mejtin għall-ħajja tagħha — qegħdin fid-dinja, imma mhux tad-dinja. Dan ried igħidilna Ġesù llum, meta qalilna li min irid isalva ħajtu, jitlifha, għaliex la jmut għad-dinja hu jkun jikseb is-salvazzjoni ta' dejjem.

Dan il-kliem ta' Ġesù narawh iebes, u, bejna u bejn ruħna, aħna aktarx ngħidu li dan il-kliem ta' Ġesù jgħodd iva għas-saċerdoti u għas-sorijiet, imma mhux għall-kotra l-kbira tal-bnedmin. Iżda l-Mulej Ġesù dan il-kliem ma qalux lill-appostli biss; flimkien mad-dixxipli, hu sejjaħ in-nies ukoll biex igħidilhom dan il-kliem. U għalhekk hu dmir ta' kull nisrani jiċħad lilu nnifsu jekk irid tassew jimxi wara Ġesù, jiġifieri ikun tassew nisrani.

Kif jista' jkun dan? Kif jista' jkun li wieħed li jgħix fid-dinja, li mehdi kuljum bil-ħajja tad-dinja kollha kemm hi, fin-negozju, fix-xogħol, fil-ħajja tal-familja, fil-ħin tal-mistrieħ, jiċħad lilu nnifsu u jimxi wara Ġesù?

Min jagħmel dawn il-mistoqsijiet żgur qiegħed jaħseb li hemm biss ċaħda waħda tiegħek innifsek, hemm biss triq waħda biex timxi wara Ġesù — dik iċ-ċaħda tagħhom infushom li jridu jagħmlu s-saċerdoti u s-sorijiet. Imma l-Mulej ma jsejjaħx lil kulħadd għas-saċerdozju u għall-ħajja reliġjuża: huma ftit dawk li hu jsejjaħ għal din il-ħajja. Imma mbagħad isejjaħ lil kulħadd għaċ-ċaħda tiegħu nnifsu u għall-mixi wara Ġesù.

Iċ-ċaħda ta' kull ma hu dnub

Hemm ċaħda oħra tiegħek innifsek biex timxi wara Ġesù, li mhijiex iċ-ċaħda li jagħmlu s-saċerdoti u r-reliġjużi, imma li għandu jagħmel kull bniedem li bħala nisrani ġie msejjaħ minn Alla biex iqaddes id-dinja.

X'inhi ċ-ċaħda tiegħu nnifsu li l-Mulej jistenna minn kull bniedem, minn kull nisrani li hu msejjaħ biex igħix fid-dinja? Hija ċ-ċaħda ta' kull ma hu ħażen, u qerq, u għira, u mibgħeda, u rebgħa, u żina, u pika, u tilwim, u ġlied; hu ċ-ċaħda ta' kull ma hu kontra l-imħabba ta' Alla u ta' għajrna.

Il-bniedem jaf li bil-ħila tiegħu biss qatt ma se jasal għal ċaħda bħal din, u għalhekk igħid li ma jistax ikun li l-kotra l-kbira tal-bnedmin jagħmlu ċaħda bħal din. Imma l-bniedem meta jaħseb hekk, ikun qiegħed jinsa li hemm Alla li dejjem jagħtih l-għajnuna kollha li jeħtieġlu biex jaħrab il-ħażen kollu, jekk irid. Min jgħid li ħajja ta' ċaħda ma tistax tkun, jirraġuna bid-dehen tal-bnedmin, kif irraġuna San Pietru, meta beda jlum lil Ġesù biex ma jsofrix il-passjoni li kellu jsofri, u minħabba f'hekk ġie mċanfar bl-ikrah mill-Mulej: "Itlaq minn quddiemi, xitan", qal Ġesù lil San Pietru, "għax m'intix taħseb fil-ħwejjeġ ta' Alla imma f'dawk tal-bneddmin".

Mhux il-fidi biss . . .

San Pietru, meta qala' din iċ-ċanfira, kien għadu kemm stqarr il-fidi tiegħu fi Kristu: "Int il-Messija, l-Iben ta' Alla l-ħaj", kien wieġeb għall-mistoqsija li għamel Ġesù lill-Appostli: "Intom min taħsbu li jien?" U San Pietru wieġeb, imnebbah minn Alla. U aħna lkoll lil San Pietru nixbħuh ħafna f'dan. Bħal San Pietru aħna nemmnu fi Kristu, u nemmnu b'fidi sħiħa, imma meta niġu għal dik li nsejħu ċ-ċaħda tad-dinja, nagħmlu bħal San Pjetru: it-tbatijiet, is-sagrifiċċji, il-penitenzi, iċ-ċaħdiet ibeżżgħuna, jaqtgħulna qalbna, ma rridux min isemmihomlna — naħsbu fil-ħwejjeġ tal-bnedmin u mhux f'dawn ta' Alla; ninsew li Alla dejjem lest biex igħinna nirbħu l-istess natura dgħajfa tagħna, biex nimxu f'kollox wara Ġesù.

U dan neħtieġuh. Għaliex mhux biżżejjed li nemmnu f'Alla, mhux biżżejjed nistqarru bil-fomm li Kristu hu l-Iben ta' Alla magħmul bniedem għalina għas-salvazzjoni tagħna, mhux biżżejjed nemmnu b'fidi ferma kull ma tgħidilna u tgħallimna l-Knisja. Jeħtieġ ngħixu skond ma nemmnu, għaliex, kif smajna fit-tieni qari ta' llum, il-fidi mingjar l-egħmil tajjeb hi mejta, ma tiswilniex.

. . . iżda l-opri tajba wkoll

Huma meħtieġa għas-salvazzjoni tagħna kemm il-fidi u kemm l-opri tajba, jiġifieri kull egħmil ta' ġid imqanqal mill-imħabba ta' Alla. Jista' jkollna fidi hekk kbira li tqanqal il-muntanji, imma jekk fija hi nieqsa l-imħabba, il-fidi tiegħi ma tiswieli xejn. Tista' temmen b'fidi ferma, imma jekk imbagħad f'qalbek ma għandek ebda ħniena u mogħdrija lejn il-miskin u l-imċerċer, jekk ma jimpurtakx minn ħadd ħlief biss minnek innifsek, jekk moħħok biss fil-ġid ta' l-art u qalbek marbuta ma' l-għana tad-dinja, il-fidi tiegħek hi mejta u ma tiswielek xejn. L-istess sagrifiċċji, l-istess ċaħdiet li inti tagħmel, jekk tagħmilhom, mhux għal Alla, imma għall-interessi tiegħek, ma jiswielek xejn. Dan għaliex, kull egħmil li nagħmlu, tajjeb kemm tajjeb jidher f'għajnejn in-nies, jekk ma nagħmluhx imqanqlin mill-fidi u mill-imħabba ta' Alla, xejn ma jiswielna, għaliex bih, flok inkunu nagħtu glorja 'l Alla, inkun nitkabbru bina nfusna. Niftakru x'qal Ġesù lil min jagħmel karità, jiġifieri jgħin lil għajru filbżonn: tagħmilx karità għal għajn in-nies biex ifaħħruk, imma għamilha bilmoħbi ħalli Alla biss jarak u, meta jasal il-waqt, jagħtik hu l-premju ta' dejjem — dan int titilfu jekk il-karità tiegħek tagħmilha għal għajn in-nies, għax int tieħdu iva t-tifħir tan-nies, imma titlef i-tifħir ta' Alla, li hu l-premju ta' dejjem. Jalla dan qatt ma jiġri lilna.

TALBA TAL-FIDILI

Aħna u nistqarru llum il-fidi tagħna fil-Mulej Ġesù, l-Iben ta' Alla li sar bniedem bħalna biex bil-mewt u l-qawmien tiegħu jagħtina l-ħajja ta' dejjem, nitolbuh l-għajnuna tal-grazzja tiegħu ħalli nimxu warajh mgħobbijin bis-salib tagħna.

Mulej Ġesù, wettaq il-Knisja tiegħek hija u tħabbar il-mewt tiegħek, u xxandar il-qawmien tiegħek, waqt li tistenniek terġa' tiġi fil-glorja.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù, qanqal qlub il-bnedmin biex kull ma jagħmlu, jagħmluh mhux għall-interessi tagħhom, imma għall-ġid tal-bnedmin l-oħra ħuthom.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù, dawwal il-fehma ta' kull min għandu setgħa fil-pajjiżi għonja tad-dinja, biex mill-ġid li għandhom igħinu bil-qalb il-ġnus foqra tad-dinja u jipprovdulhom kull ma jeħtieġu biex kulħadd igħix ħajja li tixraq lill-bniedem.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù, dawwal l-għajnejn ta' qlubna, biex inkunu sħaħ fil-fidi nagħarfu sewwa x'inhi t-tama tas-sejħa tagħna bħala nsara, u nkun kollna mkebbsin bl-imħabba.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, għinna fin-nuqqas ta' fidi tagħna, u ħeġġiġna fl-imħabba, biex nagħarfu niċċaħdu minn dak kollu li ma jogħġobx lilek, nerfgħu salibna u nimxu warajk kull fejn tmur.. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

ĠUSTIZZJA U SLIEM

Dinja ta' nkwiet

Jekk inħarsu fid-dinja madwarna ma narawx ħlief inkwiet u tilwim, gwerer u theddid ta' gwerer, piki u ġlied, u kull xorta ta' vjolenza. Ma tgħaddix ġurnata li, meta niftħu l-ġurnal jew nisimgħu l-aħbarijiet fuq ix-xandir, ma niltaqgħux ma' qtil, serq, ħtif ta' nies u ta' tfal ukoll, attentati bil-bombi, vandaliżmu. U dan kollu, waqt li n-nies tad-dinja ma jieqfu qatt jitkellmu fuq paċi u għaqda bejn il-bnedmin, fuq progress u s-sliem, fuq ġustizzja u rġulija f'kull imkien.

Għaliex dan il-kuntrast kollu fid-dinja ta' llum? Għaliex dan il-ġlied u dan it-tilwim kollu. Għaliex din il-vjolenza kollha? X'se niksbu b'din il-ħsara kollha?

Dawn il-mistoqsijiet għamlithomlna llum il-Knisja bi kliem l-Appostlu San Ġakbu, fit-tieni qari ta' llum, u fl-istess ħin tatna wkoll tweġiba għalihom.

Fejn hemm l-għira u l-ambizzjoni m assibx ħlief taqbid u kull xorta ta' ħażen; nitqabdu u niġġieldu bejnietna bla ma niksbu xejn, għaliex ma nitolbux. Din hi t-tweġiba li tagħtina l-Knisja għall-mistoqsijiet li għadna kemm għamilna. U jekk inqisu sewwa l-qagħda fid-dinja llum naraw kemm igħodd għalina l-kliem li San Ġakbu kiteb elfejn sena ilu, u li l-Knisja semmagħtilna fit-tieni qari ta' din il-Quddiesa.

Għaliex ma hemmx paċi fid-dinja?

Għaliex ma hawnx paċi fid-dinja? Għaliex ebda pajjiż ma jafda 'l ieħor, għaliex jibżgħu minn xulxin, għaliex kulħadd armat sa snienu u dejjem ikabbar il-ħażna tiegħu ta' l-armi qerrieda tal-gwerra li ma jkunx inqas b'saħħtu mill-oħrajn. Dan kollu konsegwenza ta' l-għira u ta' l-ambizzjoni, għira u ambizzjoni li jwasslu biex, għall-inqas ħaġa, (bħal ma jiġri dejjem f'kull gwerra) għall-kwistjoni ta' prestiġju jiġu sagrifikati tant żgħażagħ f'qasir il-għomor.

U l-għira u l-ambizzjoni ma jqanqlux biss ġlied u tilwim bejn pajjiż u ieħor; jaqilgħu nkwiet ukoll bejn in-nies ta' l-istess pajjiż: ma hemmx pajjiż tad-dinja llum li mhux qed iġarrab jew xi darba ma ġarrabx xi sura jew oħra ta' vjolenza. Ma hemmx għalfejn noqogħdu nsemmu xejn, għaliex biżżejjed tiftaħ il-ġurnali u tisma' x-xandir biex tkun taf kemm dan hu veru.

Għaliex dan kollu? Għaliex ma nitolbux, għaliex neqsin mill-għerf li jfittex is-sliem, it-tjubija, l-irġulija bla ma jħares lejn l-uċuh u bla qerq. In-nies tad-dinja jixtiequ jgħixu fis-sliem u l-paċi, il-pajjiżi kollha jgħidu li jridu l-paċi u waqqfu l-Organizazzjoni tal-Ġnus Magħquda biex tkun imħarsa l-paċi fid-dinja. Imma l-paċi li hawn fid-dinja mhux il-paċi vera, mibnija fuq l-imħabba, il-fiduċja u l-irġulija, imma paċi mibnija fuq it-twerwir, fuq il-biża'. Id-dinja trid il-paċi, imma ma titlobhiex mingħand Dak li hu waħdu biss jista' jagħtiha, ma titlobhiex mingħand Alla.

Paċi fil-ġustizzja

Il-paċi vera trid timbena fuq il-ġustizzja u l-imħabba, u sakemm ikunu neqsin l-imħabba u l-ġustizzja fid-dinja, ma jistax ikollna paċi tassew . . . U fid-dinja għad hemm ħafna nuqqas ta' mħabba, hi nieqsa ħafna l-ġustizzja. Kieku kien hawn ġustizzja fid-dinja, ma kien jiġri, kif qed jiġri li l-ġnus għonja tad-dinja jistagħnu dejjem aktar, u l-ġnus foqra dejjem aktar jiftaqru; kieku hawn ġustizzj fid-dinj l-bniedem ma jitqiesx biċċa għodda li tarmiha malli ma tiswielekx aktar għall-qliegħ, imma l-bniedem jiġi stmat skond id-dinjità tiegħu ta' bniedem li hu: kieku hawn ġustizzja fid-dinja l-bnedmin ma jkunux klieb għal xulxin u jagħmlu ħsara 'l xulxin, ma jsirux vendikazzjonijiet, ma jsirux għażliet bejn bniedem u ieħor u xi whud jitwarrbu minħabba r-reliġjon li jħaddnu, jew minħabba li huma inkapaċitati. Il-Papa, fl-appelli tiegħu ta' kull sena għall-Jum il-Paċi, kemm-il darba tkellem fuq dawn l-inġustizzji kbar li tiltaqa' magħhom f'kull imkien fid-dinja.

Il-paċi vera aħna nibdew ingawduha meta, imdawwlin mit-tagħlim ta' l-Evanġelju, naslu biex nifhmu li aħna lkoll aħwa, ilkoll ulied l-istess Missier tas-sema, u għalhekk għandna nħobbu 'l xulxin bħa aħwa. L-imġieba talbnedmin bejniethom, fil-familja kbira tal-bnedmin kollha, għandha tkun tixbah l-imġieba ta' l-aħwa bejniethom fil-familja.

Kif igħidilna l-Papa Ġwann Pawlu II fl-esortazzjoni tiegħu fuq il-familja, kull ma jsir bejn il-membri ta' l-istess familja ma jsirx għall-interess, imma mill-qalb: jilqgħu 'l xulxin bil-qalb, jifirħu meta jiltaqgħu flimkien, iħobbu 'l xulxin bla ebda ħsieb ta' qliegħ jew interess, jaqdu ' xulxin bil-ġenerożità kollha, u huma qalb waħda bejniethom. Meta hemm din is-sura ta' għaqda fi ħdan il-familja din timxi 'l quddiem u tikber dejjem aktar; meta fis-soċjetà tal-bnedmin ikun hemm din is-sura ta' għaqda, u l-bnedmin jitgħallmu jirrispettaw 'il xulxin fid-dinjità tagħhom ta' bnedmin li huma, is-soċjetà tasal biex tikseb din il-paċi li tant tixtieq imma li sa issa għad ma rnexxiliex tikseb. Għax il-paċi hi frott tal-ġustizzja u ta' l-imħabba — meta kulħadd ikollu dak li ħaqqu u jkun rispettat fid-dinjità tiegħu ta' bniedem li hu, meta l-bnedmin jaslu biex jagħarfu li, minkejja kull ma jista' jkun hemm li jista' jifridhom minn xulxin, huma dejjem aħwa u għalhekk għandhom jirrispettaw u jħobbu 'l xulxin bħal aħwa, allura l-paċi vera għad tfeġġ tad-dinja.

Il-Mulej Ġesù ta ħajtu għad-dinja biex iħabbeb mill-ġdid il-bnedmin bejniethom u ma' Alla, u bil-mewt tiegħu fuq is-salib ġarraf il-ħajt ta' mibgħeda li kien jifred il-bnedmin minn xulxin. Xandar l-imħabba u stieden lil kull bniedem biex ikun qaddej ta' l-oħrajn, ikun bħal tifel ċkejken bla għelt u bla qerq f'egħmilu kollu. Biss jekk ikunu mdawwlin mit-tagħlim ta' l-Evanġelju, biss jekk ma jkunx hemm aktar qerq u għelt f'egħmilhom u fil-fehmiet tagħhom, biss jekk iħabirku id f'id għall-ġid ta' kulħadd u mhux għall-interessi ta' kull wieħed, kulħadd jasal biex ikollu dak li ħaqqu u jkun hemm paċi vera fid-dinja.

Miġburin flimkien illum nitolbu l-Mulej Alla li jista' kollox li jseddaq ħajjitna fis-sliem, jeħlisna minn kull tiġrib, u jwassalna għall-hena u s-sliem ta' dejjem.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek fit-tħabrik tagħha għall-paċi skond il-ġustizzja fid-dinja ta' llum.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Dawwal il-fehma ta' kull min għandu xi setgħa fid-dinja biex iħabrek għas-sliem ħalli jikseb il-frott tal-ġustizzja.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Agħtina li nkunu bħat-tfal ċkejknin, bla għelt u bla qerq fl-imġieba kollha tagħna ma l-oħrajn.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Wassalna biex nagħarfu li bħala nsara aħna għandna nkunu qaddejja ta' kulħadd, inkunu kollox għal kulħadd, biex nirbħu lil xi wħud għal Kristu.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Alla tagħna, int bis-setgħa tiegħek taħkem fuq il-ġrajjiet kollha tad-dinja: agħtina l-heda u l-paċi fi żminijietna biex, bil-ferħ ta' qalbna, qatt ma nieqfu nroddulek ħajr għall-ħniena tiegħek. Bi Kristu Sidna.

IX-XOGĦOL TAL-BNIEDEM U L-BNIEDEM FUQ IX-XOGĦOL

San Ġakbu, fit-tieni qari ta' Ilum, għandu kliem iebes ħafna għall-għonja ta' żmienu, u jħabbrilhom li ġidhom tħassar għal kollox u ħwejjiġhom tmermru, għaliex bil-qerq żammew il-ħlas li kien jistħoqq lil dawk li ħadmulhom fl-egħlieqi tagħhom. Kliem San Ġakbu jolqotna u jġiegħelna nistaqsu: "X'għandu jfisser għalina l-ġid u l-għana tad-dinja? Għalfejn iservi?

Għal dawn il-mistoqsijiet il-Knisja wieġbet kemm-il darba, speċjalment tul dawn l-aħħar disgħin sena, u mill-wirt ta' l-Evanġelju, għarfet toħroġ "sew il-ġdid u sew il-qadim" biex turi lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba x'inhu x-xogħol għall-bniedem u għalfejn għandu jservi l-ġid u l-għana li jinkiseb mix-xogħol tal-bniedem.

Il-bniedem maħluq biex jaħkem fuq l-art

Meta Alla ħalaq il-bniedem, "ħalqu xbieha tiegħu ... raġel u mara", u qalilhom: "Nisslu u tkattru u mlew l-art u aħkmu fuqha". Dan il-kliem juri x'inhi r-rieda ta' Alla għall-bniedem u x'inhi s-sejħa tal-bniedem: il-bniedem hu msejjaħ biex jaħkem fuq l-art bix-xogħol tiegħu. U minkejja li x-xogħol, wara d-dnub, sar iebes u tqil, baqa' dejjem ħaġa tajba għall-bniedem: ix-xogħol hu dejjem ta' ġid għall-bniedem, għaliex bih il-bniedem mhux biss ibiddel in-natura u jadattaha għall-ħtiġijietu, imma wkoll, bix-xogħol, itejjeb dejjem aktar lilu nnifsu bħala bniedem, u, b'xi mod, "isir aktar bniedem". Ix-xogħol hu l-pedment li fuqu timbena l-ħajja tal-familja, għaliex il-bniedem imantni l-familja tiegħu b'xogħlu, u b'xogħlu wkoll jilħaq l-għanijiet kollha tal-familja, fosthom l-edukazzjoni li biha l-bniedem "isir aktar bniedem". Mhux biss, bix-xogħol tiegħu l-bniedem hu ta' ġid għas-soċjetà kollha tal-bnedmin, għan-nies kollha tad-dinja.

Sieħeb ma' Alla

Bix-xogħol tiegħu l-bniedem jissieħeb fil-ħidma ta' Alla, li ħalaq kollox, għaliex il-bniedem, bil-kapaċitajiet tiegħu ta' bniedem li hu, b'xi mod ikompli jġib 'il quddiem il-ħidma tal-ħolqien u jtejjibha aktar, aktar ma jsib il-ġid u l-għana li jinsab moħbi fil-ħolqien kollu.

Bix-xogħol tiegħu l-bniedem mhux biss ibiddel dak li jkollu f'idejh u d-dinja ta' madwaru, imma wkoll iġib lilu nnifsu 'l quddiem u jikber fil-ġieħ u jgħolli d-dinjità tiegħu ta' bniedem li hu. Id-dinjità li jikseb il-bniedem bix-xogħol tiegħu hija wisq aktar mill-ġid kollu li jista' jaħżen — il-bniedem jiswa wisq aktar b'dak li hu milli b'dak li għandu.

Ir-rispett għall-bniedem

Minn dan jiġi li kull bniedem, hu min hu, jagħmel liema xogħol jagħmel, jistħoqqlu dejjem ir-rispett ta' ħutu l-bnedmin l-oħra. Dan ifisser li kull bnerem ma għandu qatt jitqies bħala xi biċċa għodda li tarmiha mlli ma iswielekx aktar, jew bħala xi rota f'magna, imma l-bniedem għandu jitqies dejjem bħala bniedem, bid-drittijiet kollha tiegħu bħala bniedem mħluq sura xbieha ta' Alla, imsejjaħ minn Alla biex jaħkem fuq l-art, għaliex il-bniedem mhux

għax-xogħol, imma x-xogħol hu għall-bniedem.

Fid-dinja ta' llum kemm-il darba qed jiġri li l-bniedem qiegħed isib ruħu f'qagħda li jitqies biss bħala xi biċċa għodda li tinqeda biha kemm tista', qed jiġi sfruttat, qed jiġi mċaħħad mill-mistrieħ xieraq, mit-tgawdija tal-ħajja tal-familja, mogħmi mill-wegħda ta' qliegħ aktar ta' flus.

L-imġieba tagħna bħala nsara

Quddiem din il-qagħda li fiha jinsab il-bniedem illum, x'għandna nagħmlu aħna bħala nsara? It-tweġiba għal din il-mistoqsija nsibuha wkoll fil-qari ta' llum.

"Jalla l-poplu tal-Mulej ikun kollu profeti" qal Mose' lil Għożwe meta dan mar iħabbarlu li żewġ bnedmin li ma kienux ġew magħżula biex jissieħbu ma' Mose' fit-tmexxija tal-poplu, huwa wkoll bdew iħabbru għax huma wkoll irċevew l-ispirtu tal-Mulej. Profeti tal-Mulej huma dawk kollha li bil-kliem u bl-egħmil iwasslu l-verità ta' Alla lill-bnedmin l-oħra; aħna lkoll, bħala nsara, għandna nkunu profeti tal-Mulej, biex inwasslu lill-bnedmin kollha tad-dinja l-verità ta' Alla. Bħala nsara aħna fid-dmir, bil-kliem u bl-egħmil, inwasslu t-tagħlim ta' l-Evanġelju dwar ix-xogħol tal-bniedem, u nuru xi jfisser ix-xogħol tal-bniedem fid-dawl tas-Salib u tal-Qawmein ta' Kristu mill-imwiet, ta' Kristu li bħala bniedem ried ikun bin il-mastrudaxxa ta' Nazaret.

Dan nistgħu nagħmluh fid-dawl tat-tagħlim ta' l-Evanġelju ta' llum. L-Evanġelju llum isemmilna tliet ħwejjeġ: il-ħtieġa li nevitaw l-iskandli, il-għajnuna lil min jeħtieġha, il-ħidma għall-ġid li jagħmlu -oħrajn.

Jekk bl-imġieba tagħna fid-dinja tax-xogħol aħna ta' skandlu għall-oħrajn għaliex b'xi mod jew ieħor ma nħarsux id-dinjità ta' ħutna l-bnedmin l-oħra, jew għax ngħiru għalihom u nagħwu kontra tagħhom; jew għax nittrattawhom ħażin u nagħmlulhom ħsara; jew għax infittxu dak li jaqbel lilna mingħajr ma jimpurtana mid-drittijiet ta' ħadd ieħor, jew għax nonqsu minn dmirijietna — għandna nfittxu nikkoreġu ruħna u nsewwu l-ħsara li stajna għamilna.

Jekk aħna m'aħniex lesti biex ngħinu fuq ix-xogħol lil min qed jaħdem magħna, jekk f'lok ngħinu ninqdew b'oħrajn ħa nfittxu dak li jaqbel lilna; jekk tant aħna mehdijin bina nfusna li ma naslux anqas biss biex nagħmlu l-iċken egħmil ta' tjieba — bħal kieku tagħti razza ilma friska lil min hu bil-għatx — lil min jeħtieġ l-għajnuna, jeħtieġ ngħarblu sewwa l-kuxjenza tagħna, biex naraw aħniex insara tassew, jew insara bil-kliem biss.

U jekk aħna ngħiru għal min qiegħed jagħmel il-ġid ma' ħutna fuq ix-xogħol għax mhux wieħed minna, u għalhekk nippruvaw infixkluh, niftakru fi kliem Ġesù li llum qalilna: "Min mhux kontra tagħna, huwa magħna." Fl-aħħar mill-aħħar dak li hu importanti hu li jsir il-ġid u mhux min jagħmlu, u jekk xi ħadd qed jagħmel ġid aktar u aħjar minna flok ngħiru għalih u nfixkluh, imma nfittxu li naħdmu flimkien miegħu għall-ġid ta' kulħadd.

L-inkwiet u t-tilwim u l-ġlied u n-nuqqas ta' ġustizzja fid-dinja tax-xogħol, kif ukoll fl-oqsma kollha l-oħra tal-ħajja tal-bniedem, jiġi mill-egoismu tagħna. Meta naslu biex nirbħu dan l-egoismu tagħna u fid-dawl ta' l-Evan-

ġelju nagħarfu li aħna lkoll ulied l-istess Missier u lkoll aħwa fi Kristu, ibegħdu minn fostna l-inkwiet kollu li nistgħu niltaqgħu miegħu fid-dinja taxxogħol, u ngħixu lkoll flimkien f'għaqda waħda bejnietna, bir-rabta tas-sliem.

TALBA TAL-FIDILI

Miġburin f'dar Missierna tas-sema, aħna u niftakru fid-dinjità tax-xogħol tal-bniedem, nitolbu 'l Alla jwettaqna bil-grazzja tiegħu biex bl-imġieba kollha tagħna nagħtu xhieda quddiem iddinja, bħala profeti tal-Mulej, tad-dinjità li biha Alla għoġbu jżejjen lill-bniedem.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek hija u tgħallem lin-nies ta llum li x-xogħol u għall-bniedem u mhux il-bniedem għax-xogħol.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Dawwal il-fehma ta' kull min iħaddem fid-dinja biex jagħraf iddinjità tal-ħaddiema ħutu u ma jċaħħadhom xejn minn dak li jixirqilhom bħala bnedmin.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Biegħed mid-dinja kull sura ta' ġlied bejn klassi u oħra u kull pika u għira, biex il-bnedmin igħixu flimkien fis-sliem.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Agħtina li naħdmu id f'id ma' kull min qiegħed iħabrek għallġid tal-bniedem fid-dinja biex f'kull imkien il-bniedem ikollu mħarsa d-dinjità tiegħu ta' bniedem li hu.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Alla li tista' kollox, ara f'liema qagħda jinsabu l-bnedmin illum fid-dinja tax-xogħol, u agħmel li kulħadd jagħti widen għat-tagħlim tal-Knisja tiegħek li ma għandha ebda ħsieb ieħor ħlief li ġġib 'il quddiem id-dinjità tal-bniedem. Bi Kristu Sidna.

IL-FAMILJA NISRANIJA

Tiġdid sħiħ fil-knisja Maltija

Il-Knisja f'pajjiżna qiegħda tagħti bidu għal żmien ta' tiġdid sħiħ fil-ħajja tagħha bħala thejjija għaċ-ċelebrazzjoni ta' żewġ Kungressi f'ġieħ il-Verġni Marija f'Settembru tas-sena d-dieħla, kungressi li fihom se jieħdu sehem nies mid-dinja kollha.

Il-Knisja f'pajjiżna, tul dawn ix-xhur li ġejjin, trid tagħmel eżami tal-kuxjenza biex tara x'hemm dgħajjef fiha biex issaħħu, x'hemm ħażin biex twarrbu minnha, x'hemm tajjeb biex tagħmlu aħjar. U l-Knisja f'pajjiżna hija aħna, kull min hu mgħammed, u għalhekk kull wieħed u waħda minna, ilkoll kemm aħna rridu nħabirku biex niġġeddu fina nfusna ħa ngħixu ta' nsara mhux bil-kliem biss, għaliex meta nkunu niġġeddu fina nfusna, inkunu qegħdin ukoll ngħinu għat-tiġdid tal-Knisja kollha f'Malta u Għawdex.

Iż-żwieġ ma jinħallx

Minn fejn se jibda t-tiġdid tagħna?

Tgħidulna l-Knisja llum hija u tkellimna fuq iż-żwieġ u l-familja. Fil-qari tal-Quddiesa l-Knisja tfakkarna li "fil-bidu" fil-ħolqien tad-dinja Alla ried li raġel wieħed u mara waħda jingħaqdu flimkien fiż-żwieġ b'rabta ta' mħabba hekk qawwija u hekk sħiħa li ma tinħall qatt hekk li jkunu qishom ġisem wieħed: "Ir-raġel iħalli 'l missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed".

Minħabba l-ebbusija ta' rashom, igħidilna Ġesù, Mose' ippermetta d-divorzju lil Lhud; iżda sa mill-bidu tal-ħolqien ma kienx hekk, imma ż-żwieġ kien bejn tnejn li jsiru ġisem wieħed, għax dak li jgħaqqad Alla, ma għandux jifirdu l-bniedem. Ġesù ried iwassal iż-żwieġ għall-verità li kellu sa mill-bidu, sa mill-ħolqien tad-dinja, u dan wettqu bis-sagrifiċċju tiegħu fuq is-salib, u ż-żwieġ nisrani sar simbolu veru tal-patt il-ġdid u għal dejjem imwettaq mid-Demm għażiż ta' Kristu. Il-miżżewġin insara għandhom iħobbu 'l xulxin bħalma Kristu ħabbna, sal-mewt; l-imħabba tagħhom għal xulxin għandha tkun tixbah l-imħabba ta' Kristu għall-Knisja, l-Għarusa tiegħu.

Frott l-imħabba tal-miżżewġin

Frott l-imħabba tal-miżżewġin huma l-ulied, u fit-tnissil u l-edukazzjoni ta' l-ulied, il-miżżewġin insara jsibu l-milja tagħhom. Dan għaliex l-imħabba hija don: min iħobb jagħti lilu nnifsu lil dak li jħobb. L-imħabba tal-miżżewġin għal xulxin twassalhom biex jagħtu lilhom infushom lil xullxin kollhom kemm huma, fir-ruħ u l-ġisem u aktar ma jagħtu 'l xulxin lilhom infushom kollhom kemm huma, fir-ruħ u fil-ġisem, aktar tikber u tissaħħaħ l-imħabba ta' bejniethom. Iżda l-imħabba tal-miżżewġin għal xulxin ma tieqafx fl-għoti tagħhom infushom lil xulxin, imma twassalhom ukoll biex jagħtu l-aqwa ħaġa li jistgħu jagħtu: **imseħbin ma' Alla, jagħti d-don tal-ħajja lil bniedem ġdid.** Il-miżżewġin, huma u jagħtu lilhom infushom lil xulxin kollhom kemm huma bir-ruħ u bil-ġisem, mhux biss jagħtu lilhom infushom lil xulxin, imma jagħtu

xi ħaġa aktar minnhom infushom: inisslu u jwelldu iben li jkun xbieha ħajja ta' mħabbithom, sinjal li jibqa' tar-rabta ta' bejniethom fl-imħabba — l-ulied huma x-xhieda ħajja tal-miżżewġin bħala missier u omm. Bħala missier u omm, il-miżżewġin jirċievu mingħand Alla responsabbiltà ġdida: kif issieħbu ma' Alla biex tiġi ħajja ġdida fid-dinja, hekk issa jkunu għal uliedhom xbieha ħajja ta' l-imħabba ta' Alla l-Missier li "minnu tieħu isimha kull familja fis-sema u fl-art".

Fil-familja timbena l-Knisja

Miż-żwieġ nisrani toħroġ il-familja nisranija, u timbena l-Knisja. Kif kull bniedem fi ħdan il-familja li fiha jitwieled mhux biss jikseb il-ħajja, imma wkoll, permezz ta' l-edukazzjoni li tingħatalu, bil-mod il-mod, jidħol fil-familja l-kbira tal-bnedmin, hekk kull bniedem, bit-twelid ġdid fil-Magħmudija u fl-edukazzjoni fil-fidi li tingħatalu fi ħdan il-familja nisranija, jidħol ukoll fil-familja l-kbira ta' Alla, li hi l-Knisja. U kif is-soċjetà tal-bnedmin isseħħ bl-għaqda ta' għadd ta' familji li jgħixu flimkien fl-istess post u jinsġu għadd ta' relazzjonijiet bejniethom, hekk ukoll fil-Knisja. Kull familja nisranija hija knisja żgħira, il-knisja tad-dar.

Il-familja nisranija hija familja li fiha l-ġenituri u l-ulied u l-qraba huma kollha nies li jemmnu u bl-imġieba kollha ta' ħajjithom jagħtu xhieda ta' l-Evanġelju; huma nies lesti biex igħinu lil kull min hu fil-bżonn, imqanqlin mill-imħabba ta' Kristu; huma nies li jitolbu u jitolbu mhux biss waħedhom imma flimkien ukoll; huma nies li jifhmu l-ħtieġa tal-maħfra u tal-mogħdrija lil xulxin.

It-tiġdid tal-familja Maltija

Meta nġibu dan kollu quddiem għajnejna, għandna nintebħu li jekk tassew irridu nġeddu lilna nfusna biex ngħinu għat-tiġdid sħiħ tal-Knisja f'pajjiżna, l-ewwel pass li rridu nagħmlu huwa t-tiġdid tagħna fil-familji tagħna, ħalli kull familja Maltija tkun tassew familja nisranija.

It-tiġdid tal-familji tagħna jridu jibdewh il-ġenituri stess. Kif se jagħmluh dan? Igħidulna l-Papa fl-esortazzjoni tiegħu fuq il-familja bi kliem Papa ieħor, il-Papa Pawlu VI: "Ommijiet, tgħallmuhom intom lil uliedkom it-talb nisrani? Thejjuhom flimkien mas-saċerdoti għall-ewwel tqarbina, għall-qrar, għall-Griżma? meta jimirdu, iddarruhom jaħsbu fi Kristu li bata fuq is-salib, u jitolbu l-Madonna u l-qaddisin? Tgħiduh ir-Rużarju flimkien id-dar? U intom, mismirijiet, tafu titolbu ma' wliedkom? mal-familja kollha tagħkom? L-eżempju tajjeb tagħkom, fil-ħsieb u fl-egħmil, imwieżen bit-talb flimkien, huwa lezzjoni liema bħalha ta' ħajja u att ta' siwi kbir. Jekk tagħmlu dan tkunu ġġibu s-sliem fuq darkom — Is-sliem lil din id-dar".

Jekk it-tweġiba tagħna għal dawn il-mistoqsijiet hija "Iva", allura tassew hemm is-sliem f'darna; imma jekk it-tweġiba hija "le" għandna nħabirku biex inġeddu l-ħajja f'darna ħalli l-familja tagħna tkun tassew familja nisranija. U ma naqtgħux qalbna, għaliex fl-aħħar mill-aħħar il-familja tagħna nagħmluha familja nisranija jew insaħħuha bħala familja nisranija mhux bil-ħila tagħna, imma bil-qawwa ta' Dak li jqaddisna, bil-qawwa ta' Kristu, li qatt ma hu sejjer jonqosna, għaliex aħna ħutu, għaliex biex sar awtur tas-

salvazzjoni tagħna kellu jbati l-kefrija tal-mewt tas-Salib. Bi Kristu, fi Kristu u ma' Kristu nagħtu bidu għat-tiġdid sħiħ ta' kull familja tagħna, ħalli kull familja Maltija tkun tassew ukoll familja nisranija.

TALBA TAL-FIDILI

Nitolbu llum lill-Mulej Ġesù jbierek il-familji tagħna u jġeddidhom ħalli bħala familji nsara jkunu tassew imseħbin fil-ħajja u l-missjoni tal-Knisja.

Mulej Ġesù, agħmel li l-ġenituri Maltin kollha jaraw fiż-żwieġ tagħhom l-għaqda sħiħa tiegħek fl-imħabba mal-Knisja l-Għarusa tiegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù, dawwal il-fehma ta' min għandu xi setgħa f'pajjiżna, biex ma jagħmel xejn li jista' jdgħajjef jew jhedded is-sħuħija tal-familja Maltija.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù, agħmel li l-familja kollha tagħna jkunu knisja żgħira fejn ma jieqaf qatt id-djalogu ma' Alla fit-talb u r-radd il-ħajr.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù, xerred il-barka tiegħek fuq il-familji tagħna kollha ħalli dejjem jiġġeddu fik u jkunu xhieda tiegħek quddiem iddinja.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, bierek il-familji tagħna ħa jkunu jixbħu lill-familja tiegħek ta' Nazaret fil-virtujiet tad-dar u r-rabta ta' l-imħabba, ħalli, meta jasal il-waqt, niġu nithennew għal dejjem fil-ferħ ta' darek fis-sema. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

IL-QAWWA TAL-KELMA TA' ALLA

Igħarbilna bil-kelma tiegħu

"Xejn ma hemm fil-ħolqien li hu moħbi għal Alla, imma kollox hu miftuħ u mikxuf għal għajnejh". Dan qalilna l-kittieb ta' l-ittra lil Lhud fit-tieni qari ta' llum, u l-Knisja qiegħda tistedinna biex naħsbu sewwa fuqu għall-ġid ta' ruħna, f'dan iż-żmien ta' tiġdid spiritwali. Xejn ma hu moħbi għal Alla, li bil-ħarsa tiegħu jgħarbel fil-ġewwieni tal-bniedem u jasal sal-fond ta' qalbu, u jagħraf il-ħsibijiet l-aktar moħbija tiegħu, li forsi l-bniedem innifsu bilkemm jintebaħ bihom.

Il-Mulej jagħarbel fil-fond ta' qalbna bil-kelma setgħana tiegħu u jagħraf x'inhuma l-ħsibijiet u l-fehmiet ta' qalbna, biex jekk huma ħsibijiet ta' ġid u ta' sliem ifaħħarna u jħeġġiġna u jqawwilna qalbna biex nagħmluhom, u jekk huma ħsibijiet ta' deni u ta' ħsara jċanfarna għalihom, u jwiddibna, u jħeġġiġna biex inbegħduhom minna li ma nitilfux, minħabba fihom, id-dinjità ta' wlied Alla li ksibna fil-Magħmudija tagħna, u li nistgħu nitilfu jekk nerġgħu lura għad-dnub u għall-qerq tal-ħażen.

Il-Mulej igħarbel fi qlubna, u fil-qalb ta' kull wieħed minna jara x-xewqa li kull bniedem għandu għall-ħena ta' dejjem u għal sliem bla qies, 'il bogħod min-niket u t-tiġrib ta' din il-ħajja. U fis-skiet ta' qalbna, il-Mulej jistaqsina nħarsuhomx il-kmandamenti tiegħu: inqaddsux jum il-Ħadd, aħniex inħarsu s-safa u l-qdusija taż-żwieġ, nippruvawx inqarrqu b'ħadd ieħor.

X'se nwieġbu lil Mulej?

X'se nwieġbuh lill-Mulej meta jagħmlilna dawn il-mistoqsijiet? Se ngħidulu bħaż-żgħażugħ ta' l-Evanġelju ta' llum li l-kmandamenti kollha ħarisnihom dejjem sa minn tfulitna, jew sejrin ninfixlu u nitħawdu għax nafu li kemm-il darba nqasna 'l Alla u issa qegħdin nistħu ngħiduh dan u nafu li ma nistgħux inġibu skużi għax xejn m'hu moħbi għal għajnejn Alla?

Jekk il-kuxjenza tagħna tixhdilna li sa minn tfulitna konna dejjem fidili lejn Alla, noqogħdu attenti ħa naraw x'irid iżjed Alla minna. X'sejjer jitlobna aktar biex nuru l-fedeltà tagħna għal-liġi mqaddsa tiegħu? Jista' jgħidilna bħal ma qal liż-żgħażugħ għani ta' l-Evanġelju ta' llum: "Ħaġa waħda tonqsok: mur biegħ li għandek . . . u ejja, imxi warajja". Il-Mulej isejjaħ għall-qadi tiegħu mhux fiż-żgħożija, imma fil-ħinijiet kollha tal-ħajja fuq l-art, u jsejjaħ mhux għal sura waħda ta' qadi għaliex hemm ħafna suriet diversi ta' ħidma li bihom nistgħu naqdu l-Mulej f'ħutna l-bnedmin. Jalla nkunu dejjem lesti li nwieġbu bil-qalb għall-istedina tal-Mulej u ma nħallux l-interessi tagħna, ir-rabta żejda mal-ġid ta' l-art, in-nuqqas ta' l-ispirtu ta' sagrifiċċju, jfixkluna li nagħmlu dak li Alla jrid minna għall-ġid tal-bnedmin ħutna.

Meta aħna nħallu d-dinja b'dak kollu li tagħti tbegħdna mit-triq tal-kmandamenti ta' Alla, inkūnu bħal dawk il-għonja li fuqhom jitkellem il-Mulej

Ġesù fl-Evanġelju ta' Ilum, li hi ħaġa iebsa għalihom jidħlu fis-sema għaliex qalbhom hi marbuta mal-ġid ta' l-art: għamlu l-ġenna tagħhom l-għana u l-flus li jintilfu u jispiċċaw u li ma nistgħux nieħdu magħna meta nħallu din l-art.

Aħna rridu nkunu bħal San Pietru u l-Appostli l-oħra, li ħallew kollox biex marru wara Ġesù, jiġifieri ngħixu mingħajr ma norbtu qalbna ma' l-għana u l-flus imma nużaw l-għana u l-flus għall-ġid ta' kulħadd. Jekk nagħmlu dan, il-Mulej stess jiżgurana li f'din id-dinja wkoll ikollna ġid u għana aktar milli neħtieġu, għaliex Alla fil-provvidenza tiegħu mhux se jħalli waħedhom lil dawk li jafdaw fih; ikollna ġid u għana f'din id-dinja jekk nafdaw fil-Mulej, imma ma jonqsuniex l-anqas il-persekuzzjonijiet u t-tiġrib. Il-Ħażin ma jħalliniex kwieti u jipprova jqarraq bina, imma jekk nagħarfu nieqfulu sħaħ fil-fidi, niksbu l-ħajja ta' dejjem.

Nieqfu lix-xitan

Inkunu nistgħu nieqfulu lix-xitan, sħaħ fil-fidi, jekk fuq kollox infittxu l-għerf tal-ħwejjeġ ta' Alla, dak l-għerf li aħna niksbu jekk nagħtu widen għall-Kelma ta' Alla li titħabbrilna kull nhar ta' Ħadd waqt iċ-ċeebrazzjoni tal-misteri qaddisa. Din il-Kelma li Alla jħawwel fi qlubna u li aħna fid-dmir nieħdu ħsiebha u għożżuha ħalli fina tagħmel kotra kbira ta' frott. L-għerf tal-ħwejjeġ tas-sema mhux ħaġ'oħra ħlief l-imħabba ta' Alla li ssawwbet fi qlubna permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li ġie mogħti lilna, fil-Magħmudija u fil-Griżma, imħabba li tikber u tissaħħaħ dejjem aktar bis-smigħ tal-Kelma ta' Alla u bit-tishib fis-sagramenti mqaddsa, u l-aktar bil-Qrar u t-Tqarbin. L-imħabba ta' Alla hi ħaġa tassew għażiża, u ħdejha d-deheb mhux ħlief ftit ramel u l-fidda daqsxejn ta' tajn; biex ma nitilfux l-imħabba ta' Alla għandna nkunu lesti nissagrifikaw il-ġid kollu ta' l-art: id-deheb u l-fidda inqisuhom knis, issaħħa u s-sbuħija ħaġa li nistgħu ngħaddu mingħajrha biex ma nitilfux l-imħabba ta' Alla. Jekk naslu biex nifhmu dan — u l-għan ewlieni tat-tiġdid spiritwali li għalih qiegħda tistedinna l-Knisja f'dawn ix-xhur li ġejjin — jekk naslu biex nifhmu li l-imħabba ta' Alla tiġi qabel kollox u fuq kollox, imbagħad inkunu nistgħu ngħidu ma' San Pawl li xejn, ebda ħaġa, ebda ħliqa, ebda tiġrib, ma jista' qatt jifridna mill-imħabba ta' Alla fi Kristu Ġesù.

Nitolbu llum lil Alla l-Missier li jista' kollox, li minnu tiġi kull għotja tajba u kull don perfett, biex jagħtina d-don ta' l-għerf ħalli nagħarfu niksbu mhux il-ġid li jgħaddi u jintemm, imma l-ġid li jibqa' għal dejjem.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek, ħa turi lid-dinja l-kobor tiegħek u l-qawwa setgħana tal-Kelma tiegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Għallem lill-bnedmin kollha kif igħixu jiem ħajjithom fuq l-art biex jimxu b'mod għaqli u jgħixu fis-sliem u l-paċi bejniethom.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Ferraħ qlub dawk li jinsabu magħkusin mill-hemm u t-tiġrib taddinja u mlihom bit-tjieba tiegħek ħa jifirħu u jithennu tul ħajjithom kollha.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Ħa tkun fuqna l-grazzja tiegħek biex twettqilna x-xogħol ta' idejna u tqaddishulna.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Alla li tista' kollox, ilqa' t-talb li qegħdin nagħmlulek illum u sawwab fi qlubna l-Ispirtu qaddis tiegħek, l-Ispirtu ta' l-għerf u tad-dehen, l-Ispirtu ta' l-għaqal u tal-qawwa, l-Ispirtu xjenza u tal-pjetà, l-Ispirtu tal-biża tiegħek. Bi Kristu Sidna.

IL-ĠURNATA MISSJUNARJA

Fl-Ordo ta' Ruma għas-sena 1982 u fl-OSSERVATORE ROMANO li ippubblika l-Messaġġ tal-Papa għall-Ġurnata Missjunarja, jingħad li din se taħbat fis-17 ta' Ottubru. Iżda ittra mill-Opra Pontifiċja għall-Propagazzjoni tal-Fidi lill-Uffiċċju Missjunarju tgħarrafna li l-Ġurnata Missjunarja taħbat dejjem il-Ħadd ta' qabel l-aħħar Ħadd tax-xahar ta' Ottubru, jiġifieri din issena taħbat fl-24 ta' Ottubru. Għalhekk l-indikazzjoni li hemm fl-Ordo taddjoċesi dwar il-Ġurnata Missjunarja fis-17 ta' Ottubru trid tiġi trasferita għall-24 ta' Ottubru.

L-ittra hija din:

PONTIFICIUM OPUS A PROPAGATIONE FIDEI

Consilium Superius

Prot. N. 1598/82

Rome 30 June, 1982
Palazzo di Propaganda Fide

Dear Father,

In haste, and very briefly, I answer your appeal of 21 June, 1982. The date for Mission Sunday is always the second to last Sunday of October, therefore, this year it will be on the 24th of October.

With all good wishes and the assurance of prayers, I am,

Sincerely yours in Christ,
Msgr. Fernand Frank
Secretary General.

Rev. Msgr. Matthew Chircop
National Director PMAS
Malta.

QADDEJJA TAL-POPLU TA' ALLA

Biex nirbħu lil xi whud għal Kristu

"Nersqu b'qalbna qawwija lejn it-tron tal-grazzja biex naqilgħu ħniena u nsibu grazzja għal għajnuna meħtieġa f'waqtha". B'dan il-kliem ta' l-ittra lil Lhud il-Knisja tistedinna llum biex nitolbu lill-Mulej Ġesù, fil-kobor bla qies tal-ħniena tiegħu, ħa jwassal il-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni lill-bnedmin kollha biex it-truf kollha ta' l-art jaraw is-salvazzjoni ta' Alla tagħna, li lanqas lil Ibnu stess ma ħelisha, imma tah għas-salvazzjoni tad-dinja, li riedha sseħħ bis-sagrifiċċju tas-Salib.

Il-missjoni ta' Ġesù fid-dinja, kienet missjoni ta' servizz: ġie biex jaqdi r-rieda tal-Missier u jagħti ħajtu għall-fidwa tal-kotra l-kbira tal-bnedmin, għal dawk kollha jiġifieri li jkunu lesti jilqgħu l-istedina tiegħu ħa jindmu u jemmnu fil-Bxara t-tajba. Ġesù ried li kieku l-bnedmin kollha jiksbu s-salvazzjoni u hu miet għal kulħadd, imma xi whud mill-bnedmin iwebbsu qalbhom fiddnub u jirrifjutaw is-salvazzjoni li kisbilhom Kristu.

Ġesù ma riedx li l-missjoni tiegħu fid-dinja tintemm meta reġa' lura għand il-Missier: riedha tkompli sa l-aħħar taż-żminijiet u għalhekk għażel it-Tnax biex huma u s-suċċessuri tagħhom tul iż-żminijiet kollha jkomplu l-missjoni tiegħu ta' servizz fid-dinja u bħalha joffru lilhom infushom għas-salvazzjoni tad-dinja, ikunu, bħal San Pawl, kollox għal kulħadd, ħalli jirbħu lil xi whud għal Kristu.

Qaddej tal-poplu ta' Alla

Dawk li l-Mulej jagħżel biex ikomplu l-missjoni tiegħu fid-dinja għandhom ikunu l-qaddejja ta' kulħadd. Dan igħidulna ċar il-Mulej fl-Evanġelju ta' llum. Lill-Appostli li ħaduha bi kbira li wlied Zebedew talbuh ikunu fuq ix-xellug u l-lemin tiegħu fis-saltna tas-sema, Ġesù qalilhom li fosthom ma kellux ikun hemm min jaħkem fuq l-oħrajn, bħalma jiġri fid-dinja — l-aqwa wieħed fosthom, qalilhom Ġesù, għandu jkun il-qaddej ta' kulħadd. U dan il-kliem ta' Ġesù jgħodd għaż-żminijiet kollha. L-isqof, is-saċerdot, jiġifieri dawk li Alla jagħżel minn fost il-poplu tiegħu, biex jikkonsagrahom ħa jkomplu l-missjoni tiegħu fid-dinja, huma l-qaddejja tal-poplu kollu ta' Alla.

B'liema mod is-saċerdot hu qaddej tal-poplu ta' Alla? Bħala qaddej, is-saċerdot għandu jgħallem lil kulħadd kif iħarsu l-kmandamenti ta' Alla u jħeġġeġ lil kull wieħed biex jagħmel egħmejjel ta' tjieba u ta' mħabba; u għax hu bniedem bħall-bnedmin l-oħra kollha u għalhekk hu wkoll igħaddi minn ħafna tiġrib, għandu jagħder in-nuqqas ta' ħila tal-kotra tal-bnedmin, dgħajfa bħalu; is-saċerdot għandu jħabbar il-Kelma ta' Alla, f'ħin waqtu u barra minn waqtu, u jwissi u jwiddeb bis-sabar kollu u bit-tagħlim u jwettaq kliemu bl-imġieba kollha ta' ħajtu; is-saċerdot bit-talb tiegħu u biċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, isir kollox għal kulħadd biex jirbaħ lil ħafna għal Kristu u jmexxihom fit-triq tas-salvazzjoni ta 'dejjem; is-saċerdot bħala dak li f'isem il-poplu kollu joffru t-talb u s-sagrifiċċji lil Alla għall-maħfra tad-dnubiet, u

jwassal lill-poplu ta' Alla kull xorta ta' barka u ta' grazzja, jasal biex igħaqqad flimkien il-poplu kollu f'xirka waħda ta' mħabba b'mod li fejn ikun hemm il-ġlied iġib il-paċi, fejn hemm tilwim iwassal għall-ftehim, u jħabbeb flimkien dawk li huma eġħdewwa ta' xulxin.

Aħna u s-saċerdot

Il-kotra l-kbira tagħna għandhom jifhmu u japprezzaw il-missjoni tas-saċerdot, u għaliex jafu li hu bniedem bħall-oħrajn, jagħdruh meta jonqos u jkomplu jħobbuh u jisgħob bihom ħafna meta xi ħadd ixandar in-nuqqas ta' xi saċerdot jew jitfa' xi dell fuqu.

Għalhekk bniedem bħal ħadd ieħor, dgħajjef u midneb bħal kull bniedem ieħor, is-saċerdot għandu missjoni xi jwettaq, u huwa u jaqdi din il-missjoni, il-kelma tiegħu m'hijiex kelma ta' bniedem, imma kelma ta' Alla u għalhekk jistħoqqilha li tiġi milqugħa bir-rispett kollu li jistħoqqilha bħala l-Kelma ta' Alla kif tassew hi, u mhux tiġi mgħawwġa u mibdula skond ma wieħed ikun jaqbillu.

It-thejjija għall-Kungressi ta' Settembru 1983

F'dan iż-żmien li qegħdin fih, se taslilna ta' spiss il-kelma tas-saċerdot biex twissina u twiddibna u tqanqalna għall-konversjoni sħiħa fil-ħajja kollha tagħna f'din id-dinja. Qegħdin inhejju ruħna biex is-sena d-dieħla, fix-xahar ta' Settembru, nagħtu ġieħ lill-Verġni Marija flimkien ma' kotra ta' nies li se jiġu minn barra biex jissieħbu magħna f'dan. Biex il-ġieħ li se nagħtu lill-Verġni Marija, ikun tassew jixraq, jeħtieġ li jkun ġieħ ħiereġ mill-qalb, ħiereġ minn qalb sinċiera li tinsab f'paċi ma' Alla.

Aħna fil-Magħmudija tagħna ċħadna d-dnub u l-qerq tal-ħażen u l-frugħat tad-dinja, u bdejna l-mixja tagħna lejn is-sema; m'hijiex ħaġa sewwa li ma nżommux il-kelma li tajna lil Alla li niċħdu d-dnub u l-ħażen; mhux ħaġa sewwa li ma nkomplux mexjin bil-ħeġġa kollha fit-triq tas-sema; imma kemm-il darba ksirna l-kelma li tajna 'l Alla fil-Magħmudija bi dnubietna, kemm-il darba naqsitilna l-ħeġġa għas-sema u tnikkirna fit-triq, mehdijin aktar b'dak li tagħti d-dinja u li darba għad jispiċċa u jintemm. Issa huwa l-waqt li nieħdu deċiżjoni biex ma nitnikkrux aktar fit-triq, biex ma niksrux aktar il-kelma li tajna lil Alla. Nagħtu għalhekk widen għal dak kollu li s-saċerdoti tagħna se jgħidulna tul dawn ix-xhur li ġejjin, anzi ta' dak li se jgħidilna Kristu stess. Għaliex kull nhar ta' Ħadd huwa Kristu stess li jkun qiegħed ikellimna, u kull saċerdot ma jagħmilx ħaġ'oħra ħlief jurina kif il-Kelma ta' Kristu li taslilna permezz tal-qari mill-Kotba Mqaddsa, tgħodd għalina f'dan iż-żmien li fih qegħdin ngħixu. Jalla t-thejjija tagħna għaż-żewġ Kungressi f'ġieħ il-Madonna f'Settembru tas-sena d-dieħla jwassluna biex inkunu nsara aħjar, billi nħobbu 'l Alla dejjem aktar u l-proxxmu tagħna bħalna nfusna, biex fostna jsaltan is-sliem ta' Kristu u nkunu poplu wieħed magħqud fil-għaqda tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu.

TALBA TAL-FIDILI

Nitolbu llum lill-Mulej Ġesù biex jagħti lilna d-dawl tal-fidi li twassalna għall-konversjoni sħiħa ta' ħajjitna. Ngħidu għalhekk: Mulej Ġesù, dawwalna bid-dija tad-dawl tiegħek.

Mulej Ġesù, wettaq bil-grazzja tiegħek lis-saċerdoti tagħna ħa jkunu għalina l-melħ ta' l-art u d-dawl tad-dinja.
Mulej Ġesù, dawwalna bid-dija tad-dawl tiegħek.

Mulej Ġesù, sejjaħ mid-dlamijiet tad-dnub u mid-dell tal-mewt għad-dawl tiegħek ta' l-għaġeb lill-bnedmin kollha li għad ma għarfux il-verità tiegħek.
Mulej Ġesù, dawwalna bid-dija tad-dawl tiegħek.

Mulej Ġesù, agħtina li nilqgħu bħala l-kelma tiegħek, dak li s-saċerdoti tagħna jgħidulna meta jwissuna u jwiddbuna u jħeġġuna ħa ngħixu ħajja aħjar.
Mulej Ġesù, dawwalna bid-dija tad-dawl tiegħek.

Mulej Ġesù, kun magħna biex inkunu aħjar milli aħna u nħobbu 'l Alla u lill-proxxmu tagħna b'imħabba sinċiera, ħierġa mill-qalb.
Mulej Ġesù, dawwalna bid-dija tad-dawl tiegħek.

Mulej Ġesù Kristu, int id-dawl tassew li ddawwal kull bniedem; li jiġi fid-dinja: dawwal il-fehmiet tagħna biex nagħarfu x'inhu t-tajjeb li għandna nagħmlu u l-ħażin li għandna nwarrbu minna, biex b'ħeġġa kbira nimxu fit-triq li twassalna għandek, int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

ĠURNATA MISSJUNARJA
IL-MISSJONI TAGĦNA FID-DINJA

Is-sejħa tas-saċerdot

"Kull qassis il-kbir, meħud minn fost il-bnedmin, hu mqiegħed għall-bnedmin f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla biex joffri doni u sagrifiċċji għad-dnubiet". Dan il-kliem li smajna fit-tieni qari ta' llum ikompli jgħina biex nifhmu x'inhi l-missjoni tas-saċerdot li dwarha tkellimna l-Ħadd li għadda.

Hu bniedem magħżul minn Alla, magħżul minn fost il-poplu ta' Alla ħalli jkun il-qaddej ta' kulħadd. Kif il-Missier qaddes lil Kristu u bagħtu fid-dinja biex il-bnedmin ikollhom il-ħajja u ħajja bil-kotra, hekk ukoll is-saċerdot jiġi mqaddes minn Alla biex ikompli l-missjoni ta' Kristu fid-dinja għall-maħfra tad-dnubiet.

Ħadd ma għandu jieħu b'idejh dan il-ġieħ għalih innifsu, ħadd ma jista' jkun saċerdot tal-Mulej, ministru ta' Alla, jekk ma jkunx imsejjaħ minn Alla. Il-missjoni tas-saċerdot hija missjoni hekk kbira illi ebda bniedem ma għandu qatt joħlom li tistħoqqlu missjoni bħal din, u għalhekk ma għandu qatt jippretendi jidħol minn rajh għaliha. Min-naħa l-oħra Alla ried li l-missjoni ta' Kristu fid-dinja titkompla mid-dixxipli tiegħu u għalhekk ma jehda qatt isejjaħ lil min jidhirlu biex bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu jwassal id-dawl tal-fidi lil dawk kollha li huma mexjin fid-dlamijiet tad-dnub u d-dell tal-mewt u jmexxi l-bnedmin kollha fit-triq tas-salvazzjoni.

Is-saċerdot, għalkemm bniedem dgħajjef bħall-bnedmin l-oħra kollha, u għalkemm hu midneb bħal kulħadd, hu marbut f'xirka waħda ta' mħabba ma' Alla, u hu msejjaħ biex iħabrek għall-bini tal-Knisja ta' Kristu fid-dinja kollha.

Qaddej tal-poplu ta' Alla fid-dinja kollha

B'liema mod għandu s-saċerdot jibni l-Knisja ta' Kristu fid-dinja?

L-Evanġelju ta' llum igħinna b'xi mod nifhmu x'inhi l-missjoni tas-saċerdot fost il-poplu ta' Alla għall-bini tal-Knisja ta' Kristu. Ġesù wera ħniena kbira ma' wieħed għama li ġabulu quddiemu u bi premju għall-fidi tiegħu tah iddawl. U din hi proprju l-missjoni tas-saċerdot: imqanqal mill-ħniena għal dawk kollha li jinsabu mġarrbin u mnikktin għaliex ma jistgħu jsibu ebda tweġiba għall-hemm u n-niket u għad-dlamijiet li qed jaħkmu fuq id-dinja, is-saċerdot idawlilhom il-fehma tagħhom ħa jaraw il-verità sħiħa billi jxandrilhom il-Kelma ta' Alla li tqanqal fihom il-fidi, it-tama u l-imħabba u twassalhom biex jeħilsu mid-dlamijiet tad-dnub li jkunu jassruhom, u jimxu fid-dija tad-dawl ta' l-għaġeb tal-Mulej.

Din il-missjoni tiegħu s-saċerdot hu msejjaħ biex jagħmilha mhux biss fil-parroċċa jew il-pajjiż fejn twieled, imma fid-dinja kollha kull fejn hi l-aktar meħtieġa l-missjoni tas-saċerdot. Illum il-parroċċa ta' kull saċerdot hi d-dinja kollha kemm hi; illum is-saċerdoti kollha jħossu li huma għandhom l-istess missjoni li kellhom l-Appostli: "Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-tajba lill-ħolqien kollu".

Jekk inħarsu fid-dinja madwarna u naraw l-għadd tal-bnedmin li hawn

fid-dinja, malajr nintebħu li l-kotra l-kbira tal-bnedmin li jgħixu fil-pajjiżi ta' l-Afrika u ta' l-Asja għadhom fid-dlamijiet tal-paganiżmu, naraw ukoll li f'ħafna pajjiżi li sa ftit ilu kienu meqjusin bħala pajjiżi nsara — il-pajjiżi kollha ta' l-Ewropa, ta' l-Awstralja u ta' l-Amerika — il-kotra l-kbira tan-nies mexjin fid-dlamijiet ta' l-indifferenza u tad-dnub għax qed jgħixu qisu ma hemmx Alla meta ma jaslux ukoll biex jiċħdu lil Alla. U meta nqisu li din il-kotra ħekk kbira ta' bnedmin li qegħdin igħixu fid-dinja llum dejjem aktar qiegħda tikber, waqt li l-għadd ta' dawk li qegħdin iwieġbu għas-sejħa tal-Mulej biex iħabbru l-Evanġelju tiegħu lid-dinja, dejjem aktar qiegħed jonqos, nifhmu malajr xi problema kbira għandha l-Knisja quddiemha llum. U kieku ma nemmnux, quddiem qagħda bħal din żgur li naqtgħu qalbna għal kollox.

Il-vokazzjoni missjunarja

Ma naqtgħux qalbna għax nemmnu, imma, fl-istess ħin, nistaqsu wkoll: "Għaliex Alla qed iħalli dan isir?" Għaliex ma jqanqalx aktar vokazzjonijiet saċerdotali, reliġjużi u missjunarji fost il-popli nsara ħalli jkunu jistgħu jilħqu mal-ħtiġijiet kollha tax-xandir ta' l-Evanġelju fid-dinja?

Alla ma jehda qatt isejjaħ lil min jagħżel biex, bħalu, ikun qaddej ta' l-oħrajn għas-salvazzjoni tad-dinja; imma ftit huma dawk li qed jilqgħu s-sejħat tiegħu — il-ħajja li qegħdin ngħixu fid-dinja ta' llum, b'infiq addoċċ u esaġerat, bir-regħba għal kull xorta ta' kumditajiet, bl-istmerrija ta' l-ispirtu tas-sagrifiċċju, qed iwasslu lil ħafna biex lanqas jintebħu bis-sejħat tal-Mulej, għalkemm spiss is-sejħa tal-Mulej tagħraf tegħleb kull tfixkil li ssib u sseħħ kif Alla jrid. Hu dmir tagħna għalhekk nitolbu bil-ħeġġa kollha ta' qalbna lil Alla għall-vokazzjonijiet. Hu stess jistedinna nagħmlu dan: "Il-ħsad kbir", igħidilna, "imma l-ħaddiema ftit. Itolbu għalhekk lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħafna ħaddiema fil-ħsad tiegħu".

Il-ħsad kbir

Il-ħsad kbir, iva, għaliex il-kotra l-kbira tal-bnedmin li jinsabu fid-dinja, għalkemm qatt ma semgħu bi Kristu, huma bnedmin ta' rieda tajba, jagħmlu l-ġid lil għajrhom, jissagrifikaw ruħhom għall-oħrajn. U fost dawk ukoll li qegħdin igħixu qisu ma hemmx Alla jew ukoll jiċħdu lil Alla, hemm ħafna li kieku xi ħadd igħidilhom min hu verament Alla żgur jemmnu fih u jagħtuh il-qima li tixraqlu u tistħoqqlu. Għalhekk il-ħtieġa li nitolbu, u nitolbu ħafna. Imma t-talb tagħna, biex ikun jiswa, irid ikun imsieħeb ma' mġieba li tixraq l-isem li ngħibu ta' Nsara. L-imġieba tagħna bħala nsara li rridu naqdu bħal Kristu lill-oħrajn, hija talba lil Alla għas-salvazzjoni tad-dinja u egħmil biex inġibu 'l xi wħud għal Kristu. U għandna fostna 'il min qiegħed jagħtina eżempju ta' dan: biżżejjed wieħed isemmi lil Mother Teresa ta' Kalkutta.

Forsi ħadd minna ma se jasal qatt biex jagħmel dak li qiegħda tagħmel Mother Teresa, imma kulħadd jista' jasal biex igħix ħajtu skond l-Evanġelju ta' Kristu. Kemm-il darba, inkunu aħna l-insara li bl-imġieba ħażina tagħna, imiġeba li tkun ċaħda ta' l-Evanġelju stess, aħna mhux biss nfixklu u ngħibu fix-xejn is-sejħat tal-Mulej, imma nkunu ta' tfixkil għal dawk li qegħdin ifittxu l-verità fil-Knisja ta' Kristu, għaliex bl-imġieba ħażina tagħna ma nħallux lil min ma jafx jara l-Knisja fil-ġmiel kollu tagħha. Kemm bnedmin ta' rieda

tajba fittxew il-verità fil-Knisja Kattolika, u sabu ruħhom imbuttati lura minnuqqas ta' mħabba, mill-ġlied, mill-għira, mill-qerq ta' min jiftaħar li hu kattoliku!

Il-Ġurnata Missjunarja tiġi kull sena biex tfakkarna fid-dmir tagħna li nitolbu 'l Alla għall-missjonijiet u li ngħinu l-Opri Missjunarji Pontifiċji u l-aktar l-opra tal-Propragazzjoni tal-Fidi. Jalla din is-sena sservi wkoll biex nagħarblu l-imġieba tagħna bħala nsara, biex ngħixu ħajja aħjar u aktar tixraq l-isem ta' nsara li ngibu, ħalli t-talb tagħna jkun jisthoqqlu jiġi milqugħ aktar minn Alla, u l-imġieba tagħna tkun eżempju li jiġbed lejn Kristu u l-Knisja tiegħu lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba li magħhom niltaqgħu tul ħajjitna fid-dinja.

TALBA TAL-FIDILI

Nitolbu l-Mulej Alla Ilum biex idawwar fuqna d-dija ta' wiċċu, iħenn għalina u jberikna biex fuq l-art jingħarfu triqatu u fost il-ġnus is-salvazzjoni tiegħu.

Ibgħat, Mulej, ħafna ħaddiema fil-ħsad tiegħek, biex il-ġnus kollha jfaħħruk u l-popli kollha jsebbħu l-isem qaddis tiegħek.
Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Agħmel li l-Knisja tiegħek tidher f'kull imkien bħala sinjal ta' salvazzjoni għall-ġnus u minn tlugħ ix-xemx sa nżulha, minn tarf għall-ieħor tad-dinja, issirlek offerta waħda safja.
Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Agħti d-dawl tal-fidi lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba biex jaslu għall-verità sħiħa u jagħtuk il-qima li tistħoqqlok u tixraqlek.
Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Agħtina l-grazzja li aħna wkoll, inkunu appostli tiegħek bl-imġieba tagħna ta' veri nsara.
Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, ara kemm eluf ta' eluf ta' bnedmin għad ma waslitilhomx il-Bxara t-tajba tiegeħek ta' salvazzjoni: ibgħat l-Ispirtu qaddis tiegħek fid-dinja biex ixerred fi qlub il-bnedmin iż-żerriegħa tas-sewwa ħalli jagħtuk il-qima li tiġi mill-fidi u jkunu l-poplu weħed tiegħek li int ksibt għalik. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta dejjem.

IT-30 ĦADD TAS-SENA
(fejn issir is-solennità tad-Dedikazzjoni)

IL-MISTERU TAL-KNISJA

Il-knisja tagħna

Iċ-ċelebrazzjoni tal-festa tad-Dedikazzjoni tal-Knisja tagħna għandha tfakkarna fis-sagrifiċċji kbar li n-nies għamlu tul iż-żminijiet biex din il-Knisja tkun tassew tempju li jixraq lil Alla, tkun tassew għalina d-dar ta' Alla u bieb tas-sema.

Il-ferħ tal-poplu f'jum id-dedikazzjoni tal-knisja li jkun tella' lil Alla jixbah il-ferħ ta' Salamun li wara tant u tant snin ta' xogħol ra mitmum il-bini tat-Tempju li missieru David ried jibni lil Alla fil-belt ta' Ġerusalem. Salamun għamel festi kbar u feraħ miegħu l-poplu kollu li, dak in-nhar tad-Dedikazzjoni tat-tempju, issieħeb miegħu fit-talba li għamel lil Alla. "Ha jkunu għajnejk miftuħa lejl u nhar fuq din id-dar", talab Salamun dak in-nhar tal-konsagrazzjoni tat-Tempju: "isma' t-talb umli tal-poplu tiegħek meta jiġi jitolbok f'dan il-post". Hekk talab Salamun dak in-nhar li ikkonsagra t-Tempju ta' Ġerusalem, u hekk talbu n-nies dak in-nhar li ġiet ikkonsagrata din il-knisja.

U l-Mulej Alla sama' t-talb li sarlu dak in-nhar, għaliex sa minn meta nfetħet din il-knisja, l-insara qatt ma waqfu jiġu hawn jitolbu 'l Alla u Alla dejjem semagħhom, għaliex hu tajjeb, għax it-tjieba tiegħu għal dejjem. Ġew hawn missirijietna, u aħna wkoll għadna niġu hawn biex niftħu qalbna ma' Alla meta jagħfas fuqna n-niket ħa jkollna l-faraġ tiegħu; ġew missirijietna u aħna għandna niġu biex inroddu ħajr lil Alla għall-ġid kollu li għamel magħna u biex nitolbuh jieqaf magħna l-jiem kollha ta' ħajjitna, fir-riżq it-tajjeb u fir-riżq il-ħażin. Hawn niġu biex niksbu l-maħfra ta' dnubietna, hawn niġu biex nieħdu sehem mill-mejda tal-Mulej u nitwettqu bl-Ewkaristija mqaddsa, il-ħobż ħaj li niżel mis-sema li hu r-rahan għalina tal-ħajja ta' dejjem; hawn ġibna 'l uliedna biex ikollhom twelid ġdid mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu fil-Magħmudija u hekk isiru wlied Alla u membri tal-Knisja; hawn ġibnihom ukoll biex jirċievu fil-Griżma s-siġill tad-don ta' l-Ispirtu s-Santu; hawn kisbet il-barka ta' Alla l-imħabba tagħna biex iż-żwieġ tagħna jkun xbieha u sinjal ta' l-imħabba ta' Kristu għall-Knisja tiegħu u ta' Alla għall-poplu tiegħu; hawn għad iridu jġibuna biex ħutna fil-fidi jagħtuna l-aħħar tislima tagħhom qabel ġisimna jerġa' lura fit-trab jistenna l-qawmien mill-imwiet għall-ħajja ta' dejjem.

Il-misteru tal-Knisja

Imma l-festa tad-dedikazzjoni tal-knisja tagħna ma għandhiex tfakkarna f'dan biss. Il-knisja tal-ġebel hija biss dell u xbieha tal-Knisja ta' Kristu, u l-festa tad-dedikazzjoni tal-Knisja tiġi kull sena mhux biss biex nifirħu u nroddu ħajr lil Alla għall-ġid kollu li għamel magħna minn dan il-post, imma fuq kollox biex nifhmu aħjar x'inhi l-Knisja ta' Kristu, x'inhu l-misteru tal-Knisja.

Il-Mulej Ġesù tkellem ta' spiss fuq il-Knisja tiegħu, u biex in-nies jifhmuh aħjar, tkellem fuq il-Knisja permezz ta' tixbihat: xebbah il-Knisja għall-merħla li tagħha hu r-ragħaj it-tajjeb, merħla li fiha jrid jiġbor in-ngħaġ kollu

tiegħu li jinsabu mxerrda 'l bogħod minnu, merħla li għaliha dejjem lest biex jagħti ħajtu; xebbaħha għall-għalqa tad-dwieli li trid twassal iż-żraġen tagħha sa truf l-art kollha; xebbaħha għall-bini, mibni b'ġebel ħaj, bini li tiegħu Kristu stess hu l-ġebla tax-xewka. Il-Knisja hija d-dar ta' Alla u l-bieb tas-sema; hija t-tempju ta' Alla, hija l-belt il-ġdida, Ġerusalem tas-sema, mżejna bħal għarusa nieżla biex tiltaqa' ma' l-għarus tagħha.

Dawn it-tixbihat kollha juruna li l-Knisja m'hijiex il-bini tal-ġebel, imma hija x-xirka ta' l-insara, ta' dawk kollha li huma marbutin flimkien f'xirka waħda ta' l-imħabba, għaliex għandhom magħmudija waħda, jistqarru fidi waħda, u jqimu Alla wieħed li hu l-Missier ta' kulħadd. Il-bnedmin kollha huma msejħin biex jidħlu fil-Knisja ħa jkollhom is-salvazzjoni u għalhekk il-Knisja trid tinxtered sa truf l-art kollha ħalli fiha, minn tlugħ ix-xemx sa nżulha, f'kull imkien, tingħata l-qima li tixraq u tistħoqq lil Alla, u titla quddiemu l-offerta ta' sagrifiċċju safi u qaddis li jogħġbu.

Aħna, ġebel ħaj tal-bini tal-Knisja

Il-Knisja hija aħna lkoll kemm aħna, li aħna mgħammdin. Kull min hu mgħammed ma għadux aktar barrani għalina: hu, bħalna, ċittadin flimkien mal-qaddisin u n-nies tad-dar ta' Alla. Kull wieħed minna hu ġebla ħajja fil-bini tat-tempju ta' Alla, li hu l-Knisja, u għalhekk hu dmir tagħna li nkunu tassew ġebel ħaj li jogħġob lil Alla fi Kristu Ġesù. U nkunu ġebel ħaj jekk bħal Zakkew nikkonvertu verament lejn Kristu.

Zakkew kien publikan, kien bniedem midneb, iżda xtaq jara 'l Ġesù iżda billi kien bniedem qasir, biex jara 'l Ġesù, tela' fuq siġra. Il-Mulej rah, sejjaħlu u qallu li ried jiekol għandu. Zakkew imtela' bil-ferħ u l-laqgħa tiegħu ma' Ġesù ġabet bidla kbira f'ħajtu — "Ara, qal lil Ġesù, nofs ġidi se nagħtih lill-foqra u jekk jien sraqt xi ħaġa lil xi ħadd b'rapporti foloz, inroddhielu għal erba' darbiet iżjed". Il-konversjoni ta' Zakkew kienet konversjoni sħiħa, sinċiera, mill-qalb: ma reġax lura minn kelmtu. Hekk għandna nkunu aħna wkoll, jekk irridu nkunu verament ġebel ħaj fil-bini tal-Knisja ta' Kristu. Il-konversjoni tagħna tkun sħiħa jekk qatt ma nwarrbu 'l Ġesù, kif warrbuh il-Lhud, imma niftakru dejjem li Ġesù kisibna għalih, għamilna l-poplu tiegħu, ikkonsagrana għas-servizz tiegħu biex, bl-imġieba kollha ta' ħajjitna, fid-dar u fuq ix-xogħol, fil-knisja u fit-triq, nagħtu xhieda tiegħu quddiem id-dinja, u hekk nibnu l-Knisja tiegħu fost il-bnedmin sa truf l-art kollha. U dan irridu nagħmlu mhux għal ftit ġranet, mhux fi żmien l-eżerċizzi imma dejjem, tul ħajjitna kollha, bla ma qatt nieqfu, sa ma jasal il-waqt li nidħlu fil-belt il-ġdida Ġerusalem tas-sema.

TALBA TAL-FIDILI mil-Lezzjonarju tal-Qaddisin p. 175.

IL-31 HADD TAS-SENA

KRISTU, IL-QASSIS IL-KBIR TAGĦNA

"Kristu", smajna fit-tieni qari ta' Ilum, "hu tabilħaqq il-qassis il-kbir li kien igħodd għalina: qaddis, bla ħtija, safi, maqtugħ mill-midinbin, merfugħ 'il fuq mis-smewwiet", li offra lilu nnifsu darba għal dejjem għall-maħfra tad-dnubiet tad-dinja, u għadu sa llum iġedded is-sagrifiċċju tiegħu taħt ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid għas-salvazzjoni tal-bnedmin ta' kull żmien u ta' kull imkien: bi Kristu l-bnedmin jersqu lejn Alla, għax Kristu hu dejjem ħaj biex jidħol għalihom, u, għaliex hu dejjem ħaj jibqa' għal dejjem, is-saċerdozju tiegħu ma jintemm qatt.

Il-missjoni ta' Kristu

Xi jfisser dan il-kliem li smajna fit-tieni qari ta' llum? Huwa kliem li jfakkarna fil-missjoni ta' Kristu bħala l-Qassis il-Kbir tal-Patt il-Ġdid u għal dejjem. X'kienet mela l-missjoni ta' Kristu bħala l-Qassis il-Kbir tal-Patt il-Ġdid?

Kristu huwa Profeta, Qassis u Sultan. Ma' tul ix-xhur li għaddew rajna kemm-il darba x'kienet il-missjoni ta' Kristu bħala Profeta, għaliex Kristu stess uriena 'l Missier u ħabbrilna l-Kelma tiegħu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa. Fuq l-art Kristu irrivelalna l-Missier u wriena t-triq li minnha rridu ngħaddu biex immorru għandu, u mis-sema, permezz tal-Knisja, baqa' jaqdi din il-missjoni profetika tiegħu biex aħna bih, miegħu u fih noffru kull ħin lil Alla sagrifiċċju ta' tifħir, jiġifieri l-qima ta' xofftejna li nistqarru ismu.

Fl-aħħar Ħadd tas-sena tal-Knisja naraw x'inhi l-missjoni ta' Kristu bħala Sultan tal-ħolqien kollu. Illum se naraw x'inhi l-missjoni ta' Kristu l-Qassis il-kbir tal-Patt il-ġdid.

Kristu, il-qassis il-kbir tagħna

Kristu huwa l-qassis il-kbir tagħna għaliex offra darba għal dejjem is-sagrifiċċju tas-Salib għall-maħfra tad-dnubiet. F'dan is-sagrifiċċju Kristu kien fl-istess ħin il-Qassis li offra s-sagrifiċċju lil Alla u l-vittma li ġiet offerta lil Alla, għaliex Kristu fuq is-salib offra lilu nnifsu lil Alla għall-maħfra tad-dnubiet kollha tad-dinja.

Il-ġustizzja ta' Alla kienet titlob li ssir tpattija xierqa għall-offiża li saret lil Alla permezz tad-dnub; ebda bniedem, lanqas l-aktar qaddis, ma seta' qatt jagħti tpattija xierqa lil Alla għad-dnubiet tad-dinja; għalhekk Alla, fil-kobor tal-ħniena tiegħu, għax għani fil-ħniena, ta lil Ibnu stess biex ikun ta' tpattija għad-dnubiet tad-dinja: L-Iben ta' Alla sar bniedem bħalna, biex bħala bniedem ikun jista' jieħu postna u jpatti għalina, u bħala Alla t-tpattija tkun tixraq lil Alla u tissodisfa l-ġustizzja tiegħu. Għmil ta' Kristu, il-Bniedem-Alla, kien biżżejjed bħala tpattija, imma Alla ried li t-tpattija ssir bis-sagrifiċċju tas-Salib, ħa jidher il-kobor bla qies ta' l-imħabba ta' Alla għalina, li anqas lil Ibnu stess ma ħelisha imma tah għas-salvazzjoni tagħna. Ġesù offra darba għal dejjem lilu nnifsu fuq is-salib u kisbilna s-salvazzjoni; mhux biss, imma fis-sema fejn tela' glorjuż u rebbieħ wara l-qawmien mill-imwiet, hu dejjem ħaj biex jidħol għalina, u għaliex huwa għal dejjem, is-saċerdozju

tiegħu ma jintemm qatt, imma jibqa' joffri lilu nnifsu għalina fis-sema waqt li fuq l-art iġedded is-sagrifiċċju tiegħu fil-mistieri qaddisa.

Kristu huwa l-qassis waħdieni tal-patt il-ġdid, qaddis, bla ħtija u safi, u maqtugħ mill-midinbin, għaliex hu ma kienx jaf x'inhu dnub, għalkemm tgħabba bid-dnubiet tad-dinja kollha u ħassarhom bid-demm li xerred fuq is-salib, b'mod li qishom qatt ma kienu. Imma fis-saċerdozju tiegħu, Kristu ried isieħeb lil dawk kollha li jemmnu fih: is-saċerdoti, bħala ministri ta' Alla, fil-persuna ta' Kristu jġeddu s-sagrifiċċju tas-Salib fl-Ewkaristija u joffruh lil Alla f'isem il-poplu kollu; l-insara, għaliex ikkonsagrati għas-servizz u l-qadi ta' Alla, jeżerċitaw is-saċerdozju regali tagħhom billi jissieħbu fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija u jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti bit-talb u r-radd il-ħajr u x-xhieda ta' ħajja tassew nisranija.

Ngħixu l-kmandament ta' l-imħabba

Din ix-xhieda jagħtuha jekk jgħixu fil-qofol kollu tiegħu l-kmandament ta' l-imħabba, l-ewwel u l-aqwa kmandament tal-Mulej. Kienet l-imħabba li wasslet lill-Mulej Ġesù biex jagħmel darba għal dejjem l-offerta tas-sagrifiċċju tiegħu għall-maħfra tad-dnubiet — l-egħmil waħdieni tiegħu bħala l-Qassis il-kbir tal-patt il-ġdid; għandha tkun l-imħabba wkoll li tqanqalna biex neżerċitaw aħna wkoll is-saċerdozju tagħna, kemm jekk aħna ministri ta' Alla u amministraturi tal-misteri qaddisa, u kemm jekk insara u għalhekk ikkonsagrati għall-qadi ta' Alla f'ħutna fil-bżonn u għall-qima ta' Alla. Għalhekk illum il-Knisja, hija u tfakkarna fis-saċerdozju ta' Kristu kellmitna wkoll fuq il-kmandament ta' l-imħabba u qaltilna li l-imħabba ta' Alla u ta' għajrna hu aqwa minn kull egħmil ieħor, hu x'inhu hu; hu aqwa mis-sagrifiċċji kollha li bihom il-Lhud kienu jagħtu qima lil Alla fi żmien il-patt il-qadim. Għalhekk il-Knisja tgħidilna llum, bi kliem Mose', ha nżommu f'qalbna t-twissijiet li qiegħda tagħtina li nħobbu 'l Alla fuq kollox, b'qalbna kollha, b'ruħna kollha, u b'saħħitna kollha, u nħobbu lill-proxxmu tagħna bħalna nfusna. Jalla dan nagħmluh dejjem, tul ħajjitna kollha, biex meta jasal il-waqt inkunu nistgħu fis-sema wkoll bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu, nagħtu kull ġieħ u glorja lil Alla l-Missier li jista' kollox, flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem.

TALBA TAL-FIDILI

Aħna u niftakru llum li għandna Qassis il-kbir li jgħodd tassew għalina, bil-ħeġġa kollha ta' qalbna nitolbuh jidħol għalina fil-ħtiġijiet kollha tagħna ħa niksbu s-salvazzjoni.

Mulej Ġesù, int offrejt darba għal dejjem lilek innifsek, għall-maħfra tad-dnubiet: ieqaf mal-Knisja tiegħek hija u ġġedded dan is-sagrifiċċju waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù, int fuq is-salib ħabbibt il-bnedmin ma' Alla u bejniethom: biegħed mid-dinja kull inkwiet u kull tilwim, biex il-bnedmin kollha jgħixu flimkien fis-sliem u l-paċi.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù, int il-Qassis il-kbir tagħna, qaddis, bla ħtija, safi: ħenn għal ħutna l-midinbin u qanqal fihom imħabba għas-safa u l-qdusija.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù, int issalva lil dawk kollha li bik jersqu lejn Alla: wettaqna bil-grazzja tiegħek biex ngħixu dejjem magħqudin miegħek fl-imħabba.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù Kristu, Bin Alla l-ħaj, fiċ-ċokon tagħna nitolbuk tilqa' t-talb li qegħdin nagħmlulek illum biex insaħħu dejjem aktar fina l-imħabba ta' Alla u ta' għajrna. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

IT-32 ĦADD TAS-SENA

IL-ĠUDIZZJU

Nistennew il-Mulej

"Kristu, wara li offra lilu nnifsu darba biss biex jitgħabba bid-dnubiet ta' kulħadd, għad jerġa' jiġi darb'oħra, mhux biex ineħħi d-dnubiet, imma, biex isalva 'l dawk li qed jistennewh bil-ħerqa". Dan qaltilna l-Knisja llum bi kliem il-kittieb ta' l-ittra lil Lhud f'dan il-Ħadd li hu wieħed mill-aħħar Ħdud tas-sena tal-Knisja.

Tul is-sena l-Knisja stednitna ngħixu magħha l-ġrajja kollha tas-salvazzjoni, u issa f'dawn l-aħħar Ħdud, qiegħda tistedinna biex naħsbu ftit f'meta jasal iż-żmien biex tgħaddi s-sura ta' din id-dinja u jkun hemm sema ġdid u art ġdida.

Na nafux meta se jseħħ dan, imma nafu li dan għad iseħħ żgur, u għalhekk għandna nkunu dejjem lesti, billi nishru u nitolbu l-ħin kollu, ħalli bla biża' nieqfu quddiem Bin il-Bniedem meta jerġa' jiġi bil-glorja u b'setgħa kbira, biex jagħmel ħaqq mid-dinja.

Dan aħna nistqarruh kull darba li nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, meta, wara l-elevazzjoni, insellmu 'l Ġesù u ngħidulu: "Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej, u nxandru l-qawmien tiegħek, aħna u nistennewk tiġi fil-glorja". Jalla dan il-kliem ngħidu mhux bil-fomm biss, imma b'qalbna kollha wkoll, bħala xhieda tal-fidi tagħna fit-tieni miġja tal-Mulej fl-aħħar taddinja.

Ġesù ġie l-ewwel darba fid-dinja, umli u fqajjar, biex jitgħabba bid-dnubiet tagħna lkoll, ħalli jħassarhomlna bid-demm tiegħu li hu xerred fuq is-salib għalina. Ġesù jiġi għat-tieni darba, bl-anġli kollha miegħu, b'setgħa u qawwa, mhux biex ineħħi d-dnubiet tad-dinja, imma biex jagħti s-salvazzjoni ta' dejjem lil dawk li fid-dinja għexu dejjem bit-tama tad-dehra tiegħu fil-glorja, għaliex tul ħajjithom fuq l-art għexu dejjem fl-imħabba ta' Alla u ta' għajrhom.

Ġudizzju fuq l-imħabba

Huwa fuq l-imħabba ta' Alla u ta' għajrna li l-Mulej jiġġudikana meta nħallu din id-dinja, hu fuq l-imħabba ta' Alla u ta' għajrna li l-Mulej Ġesù, fit-tmiem ta' kollox, isejħilna għall-hena ta' dejjem jew jibgħatna fit-telfien ta' dejjem. Il-Mulej stess qalulna dan: l-iċken egħmil ta' ħniena li aħna nkunu wrejna ma' l-iżgħar fost ħutna fil-bżonn, il-Mulej iqisu magħmul miegħu stess, u tiegħu jagħtina l-premju ta' dejjem.

Il-Knisja ma tehda qatt theġġiġna biex nagħmlu egħmejjel ta' tjieba u ta' ħniena ma' ħutna fil-bżonn, biex hekk niksbu l-ħajja ta' dejjem Dan tagħmlu llum ukoll, u tqawwilna qalbna għal dan bl-eżempju ta' żewġ romol, l-armla ta' Sarefta u l-armla li tefgħet xi tliet ħabbiet fit-teżor tat-Tempju. Dawn iż-żewġ romol taw kull ma kellhom biex igħinu lil ħaddieħor, mingħajr ma qagħdu jqisu jaqblilhomx jew le, mingħajr ma qagħdu jitħassbu għal għada tagħhom.

Il-mara ta' Sarefta, fi żmien li fih kien waqa' ġuħ kbir fuq l-art kollha, u ma kienx fadlilha ħlief ftit dqiq u ftit żejt biex thejji xi ħaġa ta' l-ikel għaliha u għal binha qabel imutu bil-ġuħ, ma qagħditx taħsibha darbtejn meta l-profeta Elija talabha tagħmel l-ewwel ftira żgħira għalih, imbagħad taħseb għaliha u għal binha: għamlet kif qalilha l-profeta.

Il-mara li tefgħet it-tliet ħabbiet fit-teżor tat-Tempju, ma qagħdetx tqis jifdallhiex xi ħaġa għall-ikel, imma tefgħet kull ma kellha, dak kollu li kellha biex tgħix.

X'kien li wassal lil dawn iż-żewġ romol li jagħmlu dak li għamlu, bla ma jaħsbu fihom infushom? Kellhom l-ewwelnett imħabba kbira għal għajrhom, imħabba li forsi wkoll qatt ma ntebħu biha, imma li kienet teżisti f'qalbhom: kellhom imbagħad ukoll fiduċja kbira fil-provvidenza ta' Alla, li ma jonqos qatt lil min jafda fih, u li jagħti kull ma hu meħtieġ lil dawk kollha li jfittxu l-ewwel is-saltna ta' Alla u l-ġustizzja tiegħu.

L-imġieba tan-nisrani

Jekk mela rridu li meta jasal il-waqt nidħlu fl-għamara ta' dejjem biex insaltnu mal-Mulej, jeħtieġ li nilqgħu l-kliem li qalilna l-Mulej fl-Evanġelju ta' lum: ma nkunux bħall-kittieba u l-Fariżej li kienu jgħixu f'Ġerusalem fi żmien Ġesù: kienu nies ta' wiċċ b'ieħor, quddiem in-nies kienu jidħru li huma nies ta' talb, nies li jħarsu l-liġi ta' Alla fl-irqaqat kollha tagħha, imma f'qalbhom kienu jbejtu kull xorta ta' ħażen, kienu nies suppervi jfittxu t-tifħir u l-ġieħ mingħand in-nies u jmaqdru lil kulħadd.

In-nisrani ma għandux ikun hekk: fil-Magħmudija tiegħu n-nisrani ċaħad id-dnub u l-ħażen, u għalhekk għandu jfittex biss dak li hu tjieba, ġustizzja u

verità u jbiegħed minnu kull xorta ta' ħażen u kull ħaġa li ma tixraqx lill-isem ta' nisrani li jġib; in-nisrani għandu jkun umli u ġwejjed bħal Ġesù, għaliex in-nisrani għandu jkun jixbah 'lil Kristu li qal: "Tgħallmu minni għax jiena ta' qalb ħewa u umli u ssibu l-mistrieħ għal ruħhom"; in-nisrani ma jfittix l-inkwiet u l-ġlied, imma jaf jagħder, u jistabar, u jinsa l-ħtijiet li jsirulu, għaliex f'qalbu għandu l-istess sentimenti ta' Kristu, sentimenti ta' tjieba, ħniena, mogħdrija, imma fuq kollox imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni; in-nisrani hu bniedem tat-talb, u kull ma jagħmel, jaħseb u jgħid jagħmlu dejjem għall-glorja ta' Alla u jfittex li jimxi dejjem bis-safa u l-qdusija quddiem Alla fl-imħabba.

Aħna lkoll insara, ilkoll nafu sewwa kif għandna ngħixu bħala nsara, imma spiss naħsbu li għad fadlilna żmien: naħsbu li għalissa nistgħu nimxu mal-kurrent tad-dinja, u nkunu bħall-kittieba u l-Fariżej ħa nġibu 'l quddiem dak li jaqblilna; aktar tard, fi xjuħitna, nibdew naħsbu biex ngħixu verament ta' nsara li aħna. Jekk nirraġunaw b'dan il-mod qegħdin nitqarrqu bina nfusna. In-nisrani għandu jgħix ta' nisrani mhux fl-aħħar snin ta' ħajtu fid-dinja, imma fis-snin kollha ta' ħajtu. Veru li aħna nies dgħajfa, u malajr inħallu d-dinja ġġorrna mill-kurrent tagħha, imma huwa veru wkoll li l-ħajja tan-nisrani fid-dinja, hija ġlieda bla mistrieħ kontra l-kurrent tad-dinja, u l-vera nisrani ma jistax jaħrab minn din il-ġlieda. In-nisrani, jekk hu nisrani tassew, irid kull jum jikkonverti lejn Alla, billi jagħarbel l-egħmil kollu tiegħu, jara f'hiex naqas, biex jikkoreġi ruħu, u jkun dejjem aħjar milli hu. F'din it-taqbida bla mistrieħ mhux waħdu: il-Mulej hu miegħu biex iwettqu bil-grazzji tiegħu, ħalli meta jasal il-waqt il-Mulej stess jiġi biex idaħħlu fl-agħmajjar ta' dejjem.

TALBA TAL-FIDILI

Aħna u nistennew il-Mulej jerġa' jiġi b'setgħa u glorja nitolbuh iwettaqna bil-grazzji tiegħu ħalli ngħixu ħajja li tixraq is-sejħa tagħna ta' nsara, biex meta jiġi, jagħtina s-salvazzjoni ta' dejjem.

Mulej Ġesù, kun dejjem mal-Knisja tiegħek hija u tħabbar il-mewt tiegħek u xxandar il-qawmien tiegħek, waqt li qiegħda tistennik tiġi fil-glorja.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù, dawwal il-fehma tas-setgħana kollha tad-dinja, biex il-ġid li għandhom jużawh ħa jintrebaħ il-faqar fid-dinja.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù, biddel il-fehma ta' kull min hu kburi u mimli bih innifsu, biex jagħraf ix-xejn tiegħu u ma jmaqdarx lill-oħrajn.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù, għallimna nkunu bħall-armla li fil-faqar tagħha tat kull ma kellha, biex inkunu dejjem lesti ngħinu 'l-ħutna fil-bżonn.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, meta terġa' tiġi biex tagħmel ħaqq mid-dinja, agħtina li nkunu fuq il-lemin tiegħek, biex aħna li qegħdin nistennewk terġa' tiġi, niksbu mingħandek is-salvazzjoni tiegħek, Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

IT-33 ĦADD TAS-SENA

IL-ĦELSIEN TA' DEJJEM

Il-Mulej Ġesù, tgħidilna l-Knisja llum, bi kliem il-kittieb ta' l-ittra lil Lhud, wara li għamel perfetti lil dawk li hu qaddes, qiegħed għal dejjem fuq in-naħa tal-lemin ta' Alla, fejn qiegħed jistenna sa ma l-għedewwa tiegħu jitqiegħdu mirfes taħt riġlejh.

Xi jfisser dan il-kliem? Huwa kliem li bih il-Knisja trid tħejjija għall-festa tal-Ħadd li ġej, meta tistedinna ħalli magħha nagħtu ġieħ lill-Mulej Ġesù, is-Sultan tal-ħolqien kollu.

Il-qagħda tagħna fid-dinja

Bil-mewt u l-qawmien tiegħu għall-ħajja Ġesù qered is-saltna ta' l-infern, u kiseb għalih poplu ġdid mehdi b'kull egħmil tajjeb, poplu wieħed minn kull ġens u minn kull ilsien, biex ikun ġens maħtur, saċerdozju regali, nazzjon qaddis ħa jxandar l-egħġubijiet ta' Dak li sejħilna mid-dlamijiet tad-dnub għad-dawl tiegħu ta' l-għaġeb. Dan il-poplu ġdid ta' Alla għalkemm ħieles mill-jasar tad-dnub u mżejjen bid-dinjità ta' wlied Alla, sakemm għadu f'din id-dinja għad irid jeħodha kontra s-setgħat tal-ħażen, kontra x-xitan li bħala ljun idur ifittex lil min jibla', kontra t-taħsir u l-frugħat tad-dinja tad-dnub. It-taqbida hija ħarxa għaliex l-egħdewwa m'humiex tad-demm u l-laħam imma huma s-setgħat u l-qawwiet tal-ħażen, li għad iridu jintrebħu u jsir mirfes taħt riġlejn il-Mulej Ġesù.

In-nisrani f'din id-dinja, u l-ħolqien kollu jġarrab il-qilla ta' din it-taqbida, u joqrob u jitniehed jistenna l-ħelsien mill-jasar tat-taħsir ħalli jidher fis-sebħ kollu tiegħu meta Kristu joffri lil Missier is-saltna li kiseb għalih, u Alla jkun kollox f'kulħadd.

Id-dehra tal-Mulej fil-glorja, tal-Mulej sultan tal-ħolqien kollu, għandha tqawwina biex ma naqtgħu qatt qalbna fil-ġlieda tagħna f'din id-dinja kontra s-setgħat tal-ħażen. Iżda jekk il-ġlieda hi qalila, ir-rebħa tagħna hija żgura, għaliex is-setgħat tal-ħażen tilfu l-qawwa kollha li kellhom fuq il-bniedem, meta l-Mulej Ġesù bil-mewt u l-qawmien tiegħu rebaħhom. Illum dawn is-setgħat tal-ħażen, jistgħu jagħmlu ħsara biss lil min, minn rajh, ifittex li jiġi mqarraq u mjassar minnhom. Għalhekk il-Knisja, f'dawn il-ġranet bla heda

twissina biex nibqgħu fidili sal-mewt lejn il-Mulej, ħalli meta jasal il-waqt niksbu minn għandu l-kuruna tal-ħajja ta' dejjem. Jekk nibqgħu fidili lejn il-Mulej, din il-kuruna niksbuha żgur, għalkemm ma nafux meta.

Bi kliem il-profeta Danjel, u bi kliem Ġesù stess, il-Knisja llum trid thejjina għal dan il-waqt, li għalina li nemmnu, ma għanduv ikun mument ta' biża' u twerwir, imma mument ta' hena u ta' ferħ bla qies għaliex hu l-mument li fih aħna neħilsu mill-jasar tat-taħsir u nkunu mal-Mulej għal dejjem.

Nagħarfu s-sinjali taż-żminijiet

L-importanti hu li nkunu dejjem lesti billi nagħarfu s-sinjali taż-żminijiet tal-miġja ta' Ġesù fostna biex jeħlisna mill-jasar tat-taħsir. Ġesù kemm-il darba ċanfar lil Lhud għaliex ma għarfux is-sinjali taż-żminijiet, u beka fuq Ġerusalem għaliex ma għarfitx il-mument taż-żjara li saritilha. Hekk jista' jiġri lilna wkoll jekk is-sinjali taż-żminijiet ma nagħarfuhomx.

U x'inhuma s-sinjali taż-żminijiet?

Il-profeta Daniel jitkellem fuq żmien ta' għawġ li qatt ma deher ieħor bħalu minn mindu ġens kien ġens u Ġesù jitkellem fuq jiem ta' dwejjaq kbar meta x-xemx tiddallam, il-qamar jitlef id-dija tiegħu, il-kwiekeb jibdew jaqgħu mis-sema u l-qawwiet tas-smewwiet jitqallbu. Dawn huma tixbihat li jfissru l-għawġ u l-hemm u d-dwejjaq u n-niket, u t-tiġrib u l-persekuzzjonijiet, li minnhom iridu jgħaddu dawk kollha li huma ta' Kristu. Tant ikun kbir it-tiġrib, tant tkun kbira l-ħerba li jġibu l-ħżiena fid-dinja, li wieħed jibda jaħseb li s-saltna ta' Alla ġiet fix-xejn, inqerdet minn wiċċ l-art, l-istess kif kien ġara 'l Ġesù fuq il-Kalvarju — kien qisu li l-missjoni tiegħu sfat fix-xejn, għax id-dixxipli kollha tiegħu kienu ħarbu u baqa' Hu waħdu biss, imsallab bejn is-sema u l-art, mitluq minn kulħadd! Imma kien proprju f'dan il-waqt li Kristu kiseb ir-rebħa sħiħa tiegħu fuq is-setgħat tad-dnub u l-ħażen, u jkun proprju meta jkun qisu l-ħażen rebaħ fid-dinja li tidher is-setgħa u l-qawwa ta' Kristu Sultan.

Il-Maħturin tal-Mulej

Aktar ma jkun kbir it-tiġrib li fih isibu ruħhom dawk li jemmnu, dawk li huma l-maħturin tal-Mulej, aktar ikun ċar is-sinjal li l-Mulej hu fil-qrib, u ġej biex ifarraġ u jqawwi l-qalb il-maħturin tiegħu u jiġborhom ma' dwaru mill-erbat irjieħ, minn tarf għall-ieħor tad-dinja, ħa jwassalhom fis-saltna tiegħu ta' l-hena, id-dawl u s-sliem, fejn jilbsu dija bħal dik tas-sema u jkunu jiddu bħal kwiekeb għall-ħajja ta' dejjem.

Dawn huma dawk li għaddew minn ħafna tiġrib u baqgħu sħaħ fil-fidi tagħhom; huma dawk li mexxew 'il ħafna fit-triq tas-sewwa u begħduhom minn kull ħażen u minn kull qerq; huma dawk li kellhom ġuħ u għatx tal-ġustizzja u ħabirku għall-paċi u l-għaqda bejn il-bnedmin; huma dawk li qatt ma kellhom qalbhom marbuta mal-ġid tad-dinja, imma kienu fqar fl-ispirtu u għalhekk għarfu jużaw il-ġid ta' l-art bla ma tilfu l-ġid li jibqa' għal dejjem fis-sema; huma dawk li dejjem urew ħniena u moħqrija minħabba s-sewwa. Jalla aħna wkoll inkunu minn dawn il-maħturin tal-Mulej biex meta jasal il-waqt niksbu l-ħelsien sħiħ ta' wiled Alla fis-saltna tas-smewwiet.

TALBA TAL-FIDILI

Nitolbu l-grazzja llum li nagħarfu s-sinjali taż-żminijiet, biex meta l-Mulej jiġi b'setgħa u qawwa kbira, isibna lesti nistennewh ħa jdaħħalna miegħu fis-saltna tiegħu ta' dejjem.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek, hija u titlob u tishar tistenna l-miġja tal-Mulej fil-glorja.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Dawwal il-fehma tal-bnedmin kollha biex jagħarfu s-sinjali taż-żminijiet u jżommu ruħhom 'il bogħod minn kull ħażen.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Biegħed mid-dinja kull għawġ u kull inkwiet, rażżan is-setgħa tal-ħażen, u agħmel li l-bnedmin kollha jfittxu biss il-verità u l-ġustizzja.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Wettaqna bil-grazzji tiegħek biex nishru u nitolbu l-jiem kollha ta' ħajjitna u nibqgħu fidili lejk sal-mewt ħa niksbu l-kuruna tal-ħajja.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Missier qaddis, Alla ta' dejjem li tista' kollox, kun mal-poplu tiegħek li qiegħed jitolbok illum: agħtih li jagħraf is-sinjali taż-żminijiet biex jinstab jishar u jitlob meta jiġi b'setgħa u glorja kbira l-Mulej Ġesù, li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

IT-34 HADD TAS-SENA
KRISTU SULTAN TAL-ĦOLQIEN KOLLU

Fl-aħħar Ħadd tas-sena liturġika l-Knisja tistedinna nqimu lil Kristu bħala Sultan tal-ħolqien kollu.

Xi tfisser din il-festa?

Ħafna llum l-idea ta' sultan, ta' re ma tinżlilhomx; jarawha idea ta' żminijiet oħra, ta' żminijiet meta d-destin ta' kull nazzjon, ta' kull pajjiż, kien jiddependi mill-kapriċċ jew mill-interess ta' wieħed, tar-re, li aktarx, kif tgħallimna l-istorja, ftit kien jimpurtah mill-ġid tal-poplu li fuqu kien jaħkem. U għalhekk jidhrilhom li l-Knisja jmissha neħħietha l-festa ta' Kristu Re, għaliex illum festa bħal din ma tfisser xejn għan-nies tad-dinja ta' llum.

Min jaħseb hekk ma fehemx xi tfisser il-festa ta' Kristu Re u Ġesù stess llum qiegħed igħidilna li hu m'humiex sultan bħas-slaten ta' l-art, u s-saltna ntiegħu m'hijiex ta' din id-dinja. "Is-saltna tiegħi m'hijiex ta' din id-dinja", wieġeb Ġesù lil Pilatu meta dan staqsih kienx is-sultan tal-Lhud; u Ġesù kompla jgħidlu lil Pilatu: "Li kieku saltnati kienet ta' din id-dinja, il-għases tiegħi kienu jiġġieldu biex ma ningħatax f'idejn il-Lhud". Kliem Ġesù juri ċar li s-saltna tiegħu m'hijiex mibnija fuq il-qawwa ta' l-armi tal-gwerra, m'hijiex saltna bħas-saltniet kollha ta' din id-dinja.

Iżda Kristu huwa tassew sultan, anzi hu l-prinċep tas-slaten tad-dinja, huwa s-sultan tas-slaten kollha, u s-saltna tiegħu hi saltna ta' verità u ta' ħajja, saltna ta' qdusija u grazzja, saltna ta' ġustizzja, imħabba u sliem.

Saltna ta' verità u ta' ħajja

Is-saltna ta' Kristu hi saltna ta' verità u ta' ħajja. Ġesù ġie fid-dinja biex juri l-verità. "Jien għalhekk ġejt fid-dinja", qal Ġesù lil Pilatu, "biex nuri l-verità. U kull min iħobb il-verità jisma' leħni". Il-verità li Kristu ġie jurina hi l-verità ta' Alla li tant ħabb il-bniedem li għamlu ftit inqas mill-anġli u qiegħdu fuq l-eġħmejjel kollha ta' idejh: ħolqu sura xbieha tiegħu u tah il-ħakma fuq l-art kollha. Il-verità ta' Alla titlob li l-bniedem ikollu d-dinjità tiegħu ta' bniedem li hu — kemm jekk hu raġel u kemm jekk mara — u din tkun imħarsa dejjem u kullimkien billi jkun ħieles minn kull sura ta' diskriminazzjoni, ġejja minn fejn ġejja, minħabba l-kulur ta' ġildu, jew minħabba r-razza tiegħu, jew minħabba l-fehmiet politiċi tiegħu, jew minħabba r-reliġjon li jħaddan. Fejn isaltan Kristu bil-verità ta' l-Evanġelju tiegħu kull bniedem għandu mħarsa d-dinjità tiegħu ta' bniedem li hu.

Ġesù ġie fid-dinja biex ikollna l-ħajja u ħajja bil-kotra. Il-ħajja li tana Ġesù hija l-istess ħajja tiegħu, li għaliha nitwieldu fil-Magħmudija tagħna, ħajja li nkabbru bla heda fina bit-tisħib fis-sagramenti mqaddsa, u l-aktar fil-Magħmudija u l-Penitenza, ħajja li tasal fil-milja tagħha meta għalina tgħaddi s-sura ta' din id-dinja u lil Alla naraw kif inhu wiċċ imb'wiċċ. Jekk Kristu jsaltan fina, aħna qegħdin ngħixu l-istess ħajja ta' Kristu, u ma' San Pawl, nistgħu ngħidu, "Ngħix, imma mhux jien, igħix fija Kristu li ta ħajtu għalija".

Saltna ta' qdusija u ta' grazzja

Is-saltna ta' Kristu hi saltna ta' qdusija u ta' grazzja. Ġesù ġie fid-dinja biex jistedinna nkunu qaddisin u perfetti kif hu qaddis u perfett Missierna li

hu fis-smewwiet. Inkunu qaddisin u perfetti meta nkunu bħal Alla li jibgħat ix-xita tiegħu fuq it-tajbin u l-ħżiena u jtella' x-xemx tiegħu fuq min iħobbu u fuq min ma jħobbux. Fi kliem ieħor, il-qdusija hi l-imħabba ta' għajrna, u għajrna huwa kull bniedem, hu min hu, ukoll jekk hu l-akbar għadu tagħna. Din hi r-rieda ta' Alla: it-tqaddis tagħna; din hi r-rieda ta' Alla, li nħobbu 'l xulxin bħalma ħabbna hu. Fejn isaltan Kristu ma hemmx mibgħeda, ma hemmx għira, ma hemmx ġlied, ma hemmx firdiet, imma biss Spirtu wieħed fir-rabta tas-sliem.

It-tqaddis tagħna hu frott tal-grazzja ta' Alla li bla heda taħdem fina, u turi l-qawwa tagħha sewwa sew fejn hemm id-dgħajjef. Għaliex jekk aħna ma nistgħu nagħmlu xejn bil-ħila tagħna biss, nistgħu kollox bl-għajnuna ta' Dek li jwettaqna bil-grazzja tiegħu. Jekk Kristu jsaltan fina, l-Ispirtu qaddis tiegħu jaħdem fina bil-grazzji u d-doni tiegħu ħa nkunu tassew membri ħajjin u ħabrieka tas-saltna tiegħu.

Saltna ta' ġustizzja, mħabba u sliem

Is-saltna ta' Kristu hi saltna ta' ġustizzja, mħabba u sliem, għaliex hija saltna ta' qdusija u ta' grazzja. Il-bniedem li jilqa' s-sejħa ta' Kristu għall-qdusija u jgħix fl-imħabba ta' Alla, ikun bniedem ġust quddiem il-Mulej, għaliex kull ma jagħmel, jagħmlu mqanqal b'fidi kbira f'Alla, bħal Abraham, li għax emmen fuq li emmen, u baqa' jemmen kontra kull tama, ġiseb il-ġustifikazzjoni, jiġifieri, ġie meqjus bħala bniedem ġust quddiem Alla. Nilqgħu s-sejħa ta' Kristu għall-qdusija jekk aħna qawwijin u sħaħ fil-fidi; imma biex il-fidi tagħna tagħti l-frott tal-qdusija, trid tkun imsieħba ma' l-imħabba, għaliex il-fidi mingħajr imħabba ma tiswa għalxejn. Kristu jsaltan fil-qalb tal-bniedem ġust, fil-qalb tal-bniedem kollu ħeġġa ta' mħabba, fil-qalb tal-bniedem, li, għax ħaġa waħda ma' Kristu, minkejja t-tiġrib kollu li jista' jiltaqa' miegħu fid-dinja dejjem igawdi s-sliem ta' Kristu, sliem li jisboq kull ma l-moħħ tal-bniedem jista' jaħseb u jifhem.

Is-saltna ta' Kristu hi qrib tagħna

Ebda saltna tad-dinja ma jista' jkollha dawn il-kwalitajiet li huma biss tas-saltna ta' Kristu; ebda saltna tad-dinja ma hi mibnija fuq il-verità ta' l-Evanġelju, ebda saltna tad-dinja ma tagħti l-grazzja ta' Alla u l-ħajja ta' dejjem u għalhekk lanqas tagħti l-qdusija u l-ġustifikazzjoni, u s-sliem li jagħtu s-saltniet ta' din id-dinja kemm-il darba mhux is-sliem ta' Kristu. Iżda dan ma jfissirx li saltniet tad-dinja, jew aħjar, il-ġnus u l-popli tad-dinja n-nazzjonijiet kollha ta' l-art ma jistax ikollhom 'il Kristu jsaltan fuqhom .

Kristu jsaltan fuqna meta aħna nemmnu fih u nimxu warajh u nħarsu l-liġi mqaddsa tiegħu. Kull pajjiż, kull nazzjon, kull ġens, kull poplu li jħares id-dinjità tal-bniedem u jiżguralu ħajja li tixraq din id-dinjità, li jagħraf id-dinjità tax-xogħol tal-bniedem u jemmen li x-xogħol hu għall-bniedem u mhux il-bniedem għax-xogħol, li jiddefendi l-ħajja tal-bniedem sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha fil-ġuf, li jgħożż il-familja u jħarsilha s-sħuħija u l-qawwa tagħha, jagħraf 'il Kristu bħala sultan u jħabrek għall-bini tas-saltna ta' Kristu fid-dinja, saltna li Kristu kiseb għalih bil-mewt tiegħu fuq is-salib u

l-qawmien tiegħu għall-ħajja, saltna li għad tilħaq il-milja tagħha meta tgħaddi s-sura ta' din id-dinja u Alla jkun kollox f'kollox.

TALBA TAL-FIDILI

Kristu hu s-sultan ta' dejjem, hu qabel kollox u kollox bih qiegħed iżomm. Nersqu bil-qima quddiemu u minn qalbna ngħidulu: Mulej, tiġi saltnatek.

Kristu, Sultan u Raġħaj tagħna, iġbor f'merħla waħda in-ngħaġ tiegħek u qegħidhom fil-mergħat tiegħek ħa jsibu ikel bnin għas-salvazzjoni tagħhom.

Mulej, tiġi saltnatek.

Sultan tal-ħolqien kollu, int ġejt fid-dinja biex tixhed għall-verità, wassal għall-verità sħiħa tiegħek il-bnedmin kollha ta' rieda tajba.

Mulej, tiġi saltnatek.

Prinċep tal-paċi, eqred l-armi tal-gwerra mid-dinja biex il-ġnus kollha ta' l-art igħixu flimkien bla biża' fl-hena u s-sliem.

Mulej, tiġi saltnatek.

Mgħallem u mexxej tagħna, agħmel li ngħaddu dan il-jum fil-qdusija, biex inkunu bla tebgħa u bla għajb quddiemek fl-imħabba.

Mulej, tiġi saltnatek.

Mulej Ġesù Kristu, Sultan tal-ħolqien kollu, agħmel li l-bnedmin kollha jagħarfuk bħala Mgħallem u Feddej u jħabirku għat-tixrid tas-saltna tiegħek fid-dinja. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

MISSJONI DJOĊESANA

Programm Ottubru — Diċembru 1982

SETTEMBRU

13.	Siġġiewi	Festa Marjana fil-Kappella tal-Madonna tal-Providenza.

OTTUBRU

1.		Pellegrinaġġ Nazzjonali — Mosta.
	Belt (S. Pawl)	Ftuħ tal-Missjoni Djoċesana.
	Sliema (S. Cuor)	Jibda jingħad ir-Rużarju barra f'żoni dfiferenti.
	Hamrun (Kunċizzjoni)	Jibdew iż-żjajjar lill-familji tal-Parroċċa.
2.	Kottonera	Pellegrinaġġ bir-Redentur mill-Birgu — Bormla u Konċelebrazzjoni fl-Isla.
	Qormi (S. Ġorġ)	9.00 Siegħa Marjana.
	San Ġwann	Rużarju ħaj "tableaux, poeiżji eċċ."
3.	Birżebbuġa	Ftuħ tal-Missjoni b'pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju.
	Gwardamanġa	Ftuħ tal-ġimgħa liturġika.
	Bormla	Festa tal-Madonna tar-Rużarju.
	Marsa (Trinità)	Proċessjoni tal-Madonna tar-Rużarju. Ġimgħa attività (Azzjoni Kattolika) fil-50 anniversarju mittwaqqif fil-Parroċċa.
	Qormi (S. Ġorġ)	Festa tal-Madonna tar-Rużarju.
	Tarxien	Festa tal-Madonna tar-Rużarju.
	Birgu	Festa tal-Madonna tar-Rużarju (organizzata mill-Patrijiet).
3.	Siġġiewi	Tifkira tal-100 sena ta' l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes f'waħda mit-toroq prinċipali tar-raħal.
4.	Siġġiewi	Festa tal-Madonna tar-Rużarju.
		HIDMIET: a. Tixrid tat-talb tar-Rużarju fil-familji permezz ta' statwi li jduru minn familja għal oħra. b. Żjajjar lill-familji mis-saċerdoti kollha. Ser jintagħżlu dawk il-koppji li ilhom tliet snin miżżewġa.
7.	B'Kara (S. Elena)	Festa tal-Madonna tar-Rużarju.
		Ftuħ tal-Missjoni Djoċesana.
9.	Attard	Pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju.
10.	Gwardamangia	Egħluq tal-Ġimgħa Liturġika.
	Tarxien	Harġa għall-Knisja tal-Madonna.
12.	Lija	Ftuħ tal-Missjoni Djoċesana.
13.	Gwardamangia	Ċelebrazzjoni ta' l-aħhar dehera tal-Madonna.
15.	Birżebbuġa	Egħluq il-Missjoni Djoċesana.
18.	Raħal Ġdid (Kristu Re)	Ftuħ tal-Missjoni Djoċesana.
	Birgu	Ftuħ tal-Missjoni Djoċesana (San Lawrenz).
22.	Lija	Egħluq tal-Missjoni Djoċesana.
23.	Raħal Ġdid (Kristu Re)	Egħluq tal-Missjoni Djoċesana.

25.	Manikata	Ftuħ tal-Missjoni Djoċesana.
	Birgu (Lunzjata)	Ftuħ tal-Missjoni Djoċesana.
27.	San Ġwann	Bidu ta' tlett ijiem taħdidiet fuq il-Madonna.
29.	Tarxien	Rużarju ħaj għat-tfal.
30.	Manikata	Egħluq tal-Missjoni Djoċesana.
	Bormla, Isla.	Pellegrinaġġ għall-Knisja tal-Lunzjata (Birgu).
	Birgu	Konċelebrazzjoni u ċelebrazzjoni marjana.
31.	Tarxien	Seminar.

NOVEMBRU

6.	Birgu	Ċelebrazzjoni Marjana.
7.	Marsa (Trinità)	Pellegrinaġġ għaċ-Ċimiteru.
8.	Bormla	Jibdew il-priedki fil-knejjes u qrar.
	Gudja	Tibda t-thejjija għall-Missjoni.
	Gwardamanġa	Ftuħ tal-Missjoni Djoċesana.
12.	Gudja	Ġurnata adorazzjoni ewkaristika.
		Ftuħ tal-Missjoni; pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Madonna.
	Marsa (Trinità)	Ftuħ tal-Missjoni.
		Pellegrinaġġ bl-istatwa tad-Duluri.
	Qormi (S. Ġorġ)	9.00 p.m. Adorazzjoni Ewkaristika u Quddiesa.
14.	Qormi (S. Ġorġ)	Pellegrinaġġ għas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħlas. Ftuħ tal-Missjoni Djoċesana.
20.	Bormla, Birgu Isla	Egħluq tal-Missjoni Djoċesana. Ċelebrazzjoni popolari f'Bormla — ħruġ tal-vara min-niċċa.
	San Ġwann	Velja Biblika Marjana.
	Gwardamanġa	Egħluq tal-Missjoni Djoċesana.
21.	Marsa (Trinità)	Egħluq tal-Missjoni Djoċesana. Konċelebrazzjoni.
28.	Qormi (S. Ġorġ)	Egħluq tal-Missjoni Djoċesana.

DIĊEMBRU

1.	Attard	Ftuħ tal-Missjoni Djoċesana.
3.	Attard	Adorazzjoni Ewkaristika.
4.	Qormi	Pellegrinaġġ aux flambeaux.
	Gudja	Quddiesa ta' ringrazzjament.
8.	Bormla	Festa titulari. Festi ta' devozzjoni jiġu ċelebrati f'ħafna parroċċi f'Malta. (Birżebbuġa, Bengħisa, Attard, Tarxien, Marsa, San Ġwann, Birgu).
	Qormi (S. Ġorġ)	Ftuħ ta' wirja "Devozzjoni lejn il-Madonna".
	Sliema (S. Cuor)	It-tfal jiġu miktuba fid-domna mirakuluża.
10.	Hamrun (Kunċizzjoni)	Pellegrinaġġ parrokkjali bl-istatwa titulari mill-Knisja tal-Patrijiet sal-Knisja Parrokkjali.
12.	Qormi (S. Ġorġ)	Dramm fuq il-Madonna.
15.	Valletta (S. Pawl)	Egħluq il-Missjoni Djoċesana.
17.	Birgu	Servizz Ekumeniku.
25.	Tarxien	Bidu tal-Kwaranturi.
		Laqgħa Marjana.

ID-IX KUNGRESS MARJOLOĠIKU INTERNAZZJONALI U IS-XVI KUNGRESS MARJAN INTERNAZZJONALI

9 - 18 Settembru 1983

X'SAR SA ISSA

1. Fit-12 ta' Marzu 1981 tħabbar uffiċjalment mill-Vatikan li l-Papa laqa' t-talba tal-isqfijiet ta' Malta u Għawdex biex f'Settembru 1983 isiru f'Malta u Għawdex id-IX Kungress Marjoloġiku u s-XVI il-Kungress Marjan internazzjonali. Il-Pontificia Accademia Mariana Internazionale, li hi mqabbda mis-S. Sede biex torganizza dawn il-Kungressi, bi ftehim mal-isqfijiet ta' Malta u Għawdex, iffissaw il-ġranet tal-Kungress Marjoloġiku mid-9 sal-15 ta' Settembru 1983 u dawk tal-Kungress Marjan mill-15 sat-18 ta' Settembru.

Is-suġġett tal-Kungress Marjoloġiku huwa:

ID-DEVOZZJONI MARJANA FIS-SEKLI XVII u XVIII

dak tal-Kungress Marjan huwa:

"MARIA MATER RECONCILIATIONIS"
(Omm il-Ħniena)

Fil-Kungress Marjoloġiku jieħdu sehem għadd ta' Soċjetajiet Marjoloġiċi Nazzjonali fosthom dawk tal-Kanada, tal-Kroazja, tal-Polonja, ta' Spanja, tal-Portugal, tal-Amerika u għadd ta' Universitajiet u Fakultajiet Ekklesjastiċi.

Il-laqgħat ta' studju tal-Kungress Marjoloġiku se jsiru filgħodu fis-Seminarju tal-Virtù u f'dawn il-laqgħat li l-kongressisti li jinqasmu fi gruppi skond l-ilsien li jitkellmu, jaqraw u jiddiskutu r-relazzjonijiet tagħhom fuq it-tema tal-Kungress; filgħaxija fid-Dar tal-Mediterran isiru l-laqgħat ġenerali tal-Kungress.

Il-kongressisti ma jkunux biss kattoliċi, għaliex dawn il-Kungressi, mill-Konċilju Vatikan II 'l hawn, dejjem kellhom sura ekumenika, l-anqas ikunu biss ekklesjastiċi għaliex l-għadd tal-lajċi li llum jinteressaw ruħhom fi problemi tat-teoloġija dejjem qiegħed jikber.

F'Saragossa fejn saru dawn il-Kungressi erba' snin ilu kien hemm mal-150 speċjalista fil-Marjoloġija li ġew minn xi 30 pajjiż barra l-pellegrini minn ħafna pajjiżi li ħadu sehem fil-Kungress Marjan. Il-Pont. Accademia Mariana Intern. tittama li jkun hemm għall-Kungressi ta' Malta l-istess tweġib li kien hemm għall-Kungressi ta' Saragossa.

2. Fl-10 ta' April 1981 l-isqfijiet permezz ta' ittra pastorali ħabbru l-Kungressi u stiednu l-Maltin u l-Għawdxin kollha biex jitolbu ħalli ż-żewġ Kungressi jkunu okkażjoni ta' tiġdid sħiħ spiritwali ta' kulħadd.

3. F'Ġunju 1981, is-Superjuri tal-Missjoni ż-Żgħira u tal-Missjoni l-Kbira ġew mistiedna biex jagħmlu proposti għall-Missjoni Djoċesana. Wara li fl-20 ta' Lulju 1981 iż-żewġ Missjonijiet bagħtu l-proposti tagħhom, il-Kurja ħadet ħsieb twaqqaf Kummissjoni għat-thejjija tal-Missjoni Djoċesana, iffurmata minn rappreżentanti tal-Kappillani, tal-Provinċjali, tas-Sorijiet u tal-Kunsill Pastorali, biex flimkien mas-Superjuri taż-żewġ Missjonijiet thejji l-Missjoni Djoċesana.

4. Fis-27 ta' Frar 1982 il-Kummissjoni bdiet tiltaqa' regolarment u

i) iffissat il-ftuħ tal-Missjoni fl-1 ta' Ottubru b'pellegrinaġġ nazzjonali għall-Knisja tal-Mosta;

ii) iddeċidiet li l-Missjoni tibqa' sejra sa Ġunju 1983 u tinkorpora l-attivitajiet kollha li s-soltu jsiru fil-parroċċii, nkluži l-festi titolari;

iii) stiednet lill-Kappillani jhejju programm għall-missjoni ta' tiġdid spiritwali għall-parroċċa tagħhom u għamlitilhom għadd ta' suġġerimenti dwar dan;

iv) insisitt li l-qofol tal-Missjoni, barra ġimgħa jew ħmistax-il ġurnata priedki għall-kategoriji differenti ta' nies skond il-ħtiġijiet ta' kull parroċċa, isiru kuntatti pastorali mal-familji kollha ta' kull parroċċa permezz ta' żjajjar fid-dar.

5. Kummissjoni oħra f'Għawdex qed tieħu ħsieb il-Missjoni Djoċesana f'dik id-djoċesi. F'Għawdex ukoll il-Missjoni se tiftaħ fl-1 ta' Ottubru b'pellegrinaġġ għall-Kattidral.

6. Fl-20 ta' April 1982 kien hawn Malta Patri Paul Melada OFM, President tal-Pont. Accademia Mariana Internzionale, li tieħu ħsieb l-organizzazzjoni ta' dawn il-Kungressi flimkien mas-segretarju tiegħu, u ltaqgħu fis-Santwarju ta' Pintu ma' l-Isqfijiet u għadd ta' persuni ekkleżjastiċi u lajċi miżżewġ djoċesijiet li ħaqgħu l-istedina li saritilhom mill-Konferenza Episkopali Maltija halli jaghtu sehemhom fl-organizzazzjoni tal-Kungressi.

7. Il-Provinċjali u l-Istituti ta' l-Istudji reliġjużi ġew mitluba jibgħatu lis-Segreterija tal-Kungressi lista ta' saċerdoti maltin, f'Malta u barra minn Malta, li jistgħu jagħtu kontribut fil-laqgħat ta' studju li jsiru waqt il-Kungress Marjoloġiku.

Il-Provinċjali ġew mistiedna jibgħatu lis-Segretarju esekuttiv tal-Kummissjoni Missjoni Djoċesana lista ta' reliġjużi disposti jippriedkaw u/jew iqarru waqt il-Missjoni Djoċesana fil-parroċċi.

8. Il-pittur Kav. Envin Cremona aċċetta li jhejji l-manifest tal-Kungressi.

9. Twaqqfu Kummissjonijiet

a) għat-thejjija taż-Żgħażagħ għall-Kungressi

b) għat-tfal tal-iskejjel

10. Il-Kummissjoni għall-aġġornament tal-Kleru ġiet inkarigata biex tieħu ħsieb il-laqgħat ġenerali tal-Kungress Marjan.

11. Kummissjoni oħra qegħda tieħu ħsieb il-pellegrini li għandhom jiġu minn barra għall-Kungress Marjan, waqt li Kummissjoni oħra se tieħu ħsieb il-ġbir ta' fondi għall-ispejjeż.

12. Ġiet avviċinata l-K.D.A.L. biex

a) l-għaqdiet affiljati, huma u jfasslu l-programm tagħhom għas-sena 1983, jinkorporaw fih is-suġġett tal-Kungress Marjan.

b) il-membri tal-Għaqdiet ikunu lesti jagħtu sehem sħiħ fil-ħidma ta' tiġdid tal-Missjoni Djoċesana.

13. L-għaqda Storika Maltija se tieħu ħsieb il-pubblikazzjoni ta' ktieb fuq devozzjoni Marjana f' Malta fis-sekli 17 u 18.

14. Il-Friends of the Cathedral Museum ġew avviċinati biex flokkażjoni tal-Kungress jorganizzaw wirja ta' arti marjana.

15. Hemm ħsieb li jsir Kunċert ta' Mużika reliġjuża marjana maltija tas-sekli 17 u 18 fl-okkażjoni tal-Kungressi.

16. Il-Kummissjoni Kateketika ġiet mitluba thejji għadd ta' skemi għall-konferenzi għat-:

(a) tfal; (b) żgħażagħ; (c) adulti tul il-mumenti l-aktar importanti tal-Missjoni Djoċesana.

17. Inkiteb l-innu uffiċjali tal-Kungress Marjan u ġie mniedi konkors biex l-innu jiġi mużikat.

Messaġġi u diskorsi tal-Papa

Messaġġ għal Jum il-Paċi 1982 — 162
għal Jum il-Vokazzjonijiet 1982 — 311
għall-Ġurnata Missjunarja 1982 — 447
lill-Konferenza tad-dižarm — 545

Diskors lill-korp diplomatiku fil-bidu tas-sena — 355

Diskorsi fiż-żjara fl-Afrika
l-omelija fl-ordinazzjoni f'Kaduna, Niġerja — 339
lill-kleru f'Enugu, Niġerja — 340
lir-reliġjużi u l-katekisti f'libreville, Kongo — 343
lill-isqfijiet tan-Niġerja — 346
lill-intellettwali f'Abadan, Niġerja — 350
lill-professjonisti, ħaddiema u żgħażagħ f'Libreville — 351

Diskorsi fiż-żjara fl-Ingilterra
Canterbury: address of the Archbishop of Canterbury — 453
address of the Pope — 454
joint statement — 459
to the representatives of other Christian churches — 460
The Sacraments in the life of the Church
Westminster Cathedral: Baptism — 461
Wembley Stadium: Baptismal vows — 468
Conventry: Confirmation — 470
Liverpool Cathedral: Penance — 473
Southwark Cathedral: Anointing of the sick — 476
Manchester: Holy Orders — 479
York: Marriage and Family life — 481
Cardiff the Eucharist — 485
to the bishops of Great Britain — 489
Scotland — 492
to the religious in London — 494
Scotland — 498
to young people in Edinburgh — 502
in Wales — 506
to the people of Glasgow — 517
St. Andrew's Training College, Bearsden — 509
St. Joseph's Hospital, Edinburgh — 514

Diskorsi fiż-żjara fil-Portugal
l-omelija f'Fatima — 526
lill-bdiewa f'Villa Vicosa — 536
lil-lajċi fil-kattidral ta' Lisbona — 523
liż-żgħażagħ f'Lisbona — 533

Ittra lill-Knisja ta' l-Ungerija fis-750 tal-mewt ta' St. Elisabetta — 158
lill-isqfijiet tad-dinja biex jitolbu għaċ-Ċina — 321
lill-Kard. Tomasek f'egħluq is-700 sena tal-mewt tal-B. Anjeze ta' Praga — 331
lill-Prepositu ġenerali tat-Tereżjana fil-ftuħ tas-sena Tereżjana — 9
lill-arċisqof ta' Spoleto għaċ-ċentinarju ta' S. Rita — 335

Appell għar-Randan 1982 — 305

Talba għal Ħamis ix-Xirka — 324

Dokumenti tas-S. Sede

It-Talba għall-Għaqda ta' l-insara 1982 2
Id-Digriet tas-Segnatura dwar it-Tribunal tat-II istanza f'Malta 52
Messaġġ għas-XVI-il Jum tal-Komunikazzjoni soċjali 314
Declaratio de quibusdam associationibus . . . quae omnibus clericis prohibentur 367
Decretum Pont. Commissionis de spirituali migrantium . . . cura: de specialibus facultatibus . . . 407
Observations on the final report of the Anglican-Roman Catholic International Commission 554
Plenary Indulgence for the feast of St. Teresa of Jesus 564

Komunikati ta' l-Uffiċċju Stampa tal-Vatikan

Is-suġġett ta' Jum il-Paċi 1982 51
Presentazzjoni ta' l-esortazzjoni "Familiaris consortio" 173

Liturġija

Id-dħul tal-kbar fil-ħajja nisranija 129
Mistoqsijiet liturġiċi 366, 412, 544
L-Ordni għall-Qari tal-Quddiesa: daħla għat-II edizzjoni 15
Qari alternativ għall-Quddiesa ta'
il-Familja Mqaddsa 104
il-Magħmudija tal-Mulej 104
it-Tlugħ il-Mulej fis-sema 293
Għid il-Ħamsin 297

Ittri pastorali u messaġġi ta' l-isqfijiet

Pastorali għall-elezzjoni 1981 186
Pastorali fuq il-qagħda f'pajjiżna 617
Messaġġ dwar l-enċiklika **Laborem exercens** 190
Ittra lill-kleru u lil-lajċi nsara 306

Ittri pastorali, messaġġi u omeliji ta' l-Arċisqof

Pastorali tar-Randan 1982 303
Omelija fl-anniversarju ta' l-ordinazzjoni episopali tiegħu 58
nhar l-Epifanija 185
nhar it-tifkira ta' S. Franġisk de Sales 375
nhar il-festa tal-Kandlora 386
f'Ħamis ix-Xirka 387
f'Sibt il-Għid 389
nhar S. Ġużepp Ħaddiem 612
fil-Quddiesa tal-Kungress ta' l-ex-alunni Dorotej 615
Messaġġ egħluq 400 sena mit-twelid ta' S. Vincenz de Paul 55
egħluq il-100 sena tal-parroċċa tal-Ħamrun 57
għall-Milied 1981 181
għall-ġimgħa ta' l-Azzjoni Kattolika 369
għas-sena internazzjonali tax-xjuħ 371
fl-okkażjoni tat-tberik tal-knisja ta' S. Sebastjan 614
Diskors fil-festa ta' Kristu Re 180
f'Jum il-Paċi 183
lill-istudenti nhar S. Pawl 1982 374
fil-ftuħ tal-kappella tal-Fergħa ewkaristika 377
lill-għalliema 378
liż-żgħażagħ wara l-eserċizzi 379
Ittra lill-kleru f'Ħamis ix-Xirka 391

Ċirkolarijiet u dokumenti oħra tal-Kurja

Anniversarju ta' l-Arċisqof u xahar tar-Rużarju (n.96) 59
Anniversarju tal-Papa - Ġurnata Missjunarja - Talb għax-xita (n.97) 61
Festa ta' Kristu Re - Jum l-Emigranti (n.98) 191
Talb għall-Polonja (n. 99) 193
Ġurnata ta' karità għall-istituti, Kandlora 1982 (n. 100) 384
ammont tal-ġbir li sar 611
Il-festa ta' San Pawl (n. 101) 381
Direttivi għar-Randan (n. 102) 308
Talba għaċ-Ċina - Jum Nazzjonali (n. 103) 382
Festa ta' S. Ġużepp Haddiem (n. 104) 412
nota għaċ-ċirkulari n. 104 620
Konsagrazzjoni tad-dinja lil Marija - il-Papa f'Fatima (n. 105) 618
Ittra tal-Vigarju lill-kleru 618
Ittra tal-Vigarju dwar il-Pjan Pastorali 620
Ċirkolari tas-Segreterija dwar Kotba liturġiċi eċċ. 194
Direttivi għad-Dekani 251
għall-Kap uffiċċju parrokkiċi 252
għall-kap uffiċċju kleru 251
għall-kap uffiċċju reliġjużi 252
Nomini ġodda 250, 354, 522

Aġġornament tal-Kleru 1981

Natura u struttura tal-familja fil-kuntest soċjali u kulturali ta' pajjiżna llum 63
Evalwazzjoni ta' l-għaqda tal-familja maltija llum fid-dawl tal-fidi - skema 67
test sħiħ tad-diskors 565
L-isfidi kbar għall-familja Maltija llum 68
Il-"mass media" u l-familja 576
Il-pastorali fil-familja llum 72
Pastorali attiva mill-familja għall-familja — skema 76
test sħiħ tad-diskors 582
Konflitti fil-familja 592
Punti dwar moralità konjugali 596
Il-familja ta' llum, punti pastorali 601
Kif saċerdot jista' jgħin il-familja fl-apostolat 603
Il-post tal-familja nisranija llum 607

Aġġornament tal-Kleru 1982

programm 309

Seminar fuq l-omelija

X'inhi l-omelija 210
L-omelija: natura, kontenut, thejjija 218
Intejbu l-omelija 220
Kif jaħsbuha l-lajċi 225

Kungress Internazzjonali tal-Vokazzjonijiet - Ruma

Rapport 195

Kunsill Presbiterali

Rapport tas-sessjoni 1979/81 231
Rapport fuq l-elezzjoni għall-Kunsill il-ġdid 237

Fakoltà tat-Teoloġija - Gradwazzjoni
Diskors: The diocesan priests in the Maltese islands 1551-1950 239

Missjoni Djoċesana — Programm Ottubru - Diċembru 82 668

Kungressi Marjani — x'sar sa issa 670

Hutna fi Kristu li l-Mulej sejjaħ għandu fl-1981 253

Ix-xogħol ta' Mons. Saydon fit-traduzzjoni tal-Bibbja 392

Message of the Conference of Religious Orders of Europe to all religious 179

Omeliji u Talbiet tal-fidili

I Ħadd ta' l-Avvent — Reġġagħna għal li konna 77
II Ħejju triq il-Mulej 80
III Ferħ fil-Mulej 83
IV Il-misteru tas-salvazzjoni 86
Il-Milied 89
Il-Familja mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi 94
Il-paċi don ta' Alla bl-interċessjoni tal-Verġni Marija 96
L-Epifanija tal-Mulej 101
Il-Magħmudija tal-Mulej 107
II Ħadd tas-sena — Is-sejħa tagħna 110
III L-indiema 113
IV Ġesù, l-imgħallem tagħna 115
V Il-ħajja tal-bniedem fuq l-art 118
San Pawl Appostlu ta' Malta 121
VI Ħadd tas-sena — Xebħ ma' Kristu 123
VII Il-maħfra tad-dnubiet 126
I Ħadd tar-Randan — Il-ħelsien mid-dnub 259
II L-imħabba ta' Alla għalina 261
III Qaddisa u bla tebgħa quddiem Alla fl-imħabba 264
IV Il-ħelsien tagħna 267
V L-awtur tas-salvazzjoni tagħna 270
Ħadd il-Palm (talba tal-fidili biss) 273
I Ħadd ta' l-Għid — Il-Għid tal-Mulej 274
II Ir-rebħa tad-dinja 277
III Il-Bxara t-tajba ta' Kristu 281
IV Rgħajja ta' l-erwieħ 283
V Ngħixu fi Kristu 287
VI L-imħabba ta' Alla 290
VII Ix-xandir ta' l-Evanġelju — il-mass media 294
Għid il-Ħamsin — Id-doni ta' l-Ispirtu 299
It-Trinità Qaddisa 414
Il-Ġisem u d-Demm tal-Mulej 417
Il-Qalb ta' Ġesù (Talba tal-fidili biss) 420
XII-il Ħadd tas-sena — L-irwiefen tal-ħajja 421
XIII Il-misteru tal-mewt u l-ħajja 424
XIV Il-qawwa tal-grazzja u l-ebusija ta' rasna 427
XV Inħabbru l-misteru tas-salvazzjoni 430
XVI Kristu l-paċi tagħna 433
XVII L-Ewkaristija, xirka ta' mħabba u sliem 436
XVIII Nilbsu l-bniedem il-ġdid 439
XIX Nimxu fl-imħabba bħal Kristu 442

XX	Tlugħ il-Verġni Marija fis-sema	445
XXI	Naqdu biss 'il Kristu	624
XXII	Nagħmlu l-Kelma ta' Alla	627
XXIII	Il-werrieta tas-saltna	630
XXIV	Il-fidi u l-opri tajba	633
XXV	Ġustizzja u sliem	636
XXVI	Ix-xogħol tal-bniedem u l-bniedem fuq ix-xogħol	639
XXVII	Il-familja nisranija	642
XXVIII	Il-qawwa tal-Kelma ta' Alla	645
XXIX	Qaddejja tal-poplu ta' Alla	649
XXX	Il-missjoni tagħna fid-dinja	652
Jum id-Dedikazzjoni—	Il-misteru tal-Knisja	655
XXXI	Kristu l-Qassis il-kbir tagħna	657
XXXII	Il-Ġudizzju	659
XXXIII	Il-Ħelsien ta' dejjem	662
XXXIV	Kristu, Sultan tal-ħolqien kollu	655

WERREJ ANALITIKU

ABORT 71
ADULTI — dħul tagħhom fil-ħajja nisranija 129
il-Magħmudija tagħhom 135
il-Griżma tagħhom 126
AĠĠORNAMENT TAL-KLERU —konferenzi 1981 63, 165
programm 1982 309
ANGLIKANI u l-Ewkaristija 556
u l-ministeru saċerdotali 558
u l-awtorità tal-Knisja 559
u t-tagħlim morali 562
ANJEZE ta' PRAGA (Beata) — ħajjitha 330, 332
— soru klarissa 331
— messaġġ tagħha lilum 333
APPOSTOLAT individwali u fl-għaqdiet 525
— kif iseħħ 525
A.R.C.I.C. — evalwazzjoni tar-rapport 554
ARĊISQOF — omilja fl-anniversarju episkopali tiegħu 58
— ċirkulari dwar l-anniversarju tiegħu 59
AZZJONI KATTOLIKA — messaġġ għall-Ġimgħa tagħha 369
BDIEWA u l-Knisja 539
— il-ħidma tagħhom għall-progress 543
BIBBJA — traduzzjonijiet 1821-1965 392
— traduzzjonijiet ta' Mons. Saydon 395
— traduzzjonijiet għall-ġejjieni 397
BIEDJA — il-progress tagħha 542
BISHOP CHALLONER 465
BNIEDEM — jaħdem l-art u sieħeb ma' Alla 639
— rispett lejh 639
ĊAĦDA tiegħek innifsek u tad-dnub 633
CERIMONIER — uffiċċju tiegħu 319
ĊINA — stedina tal-Papa għat-talb tal-Knisja ta' hemm 322
— ċirkolari għal dan it-talb 382
DEKANI — direttivi għalihom 251
DEMM ta' KRISTU 417

DHUL FIL-ĦAJJA NISRANIJA TA' L-ADULTI
— sehem il-poplu ta' Alla fih 138
— il-parrini 138
— l-isqof u s-saċerdoti 139
— żmien proprju għalih 140
— barra żmienu 141
— rit tiegħu 144
— rit fil-periklu tal-mewt 152
DHUL FIL-ĦAJJA NISRANIJA TA' TFAL li se jibdew l-istudju tal-katekiżmu 154
(Ara wkoll MAGĦMUDIJA)
DIVORZJATI — pastorali tagħhom 589
DIŻARM — il-Papa u d-diżarm 545
— id-dinja teħtieġu 547
— x'tgħid il-Knisja fuqu 548
— mhux ta' l-armi nukleari biss 550
— trattativi għalih 550
DJAR TAT-TFAL — ċirkolari dwar ġurnata karità għalihom 394
— direttivi għall-ġurnata karità 385
— għajnuna lilhom sinjal ta' mħabba nisranija 386
— ammont miġbur fil-ġurnata 611
DNUB — ħelsien minnu 258
— il-maħfra tiegħu 126
DRITTIJIET TAL-BNIEDEM u l-Knisja 356
DOROTEJ — Kungress tal-ex-alunni tagħhom — omelija 615
— ittra tal-Papa 615
EDUKAZZJONI KATTOLIKA — l-għan tagħha 510
— fl-Iskozja 509
(Ara wkoll SKEJJEL TAL-KNISJA)
EKUMENIŻMU spiritwali 475
— dikjarazzjoni tal-Papa u ta' l-Arċisqof ta' Canterbury 458
— xirka fl-Ispirtu 460
(Ara wkoll ANGLIKANI u A.R.C.I.C.)
ELEZZJONIJIET — ittra pastorali 186
— talb qabilhom 189
ELEZZJONIJIET tal-KUNSILL PRESBITERALI 237
ELISABETTA TA' L-UNGERIJA (Santa)
— ħajjitha bħala mart il-Landgraf ta' Wartburg 158
— ħajjitha fit-tiġrib 159
— qaddisa ta' żmienna 160
EMIGRANTI — fakultajiet ġodda dwarhom u għalihom 409
— in-nisrani emigrant fid-dinja 77
EPIFANIJA tal-Mulej 101
— omelija nharha 185
EVANĠELIZZAZZJONI tfisser konverżjoni 346
EVANĠELJU U KULTURA 347
EWKARISTIJA — xirka ta' mħabba u sliem 435
— ħobż għall-ħajja ta' dejjem u l-Anglikani 485
u l-Anglikani 556
(ara wkoll TQARBIN)
EŻILJATI — it-traġedja tagħhom 359
FAMILIARIS CONSORTIO — presentazzjoni mill-Uffiċċju Stampa tal-Vatikan 178
— evalwazzjoni tagħha 177
FAMILJA — dikjarazzjoni tad-drittijiet tagħha 364
— drittijiet tagħha 174
— dwal u dellijiet tagħha 173
— evanġelizazzjoni tagħha 604
— il-ħajja tagħha llum 483

— kif jista' jgħinha s-saċerdot 602
— konflitti fiha 592
— pastorali tagħha 361
— pjan ta' Alla għalina 174
— punti għall-pastorali tagħha llum 601
— soċjetà titlob familja sħiħa 377
FAMILJA MALTIJA — evanġelizzazzjoni tagħha fid-dawl tal-fidi 67
— elementi li jinfluwenzawha 573
— fejn tinsab 582
— ħajja sagramentali tagħha 586
— ħidma pastorali magħha 72
— ħidma pastorali tagħha 76
— l-isfidi kbar tagħha 68
— u l-mass media 576
— natura u struttura tagħha 63
— qagħda tagħha 582
— suġġett tal-pastorali 584
— tiġdid tagħha 642
FAMILJA NISRANIJA — hi sejħa 643
— fiha timbena l-knisja 643
— postha llum 607
— ir-role" tagħha 608
(Ara wkoll MINISTERU KONJUGALI, MISTIKA KONJUGALI, ŻWIEġ)
FATIMA — il-messaġġ 528
FERĦ ta' l-Għid 389
tal-Milied 69
fil-Mulej 83, 181
FIDI u l-opri tajba 633
— biha nirbħu d-dinja 277
— it-tifsir tagħha fit-teoloġija morali biblika 565
FIRDA bejnietna 181
— dnub fil-Knisja 475
GRAZZJA — qawwa tagħha 417
GRIŻMA — thejjija għaliha ta' mgħammed li beda jitgħallem id-duttrina 153
ĠURNALISTI — il-missjoni tagħhom li jirbħu l-mibegħda u jfittxu l-verità 375
ĠURNATA MISSJUNARJA — ċirkulari għas-sena 1981 61
— messaġġ tal-Papa għas-sena 1982 447
— ittra dwar id-data tagħha 648
(Ara wkoll MISSJONI)
ĠUDIZZJU 659
ĠUSTIZZJA u sliem 836
ĠUŻEPP ĦADDIEM (San) — ċirkulari għall-festa 412
— nota dwar iċ-ċirkulari 620
— omelija ta' l-Arċisqof 612
ĠWANN FISHER u TUMAS MORE (Qaddisin) 464
GĦALLIEMA KATTOLIĊI 488
GĦAQDA TA' L-INSARA — talb għaliha fl-Ottavarju 1982 7
— talb tal-Knisja għaliha 454
GĦAQDA TAL-POPLI — nisviluppawha 551
ĦADDIEM — drittijietu 612
— min hu 612
— kif inħobbuh 613
ĦAJJA tal-bniedem fuq l-art 118
— l-irwiefen tagħha 421
— misteru tal-ħajja u l-mewt 424
— dritt għaliha 477
ĦAJJA KONTEMPLATIVA 487

HAMIS IX-XIRKA — Talba tal-Papa għal dak in-nhar 324
— omelija ta' l-Arċisqof dak in-nhar 388
— stedina lill-kleru giex igħid it-Talba 391
HAMRUN — messaġġ egħluq il-100 sena tal-parroċċa 55
HELSIEN mid-dnub 258
tagħna 267
ta' dejjem 661
veru 374
(Ara wkoll SALVAZZJONI)
IMSEJKNIN — naraw 'il Kristu fihom 631
INKAPAĊITATI — il-maħbubin ta' Kristu 514
I.U.D. 621
ISQFIJIET u l-ispirtu tal-kolleġġjalità 489
— il-ħidma tagħhom 491
— dehra ħajja ta' Kristu 493
— imexxuna fiṭ-triq tal-qdusija 493
JUM L-EMIGRANTI — ċirkulari 151
JUM NAZZJONALI — ċirkulari 382
KARDINAL NEWMAN 472
KATEKUMENAT 132
KELMA TA' ALLA fil-ħajja tal-Poplu tal-Patt 17
— Alla jgħarfilna biha 645
— importanza fil-Liturġija 15
— ċelebrazzjoni liturġika tagħha 16
— il-qawwa tagħha 107, 210, 645
— ministri tagħha 210
nagħmluha 625
KAP UFFIĊĊJU KLERU — direttivi 252
KAP UFFIĊĊJU PARROĊĊI — direttivi 252
KAP UFFIĊĊJU RELIĠJUŻI — direttivi 253
KLERU DJOĊESAN F'MALTA 1511-1956 239
KNISJA u l-għana tal-ġnus 101
u d-drittijiet tal-bniedem 356
u l-bdiewa 539
u l-ġrajjiet tal-ħajja tal-ġnus 357
u l-umaneżmu ġdid 363
— l-awtorità tagħha u l-Anglikani 559
— il-misteru tagħha 658
— ma tbiddilx il-liġi ta' Alla 622
— x'tistenna miż-żgħażagħ 379
— x'tistenna mill-għalliema 378
KNISJA BINI — xi tfisser għall-insara 155, 614
KOOPERAZZJONI MISSJUNARJA 458
KOLLEĠĠJALITA' 489
KOMUNIKAZZJONI SOĊJALI (Jum il-) u x-Xjuħ 314
— Talba tal-fidili 318
(ara wkoll MASS MEDIA)
KONSAGRAZZJONI TAD-DINJA LILL-VERĠNI MARIJA 618
KRISTU — id-Demm tiegħu 417
— il-Bxara t-tajba tiegħu 280
— il-missjoni tiegħu 657
— l-awtur tas-salvazzjoni tagħna 279
— l-imgħallem tagħna 115
— il-paċi tagħna 433
— il-Qassis il-kbir tagħna 457
— sultan tal-ħolqien kollu 657
— jaħfrilna dnubietna 127

KRISTU — inhejjulu t-triq 84
— inkunu xebh miegħu 123
— inxandruh imsallab 264
— naqdu lilu biss 622
— ngħixu fih 287
— nimxu fl-imħabba tiegħu 449
— xebh miegħu/6 123
KRISTU RE — diskors ta' l-Arċisqof 180
— ċirkulari għall-festa 191
KRIŻI MORALI TAD-DINJA — nirbħuha 552
KULTURA U EVANĠELIZZAZZJONI 347
KUNGRESSI MARJANI — thejijja għalihom 650
— x'sar sa issa
KUNSILL PRESBITERALI — ħidma 1979-81 231
— elezzjonijiet 1981 237
KUXJENZA MISSJUNARJA 450
(ara wkoll MISSJONI)
LAJĊI — ħidma tagħhom 341
— bihom il-Knisja tkun fl-oqsma kollha tal-ħajja 533
LIĠI TA' ALLA — il-Knisja ma tbiddilhiex 622
LIĠI TAL-GRADWALITA' 591
LITURĠIJA TAL-KELMA — ċelebrazzjoni xierqa tagħha 10
— elementi u riti tagħha 25
— min jippresjediha 24
— ministri tagħha 27
— sehem il-fidili fiha 25
MAGĦMUDIJA — il-wegħdiet 455
— il-wegħdiet qofol tal-ħajja nisranija 466
— tisħib ma' Kristu u mal-Knisja 461
— ċerimonji tagħha 630
— inġedduha 275
MAĦTURIN tal-Mulej 633
MARGARET SINCLAIR 516
MARIJA — issejħilna 530
— il-Papa quddiemha 531
— santwarji tagħha 527
— maternità spiritwali tagħha 528
— tlugħ fis-sema tagħha 445
MASS MEDIA u l-familja 576
u x-xandir ta' l-Evanġelju 294
— x'għandu jsir dwarhom 580
— importanza mogħtija lilhom 577
— influwenza tagħhom 577
— influwenza tal-kontenut tagħhom 579
— mhux dejjem l-istess 576
— l-użu tagħhom 294
MEWT — misteru tal-ħajja u l-mewt 424
— ir-rebħa fuqha 445
MĦABBA TA' ALLA għalina 261, 290
MILIED — il-ferħ tiegħu 181
min jifhem il-misteru tiegħu 89
MINISTERU KONJUGALI 585
MISSJONI — grazzja għall-Knisja 447
— l-isqfijiet responsabbli għaliha 448
— it-tħassib ewlieni tagħha 445
MISSJONI DJOĊESANA — ittra tal-Vigarju 620
MISTAGOĠIJA — x'inhi 134
— żmienha 137

MISTIKA KONJUGALI 587
MISTOQSIJIET LITURĠIĊI — aspersjoni waqt funeral 366
— funeral ta' tarbija mhux mgħammda 366
— bdil ta' kliem f'testi liturġiċi 413
— l-egħluq tal-Lawdi u l-Għasar
MIŻŻEWĠIN — frott imħabbithom 642
MOVIMENT TA' KANA — kollaborazzjoni miegħu 605
MORALITA' KONJUGALI — l-attività sesswali 597
— id-daqs tal-familja 598
— fl-ambjent lokali 596
— każijiet limiti 600
NDIEMA 115
NISRANI — il-missjoni tiegħu fid-dinja 638
l-imġiba tiegħu 638
OMELIJA — x'inhi 211
— dmir iċ-ċelebrant 212
— m'hijiex spjega tal-Evanġelju 212
— m'hijiex katekeżi biss 214
— m'hijiex tifsira tal-Quddiesa 215
— hi tħabbira tal-misteru ta' l-Għid 213
— hi missjoni profetika 215
— thejjija u kontenut 218
— regoli biex titjib 221
— għal min issir 220
— adatti għal min jismagħha 222
OPRI MISSJUNARJI 452
(ara wkoll MISSJONI)
OPRI TAJBA 634
ORGNI — rit tat-tberik tiegħu 323
PAĊI ta' Kristu 182
u rikonċiljazzjoni 470
fi ħdan in-nazzjonijiet 167
bil-ġustizzja 637
— id-dinja teħtieġa 546
— diskors tal-Arċisqof f'Jum il-Paċi 183
— don ta' Alla fdat lilna 182
— don ta' Alla bl-interċessjoni ta' Marija 98
— għax m'hawnx fid-dinja 636
— ħerqa għaliha fit-twemmin nisrani 168
— ħidma għaliha 165
— komunikat stampa għall-Jum il-Paċi 51
— messaġġ tal-Arċisqof għall-Jum il-Paċi 181
— messaġġ tal-Papa għall-Jum il-Paċi 162
— movimenti għall-paċi 549
— nies ta' paċi l-korp diplomatiku 355
— problemi essenzjali 163
— sforzi għall-paċi fid-dinja maqsuma 162
PAPA — ċirkulari għall-festa tiegħu 61
— telegramm fl-okkażjoni tal-festa tiegħu 52
— ittra u ċirkulari għaż-żjara tiegħu f'Fatima 618
— telegram u tweġiba 619
PAWL (San) — Appostlu ta' Malta 121
— ċirkulari għall-festa tiegħu 381
PENITENZA — importanza fil-ħajja tal-Knisja 473
PJAN PASTORALI — ittra tal-Vigarju 620
POLONJA — ċirkulari għat-talb għaliha 198
PREKATEKUMENAT 131
PRIM MINISTRU — diskors tal-Papa lilu 156

QAGĦDA F'PAJJIŻNA — pastorali ta' l-isqfijiet 617
QARI TAL-QUDDIESA — l-għan pastorali tiegħu 28
— il-prinċipji tat-tqassim tiegħu 30
— fi żmien l-Avvent 37
— fi żmien ir-Randan 38
— fit-Tliet ijiem ta' l-Għid u fi żmien il-Għid 39
— fit-Tliet ijiem ta' l-Għid u fi żmien il-Għid 39
— ma' tul is-sena 41
— adattamenti 44
— l-apparat għalih 45
QNIEPEN — rit għat-tberik tagħhom 405
RELIĠJUŻI — messaġġ lilhom mis-Superjuri ġenerali tal-Ewropa 171
— li mietu fl-1981 254
— missjoni tagħhom 345
— ix-xhieda tagħhom meħtieġa mid-dinja 494
— xhieda bl-imġieba tagħhom 495
— mħabba għas-sejħa tagħhom 498
— xhieda tal-Bxara t-tajba ta' l-Evanġelju 501
— qaddejja ta' Kristu l-Imgħallem 499
RIKONĊILJAZZJONI — ministeru tagħha 348
RITA TA' CASCIA (Santa) — għaliex qaddisa 335
— imsieħba fil-passjoni ta' Kristu 336
— bint S. Wistin 337
RUŻARJU — ċirkulari għax-xahar 59
SAĊERDOTI u l-Ewkaristija 488
li mietu fis-sena 1981 253
— ambaxxaturi ta' Kristu 479
— ħmira tas-soċjetà 341
— marbutin ma' Kristu 340
— ministri tal-ħniena ta' Alla 339
— ragħajja tal-erwieħ 283
— qaddejja tal-poplu ta' Alla 649
— l-istudji tagħhom 341
— il-missjoni tagħhom 343, 652
— is-sejħa tagħhom 652
— it-tiġrib tagħhom 341
— l-ubbidjenza tagħhom 339
— kif jistgħu jgħinu l-familja 603
— jikkoperaw mal-Moviment ta' Kana 605
— it-Talba tal-Papa għalihom 394
— għaqdiet ipprojbiti għalihom 367
SAĊERDOZJU u l-Anglikani 343
— il-misteru tiegħu 558
SAGRAMENT TAL-MORDA 477
SALTNA TA' KRISTU 665
— fi qlubna 666
— werrieta tagħha 630
SALVAZZJONI — misteru tagħha 86, 430
— l-awtur tagħha 273
— xbihat tagħha fit-Testment il-Qadim 267
— frott tal-grazzja 268
— x'inhi 534
— hi missjoni 535
— ilkoll ħaddiema għaliha 536
u żgħażagħ 534
(Ara wkoll HELSIEN)
SEBASTJAN (San) — messaġġ għat-tberik tal-knisja ġdida tiegħu 614

SEJĦA tagħna 110
— il-qofol tagħha l-wegħdiet tal-Magħmudija 466
(Ara wkoll VOKAZZJONIJIET)
SFRUTTAMENT TAL-FQAR 350
SKEJJEL AL-KNISJA 352
— l-għan tagħhom 512, 616
(Ara wkoll EDUKAZZJONI)
SKOZJA — edukazzjoni kattolika hemm 509
— it-tweġiba 'l Kristu hemm 518
SPIRTU S-SANTU — id-doni tiegħu 299, 455, 471
— ibiddel ħajjitna 503
TALB — il-qawwa tiegħu 506
— stedina għalih 506
— il-fehma ta' S. Tereża fuqu 10
TEOLOĠIJA MORALI — l-għan tagħha
— sviluppa dwar iiż-żwieġ
TEREŻA TA' ĠESU' (Santa) — bint il-Knisja 9
— il-fehma tagħha fuq it-talb 10
— il-messaġġ tagħha llum 12
— indulġenza plenarja fil-festa 564
TLETTAX TA' MEJJU — ċelebrazzjoni f'San Ġwann 618
TQARBINA (L-ewwel) 487
TQARBIN 152
(Ara wkoll EWKARISTIJA)
TRADUZZJONI TAL-BIBBJA 1821-1965 392
ta' P.P. Saydon 395
għall-ġejjieni 397
TRINITA' — f'isimha twelidna mill-ġdid 414
— f'isimha ngħixu ħajjitna fid-dinja 415
TURISTI — fakultajiet dwarhom u għalihom 409
TWELID — regolamentazzjoni tiegħu 70
UNIVERSITAJIET — l-għan tagħhom 351
— il-ħidma tagħhom 513
VALURI SPIRITWALI — primsti tagħhom 350
VINĊENZ DE PAUL — messaġġ egħluq 400 sena mit-twelid 55
VOKAZZJONIJIET saċerdotali 338
fi ħdan il-komunità nisranija 195
u l-knisja lokali 203
— dmir l-isqfijiet dwarhom 196
— ħidma pastorali għalihom 203, 340
— ħidma għalihom fost iiż-żgħażagħ 206
— messaġġ ta' l-Arċisqof dwarhom 311
— teoloġija tagħhom 201
— sejħa għall-ħajja 311
WERRIETA TAS-SALTNA — l-imsejknin 630
XITA — ċirkolari għat-talb 61
XJENZA U TEKNOLOĠIJA llum 274
XJUH u l-Knisja 372
u l-parroċċa 373
— il-mass medja u l-problemi tagħhom 314
— soluzzjoni għall-problemi tagħhom 315
— il-missjoni tagħhom 315
— is-soċjetà teħtieġhom 316
— jeħtieġu s-soċjetà 317
— messaġġ ta' l-Arċisqof għas-sena tagħhom 371
XOGĦOL u l-familja 361
— it-tifsir nisrani tiegħu 353
— ma hemm sejħa aktar qaddisa 503

XOGĦOL tal-bniedem 206
ŻGĦAŻAGĦ u l-vokazzjonijiet 206
u s-salvazzjoni 534
— responsabbiltà tagħhom għall-oħrajn 505
— il-problemi tagħhom 537
ŻWIEĠ nisrani bħala esperjenza nisranija 57, 67
bħala istituzzjoni u relazzjoni interpersonali fid-dinja tal-lum 69
u l-liġi ċivili 71
— ma jinħallx 71, 482, 484
— pjan ta' Alla għalih 173
— sagrament imqaddes 483
— thejjija għalih 565, 595
— svilupp tal-morali dwaru 566
(Ara wkoll FAMILJA, FAMILJA MALTIJA, FAMILJA NISRANIJA)

Il-Klabb Qari Nisrani u l-Kummissjoni Liturgika qed jistudjaw proposta li jippublikaw erba' volumi fuq

IL-LITURGIJA

Jekk ikun hemm għadd ta' nies interessati, jkun possibbli li l-ewwel volum johroġ sa l-aħħar ta' din is-sena u se jkun imqassam hekk:

Kap I — X'inhi l-Liturġija
Kap II — L-iżvilupp tal-Liturġija tul iż-żminijiet.
i. Il-moviment liturġiku ta' żmienna.
ii. Il-movment liturġiku f'Malta.
Kap III — Ir-riti orjentali.
i. Ir-rit Grieg f'Malta.
Kap IV — Ċelebrazzjoni — Kreattivita' — Simboliżmu.
Kap V — L-aspett teoloġiku tal-Liturġija.
i. Il-qima ta' Alla u t-tqaddis tal-bniedem.
ii. Iċ-ċelebrazzjoni tal-misteru tas-salvazzjoni.
iii. Lex credendi — lex supplicandi.

Il-volumi l-oħra se jkunu mqassmin b'dan il-mod:

Vol. II — Il-ġemgħa liturġika.
Vol. III — L-Ewkaristija.
Vol. IV — Is-Sagramenti l-oħra.

KULL volum hu maħsub li jkollu aktar minn 200 paġna u jkun jiswa xi £M2.

JEKK inti interessat f'dawn il-volumi imla' l-formola t'hawn taħt u ibgħata llum stess: Klabb Qari Nisrani, Istitut Katoliku, Floriana. Din ma tkunx ordni għall-ktieb, iżda espressjoni ta' interess fil-proġett.

Isem u indirizz: .....

.....

Jien interessat fil-proġett ta' pubblikazzjoni ta' kotba dwar l-Liturġija.

Firma

KUMMISSJONI LITURĠIKA

Pubblikazzjonijiet ġodda

ADDENDA GĦAL-LEZZJONARJI TAL-ĦDUD B u C bil-qari ġdid 25c

ORDNI GĦAS-SAGRAMENT TAL-PENITENZA u għal ċelebrazzjonijiet oħra li jsiru mingħajr Quddiesa (għerusija, żwieġ, istituzzjoni ta' lettur, dħul fin-novizzjat, eċċ.) £M4

Il-kopji jinxtraw minn għand il-Kaxxier, il-Kurja, Floriana.

Stamperija "Il-Hajja"

MUSEUM LIBRARY
PUBLIC RECORDS OFFICE

6LT.16
Can. G. Ceuchi,
1, Victory Square,
Valletta.